# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 327

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

21 ta’ Diċembru 2022


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2472 tal-14 ta’ Diċembru 2022 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u f’żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** ([1]) ........ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2473 tal-14 ta’ Diċembru 2022 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b’applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** ....... 82


([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2472

**tal-14 ta' Diċembru 2022**

**li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali ([1]), u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 1(1) tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2015/1588,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Il-finanzjament mill-Istat li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u jeħtieġ li jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madankollu, skont l-Artikolu 109 tat-Trattat, il-Kunsill jista' jiddetermina l-kategoriji ta' għajnuna li huma eżentati minn dak ir-rekwiżit tan-notifika. F'konformità mal-Artikolu 108(4) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti marbuta ma' dawk il-kategoriji ta' għajnuna. Ir-Regolament (UE) 2015/1588 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara, f'konformità mal-Artikolu 109 tat-Trattat, li ċerti kategoriji ta' għajnuna jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ([2]) li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li japplika sal-31 ta' Diċembru 2022.

(2) L-Artikolu 42 tat-Trattat jipprevedi li r-regoli dwar il-kompetizzjoni japplikaw għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli biss sa fejn jista' jiġi deċiż mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. L-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jipprevedi li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għal għajnuna għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli, soġġetti għal derogi speċifiċi. L-Artikolu 211(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprovdi li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

japplikawx għal pagamenti li jsiru mill-Istati Membri għal miżuri previsti f'dak ir-Regolament li huma parzjalment jew kompletament iffinanzjati mill-Unjoni u għal miżuri inklużi fl-Artikoli 213 sa 218 ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma japplikawx għal pagamenti magħmula mill-Istati Membri f'konformità ma' dak ir-Regolament u lanqas għal finanzjament nazzjonali addizzjonali, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat. Pagamenti bħal dawn maħsuba sabiex jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat, għandhom jikkonformaw mal-kriterji tar-Regolament (UE) 2021/2115 sabiex jiġu approvati mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjan Strateġiku PAK ta' Stat Membru partikolari. Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw kemm għall-parti kofinanzjata taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif ukoll għall-finanzjament nazzjonali addizzjonali għal miżuri li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

(3) Minħabba li l-effetti ekonomiċi tal-għajnuna ma jinbidlux skont jekk din hijiex parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni jew le, jew jekk hijiex iffinanzjata minn Stat Membru waħdu, jenħtieġ li jkun hemm konsistenza u koerenza bejn il-politika ta' kontroll ta' għajnuna mill-Istat tal-Kummissjoni, u l-appoġġ li jingħata skont il-politika komuni ta' żvilupp agrikolu u rurali tal-Unjoni stess.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' miżuri kofinanzjati mill-FAEŻR.

(5) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti simplifikazzjoni akbar, u jenħtieġ li jżid it-trasparenza, l-evalwazzjoni effettiva u l-kontroll tal-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, filwaqt li jippreserva l-kompetenzi istituzzjonali tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

(6) F'diversi okkażjonijiet, il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida tal-2014 ([5]). B'hekk kisbet esperjenza konsiderevoli f'dawk l-oqsma dwar miżuri ta' għajnuna li għadhom soġġetti għall-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw l-għajnuna lill-Kummissjoni. L-esperjenza tal-Kummissjoni ippermettilha tiddefinixxi aħjar il-kundizzjonijiet li taħthom ċerti kategoriji ta' għajnuna jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq intern u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet ta' kategorija, filwaqt li xorta tiżgura t-trasparenza u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

(7) Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġu bbażati fuq sett ta' prinċipji komuni li jiżguraw li l-għajnuna jkollha effett ċar ta' inċentiv, tkun xierqa u proporzjonata, tingħata bi trasparenza sħiħa u tkun soġġetta għal mekkaniżmu ta' kontroll u evalwazzjoni regolari, u ma taffettwax b'mod avvers il-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet tan-negozju.

(8) Jenħtieġ li l-għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi għall-kategoriji rilevanti ta' għajnuna tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika stabbilit fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effiċjenti u li tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni, imma mingħajr ma jiddgħajjef il-monitoraġġ tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-għajnuna eżentata (l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuna individwali) tkun tinkludi riferiment speċifiku għal dan ir-Regolament.

(9) Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat li ma hijiex koperta minn dan ir-Regolament tibqa' soġġetta għar-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Dan ir-Regolament huwa bla preġudizzju għall-possibilità li l-Istati Membri jinnotifikaw għajnuna li l-objettivi tagħha jikkorrispondu mal-objettivi koperti minn dan ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

([5]) Il-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, 2014, ĠU C 204, 1.7.2014, p. 1. Emendati bl-Avviżi ppubblikati f'Il-ĠU C 390, 24.11.2015, p. 4; ĠU C 139, 20.4.2018, p. 3 u ĠU C 403, 9.11.2018, p. 10, u bir-Rettifika ppubblikata f'Il-ĠU C 265, 21.7.2016, p. 5.

(10) Fid-dawl tal-impatt potenzjali akbar ta' skemi kbar fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, jenħtieġ li skemi ta' għajnuna b'baġit li jaqbeż ċertu limitu fi kwalunkwe sena partikolari jew bħala total ibbażati fuq valur assolut fil-prinċipju jkunu soġġetti għal evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Jenħtieġ li l-għan tal-evalwazzjoni jkun li jiġi verifikat jekk ġewx osservati s-suppożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet sottostanti għall-kompatibbiltà tal-iskema, kif ukoll l-effettività tal-miżura ta' għajnuna fid-dawl tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tagħha u jenħtieġ li tipprovdi indikazzjonijiet dwar l-impatt tal-iskema fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ. Sabiex ikun żgurat trattament ugwali, jenħtieġ li evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat issir abbażi ta' pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni. Filwaqt li normalment jenħtieġ li tali pjanijiet jitfasslu fil-mument tat-tfassil tal-iskema u jiġu approvati fil-ħin sabiex l-iskema tidħol fis-seħħ, dan jista' ma jkunx possibbli f'kull każ.

(11) Għalhekk, sabiex ma jkunx hemm dewmien fid-dħul fis-seħħ tagħhom, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal tali skemi għal perjodu inizjali massimu ta' sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi dan il-perjodu, mal-approvazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni.

(12) Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-pjan ta' evalwazzjoni jiġi notifikat lill-Kummissjoni fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tal-iskema. Il-Kummissjoni tista' wkoll b'mod eċċezzjonali tiddeċiedi li evalwazzjoni mhix neċessarja meta wieħed iqis l-ispeċifiċitajiet tal-każ. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirċievi mingħand l-Istat Membru l-informazzjoni neċessarja biex tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni u titlob informazzjoni addizzjonali mingħajr dewmien żejjed u b'hekk l-Istat Membru jkun jista' jiffinalizza l-elementi nieqsa biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni.

(13) Bl-eċċezzjoni ta' bidliet li ma jaffettwawx il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna skont dan ir-Regolament jew li ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kontenut tal-pjan ta' evalwazzjoni approvat, l-alternazzjonijiet għal skemi soġġetti għal evalwazzjoni għandhom jiġu vvalutati filwaqt li jitqies l-eżitu ta' tali evalwazzjoni u jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tibdiliet bħal ma huma modifiki purament formali, modifiki amministrattivi jew tibdiliet imwettqa fi ħdan il-qafas tal-miżuri kofinanzjati tal-Unjoni, bħala prinċipju, ma jkunux ikkunsidrati bħala li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kontenut tal-pjan ta' evalwazzjoni approvat.

(14) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal għajnuna li hija kkundizzjonata mill-użu ta' prodotti domestiċi u mhux dawk importati jew għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li ma japplikax għal għajnuna li tiffinanzja l-istabbiliment u t-tħaddim ta' network tad-distribuzzjoni fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz. L-għajnuna għall-kost tal-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali jew għal studji jew servizzi ta' konsultazzjoni meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew li diġà jeżisti f'suq ġdid fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, normalment jenħtieġ li ma tikkostitwixxix għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni.

(15) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu ħsieb li l-għajnuna awtorizzata ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet kummerċjali b'tali mod li tmur kontra l-interess ġenerali. Għalhekk, għajnuna favur benefiċjarju li huwa soġġett għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna partikolari illegali u inkompatibbli mas-suq intern jenħtieġ li tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, huwa importanti li tittieħed azzjoni rapida fil-kuntest ta' għajnuna ta' kumpens f'sitwazzjonijiet ta' riskju u ta' kriżi, bħal għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn pesti tal-pjanti u għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali. Għalhekk, jenħtieġ li l-esklużjoni mill-għajnuna ma tapplikax f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Barra minn hekk, minħabba n-natura ta' tali skemi meta l-benefiċjarji individwali ma jkunux identifikabbli, jenħtieġ li din l-esklużjoni ma tapplikax għall-għajnuna ta' ammont limitat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità (community-led local development, "CLLD") jew għal proġetti ta' Gruppi Operazzjonali ta' Shubija Ewropea għall-Innovazzjoni (European Innovation Partnership, "EIP")"Produttività u żvilupp sostenibbli tal-agrikoltura".

(16) Jenħtieġ li l-għajnuna mogħtija lil impriżi f'diffikultà, bħala regola ġenerali, tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, peress li jenħtieġ li din l-għajnuna tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tad-ditti f'diffikultà ([6]). Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti eċċezzjonijiet minn din ir-regola. L-ewwel nett, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal impriżi f'diffikultà f'każijiet ta' għajnuna lil SMEs li jipparteċipaw fi proġetti CLLD jew proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP, jew jibbenefikaw minn tali proġetti, fejn benefiċjarji individwali ta' skemi bħal dawn bilkemm ikunu jistgħu jiġu identifikati. It-tieni nett, jenħtieġ li dan japplika għal impriżi bħal dawn f'każijiet fejn tkun involuta l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, jiġifieri f'każijiet ta' għajnuna għall-kostijiet tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u

([6]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

għall-għajnuna għall-qerda u għat-tneħħija ta' bhejjem mejta. It-tielet nett, fid-dawl tal-Artikolu 107(2) (b) tat-Trattat, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal impriżi f'diffikultà f'każijiet fejn l-għajnuna titħallas biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali. L-istess jenħtieġ li japplika f'każijiet fejn ir-raġuni għaliex impriża ssib ruħha f'diffikultà tkun dovuta għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti barra l-kontroll tal-impriża kkonċernata, jiġifieri eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, minn mard tal-annimali jew minn pesti tal-pjanti, minn annimali protetti, minn nirien fil-foresti, minn avvenimenti katastrofiċi fil-foresti u minn avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima fil-foresti.

(17) Jekk għajnuna mill-Istat jew il-kundizzjonijiet marbuta magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta tkun tifforma parti integrali minnha, tinvolvi vjolazzjoni indiviżibbli tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern. Għaldaqstant, dan ir-regolament jenħtieġ li ma japplikax għal għajnuna li tinvolvi ksur indiviżibbli tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

(18) L-infurzar tal-għajnuna mill-Istat jiddependi ħafna mill-kooperazzjoni tal-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża l-konformità ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skemi ta' eżenzjoni ta' kategorija.

(19) Minħabba r-riskju għoli li jiġu affettwati l-kundizzjonijiet tan-negozju, jenħtieġ li ammonti kbar ta' għajnuna mogħtija kemm individwalment kif ukoll b'mod kumulattiv jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, wara notifika. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti skont l-ammont massimu ta' għajnuna għal ċerti kategoriji ta' għajnuna għall-investiment, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'livell li jqis il-kategorija ta' għajnuna kkonċernata u l-effett probabbli tagħha fuq il-kundizzjonijiet tan-negozju. Jenħtieġ li kwalunkwe għajnuna mogħtija 'il fuq minn dawk il-limiti tibqa' soġġetta għar-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Il-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiġux evitati permezz tal-qsim artifiċjali tal-iskemi ta' għajnuna jew tal-proġetti ta' għajnuna, pereżempju f'diversi skemi ta' għajnuna jew proġetti b'karatteristiċi, objettivi jew benefiċjarji simili. Kategoriji oħrajn ta' għajnuna, diment li jiġu osservati l-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna jew l-ammonti massimi ta' għajnuna stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li ma jitqisux bħala li għandhom riskju għoli li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tan-negozju b'mod negattiv.

(20) Għall-finijiet ta' trasparenza, trattament ugwali u monitoraġġ effettiv, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għal għajnuna li fir-rigward tagħha jkun possibbli li tiġi kkalkolata bi preċiżjoni l-ekwivalenti ta' għotja gross *ex ante* mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju ("għajnuna trasparenti").

(21) Għal ċerti strumenti speċifiċi ta' għajnuna, bħal self, garanziji, miżuri fiskali u, b'mod partikolari, self bil-quddiem li jitħallas lura, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiddefinixxi f'liema kundizzjonijiet dawn jistgħu jitqiesu trasparenti. L-għajnuna inkluża f'garanziji jenħtieġ li titqies bħala trasparenti, jekk l-ekwivalenti tal-għotja grossa tkun ġiet ikkalkolata abbażi ta' primjums fil-limitu ta' eżenzjoni stabbiliti għat-tip rispettiv ta' impriża. Jenħtieġ li titqies ukoll bħala trasparenti jekk qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna tal-garanzija mill-Istat tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni u approvata minnha f'konformità mal-Avviż ta' Garanziji ([7]). Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-għajnuna inkluża f'miżuri ta' finanzjament ta' riskju u l-injezzjonijiet ta' kapital ma jitqisux bħala għajnuna trasparenti.

(22) Jenħtieġ li l-għajnuna li normalment taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament iżda li ma hijiex trasparenti dejjem tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li n-notifika ta' għajnuna mhux trasparenti tiġi vvalutata mill-Kummissjoni b'mod partikolari fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-2023 ([8]) jew l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti l-oħra.

(23) Sabiex ikun żgurat li l-għajnuna hija meħtieġa u li taġixxi bħala inċentiv sabiex jiġu żviluppati aktar attivitajiet jew proġetti, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għal għajnuna għal attivitajiet jew għal proġetti li fihom il-benefiċjarju xorta waħda jieħu sehem anke jekk ma jingħatax l-għajnuna. Jenħtieġ li ma tingħata l-ebda għajnuna b'mod retroattiv fir-rigward ta' attivitajiet jew proġetti li diġà twettqu mill-benefiċjarju. Jenħtieġ li l-għajnuna tkun eżentata biss mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat f'konformità ma' dan ir-Regolament jekk l-attività jew ix-xogħol fuq il-proġett megħjun jinbdew wara li l-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna.

([7]) L-Avviż dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).
([8]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali [ĠU C 485, 21.12.2022, p. 1).

(24) Fir-rigward ta' kull għajnuna *ad hoc* koperta minn dan ir-Regolament mogħtija lil benefiċjarju li huwa intrapriża kbira, jenħtieġ li l-Istat Membru, minbarra l-kundizzjonijiet dwar l-effett ta' inċentiv applikabbli għall-SMEs, jiżgura wkoll li l-benefiċjarju jkun analizza, f'dokument intern, il-vijabbiltà tal-proġett jew attività megħjuna kemm bl-għajnuna kif ukoll mingħajrha. Jenħtieġ li l-Istat Membru jivverifika li dan id-dokument intern jikkonferma żieda materjali fl-ambitu tal-proġett jew attività, żieda materjali fl-ammont totali minfuq mill-benefiċjarju fuq il-proġett megħjun jew attività jew żieda materjali fil-ħeffa tat-tlestija tal-proġett jew attività kkonċernat/a. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi stabbilit l-effett ta' inċentiv abbażi tal-fatt li, fin-nuqqas tal-għajnuna, il-proġett ta' investiment jew l-attività ma kinux isiru bħala tali fiż-żona rurali kkonċernata.

(25) Jenħtieġ li l-iskemi ta' għajnuna awtomatiċi fil-forma ta' vantaġġi fiskali jibqgħu soġġetti għal kundizzjoni speċifika marbuta mal-effett ta' inċentiv, fid-dawl tal-fatt li l-għajnuna li tirriżulta minn skemi bħal dawn tingħata b'mod awtomatiku. Dik il-kundizzjoni speċifika tfisser li dawk l-iskemi ta' għajnuna kellhom jiġu adottati qabel ma nbdiet l-attività jew qabel ma nbeda x-xogħol fuq il-proġett/attività megħjuna. Madankollu, din il-kundizzjoni jenħtieġ li ma tapplikax fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi, sakemm l-attività kienet diġà koperta mill-iskemi fiskali preċedenti fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa. Għall-valutazzjoni tal-effett ta' inċentiv ta' skemi ta' għajnuna suċċessivi, il-mument kruċjali huwa l-mument meta l-miżura fiskali tkun ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-iskema oriġinali.

(26) Fir-rigward żoni ta' Natura 2000 ([9]) għall-agrikoltura, l-għan huwa li jiġu żgurati l-prestazzjoni u l-effiċjenza ambjentali tal-impriżi attivi fis-settur agrikolu. Jenħtieġ li l-għajnuna għal kull ettaru tikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati dwar il-protezzjoni ambjentali, l-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi, inkluż l-istatus ta' konservazzjoni tal-bijodiversità tal-ispeċijiet u tal-ħabitats kif ukoll it-tisħiħ tal-valur tal-amenitajiet pubbliċi taż-żoni Natura 2000.

(27) Fir-rigward ta' għajnuna għal konsolidazzjoni tal-art, għajnuna għal azzjonijiet ta' informazzjoni biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għal għadd mhux definit ta' benefiċjarji fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, il-miżuri ta' promozzjoni fil-forma ta' pubblikazzjonijiet immirati lejn is-sensibilizzazzjoni għal prodotti agrikoli fost il-pubbliku usa', għajnuna għall-għoti ta' kumpens għal telf ikkawżat minn event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali u event klimatiku avvers ieħor, għajnuna għall-għoti ta' kumpens għall-kostijiet ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' mard tal-annimali jew ta' pesti tal-pjanti u għal telf ikkawżat minn dak il-mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, għajnuna biex tkopri l-kostijiet tat-tneħħija jew il-qerda ta' bhejjem mejta, għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti, għajnuna għall-iżvantaġġi relatati ma' Natura 2000, għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali u għajnuna għall-investimenti favur il-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali fuq azjenda agrikola u fil-foresti, għajnuna għar-restawr tal-ħsara fil-foresti, għajnuna għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fi skemi ta' kwalità għall-qoton u oġġetti tal-ikel u għajnuna għal impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD u proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP jew jibbenefikaw minn tali proġetti, l-eżistenza ta' effett ta' inċentiv ma għandhiex tkun meħtieġa jew jenħtieġ li tiġi preżunta li tkun diġà teżisti jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dawk il-kategoriji ta' għajnuna f'dan ir-Regolament.

(28) Bil-għan li jiġi żgurat li l-għajnuna tkun proporzjonata u limitata għall-ammont meħtieġ, jenħtieġ li l-ammonti massimi tal-għajnuna, kull meta jkun possibbli, jiġu espressi f'termini ta' intensitajiet ta' għajnuna fir-rigward ta' sensiela ta' kostijiet eliġibbli. Fejn l-intensità massima tal-għajnuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, minħabba li l-kostijiet eliġibbli ma jkunux jistgħu jiġu identifikati jew inkella sabiex ikunu pprovduti strumenti aktar sempliċi għal ammonti żgħar, jenħtieġ li l-ammonti massimi ta' għajnuna definiti f'termini nominali jkunu stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-għajnuna. Jenħtieġ li l-intensità tal-għajnuna u l-ammonti massimi ta' għajnuna jiġu ffissati f'livell li jimminimizza d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur megħjun filwaqt li jindirizzaw b'mod xieraq l-objettiv ta' faċilitar tal-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi tal-benefiċjarji fis-settur tal-agrikoltura, fiż-żoni rurali, jew fis-settur tal-forestrija. Fl-interessi tal-koerenza mal-interventi tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-Unjoni, il-limiti massimi jenħtieġ li jiġu armonizzati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/2115 sa fejn dan ikun f'konformità mal-prinċipji tal-għajnuna mill-Istat li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3), punt (c) tat-TFUE.

(29) Għall-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna, jenħtieġ li jiġu inklużi biss il-kostijiet eliġibbli. Dan ir-Regolament ma jenħtieġx li jeżenta għajnuna li taqbeż l-intensità tal-għajnuna rilevanti bħala riżultat tal-inklużjoni tal-kostijiet ineliġibbli. L-identifikazzjoni tal-kostijiet eliġibbli jenħtieġ li tkun appoġġata b'evidenza dokumentarja ċara, speċifika u kontemporanja. Il-kalkolu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-ammonti qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew ta'

([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-abitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

imposti oħra. L-għajnuna pagabbli f'bosta pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi skontata għall-valur tagħha fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Il-kostijiet eliġibbli jenħtieġ ukoll li jiġu skontati sal-valur tagħhom fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li trid tintuża għal skopijiet ta' skontar u għall-kalkolu tal-ammont ta' għajnuna fil-każ ta' għajnuna li ma tiħux il-forma ta' għotja, jenħtieġ li tkun rispettivament ir-rata ta' skont u r-rata ta' riferiment applikabbli fid-data tal-għoti tal-għajnuna, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' riferiment u ta' skont ([10]). Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra għajr għotja, jenħtieġ li l-ammont ta' għajnuna jiġi espress fl-ekwivalenti ta' għotja gross. Meta l-għajnuna tingħata permezz ta' vantaġġi tat-taxxa, il-porzjonijiet ta' għajnuna jenħtieġ li jiġu skontati abbażi tar-rati ta' skont applikabbli fid-diversi dati meta l-vantaġġi tat-taxxa jsiru effettivi. L-użu ta' għajnuna fil-forma ta' self bil-quddiem jenħtieġ li jiġi promoss, peress li dawn l-istrumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju jwasslu għal effett ta' inċentiv imsaħħaħ tal-għajnuna. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit li meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self bil-quddiem li jitħallas lura, l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli stabbiliti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu miżjuda.

(30) Fil-każ tal-vantaġġi tat-taxxa fuq taxxi futuri, ir-rata ta' skont applikabbli u l-ammont eżatt tal-porzjonijiet ta' għajnuna ma jistgħux ikunu magħrufa minn qabel. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu minn qabel limitu massimu fuq il-valur skontat tal-għajnuna li jirrispetta l-intensità tal-għajnuna applikabbli. Sussegwentement, meta jsir magħruf l-ammont tal-porzjon ta' għajnuna f'data partikolari, l-iskontar jista' jsir abbażi tar-rata ta' skont applikabbli f'dak iż-żmien. Il-valur skontat ta' kull porzjon ta' għajnuna jenħtieġ li jitnaqqas mill-ammont globali tal-limitu massimu ("l-ammont limitat").

(31) Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limiti ta' notifika individwali u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna jew l-ammonti massimi ta' għajnuna stabbiliti f'dan ir-Regolament humiex osservati, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat għall-attività jew il-proġett megħjuna. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jiġu akkumulati kategoriji differenti ta' għajnuna. Għajnuna eżentata min-notifika b'dan ir-Regolament u kwalunkwe għajnuna oħra kompatibbli eżentata skont Regolamenti oħra jew approvata mill-Kummissjoni tista' tiġi akkumulata sakemm dawk il-miżuri jikkonċernaw kostijiet eliġibbli identifikabbli differenti. Meta sorsi differenti tal-għajnuna jkunu relatati mal-istess kostijiet eliġibbli identifikabbli – li jikkoinċidu parzjalment jew kompletament – jenħtieġ li tkun permessa akkumulazzjoni sal-ogħla intensità tal-għajnuna jew sal-ogħla ammont tal-għajnuna applikabbli għal dik l-għajnuna skont dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi wkoll regoli speċjali għall-akkumulazzjoni ta' għajnuna b'kostijiet eliġibbli identifikabbli u mingħajrhom, u għall-kumulazzjoni ma' għajnuna *de minimis*. L-għajnuna *de minimis* ħafna drabi ma tingħatax jew ma tiġix attribwita għal kostijiet eliġibbli identifikabbli speċifiċi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li jkun possibbli li l-għajnuna *de minimis* tiġi akkumulata b'mod ħieles bl-għajnuna mill-Istat eżentata skont dan ir-Regolament. Madankollu, meta, l-għajnuna *de minimis* tingħata għall-istess kostijiet eliġibbli identifikabbli bħala għajnuna mill-Istat eżentata skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-akkumulazzjoni tkun permessa biss sal-intensità ta' għajnuna massima kif stabbilita fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

(32) Il-finanzjament tal-Unjoni, immaniġġjat ċentralment mill-istituzzjonijiet, mill-aġenziji, mill-impriżi konġunti jew minn korpi oħra tal-Unjoni, li ma huwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Fejn finanzjament tal-Unjoni bħal dan huwa kkombinat ma' għajnuna mill-Istat, din tal-aħħar biss jenħtieġ li titqies sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limiti ta' notifika u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna jew l-ammonti massimi ta' għajnuna humiex osservati, diment li l-ammont totali ta' fondi pubbliċi mogħtija fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jeċċedix ir-rata l-aktar favorevoli ta' finanzjament stabbilita fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

(33) L-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat hija, bħala prinċipju, ipprojbita. Madankollu, skont l-Artikolu 107(2) u (3) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha, jew tista' rispettivament, tippermetti taħt ċerti kundizzjonijiet lill-Istati Membri jagħtu għajnuna mill-Istat. Għalhekk huwa importanti li l-partijiet kollha jkunu jistgħu jivverifikaw jekk għajnuna tingħatax f'konformità mar-regoli applikabbli. Għalhekk, it-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat hija essenzjali għall-applikazzjoni korretta tar-regoli tat-Trattat u twassal għal konformità aħjar, akkontabilità akbar, rieżami bejn il-pari u, fl-aħħar mill-aħħar, infiq pubbliku aktar effettiv. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu siti web komprensivi dwar l-għajnuna mill-Istat, f'livell reġjonali jew nazzjonali, li jagħtu informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dak l-obbligu jkun kundizzjoni għall-kompatibbiltà tal-għajnuna individwali mas-suq intern. Skont il-prattika standard dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mogħtija fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), jenħtieġ li jintuża format standard li

([10]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.
([11]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

jippermetti li l-informazzjoni titfittex, titniżżel u tiġi ppubblikata faċilment fuq l-Internet. Il-links għas-siti web dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Istati Membri kollha jenħtieġ li jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2015/1588, informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura ta' għajnuna eżentata taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

(34) F'dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-għotjiet individwali ta' għajnuna huwa xieraq li jiġu stabbiliti limiti li, 'il fuq minnhom, dik il-pubblikazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala proporzjonata filwaqt li titqies l-importanza tal-għajnuna. L-esperjenza tal-Kummissjoni turi li għall-perjodu 2014–2019, b'limitu ta' pubblikazzjoni stabbilit għal EUR 60 000 għall-produzzjoni agrikola primarja, madwar 30 % tal-għajnuniet mogħtija kienu soġġetti għall-pubblikazzjoni. Għalhekk, sabiex tiżdied l-effettività tar-rekwiżiti ta' trasparenza, u peress li l-ammont medju ta' għajnuna għall-investiment għall-produzzjoni primarja mogħtija għall-perjodu 2014-2019 huwa stmat għal madwar EUR 17 000, huwa xieraq li l-livell limitu tal-pubblikazzjoni jitbaxxa għal EUR 10 000 għall-produzzjoni agrikola primarja.

(35) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv, huwa xieraq f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2015/1588, li jiġi stabbilit format standard, li bih l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni miġbura fil-qosor kull meta, f'konformità ma' dan ir-Regolament, tiġi implimentata skema ta' għajnuna jew tingħata għajnuna individwali 'il barra minn kwalunkwe skema ta' għajnuna. Barra minn hekk, huwa xieraq f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([12]) u f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) 2015/1588 li jiġu stabbiliti regoli dwar ir-rappurtar annwali dwar l-għajnuna eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, inklużi rekwiżiti speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' għajnuna, li jridu jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.

(36) Fid-dawl tad-disponibbiltà wiesgħa tat-teknoloġija meħtieġa, l-informazzjoni fil-qosor u r-rapport annwali għandhom ikunu f'format kompjuterizzat u trażmessi lill-Kummissjoni.

(37) Minħabba l-perjodu ta' limitazzjoni għall-irkupru tal-għajnuna stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/1589, huwa xieraq f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/1588 li jiġu stabbiliti regoli dwar ir-rekords li l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu rigward l-għajnuna eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat b'dan ir-Regolament.

(38) Sabiex tiġi rinforzata l-effettività tal-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tirtira l-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija għall-miżuri ta' għajnuna futuri fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun kapaċi tirrestrinġi l-irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija għal ċerti tipi ta' għajnuna, ċerti benefiċjarji jew miżuri ta' għajnuna adottati minn ċerti awtoritajiet, fejn in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jaffettwa biss grupp limitat ta' miżuri jew ċerti awtoritajiet. Tali rtirar immirat jenħtieġ li jipprovdi rimedju proporzjonat marbut direttament man-nuqqas ta' konformità identifikat ma' dan ir-Regolament. Meta għajnuna ma tiġix notifikata u ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha li għandhom jiġu eżentati min-notifika, din tikkostitwixxi għajnuna illegali, li l-Kummissjoni se teżamina fil-qafas tal-proċedura rilevanti kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2015/1589 għal għajnuna mhux notifikata. F'każ li ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti tal-Kapitolu II, l-irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna futuri ma jaffettwax il-fatt li l-miżuri tal-passat konformi ma' dan ir-Regolament kienu soġġetti għal eżenzjoni ta' kategorija.

(39) L-SMEs għandhom rwol deċiżiv fil-ħolqien tal-impjiegi u, b'mod aktar ġenerali, jaġixxu bħala fattur ta' stabbiltà soċjali u jixprunaw l-ekonomija. Madankollu, l-iżvilupp tagħhom jista' jkun limitat minn fallimenti tas-suq, li jwasslu sabiex dawn l-SMEs isofru minn żvantaġġi tipiċi. L-SMEs ta' spiss ikollhom diffikultajiet sabiex jiksbu kapital jew self, minħabba n-natura avversa għar-riskju ta' ċerti swieq finanzjarji u l-garanzija limitata li jkunu kapaċi joffru. Ir-riżorsi limitati tagħhom jistgħu jirrestrinġu wkoll l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' teknoloġija ġdida u swieq potenzjali. Sabiex jiffaċilita l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi tal-SMEs, dan ir-Regolament għalhekk jenħtieġ li jeżenta ċerti kategoriji ta' għajnuna favur l-SMEs mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(40) Sabiex ikunu eliminati d-differenzi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni bejn inizjattivi differenti tal-Unjoni u nazzjonali li jikkonċernaw l-SMEs, kif ukoll għal raġunijiet ta' ċarezza amministrattiva u ċertezza legali, id-definizzjoni ta' SME użata għall-fini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([13]).

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([13]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

(41) Biex tiġi żgurata l-koerenza mal-Politika Agrikola Komuni u biex jiġu simplifikati r-regoli bbażati fuq l-esperjenza tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2014, ikun xieraq li jiġu eżentati mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, diversi kategoriji ta' għajnuna favur impriżi attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe regola sostantiva fis-seħħ.

(42) Huwa xieraq ukoll li jitqies li s-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija huma speċifikament esposti għal eventi klimatiċi avversi, mard tal-annimali, pesti tal-pjanti u ħsarat ikkawżati minn annimali protetti. L-esperjenza turi li dawn is-setturi huma aktar vulnerabbli għal avvenimenti bħal dawn u li l-bdiewa u l-forestiera jġarrbu ħsara konsiderevoli minn dawn l-avvenimenti. Għalhekk, il-miżuri ta' għajnuna biex jikkumpensaw għal tali ħsarat jitqiesu bħala għodda xierqa biex jgħinu lill-impriżi jirkupraw minn tali ħsarat u jibqgħu fin-negozju. B'dan il-mod huma jiżguraw l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi u t-twettiq tal-funzjonijiet ambjentali tal-ekosistemi fl-agrikoltura u fil-forestrija.

(43) Fis-settur agrikolu, jenħtieġ li japplikaw eżenzjonijiet għal għajnuna għall-SMEs għal investimenti fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-konsolidazzjoni tal-art, fir-rilokazzjoni tal-bini tal-farms, għall-bidu ta' negozju, fil-bdiewa żgħażagħ u fil-farms żgħar, fi gruppi ta' produtturi, fi skemi ta' kwalità, f'azzjonijiet ta' trasferiment tal-għarfien u ta' informazzjoni, fis-servizzi ta' konsulenza, fl-attivitajiet ta' promozzjoni, fis-servizzi ta' sostituzzjoni tal-farms kif ukoll fil-ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet relatati ma' eventi klimatiċi avversi, għall-mard tal-annimali, għall-pesti tal-pjanti, għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti, għal għajnuna għall-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni, għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi reċiproki, għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi, għal għajnuna għall-benessri tal-annimali u għall-kooperazzjoni. L-eżenzjonijiet jenħtieġ li japplikaw ukoll għal impriżi ta' kull daqs għal għajnuna għall-ħarsien ambjentali fl-agrikoltura, għajnuna għal investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali li jinsab f'azjendi agrikoli u fil-foresti, għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali fis-settur agrikolu kif ukoll għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u għajnuna favur il-forestrija.

(44) Jenħtieġ li l-eżenzjonijiet japplikaw għall-għajnuna għall-forestrija u ċerti attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali li huma kofinanzjati bħala interventi għall-iżvilupp rurali taħt il-FAEŻR kif ukoll għal għajnuna għat-trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni, riċerka, żvilupp u innovazzjoni, inkluż permezz tal-użu ta' *data* u servizzi bbażati fuq l-Ispazju tal-UE u konsolidazzjoni tal-art.

(45) Minħabba r-riskju ta' distorsjonijiet fil-kompetizzjoni li jirriżultaw minn għajnuna għall-investiment immirata fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja, għajnuna għall-investiment eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat jenħtieġ li ma tkunx limitata għal prodott agrikolu speċifiku. Din il-kundizzjoni jenħtieġ li ma timpedixxix lil Stat Membru milli jeskludi ċerti prodotti agrikoli mill-ambitu ta' għajnuna partikolari, fejn ma tkun tista' tinstab l-ebda opportunità normali ta' suq jew fejn ikun hemm kapaċità żejda fis-suq intern. Barra minn hekk, jenħtieġ li għajnuna lil ċerti tipi ta' investiment ma tikkwalifikax *per se* għal eżenzjoni mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat skont dan ir-Regolament.

(46) Sabiex jiġi żgurat il-bilanċ xieraq bejn il-minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, fil-każ ta' investimenti f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja, l-għajnuna jenħtieġ li tingħata biss għal investiment marbut mal-produzzjoni fil-livell tal-farms tal-bijofjuwils jew ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u biss meta dik il-produzzjoni ma teċċedix il-konsum annwali medju ta' fjuwil jew ta' enerġija tal-farm. F'każijiet bħal dawn, l-għajnuna għall-bijofjuwils jenħtieġ li tkun koperta biss diment li tingħata għal bijofjuwils sostenibbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

(47) Sabiex tiġi inċentivata l-bidla lejn il-produzzjoni ta' forom aktar avvanzati ta' bijofjuwils, kif previst mir-regoli orizzontali dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ambjent u l-enerġija, għajnuna għal bijofjuwils magħmula mill-ikel jenħtieġ li tiġi eskluża minn dan ir-Regolament f'każ ta' għajnuna għal investimenti marbuta mal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli.

(48) Ir-Regolament (UE) 2015/1588 jippermetti lill-Kummissjoni, tiddikjara permezz ta' regolamenti, ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern meta l-Kummissjoni jkollha esperjenza suffiċjenti sabiex tiddefinixxi kriterji ġenerali ta' kompatibbiltà. Minħabba l-esperjenza miksuba matul il-perjodu mill-2014 sal-2021 fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' diversi għajnuniet mill-Istat fid-dawl tal-Linji Gwida tal-2014, il-Kummissjoni issa tista' tagħmel użu mis-setgħat tagħha biex teżenta mir-rekwiżit tan-notifika għajnuna mill-Istat għal servizzi bażiċi u

([14]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

infrastruttura f'żoni rurali kofinanzjati mill-FAEŻR, għall-kooperazzjoni, għal miżuri għall-prevenzjoni u l-kumpens tal-ħsara kkawżata minn annimali protetti, għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, biex jiġu kkumpensati l-iżvantaġġi relatati maż-żoni Natura 2000, għal impenji agroambjentali klimatiċi kif ukoll għall-biedja organika.

(49) Barra minn hekk, fir-rigward tas-settur tal-forestrija, il-Kummissjoni tista', abbażi tal-esperjenza tagħha skont il-Linji Gwida tal-2014, teżenta mill-miżuri tar-rekwiżit tan-notifika li huma ffinanzjati esklussivament minn fondi nazzjonali mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe regola sostantiva fis-seħħ.

(50) Fil-perjodu mill-2014 sal-2020 u b'applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2014, il-Kummissjoni approvat 52 skema ta' għajnuna fir-rigward tal-kumpens għall-ħsarat kkawżati minn annimali protetti għas-settur agrikolu. Il-ħsarat ikkawżati minn annimali protetti jeħtieġu azzjoni urġenti mill-awtoritajiet awtorizzanti sabiex jerġgħu jistabbilixxu l-mezzi ta' produzzjoni u l-attività ekonomika malajr kemm jista' jkun sabiex l-impriżi kkonċernati jkunu jistgħu jibqgħu fin-negozju u b'dak il-mod sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi. L-esperjenza tal-Kummissjoni turi li din l-għajnuna tipikament ma toħloqx distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba n-natura kumpensatorja tagħha u l-eżistenza ta' kriterji ċari għall-kompatibbiltà mas-suq intern. Għalhekk huwa xieraq li din l-għajnuna tiġi eżentata mir-rekwiżit tan-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat.

(51) Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn annimali protetti jenħtieġ li tkun disponibbli għall-SMEs attivi fil-produzzjoni agrikola primarja. Il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni tal-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn annimali protetti jenħtieġ li jsegwu l-prattika diġà stabbilita għal għajnuniet oħra ta' kumpens bħal għajnuniet li jikkumpensaw għat-telf ta' annimali jew ta' pjanti li jinqerdu abbażi tal-valur tas-suq, il-ħlas għall-kostijiet veterinarji jew tax-xogħol u l-kumpens għall-ħsara materjali għat-tagħmir tal-farms, għall-makkinarju u għall-bini u għall-istokkijiet tal-farms.

(52) Fil-perjodu mill-2014 sal-2020 u b'applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2014, il-Kummissjoni approvat erba' skemi ta' għajnuna għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura. L-esperjenza tal-Kummissjoni turi li din l-għajnuna tipikament ma twassalx għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern, filwaqt li fl-istess ħin tikkontribwixxi għall-objettiv tal-politika pubblika tal-konservazzjoni tal-bijodiversità. Għalhekk huwa xieraq li din l-għajnuna tiġi eżentata mir-rekwiżit tan-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat.

(53) Għajnuna għal prattiki tal-biedja sostenibbli speċifiċi, bħall-benessri tal-annimali, l-impenji agroambjentali klimatiċi u tal-biedja organika għandha biss riskju limitat ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Sabiex twieġeb aħjar għad-domandi tas-soċjetà dwar ikel ta' kwalità għolja prodott b'mod sostenibbli, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li teżenta tali miżuri ta' għajnuna mir-rekwiżit ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat.

(54) Fl-istess ħin huwa xieraq li dawn il-miżuri jistabbilixxu ammonti massimi ta' għajnuna għal kull unità, abbażi tal-esperjenza tal-każijiet miksuba skont il-Linji Gwida tal-2014. Madwar 64 % tal-miżuri kollha b'impenji agroambjentali klimatiċi (li jirrappreżentaw l-ogħla sehem ta' miżuri b'impenji volontarji) notifikati fil-perjodu Lulju 2014 sa Marzu 2020 qabżu l-ammonti massimi għal kull ettaru u għalhekk kienu soġġetti għal analiżi dettaljata biex jiġi ddeterminat jekk kinux ġustifikati. Ix-xejra ta' inflazzjoni u ta' żieda fil-prezzijiet tal-input x'aktarx se tkompli. L-ammonti massimi għal kull unità stabbiliti skont il-Linji Gwida tal-2014 huma għalhekk meqjusa bħala limiti xierqa għal miżuri ta' eżenzjoni ġenerali li jinvolvu impenji volontarji favur l-ambjent, il-klima jew il-benessri tal-annimali.

(55) Fil-perjodu mill-2014 sal-2020 u b'applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2014, il-Kummissjoni approvat 21 skema ta' għajnuna għal impenji għall-benessri tal-annimali skont il-Linji Gwida tal-2014. L-esperjenza tal-Kummissjoni turi li din l-għajnuna tipikament ma toħloqx distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba n-natura kumpensatorja tagħha u l-eżistenza ta' kriterji ċari għall-kompatibbiltà mas-suq intern. Għalhekk huwa xieraq li din l-għajnuna tiġi eżentata mir-rekwiżit tan-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat.

(56) Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għal għajnuna għal żvantaġġi relatati ma' żoni ta' Natura 2000 fis-settur agrikolu, għal għajnuna għal impenji agroambjentali klimatiċi u għal għajnuna għal biedja organika fil-qafas tal-Linji Gwida tal-2014. Fil-perjodu mill-2014 sal-2020, il-Kummissjoni approvat 10 skemi ta' għajnuna marbuta ma' żoni ta' Natura 2000 fl-agrikoltura, 65 skema ta' għajnuna għal impenji agroambjentali klimatiċi u 5 skemi ta' għajnuna għall-biedja organika. L-esperjenza tal-Kummissjoni turi li dawn l-għajnuniet, b'mod partikolari taħt ċerti limiti, tipikament ma jwasslux għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan tal-politika pubblika tal-ħarsien tal-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni tagħmel użu mis-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2015/1588, fir-rigward tal-għajnuna għall-iżvantaġġi relatati ma' Natura 2000 fis-settur agrikolu, l-għajnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi u l-għajnuna għall-biedja organika.

(57) Jenħtieġ li l-eżenzjoni tal-għajnuna għall-iżvantaġġi relatati ma' Natura 2000 fis-settur agrikolu, l-għajnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi u l-għajnuna għall-biedja organika tapplika biss għall-impriżi attivi fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja.

(58) Proġetti ffinanzjati mis-Shubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola (EIP) iwasslu għal innovazzjoni fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali. L-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-impriżi li jipparteċipaw fil-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP koperti mill-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandha impatt minuri fuq il-kompetizzjoni, b'mod partikolari, fid-dawl tar-rwol pożittiv li l-għajnuna għandha għall-kondiviżjoni tal-għarfien, speċjalment għall-komunitajiet lokali u agrikoli, in-natura kollettiva tal-għajnuna u l-iskala relattivament żgħira tagħha. In-natura ta' dawn il-proġetti hija integrata. Dawn il-proġetti ġeneralment jinvolvu diversi atturi u diversi setturi, u dan jista' jwassal għal ċerti diffikultajiet għall-klassifikazzjoni tagħhom skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Minħabba n-natura lokali tal-proġetti individwali tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP, magħżula abbażi ta' strateġija pluriennali għall-iżvilupp lokali determinata u implimentata minn shubija pubblika-privata u l-orjentazzjoni tagħhom lejn l-interess komunitarju, soċjali, ambjentali u klimatiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza ċerti diffikultajiet iffaċċjati mill-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP sabiex jiffaċilita l-konformità tagħhom mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(59) Minħabba l-effett limitat fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni ta' ammonti żgħar ta' għajnuna mogħtija lill-impriżi li jibbenefikaw, direttament jew indirettament, mill-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli sempliċi għal każijiet fejn l-ammont aggregat ta' għajnuna għal kull intrapriża għal kull proġett ma jaqbiżx ċertu limitu.

(60) Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għal impriżi attivi fis-settur tal-forestrija f'diversi deċiżjonijiet, b'mod partikolari fil-qafas tal-Linji Gwida tal-2014. Fil-perjodu mill-2014 sal-2020, il-Kummissjoni approvat aktar minn 200 skema ta' għajnuna favur is-settur tal-forestrija f'konformità ma' dawk il-Linji Gwida. Skont l-esperjenza tal-Kummissjoni, il-miżuri ta' għajnuna għall-forestrija ma ħolqu l-ebda distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba l-eżistenza ta' kriterji ċari ta' kompatibbiltà. Fid-dawl ta' dik l-esperjenza, u għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u ekonomija proċedurali, jenħtieġ li għalhekk ikun possibbli li l-miżuri ta' għajnuna favur is-settur tal-forestrija jiġu eżentati mill-obbligu ta' notifika irrispettivament minn jekk humiex kofinanzjati mill-FAEŻR. Għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel użu mis-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2015/1588 għal għajnuna għal afforestazzjoni u l-ħolqien tal-imsaġar; għajnuna għal sistemi tal-agroforestrija; għajnuna għall-prevenzjoni u għat-treġġigħ lura ta' ħsara fil-foresti li jikkawżaw in-nirien tal-foresti, id-diżastri naturali, l-eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali, eventi klimatiċi avversi oħrajn, il-pesti tal-pjanti u l-avvenimenti katastrofiċi; għajnuna għal investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti; għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji kif definiti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]); għajnuna għal servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u konservazzjoni tal-foresti; għajnuna għal investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattazzjoni tas-settur tal-forestrija; għajnuna għal investimenti f'teknoloġiji tal-forestrija ġodda u fl-ipproċessar, fil-mobilizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-forestrija; għajnuna għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija, għajnuna tal-bidu għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-forestrija, għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija u għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija.

(61) Sabiex jiġu inċentivati l-inizjattivi raggruppati fis-settur tal-forestrija, il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat sabiex tgħin favur l-għajnuna għall-bidu ta' negozju għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-forestrija. Fil-perjodu mill-2014 sal-2020, il-Kummissjoni approvat tali għajnuna f'ħames każijiet. Fis-settur agrikolu, tali għajnuna kienet diġà eżentata minn notifika skont ir-Regolament (UE) Nru 702/2014. Għalhekk huwa xieraq li l-għajnuna għall-bidu ta' negozju għal gruppi u għal organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-forestrija tiġi eżentata mir-rekwiżiti tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat.

(62) Id-diversifikazzjoni ekonomika u l-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda, inklużi attivitajiet ta' bijoekonomija ċirkolari, huma essenzjali għall-iżvilupp u l-kompetittività taż-żoni rurali u għall-SMEs li huma s-sinsla tal-ekonomija rurali tal-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jipprovdi għal miżuri għas-sostenn ta' żvilupp ta' negozju li mhux agrikolu f'żoni rurali li huma mmirati lejn il-promozzjoni tal-impjiegi, l-istabbiliment ta' xogħlijiet ta' kwalità fiż-żoni rurali, iż-żamma tax-xogħlijiet li diġà jeżistu, tnaqqis taċ-ċaqliq staġjonali b'rabta mal-impjiegi, l-iżvilupp ta' setturi mhux agrikoli 'l barra mill-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel filwaqt li fl-istess ħin jitrawmu l-integrazzjoni tan-negozju u r-rabtiet intersettorjali lokali.

([15]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

(63) Biex tiġi żgurata l-koerenza mar-Regolament (UE) 2021/2115 u biex tinkiseb simplifikazzjoni tar-regoli biex tinkiseb awtorizzazzjoni għall-għajnuna mill-Istat għall-parti kofinanzjata u l-finanzjament nazzjonali addizzjonali tal-pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' notifika ma japplikawx għal diversi kategoriji ta' għajnuna favur SMEs attivi f'żoni rurali, li jinkludu għajnuna għal servizzi bażiċi u infrastrutturi, għall-bidu ta' negozji ġodda, għall-kooperazzjoni, għall-parteċipazzjoni ġdida tal-bdiewa fi skemi tal-kwalità għall-qoton u l-oġġetti tal-ikel u miżuri ta' promozzjoni favur oġġetti tal-ikel koperti minn skema tal-kwalità. Tali miżuri ta' għajnuna jenħtieġ li jkunu identiċi għall-interventi sottostanti tal-iżvilupp rurali u l-għajnuna eżentata jenħtieġ li tingħata biss skont u f'konformità mal-Pjan Strateġiku tal-PAK tal-Istat Membru kkonċernat.

(64) Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għall-għajnuna favur is-servizzi bażiċi u l-infrastruttura fiż-żoni rurali u għall-kooperazzjoni f'żoni rurali f'diversi każijiet, b'mod partikolari fil-qafas tal-Linji Gwida tal-2014. Fil-perjodu mill-2014 sal-2020, il-Kummissjoni approvat 27 skema ta' għajnuna relatati ma' servizzi bażiċi u infrastruttura fiż-żoni rurali u 28 skema ta' għajnuna relatati mal-kooperazzjoni fiż-żoni rurali. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, il-miżuri ta' għajnuna favur iż-żoni rurali ma kellhom l-ebda distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern, minħabba l-eżistenza ta' kriterji ċari ta' kompatibbiltà, u minħabba li l-għajnuna kkontribwiet għad-diversifikazzjoni ekonomika u l-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda. Għalhekk huwa xieraq li l-għajnuniet favur is-servizzi bażiċi u l-infrastruttura fiż-żoni rurali u l-għajnuna għall-kooperazzjoni fiż-żoni rurali jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat.

(65) Madankollu, l-għajnuna favur is-servizzi bażiċi u l-infrastruttura fiż-żoni rurali u l-għajnuna għall-kooperazzjoni fiż-żoni rurali jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika biss jekk jiffurmaw parti minn Pjan Strateġiku tal-PAK ivvalidat mill-Kummissjoni fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/2115.

(66) Għajnuna mill-Istat mogħtija lill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD"), imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) u magħrufa bħala "LEADER" skont ir-Regolament (UE) 2021/2115, ftit li xejn għandha impatt fuq il-kompetizzjoni, b'mod partikolari, fid-dawl tar-rwol pożittiv li l-għajnuna għandha għall-kondiviżjoni tal-għarfien, speċjalment għall-komunitajiet lokali u agrikoli, kif ukoll in-natura spiss kollettiva tal-għajnuna, u l-iskala relattivament żgħira tagħha. In-natura ta' dawn il-proġetti hija integrata, b'diversi atturi u b'diversi setturi, u dan jista' jwassal għal ċerti diffikultajiet għall-klassifikazzjoni tagħhom skont il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat. Minħabba n-natura lokali tal-proġetti individwali tas-CLLD, magħżula abbażi ta' strateġija pluriennali għall-iżvilupp lokali determinata u implimentata minn sħubija pubblika-privata u l-orjentazzjoni tagħhom lejn l-interess komunitarju, soċjali, ambjentali u klimatiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza ċerti diffikultajiet iffaċċjati mill-proġetti tas-CLLD sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tagħhom mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-muniċipalitajiet, min-natura tagħhom stess, jaqgħu 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tal-SMEs (azzjonisti pubbliċi). Madankollu, il-muniċipalitajiet spiss ikollhom rwol vitali fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-proġetti tas-CLLD. Meta proġett tas-CLLD jitwettaq favur wieħed mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588, jenħtieġ li għalhekk ikun possibbli wkoll li jingħata eżenzjoni ta' kategorija għall-għajnuna lill-muniċipalitajiet fil-kuntest ta' tali proġett.

(67) Minħabba l-effett limitat fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni ta' ammonti żgħar ta' għajnuna mogħtija lill-SMEs li jibbenefikaw, direttament jew indirettament mill-proġetti tas-CLLD, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli sempliċi għal każijiet fejn l-ammont aggregat ta' għajnuna għal kull proġett ma jaqbiżx ċertu limitu massimu. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għall-muniċipalitajiet li jibbenefikaw direttament jew indirettament minn proġetti tas-CLLD, li jsegwu wieħed mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588.

(68) Fil-każ ta' diversi kategoriji ta' għajnuna, bħar-riċerka, it-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni inkluż permezz ta' *data* u servizzi bbażati fuq l-ispazju tal-UE, servizzi ta' konsulenza, servizzi ta' sostituzzjoni tal-farms, il-promozzjoni u l-prevenzjoni u l-qerda ta' mard tal-annimali u pesti tal-pjanti, l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarji finali tal-għajnuna indirettament, *in natura*, fil-forma ta' servizzi ssussidjati. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-għajnuna eżentata titħallas lill-fornitur tas-servizz jew tal-attività inkwistjoni.

(69) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/1588, huwa meħtieġ li tiġi riveduta perjodikament il-politika dwar l-għajnuna mill-Istat. Għalhekk il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet transitorji, inkluż ir-regoli dwar perjodu ta' aġġustament fl-aħħar tal-validità ta' dan ir-Regolament għal skemi ta' għajnuna eżentati. Jenħtieġ li regoli ta' dan it-tip jagħtu żmien lill-Istati Membri sabiex jadattaw għar-reġim il-ġdid,

([16]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

WERREJ


KAPITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI ... 12

KAPITOLU II REKWIŻITI PROĊEDURALI ... 24

KAPITOLU III KATEGORIJI TA’ GĦAJNUNA ... 25

Taqsima 1 Għajnuna favur l-SMEs attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, fl-ipproċessar ta’ prodotti agrikoli jew fil-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli ... 25

Taqsima 2 Għajnuna għall-ħarsien ambjentali fl-agrikultura ... 46

Taqsima 3 Għajnuna għal investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali ... 49

Taqsima 4 Għajnuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali fis-settur tal-agrikoltura ... 49

Taqsima 5 Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ... 50

Taqsima 6 Għajnuna favur il-forestrija ... 52

Taqsima 7 Għajnuna favur l-SMEs fiż-Żoni Rurali ... 64

KAPITOLU IV DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI ... 70


*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet komuni***

*Artikolu 1*

**Kamp ta’ applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-kategoriji ta’ għajnuna li ġejjin:

(a) għajnuna favur l-intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (SMEs):

(i) attivi fis-settur agrikolu, jiġifieri fil-produzzjoni agrikola primarja, l-ipproċessar ta’ prodotti agrikoli jew il-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 14, 15, 16, 18, 23 u 25 sa 31, li għandhom japplikaw biss għall-SMEs attivi fil-produzzjoni agrikola primarja;

(ii) attivi f’attivitajiet mhux agrikoli f’żoni rurali li jaqgħu ’il barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat, sakemm din l-għajnuna tingħata f’konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 u hija jew kofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jew inkella mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati. B’deroga, dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna lill-muniċipalitajiet li jibbenefikaw direttament jew indirettament minn proġetti tas-CLLD, skont l-Artikoli 60 u 61 ta’ dan ir-Regolament.

(b) għajnuna għall-ħarsien ambjentali fl-agrikoltura, kif imsemmija fl-Artikoli 33, 34 u 35, li għandha tapplika biss għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja;

(c) għajnuna għal investimenti għall-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali lokalizzat fuq l-azjendi agrikoli u fil-foresti;

(d) għajnuna favur l-għemil tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali fis-settur agrikolu;

(e) għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija;

(f) għajnuna favur il-forestrija.

2. Meta l-Istati Membri jqisu li huwa xieraq, huma jistgħu jagħżlu li jagħtu l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (e) u (f), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([17]).

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) skemi ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 14, 17, 41 sa 44 u 46, l-iskemi ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 49 u 50, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12, minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dan ir-Regolament għandu jkompli japplika għal skema ta' għajnuna għal aktar minn sitt xhur, wara li tkun ivvalutat il-pjan ta' evalwazzjoni rilevanti nnotifikat mill-Istat Membru lill-Kummissjoni. Meta jissottomettu l-pjanijiet ta' evalwazzjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu wkoll l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-pjanijiet ta' evalwazzjoni u tieħu deċiżjoni;

(b) kull tibdil fl-iskemi msemmija fil-punt (a) minbarra l-modifiki li ma jaffettwawx il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna skont dan ir-Regolament jew ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kontenut tal-pjan ta' evalwazzjoni approvat;

(c) għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u t-tħaddim ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' kostijiet kurrenti oħrajn marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;

(d) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti domestiċi minflok dawk importati.

4. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) skemi ta' għajnuna li ma jeskludux espliċitament il-pagament ta' għajnuna individwali favur impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara illegali u inkompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mogħtija mill-istess Stat Membru, bl-eċċezzjoni ta':

  (i) skemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali f'konformità mal-Artikolu 37;

  (ii) skemi ta' għajnuna għal proġetti ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (community-led local development, "CLLD") jew għal proġetti tal-Grupp Operazzjonali tas-Shubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u l-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura (European Innovation Partnership, "EIP") f'konformità mal-Artikoli 40 u 61;

(b) għajnuna *ad hoc* għal impriża msemmija fil-punt (a).

5. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal għajnuna lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna mogħtija:

(a) għal azzjonijiet ta' informazzjoni fis-setturi agrikoli u tal-forestrija f'konformità mal-Artikoli 21 u 47;

(b) għal miżuri ta' promozzjoni fil-forma ta' pubblikazzjonijiet immirati sabiex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-prodotti agrikoli fost il-pubbliku ġenerali f'konformità mal-Artikolu 24(2), il-punt (b);

(c) biex tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 26(8) u (9);

(d) biex tkopri l-kostijiet tat-tneħħija u tal-qerda ta' bhejjem mejta f'konformità mal-Artikolu 27(2), il-punti (c), (d) u (e);

(e) għal żvantaġġi relatati ma' żoni ta' Natura 2000 f'konformità mal-Artikolu 33;

(f) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali f'konformità mal-Artikolu 37;

(g) għal impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD u proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP jew li jibbenefikaw minn tali proġetti, f'konformità mal-Artikoli 40 u 61;

(h) fil-każijiet li ġejjin, sakemm l-impriża saret impriża f'diffikultà minħabba telf jew ħsarat ikkawżati mill-avveniment inkwistjoni:

  (i) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn event klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali f'konformità mal-Artikolu 25;

  (ii) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn mard tal-annimali u pesti tal-pjanti f'konformità mal-Artikolu 26 (9) u l-Artikolu 26(10);

  (iii) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti f'konformità mal-Artikolu 29;

([17]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

(iv) għar-restawr tal-ħsara lill-foresti f'konformità mal-Artikolu 43(2), il-punt (d).

6. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal għajnuna, li fiha nnifisha, bil-kundizzjonijiet marbuta magħha jew bil-metodu ta' finanzjament tagħha tammonta għal ksur indiviżibbli tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari:

(a) għajnuna fejn l-għoti tal-għajnuna jkun soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju juża prodotti manifatturati fuq livell nazzjonali jew servizzi nazzjonali;

(b) għajnuna li tillimita l-possibbiltà li l-benefiċjarji jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn.

7. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal għajnuna favur prodotti agrikoli skont it-tifsira tal-Anness 1 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ([18]), li tikkostitwixxi sussidju għall-esportazzjoni kif definit minn dak il-Ftehim. Bl-istess mod, ma għandux japplika għal għajnuna favur prodotti bħal dawn, li tikkostitwixxi appoġġ għall-finanzjament tal-esportazzjoni pprovdut minn gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku fl-ambitu tad-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO dwar il-Kompetizzjoni tal-Esportazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2015 ([19]), jekk ma tikkonformax mar-rekwiżiti rilevanti tal-paragrafu 15 ta' dik id-Deċiżjoni dwar it-terminu massimu ta' ħlas lura u l-awtofinanzjament.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "għajnuna *ad hoc*" tfisser għajnuna mhux mogħtija fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna;

(2) "event klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali" tfisser kundizzjonijiet ħżiena tat-temp bħal ġlata, maltempati u silġ, borra, xita bil-qliel jew persistenti, jew nixfa severa li jeqirdu, fil-każ tal-agrikoltura, aktar minn 30 % tal-medja tal-produzzjoni kkalkolata fuq il-bażi tal-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa; fil-każ tal-forestrija, aktar minn 20 % tal-potenzjal tal-forestrija;

(3) "konsulenza" tfisser konsulenza kompleta mogħtija fil-qafas tal-istess kuntratt;

(4) "attività agrikola" tfisser attività kif iddeterminata minn Stat Membru fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(5) "żona agrikola" tfisser kwalunkwe żona kif iddeterminata minn Stat Membru fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(6) "azjenda agrikola" tfisser unità li tinkludi art, bini u faċilitajiet użati għal produzzjoni primarja agrikola;

(7) "prodott agrikolu" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, minbarra l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]);

(8) "is-settur agrikolu" tfisser l-impriżi kollha attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli;

(9) "sistemi agroforestali" tfisser sistemi tal-użu tal-art li fihom is-siġar jitkabbru flimkien ma' agrikoltura fuq l-istess art;

(10) "għajnuna" tfisser kull miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat;

(11) "għajnuna mogħtija fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK" tfisser appoġġ mogħti f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 jew bħala għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR jew bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali għajnuna kofinanzjata;

(12) "intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont gross tal-għajnuna espress bħala perċentwal tal-kostijiet eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposta oħra;

([18]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.
([19]) WT/MIN(15)/45 — WT/L/980.
([20]) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

(13) "skema ta' għajnuna" tfisser kull att li fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni oħrajn, jistgħu jingħataw għajnuniet individwali lill-impriżi li jkunu definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt u kull att li fuq il-bażi tiegħu, għajnuna li ma tkunx konnessa ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil impriża waħda jew aktar għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit;

(14) "distakkament" tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jkunu stabbiliti bejn impriżi indipendenti u ma fihom ebda element ta' kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u bla ebda kundizzjoni titqies li tosserva l-prinċipju tad-distakkament;

(15) "miżuri ta' bijosigurtà" tfisser miżuri ta' ġestjoni u miżuri fiżiċi mfassla sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-introduzzjoni, tal-iżvilupp u tat-tixrid ta' mard lejn, minn u fi ħdan dan li ġej:

(a) popolazzjoni tal-annimali;

(b) stabbiliment, żona, kompartiment, mezz tat-trasport jew kwalunkwe faċilità, post jew lokazzjoni oħra.

(16) "ktieb tat-tnissil" tfisser ktieb kif previst fl-Artikolu 2, il-punt (12) tar-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]);

(17) "Pjan Strateġiku tal-PAK" tfisser il-Pjan Strateġiku tal-PAK kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(18) "xogħlijiet kapitalizzati" tfisser xogħlijiet li jitwettqu mill-bidwi nnifsu jew mill-ħaddiema tiegħu fuq il-farm, li permezz tagħhom jinħoloq attiv;

(19) "skemi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola" relatati ma' skemi ta' għajnuna għal prattiki ta' ġestjoni tal-art li jirriżultaw f'żieda fil-ħżin tal-karbonju fil-bijomassa ħajja, fil-materja organika mejta u fil-ħamrija billi jittejjeb il-qbid tal-karbonju u/jew jitnaqqas ir-rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera;

(20) "event katastrofiku" tfisser event mhux previst ta' natura bijotika jew mhux bijotika kkawżat minn azzjoni umana li twassal għal disturbi kbar fl-istrutturi forestali, u li eventwalment jikkawża ħsara ekonomika kbira lis-setturi forestali;

(21) "data tal-għoti tal-għajnuna" tfisser id-data li fiha l-benefiċjarju ngħata d-dritt legali li jirċievi l-għajnuna skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli;

(22) "miżuri ta' kontroll u ta' eradikazzjoni" tfisser miżuri rigward mard tal-annimali li għalihom tkun ġiet rikonoxxuta formalment tifqigħa minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru, jew rigward pesti tal-pjanti jew speċijiet aljeni invażivi li tkun ġiet rikonoxxuta formalment il-preżenza tagħhom minn awtorità kompetenti;

(23) "pjan ta' evalwazzjoni" tfisser dokument li jkopri skema ta' għajnuna waħda jew aktar u li fih mill-inqas l-aspetti li ġejjin: l-objettivi li għandhom jiġu vvalutati, il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni, l-indikaturi tar-riżultat, il-metodoloġija prevista biex titwettaq l-evalwazzjoni, ir-rekwiżiti għall-ġbir tad-*data*, iż-żmien propost tal-evalwazzjoni inkluża d-data tas-sottomissjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni interim u finali, id-deskrizzjoni tal-korp indipendenti li jwettaq l-evalwazzjoni jew il-kriterji li se jintużaw għall-għażla tiegħu u l-modalitajiet biex l-evalwazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku;

(24) "bhejjem mejta" tfisser annimali li nqatlu permezz tal-ewtanasja b'dijanjożi definita jew mingħajrha jew li mietu, inklużi annimali li twieldu mejta u li ma twildux, ġo farm jew fi kwalunkwe bini jew matul it-trasport, iżda li ma nqatlux għall-konsum tal-bniedem;

(25) "siġar li jikbru malajr" tfisser foresta b'rotazzjoni qasira, fejn iż-żmien minimu qabel il-ħsad ma jistax ikun anqas minn 8 snin u ż-żmien massimu qabel il-ħsad ma jistax jeċċedi l-20 sena;

(26) "skema fiskali suċċessiva" tfisser skema fil-forma ta' benefiċċji fiskali li tikkostitwixxi verżjoni emendata ta' skema li preċedentement kienet teżisti fil-forma ta' benefiċċji fiskali, u li tissostitwiha;

([21]) Ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r- Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali"), (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66).

(27) "kostijiet fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi skema ta' kwalità" tfisser il-kostijiet imġarrba għad-dħul fi skema ta' kwalità appoġġata u l-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'dik l-iskema ta' kwalità, inkluża, fejn ikun hemm bżonn, in-nefqa fuq il-verifiki meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema ta' kwalità;

(28) "bijokarburant magħmul mill-ikel" tfisser bijokarburant prodott minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001;

(29) "oġġetti tal-ikel" tfisser oġġetti tal-ikel li ma humiex prodotti agrikoli u li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]);

(30) "l-ekwivalenti ta' għotja gross" tfisser l-ammont tal-għajnuna li kieku ġie pprovdut fil-forma ta' għotja lill-benefiċjarju, qabel ma titnaqqas kwalunkwe taxxa jew imposta oħra;

(31) "għajnuna individwali" tfisser:

(a) għajnuna *ad hoc*;

(b) għotjiet ta' għajnuna lil benefiċjarji individwali abbażi ta' skema ta' għajnuna;

(32) "assi intanġibbli" tfisser assi li ma għandhomx forma fiżika jew finanzjarja bħal privattivi, liċenzji, għarfien espert jew proprjetà intellettwali oħra;

(33) "investimenti sabiex tinżamm konformità ma' standard tal-Unjoni" tfisser investimenti li jsiru sabiex ikun hemm konformità ma' standard tal-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu tranżizzjonali previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(34) "intrapriżi kbar" tfisser impriżi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

(35) "il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli" tfisser iż-żamma jew il-wiri bl-iskop ta' bejgħ, l-offerta għal bejgħ, il-kunsinna jew kwalunkwe mod ieħor ta' tqegħid fis-suq, minbarra l-ewwel bejgħ minn bidwi lil bejjiegħa jew proċessuri u kwalunkwe attività li tħejji prodott għal dan l-ewwel bejgħ; bejgħ minn bidwi lill-konsumaturi finali jitqies bħala kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli jekk iseħħ f'bini jew faċilitajiet separati riżervati għal dak l-iskop;

(36) "fond mutwu" tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati sabiex jassiguraw lilhom infushom, li fiha jsiru pagamenti kumpensatorji lill-bdiewa affiljati li jesperjenzaw telf ekonomiku;

(37) "żoni ta' Natura 2000" tfisser żoni agrikoli jew forestali speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/147/KE;

(38) "diżastri naturali" tfisser terremoti, valangi, uqigħ tal-art u għargħar, uragani, trombi tal-arja, eruzzjonijiet vulkaniċi u nirien fil-foresti ta' oriġini naturali;

(39) "investiment mhux produttiv" tfisser investiment li ma jwassalx għal żieda sinifikanti fil-valur jew fil-profittabbiltà tal-azjenda;

(40) "operazzjonijiet qabel l-ipproċessar industrijali" tfisser il-qtugħ, id-diżintegrazzjoni, l-istrippaġġ, it-tqattigħ, il-ħżin, it-trattament protettiv u t-tnixxif tal-injam u l-operazzjonijiet l-oħra kollha tax-xogħol qabel l-isserrar industrijali tal-injam f'mitħna għall-isserrar; kif ukoll l-isserrar fejn il-kapaċità massima tal-ipproċessar hija ta' 20 000 $m^3$ ta' input tal-injam tond fis-sena għall-isserrar tal-injam;

(41) "eventi klimatiċi avversi oħrajn" tfisser kundizzjonijiet tat-temp mhux favorevoli li ma jaqgħux fid-definizzjoni ta'event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali;

(42) "reġjuni ultraperiferiċi" tfisser ir-reġjuni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat;

(43) "pest tal-pjanti" tfisser: kwalunkwe speċi, razza jew bijotip ta' pjanta, annimal jew patoġenu li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti;

(44) "produzzjoni agrikola primarja" tfisser il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħamrija u tat-trobbija tal-bhejjem, elenkati fl-Anness I tat-Trattat, mingħajr it-twettiq ta' kwalunkwe operazzjoni ulterjuri li tbiddel in-natura ta' dawn il-prodotti;

(45) "ipproċessar ta' prodotti agrikoli" tfisser kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, minbarra attivitajiet fil-farm meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott mill-annimali jew mill-pjanti għall-ewwel bejgħ;

([22]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

(46) "grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi" tfisser grupp jew organizzazzjoni stabbiliti għall-fini:

(a) tal-adattament tal-produzzjoni u l-output tal-produtturi li huma membri ta' tali gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi skont ir-rekwiżiti tas-suq;

(b) tat-tqegħid b'mod konġunt ta' prodotti fis-suq, inklużi l-preparazzjoni għall-bejgħ, iċ-ċentralizzazzjoni tal-bejgħ u l-provvista lix-xerrejja bl-ingrossa;

(c) l-istabbiliment ta' regoli komuni dwar l-informazzjoni fuq il-produzzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-ħsad u d-disponibbiltà;

(d) attivitajiet oħra li jistgħu jitwettqu minn gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi, bħall-iżvilupp ta' ħiliet kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni, l-organizzazzjoni u l-iffaċilitar ta' proċessi ta' innovazzjoni, il-ġestjoni konġunta tal-art tal-membri, l-użu ta' prattiki ta' kultivazzjoni u tekniki ta' produzzjoni tajbin għall-ambjent, prattiki u tekniki tajbin għall-benessri tal-annimali;

(47) "annimal protett" tfisser kwalunkwe annimal protett jew mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew minn dik nazzjonali, inklużi speċijiet ta' annimali li għalihom il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi regoli speċifiċi sabiex tiġi ppreservata l-popolazzjoni;

(48) "mappa tal-għajnuna reġjonali" tfisser il-lista taż-żoni deżinjati minn Stat Membru f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat ([23]) u approvata mill-Kummissjoni;

(49) "self bil-quddiem li jitħallas lura" tfisser għoti ta' self għal proġett li jitħallas f'pagament wieħed jew f'pagamenti parzjali u li l-kundizzjonijiet għar-rimborż tiegħu jiddependu fuq l-eżitu tal-proġett;

(50) "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" tfisser entità, irrispettivament mill-istatus legali jew il-mod ta' finanzjament tagħha, li l-għan primarju tagħha huwa li twettaq b'mod indipendenti riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali, jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' tali attivitajiet permezz ta' tagħlim, pubblikazzjoni jew trasferiment tal-għarfien.

(51) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser il-gżejjer minuri msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]);

(52) "SME" jew "intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju" tfisser impriżi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

(53) "bidu ta' xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività" tfisser jew il-bidu tal-attivitajiet jew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni marbuta mal-investiment, liema minnhom jinbeda l-ewwel, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti sabiex jiġi ordnat apparat jew sabiex jiġu impjegati servizzi jew kull impenn ieħor li permezz tiegħu l-proġett jew l-attività jsiru irriversibbli; ix-xiri ta' art u xogħlijiet preparatorji bħalma huma l-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji dwar il-fattibbiltà ma humiex ikkunsidrati bħala l-bidu ta' xogħlijiet jew attività;

(54) "servizzi sussidjarji" tfisser forma ta' għajnuna, fejn l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarju finali indirettament, *in natura*, u titħallas lill-fornitur tas-servizz jew tal-attività inkwistjoni;

(55) "assi tanġibbli" tfisser assi li jikkonsistu f'art, bini u impjanti, makkinarju u tagħmir;

(56) "kost tat-tranżazzjoni" tfisser il-kost addizzjonali konness mat-twettiq ta' impenn, iżda mhux direttament attribwibbli għall-implimentazzjoni tiegħu jew mhux inkluż fil-kostijiet jew l-introjtu mitluf li għalihom jingħata kumpens b'mod dirett; u li jista' jiġi kkalkolat abbażi ta' kost standard;

(57) "kostijiet tat-testijiet tal-Enċefalopatija Sponġiformi Trażmissibbli (TSE) u Enċefalopatija Sponġiformi Bovina (BSE)" tfisser il-kostijiet kollha, inklużi dawk għall-kits tat-testijiet u għat-teħid, it-trasport, l-ittestjar, il-ħażna u l-qerda ta' kampjuni meħtieġa għat-teħid ta' kampjuni u ttestjar fil-laboratorju f'konformità mal-Kapitolu C tal-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]);

(58) "siġar għat-tkabbir ta' msaġar b'rotazzjoni qasira" tfisser speċijiet ta' siġar tal-kodiċi NM 06 02 9041 li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri, li jikkonsistu minn għelejjel perenni tal-injam, fejn ir-riżomi jew iz-zkuk tagħhom jibqgħu fl-art wara l-ħsad, bi friegħi ġodda li jikbru fl-istaġun ta' wara u b'ċiklu massimu tal-ħsad li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri;

([23]) Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1)

([24]) Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

([25]) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

(59) "impriża f'diffikultà" tfisser impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;

(60) "Standard tal-Unjoni" tfisser standard obbligatorju previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jistabbilixxi l-livell li impriżi individwali għandhom jiksbu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ambjent, l-iġjene u t-trattament xieraq tal-annimali; madankollu, standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għal impriżi individwali ma jitqisux bħala standards tal-Unjoni;

(61) "bidwi żgħażugħ" tfisser bidwi kif iddeterminat minn Stat Membru fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu f'konformità mal-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

*Artikolu 3*

**Il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni**

Skemi ta' għajnuna, għajnuna individwali mogħtija taħt skemi bħal dawn u għajnuna *ad hoc* għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2) jew (3) tat-Trattat u jkunu eżenti mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat sakemm din l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-kategorija rilevanti ta' għajnuna stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Livelli limitu ta' notifika**

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal kwalunkwe għajnuna individwali, fejn l-ekwivalenti ta' għotja gross tagħha jeċċedi l-livelli limitu li ġejjin:

(a) għajnuna għal investimenti f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja kif imsemmi fl-Artikolu 14: EUR 600 000 għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;

(b) għajnuna għal investimenti li jikkonċernaw ir-rilokazzjoni ta' bini ta' farm li tirriżulta fil-modernizzazzjoni ta' faċilitajiet jew f'żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni hekk kif imsemmi fl-Artikolu 16(4): EUR 600 000 għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;

(c) għajnuna għal investimenti marbuta mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli hekk kif imsemmi fl-Artikolu 17: EUR 7,5 miljun għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;

(d) għajnuna għall-impenji dwar it-trattament xieraq tal-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 31: EUR 500 għal kull unità ta' bhejjem fis-sena;

(e) għajnuna għal żvantaġġi relatati ma' żoni ta' Natura 2000 kif imsemmija fl-Artikolu 33: EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu inizjali ta' massimu ta' ħames snin u EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm 'il quddiem;

(f) għajnuna għal impenji agroambjentali klimatiċi kif imsemmija fl-Artikolu 34: EUR 600 għal kull ettaru fis-sena għall-għelejjel annwali, EUR 900 għal kull ettaru fis-sena għall-għelejjel perenni speċjalizzati u EUR 450 għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art;

(g) għajnuna għal sistemi ta' agrikultura organika kif imsemmi fl-Artikolu 35: EUR 600 għal kull ettaru fis-sena għall-għelejjel annwali, EUR 900 għal kull ettaru fis-sena għall-għelejjel perenni speċjalizzati u EUR 450 għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art;

(h) għajnuna għal investimenti favur il-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali li jinsab fuq l-azjenda agrikola jew fil-foresti kif imsemmi fl-Artikolu 36: EUR 600 000 għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;

(i) għajnuna għal riċerka u żvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija kif imsemmi fl-Artikolu 38: EUR 7,5 miljun għal kull proġett;

(j) għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP kif imsemmi fl-Artikolu 39: EUR 2 miljun għal kull impriża għal kull proġett;

(k) ammonti limitati ta' għajnuna lil impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP jew jibbenefikaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 40: EUR 500 000 għal kull proġett tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP.

(l) għajnuna għal afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar kif imsemmi fl-Artikolu 41: EUR 7,5 miljun għal kull proġett ta' investiment;

(m) għajnuna għal sistemi ta' agroforestrija kif imsemmi fl-Artikolu 42: EUR 7,5 miljun għal kull proġett ta' stabbiliment ta' sistema tal-agroforestrija;

(n) għajnuna għal investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali hekk kif imsemmi fl-Artikolu 44: EUR 7,5 miljun għal kull proġett ta' investiment;

(o) għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji kif imsemmi fl-Artikolu 45: EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu tal-bidu li ma jaqbiżx il-ħames snin u EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm 'il quddiem;

(p) għajnuna għal servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti kif imsemmi fl-Artikolu 46: EUR 200 għal kull ettaru fis-sena, bl-eċċezzjoni għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 46, il-paragrafu 8;

(q) għajnuna għal servizzi konsultattivi fis-settur tal-forestrija kif imsemmi fl-Artikolu 48: EUR 200 000 għal kull impriża kull sena;

(r) għajnuna għal investimenti fl-infrastruttura relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattazzjoni tas-settur tal-forestrija hekk kif imsemmi fl-Artikolu 49: EUR 7,5 miljun għal kull proġett ta' investiment;

(s) għajnuna għal investimenti f'teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, l-immobilizzar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija kif imsemmi fl-Artikolu 50: EUR 7,5 miljun għal kull proġett ta' investiment;

(t) għajnuna għall-investimenti għal servizzi bażiċi u infrastruttura f'żoni rurali kif imsemmi fl-Artikolu 55: EUR 10 miljun għal kull proġett ta' investiment;

(u) għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, deżinjati bħala żvilupp lokali LEADER skont il-proġetti tal-FAEŻR imsemmija fl-Artikolu 60: EUR 2 miljun għal kull impriża għal kull proġett;

(v) ammont limitat ta' għajnuna lill-SMEs li jibbenefikaw minn proġetti tas-CLLD kif imsemmi fl-Artikolu 61: EUR 200 000 għal kull proġett tas-CLLD.

2. Il-livelli limitu stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx jiġu evitati bil-qsim artifiċjali tal-iskemi ta' għajnuna jew tal-proġetti tal-għajnuna.

*Artikolu 5*

**It-trasparenza tal-għajnuna**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal għajnuna trasparenti.

2. Għajnuna għandha titqies li hija trasparenti jekk ikun possibbli li jiġi kkalkolat bi preċiżjoni l-ekwivalenti tal-għotja gross *ex ante* mingħajr ma jkun hemm bżonn li ssir valutazzjoni tar-riskju.

3. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin għandhom jitqiesu bħala għajnuna trasparenti:

(a) għajnuna li tikkonsisti f'għotjiet, sussidji fuq ir-rati tal-imgħax u servizzi ssussidjati;

(b) għajnuna li tikkonsisti f'self, fejn l-għotja grossa ekwivalenti tkun ġiet ikkalkolata abbażi tar-rata ta' referenza prevalenti fiż-żmien tal-għotja;

(c) għajnuna inkluża f'garanziji fejn tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

   (i) l-ekwivalenti tal-għotja gross ġiet ikkalkolata abbażi ta' primjums eżentati stabbiliti f'avviż tal-Kummissjoni;

   (ii) qabel l-implimentazzjoni tal-għajnuna, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ekwivalenti tal-għotja gross tal-garanzija tkun ġiet aċċettata abbażi tal-Avviż dwar il-Garanziji, wara n-notifika ta' dik il-metodoloġija lill-Kummissjoni skont kwalunkwe regolament dwar l-għajnuna mill-Istat adottat mill-Kummissjoni applikabbli dak iż-żmien, u l-metodoloġija approvata tindirizza b'mod espliċitu t-tip ta' garanzija u t-tip ta' tranżazzjoni sottostanti inkwistjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(d) għajnuna fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa, fejn il-miżura tipprevedi limitu massimu li jiżgura li l-limitu applikabbli ma jinqabiżx;

(e) l-għajnuna fil-forma ta' self bil-quddiem li jitħallsu lura, jekk l-ammont nominali totali tas-self bil-quddiem li jitħallas lura ma jaqbiżx il-livelli limitu applikabbli skont dan ir-Regolament jew jekk, qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti tal-għotja gross tas-self bil-quddiem li jitħallas lura tkun ġiet aċċettata wara n-notifika tagħha lill-Kummissjoni;

(f) għajnuna fil-forma ta' bejgħ jew kiri ta' assi tanġibbli b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq fejn il-valur huwa stabbilit permezz ta' evalwazzjoni minn esperti indipendenti qabel it-tranżazzjoni jew b'referenza għal punt ta' riferiment disponibbli pubblikament u aġġornat regolarment u ġeneralment aċċettat.

4. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala għajnuna trasparenti:

(a) għajnuna li tikkonsisti f'injezzjonijiet ta' kapital;

(b) għajnuna li tikkonsisti f'miżuri ta' finanzjament ta' riskju.

*Artikolu 6*

**L-effett ta' inċentiv**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal għajnuna li għandha effett ta' inċentiv.

2. Għajnuna għandha tiġi kkunsidrata li għandha effett ta' inċentiv jekk il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni bil-miktub għal għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat qabel ma jkun inbeda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività. L-applikazzjoni għall-għajnuna għandu jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u d-daqs tal-impriża;

(b) id-deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inklużi d-dati tal-bidu u t-tmiem tagħhom;

(c) il-post tal-proġett jew tal-attività;

(d) lista tal-kostijiet eliġibbli;

(e) it-tip (għotja, self, garanzija, self bil-quddiem li jitħallas lura jew oħrajn) u l-ammont ta' finanzjament pubbliku meħtieġ għall-proġett/attività.

3. Għajnuna *ad hoc* mogħtija lil intrapriżi kbar titqies li għandha effett ta' inċentiv jekk, flimkien mal-iżgurar li l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 hija ssodisfata, l-Istat Membru jkun ivverifika, qabel jagħti l-għajnuna *ad hoc* ikkonċernata, li d-dokumentazzjoni ppreparata mill-benefiċjarju tistabbilixxi li l-għajnuna se tirriżulta f'wieħed jew f'aktar min dawn li ġejjin:

(a) żieda materjali fl-ambitu tal-proġett jew l-attività minħabba l-għajnuna;

(b) żieda materjali fl-ammont totali minfuq mill-benefiċjarju fuq il-proġett jew attività minħabba l-għajnuna;

(c) żieda materjali fil-ħeffa tat-tlestija tal-proġett jew attività kkonċernat/a;

(d) fil-każ ta' għajnuna *ad hoc* għall-investiment, li l-proġett jew l-attività ma kinux jitwettqu bħala tali fiż-żona rurali kkonċernata jew ma kinux ikunu profittabbli b'mod suffiċjenti għall-benefiċjarju fiż-żona rurali kkonċernata fin-nuqqas tal-għajnuna.

Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-muniċipalitajiet, li huma awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u ta' anqas minn 5 000 abitant.

4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, il-miżuri fil-forma ta' vantaġġi fiskali għandhom jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv jekk ikunu ġew issodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-miżura tistabbilixxi dritt għall-għajnuna f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru;

(b) il-miżura tkun ġiet adottata u tkun daħħlet fis-seħħ qabel ma x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna jkun inbeda, ħlief fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi, fejn l-attività tkun diġà ġiet koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fiskali.

5. Barra minn hekk, b'deroga mill-paragrafi 2, 3 u 4, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin ma humiex meħtieġa li jkollhom jew għandhom jitqiesu li jkollhom effett ta' inċentiv:

(a) skemi ta' għajnuna għal konsolidazzjoni ta' art fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15 jew l-Artikolu 53 huma ssodisfati u fejn:

  (i) l-iskema ta' għajnuna tistabbilixxi dritt għal għajnuna f'konformità mal-kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru; kif ukoll

  (ii) l-iskema ta' għajnuna tiġi adottata u tkun fis-seħħ qabel ma jkunu ġġarrbu l-kostijiet eliġibbli skont l-Artikolu 15 jew l-Artikolu 53 mill-benefiċjarju;

(b) għajnuna għal azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-agrikoltura f'konformità mal-Artikoli 21 u 22, li tikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni għal għadd mhux definit ta' benefiċjarji;

(c) għajnuna għal miżuri promozzjonali fil-forma ta' pubblikazzjonijiet immirati lejn is-sensibilizzazzjoni ta' prodotti agrikoli fost il-pubbliku ġenerali meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24(2), il-punt (b);

(d) għajnuna biex tikkumpensa t-telf ikkawżat minn event klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali b'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 25;

(e) għajnuna biex tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u tal-pesti tal-pjanti u għat-telf ikkawżat minn dak il-mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26;

(f) għajnuna biex tkopri l-kostijiet tat-tneħħija u tal-qerda ta' bhejjem mejta meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 27(2);

(g) għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 jkunu ssodisfati;

(h) għajnuna għal żvantaġġi relatati ma' żoni ta' Natura 2000 kif imsemmi fl-Artikolu 33;

(i) għajnuna għal investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali li jinsabu fl-azjendi agrikoli jew fil-foresti meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36;

(j) għajnuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati minn diżastri naturali fis-settur tal-agrikoltura meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 37;

(k) għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 38;

(l) għajnuna għar-restawr ta' ħsara lill-foresti skont l-Artikolu 43(2), il-punt (d), meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43 jiġu ssodisfati;

(m) għajnuna għal azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija f'konformità mal-Artikoli 47 u 48, li tikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni għal għadd mhux definit ta' benefiċjarji;

(n) għajnuna għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija fejn ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 51;

(o) għajnuna għall-parteċipazzjoni ta' bdiewa attivi fl-iskemi ta' kwalità għall-qoton u għall-oġġetti tal-ikel meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 58;

(p) għajnuna għall-impriżi li jipparteċipaw fi jew li jibbenefikaw minn proġetti tas-CLLD u minn proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 39, 40, 60 u 61.

*Artikolu 7*

**L-intensità tal-għajnuna u l-kostijiet eliġibbli**

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-kostijiet eliġibbli, għandhom jittieħdu ċ-ċifri użati kollha qabel kull tnaqqis fit-taxxa jew imposta oħra. Il-kostijiet eleġibbli għandhom ikunu appoġġati minn evidenza dokumentarja li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja. L-ammonti ta' kostijiet eliġibbli jistgħu jiġu kkalkulati f'konformità mal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 u r-Regolament (UE) 2021/2115, dment li l-operazzjoni tkun mill-inqas parzjalment iffinanzjata permezz tal-FAEŻR u li l-kategorija tal-kostijiet tkun eliġibbli skont id-dispożizzjoni ta' eżenzjoni rilevanti.

2. Ammonti ta' għajnuna għall-miżuri jew tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 31, 34, 33, 35, 41, 45 u 46 jistgħu jiġu ffissati fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet standard ta' kostijiet addizzjonali u introjtu mitluf. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli u l-għajnuna korrispondenti jkun fihom biss elementi li huma verifikabbli, huma bbażati fuq ċifri stabbiliti minn għarfien espert xieraq, jindikaw b'mod ċar is-sors taċ-ċifri użati, huma differenzjati biex jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-sit reġjonali jew lokali u l-użu attwali tal-art, fejn applikabbli u ma fihomx elementi marbuta mal-kostijiet tal-investiment.

3. It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ma għandhiex tkun eliġibbli għal għajnuna, minbarra meta ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

4. Meta l-għajnuna tingħata f'forma oħra għajr għotja, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajnuna.

5. L-għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna f'għadd ta' pagamenti parzjali, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. Il-kostijiet eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skontar għandha tkun ir-rata ta' skont applikabbli fid-data tal-għoti tal-għajnuna.

6. Meta l-għajnuna tingħata permezz ta' vantaġġi fiskali, l-iskontar tal-porzjonijiet tal-għajnuna għandu jsir abbażi tar-rati ta' skont applikabbli fid-diversi drabi meta jidħol fis-seħħ il-benefiċċju fiskali.

7. Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self bil-quddiem li jitħallas lura li, fin-nuqqas ta' metodoloġija aċċettata biex jiġi kkalkolat l-ekwivalenti ta' għotja gross tagħhom, jiġi espress bħala perċentwal tal-kostijiet eliġibbli u l-miżura tipprovdi li fil-każ ta' eżitu ta' suċċess tal-proġett, kif definit fuq il-bażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti, is-self bil-quddiem għandu jitħallas lura b'rata tal-imgħax li tkun mill-anqas daqs ir-rata ta' skont applikabbli fid-data tal-għotja tal-għajnuna, l-intensitajiet massimi ta' għajnuna stipulati fil-Kapitolu III jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali.

*Artikolu 8*

**Kumulazzjoni**

1. Sabiex jiġi stabbilit jekk humiex osservati l-livelli limitu ta' notifika individwali previsti fl-Artikolu 4 u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna u l-ammonti massimi ta' għajnuna stabbiliti fil-Kapitolu III, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat għall-attività jew il-proġett jew l-impriża megħjuna.

2. Meta finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra tal-Unjoni li mhux direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru huwa kkombinat flimkien ma' għajnuna mill-Istat, dan tal-aħħar biss għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit jekk ġewx osservati l-livelli limitu ta' notifika u tal-intensitajiet massimi ta' għajnuna jew l-ammonti massimi ta' għajnuna, dment li l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti għal dawn il-kostijiet eliġibbli ma jaqbiżx ir-rata ta' finanzjament l-aktar favorevoli stabbilita fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

3. Għajnuna b'kostijiet eliġibbli identifikabbli, eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat skont dan ir-Regolament, tista' tiġi akkumulata ma':

(a) kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat, sakemm dawk il-miżuri jkunu jikkonċernaw kostijiet eliġibbli differenti li jistgħu jiġu identifikati;

(b) kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat, b'rabta mal-istess kostijiet eliġibbli, parzjalment jew kompletament imrikkba, biss jekk tali kumulazzjoni ma twassalx biex jinqabżu l-ogħla intensità ta' għajnuna jew l-ammont ta' għajnuna applikabbli għal din l-għajnuna skont dan ir-Regolament.

4. Għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli eżentata skont l-Artikoli 18, 19, 40 u 61 tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat b'kostijiet eliġibbli identifikabbli.

Għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna mill-Istat oħra mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli, sal-ogħla limitu tal-finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' dan ir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija jew ta' deċiżjoni adottati mill-Kummissjoni.

5. Għajnuna mill-Istat eżentata skont it-Taqsimiet 1, 2 u 3 tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi akkumulata mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 145(2) u l-Artikolu 146 tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli jekk tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna li jaqbeż dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

6. Għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Artikoli 31, 34 u 35 ma għandhiex tiġi akkumulata mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli jekk tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna li jaqbeż dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

7. Għajnuna mill-Istat eżentata skont dan ir-regolament ma għandha tiġi akkumulata ma' ebda għajnuna *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli jekk tali akkumulu jirriżulta f'intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna li jeċċedi dawk li hemm stabbiliti fil-Kapitolu III.

8. Għajnuna għal investimenti mmirati lejn ir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 14(3), ma għandhiex tiġi akkumulata ma' għajnuna għal kumpens għal ħsara materjali msemmija fl-Artikoli 25, 26, 28 u 37.

9. Għajnuna inizjali għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament m'għandiex tiġi kumulata ma għajnuna għall-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

10. Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażagħ u għajnuna għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet agrikoli kif imsemmi fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi akkumulata mal-appoġġ għall-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ jew għall-bidu ta' negozju rurali kif imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jekk tali akkumulazzjoni tirriżulta f'ammont ta' għajnuna li jaqbeż dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

**Pubblikazzjoni u informazzjoni**

1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura l-pubblikazzjoni fil-modulu tal-għoti tat-trasparenza tal-Kummissjoni ([26]) jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat fil-livell nazzjonali jew reġjonali ta':

(a) l-informazzjoni miġbura fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11 jew link għaliha;

(b) it-test sħiħ ta' kull għajnuna msemmija fl-Artikolu 11, inklużi l-emendi tagħha, jew link li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Anness III dwar kull għotja tal-għajnuna individwali li taqbeż dawn li ġejjin:

   (i) EUR 10 000 għal benefiċjarji attivi fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja;

   (ii) EUR 100 000 għal benefiċjarji fis-settur tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fis-settur tal-forestrija jew għal attivitajiet li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

2. Għall-iskemi ta' għajnuna fil-forma ta' benefiċċji tat-taxxa, għandu jitqies li jkunu ntlaħqu il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jekk l-Istati Membri jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti tal-għajnuna individwali fil-firxiet li ġejjin f'EUR miljuni:

(a) 0,01- 0,1 biss għal produzzjoni agrikola primarja;

(b) 0,1- 0,5;

(c) 0,5-1;

(d) minn 1 sa 2;

(e) minn 2 sa 5;

(f) minn 5 sa 10;

(g) minn 10 sa 30;

(h) 30 u aktar.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun organizzata u għandha tkun aċċessibbli b'mod standardizzat, kif stabbilit fl-Anness III, u għandha tippermetti li jkun hemm funzjonijiet effettivi ta' tiftix u ta' tniżżil tagħha. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, punt (c) għandha tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna jew, għal għajnuna fil-forma ta' vantaġġ fiskali, fi żmien sena mid-data meta għandha tintbagħat id-dikjarazzjoni fiskali, u għandha tkun disponibbli mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna.

4. It-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna jew tal-għajnuna ad hoc imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jinkludi, b'mod partikolari, riferiment espliċitu għal dan ir-Regolament, billi jikkwota t-titolu tiegħu u r-referenza tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kapitolu III ikkonċernati minn dak l-att, jew fejn applikabbli, għal-liġi nazzjonali li tiżgura li tinżamm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. L-iskema ta' għajnuna jew l-għajnuna ad hoc għandhom ikunu akkumpanjati mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha u mill-emendi tagħha.

5. L-obbligi ta' pubblikazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal għajnuna mogħtija lil proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP u għal proġetti tas-CLLD skont l-Artikoli 39, 40, 60 u 61.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha:

(a) l-informazzjoni miġbura fil-qosor imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-links għas-siti web tal-għajnuna mill-Istat, tal-Istati Membri kollha, imsemmija fil-paragrafu 1.

([26]) "Tiftix Pubbliku dwar it-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat", disponibbli fuq is-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt

*KAPITOLU II*

***Rekwiżiti proċedurali***

*Artikolu 10*

**Irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija**

Meta Stat Membru jagħti għajnuna li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli I, II u III ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', wara li tkun ipprovdiet lill-Istat Membru kkonċernat bil-possibbiltà li jesprimi l-fehmiet tiegħu, tadotta deċiżjoni li tiddikjara li l-miżuri ta' għajnuna futuri kollha jew uħud minnhom adottati mill-Istat Membru kkonċernat li kieku jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Il-miżuri li għandhom jiġu notifikati jistgħu jkunu limitati għal ċertu tipi ta' għajnuna, għal għajnuna mogħtija favur ċerti benefiċjarji jew għal għajnuna adottata minn ċerti awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 11*

**Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni, permezz tas-sistema ta' notifika elettronika tal-Kummissjoni, l-informazzjoni miġbura fil-qosor dwar kull miżura ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament fil-format standardizzat stabbilit fl-Anness II, flimkien ma' link li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna, inklużi l-emendi tagħha, fi żmien 20 jum tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni f'forma elettronika rapport annwali, kif imsemmi fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 794/2004, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' kull sena sħiħa jew ta' kull parti tas-sena li matulha japplika dan ir-Regolament.

3. Ir-rapport annwali għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni li tikkonċerna dan li ġej:

(a) mard tal-annimali u pesti tal-pjanti kif imsemmija fl-Artikolu 26;

(b) informazzjoni meteoroloġika dwar it-tip, it-twaqqit, il-kobor relattiv u l-lokalizzazzjoni ta' avvenimenti klimatiċi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali kif imsemmi fl-Artikolu 25 jew diżastri naturali fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fl-Artikolu 37;

4. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lill-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP u lil proġetti ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD") kif imsemmija fl-Artikoli 40 u 61.

*Artikolu 12*

**Evalwazzjoni**

1. Skemi ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(3) għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni ex post jekk ikollhom baġit tal-għajnuna mill-Istat jew infiq kontabilizzat ta' aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun tul id-durata totali tagħhom, jiġifieri t-tul ta' żmien ikkombinat tal-iskema u kwalunkwe skema predeċessura li tkopri objettiv u żona ġeografika simili, li tibda mill-1 ta' Jannar 2023. Minħabba l-objettivi tal-evalwazzjoni, u biex jiġi evitat li jitqiegħed piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri, evalwazzjonijiet *ex post* għandhom ikunu meħtieġa biss għal skemi ta' għajnuna li t-tul ta' żmien totali tagħhom jaqbeż it-tliet snin, li jibdew mill-1 ta' Jannar 2023.

2. Ir-rekwiżit tal-evalwazzjoni ex post jista' jiġi eżentat fil-każ ta' skemi ta' għajnuna li huma suċċessur immedjat ta' skema li tkopri objettiv u żona ġeografika simili li kienet soġġetta għal evalwazzjoni, li r-rapport ta' evalwazzjoni finali tagħha kien f'konformità mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni u ma ġġenerat l-ebda sejba negattiva. Fejn ir-rapport ta' evalwazzjoni finali ta' skema ma jkunx konformi mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat, dik l-iskema għandha tiġi sospiża b'effett immedjat. Kwalunkwe suċċessur ta' tali skema sospiża ma għandux igawdi l-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija.

3. L-għan tal-evalwazzjoni għandu jkun li jiġi verifikat jekk is-suppożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet sottostanti għall-kompatibbiltà tal-iskema ntlaħqux, b'mod partikolari l-ħtieġa u l-effettività tal-miżura ta' għajnuna fid-dawl tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tagħha. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt tal-iskema fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

4. Għal skemi ta' għajnuna soġġetti għar-rekwiżit ta' evalwazzjoni skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni kif ġej:

(a) fi żmien 20 jum ta' xogħol mid-dħul fis-seħħ tal-iskema, jekk il-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbeż EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul id-durata totali tagħha;

(b) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara bidla sinifikanti li permezz tagħha l-baġit tal-iskema jiżdied għal aktar minn EUR 150 miljun f'xi sena partikolari jew EUR 750 miljun tul id-durata kollha tal-iskema;

(c) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni tan-nefqa fil-kontijiet uffiċjali taħt l-iskema li taqbeż il-EUR 150 miljun f'xi sena partikolari.

5. L-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni għandu jkun f'konformità mal-metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat adottata mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni.

6. L-evalwazzjoni ex post għandha ssir minn espert li jkun indipendenti mill-awtorità awtorizzanti tal-għajnuna fuq il-bażi tal-pjan ta' evalwazzjoni. Kull evalwazzjoni għandha tinkludi mill-inqas rapport ta' evalwazzjoni interim wieħed u wieħed finali. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw iż-żewġ rapporti.

7. Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn disa' xhur qabel l-iskadenza tal-iskema eżentata. Dak il-perjodu jista' jitnaqqas għal skemi li jiskattaw ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom. L-ambitu u l-arranġamenti preċiżi għal kull evalwazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fid-deċiżjoni li tapprova l-pjan ta' evalwazzjoni. In-notifika ta' kull miżura ta' għajnuna sussegwenti b'objettiv simili għandha tiddeskrivi b'liema mod ġew meqjusin ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

*Artikolu 13*

**Monitoraġġ**

L-Istati Membri għandhom iżommu rekords dettaljati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament huma ssodisfati. Dawn ir-rekords għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna ad hoc jew li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna taħt l-iskema. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni f'perjodu ta' 20 jum ta' xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba, l-informazzjoni kollha u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ li l-Kummissjoni tqis neċessarja sabiex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*KAPITOLU III*

***Kategoriji ta' għajnuna***

Taqsima 1

**Għajnuna favur l-SMEs attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli jew fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli**

*Artikolu 14*

**Għajnuna għal investimenti f'azjendi agrikoli relatata mal-produzzjoni agrikola primarja**

1. Għajnuna għal investimenti f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-investimenti għandhom jitwettqu minn benefiċjarju wieħed jew minn aktar benefiċjarju wieħed jew ikollhom x'jaqsmu ma' assi tanġibbli jew assi intanġibbli użati minn benefiċjarju wieħed jew minn aktar benefiċjarju wieħed.

3. L-investiment għandu jsegwi notevolment l-objettivi li ġejjin:

(a) it-titjib tal-prestazzjoni globali u s-sostenibbiltà tal-azjenda agrikola, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis fil-kostijiet ta' produzzjoni jew it-titjib u t-tqassim mill-ġdid ta' produzzjoni;

(b) it-titjib tal-ambjent naturali, tal-kundizzjonijiet tal-iġjene jew tal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali;

(c) il-ħolqien u t-titjib ta' infrastruttura relatata mal-iżvilupp, mal-adattament u mal-modernizzazzjoni tal-agrikoltura, inkluż aċċess għall-art agrikola, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, l-effiċjenza enerġetika, il-provvista tal-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-ilma jew tal-enerġija;

(d) ir-restawr tal-potenzjal ta' produzzjoni li jkun ġarrab ħsara minn diżastri naturali, minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali, minn mard tal-annimali u pesti tal-pjanti, minn annimali protetti u l-prevenzjoni tal-ħsarat ikkawżati minn dawn l-avvenimenti u l-fatturi; jekk il-ħsara tista' tkun relatata mat-tibdil fil-klima, il-benefiċjarji għandhom, fejn xieraq, jinkludu miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima fir-restawr.

(e) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jittejjeb is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli u l-effiċjenza enerġetika;

(f) il-kontribut għal bijoekonomija ċirkolari sostenibbli u t-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq sustanzi kimiċi;

(g) il-kontribuzzjoni għat-twaqqif u għat-treġġigħ lura tat-telfien tal-bijodiversità, għat-titjib tas-servizzi tal-ekosistema u għall-preservazzjoni tal-ħabitats u tal-pajsaġġi.

4. L-investiment jista' jkun marbut mal-produzzjoni fil-livell tal-farm ta' bijofjuwils jew ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, sakemm tali produzzjoni ma teċċedix il-medja annwali tal-konsum ta' fjuwils jew enerġija ta' farm partikolari.

Meta l-investiment isir għall-produzzjoni tal-bijofjuwils, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni ma għandiex tkun aktar mill-ekwivalenti għall-medja tal-konsum annwali ta' fjuwil għat-trasport tal-azjenda agrikola u l-bijofjuwil prodott ma għandux jinbiegħ fis-suq.

Meta l-investiment isir għall-produzzjoni ta' enerġija termali u tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fuq azjendi agrikoli, il-faċilitajiet tal-produzzjoni għandhom jaqdu l-bżonnijiet tal-enerġija tal-benefiċjarji biss u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom ma għandhiex tkun akbar mill-ekwivalenti tal-medja kkombinata tal-konsum annwali tal-enerġija ta' enerġija termali u tal-elettriku fuq l-azjenda agrikola, inkluż l-unità domestika tal-farm. Il-bejgħ ta' elettriku fil-grilja għandu jkun permess biss sa fejn jiġi osservat il-limitu annwali ta' konsum proprju.

Meta l-investiment isir minn aktar minn benefiċjarju wieħed bl-iskop li jaqdu l-bżonnijiet tagħhom stess tal-bijofjuwil u tal-enerġija, il-medja tal-konsum annwali għandha tiġi akkumulata mal-ammont ekwivalenti għall-medja tal-konsum annwali tal-benefiċjarji kollha.

Investimenti fl-infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli li jikkunsmaw jew li jipproduċu l-enerġija għandhom jikkonformaw mal-istandards minimi għall-effiċjenza fl-enerġija fejn standards bħal dawn jeżistu fil-livell nazzjonali.

Investimenti f'installazzjonijiet, li l-iskop primarju tagħhom huwa l-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa, ma għandhomx ikunu eliġibbli għal għajnuna sakemm ma jintużax perċentwal minimu ta' enerġija termali li jrid jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limiti għall-proporzjonijiet massimi ta' ċereali u għelejjel oħra rikki fil-lamtu, zokkor u għelejjel taż-żejt li jintużaw għall-produzzjoni tal-bijoenerġija, inklużi l-bijofjuwils għal tipi differenti ta' installazzjonijiet skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Għajnuna għal proġetti ta' investiment fil-bijoenerġija għandha tkun limitata għall-bijoenerġija li tissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

5. Għal investimenti li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]) l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

6. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostijiet għall-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli, inklużi investimenti f'wajers passivi interni jew kejbils strutturati għal netwerks tad-data u, jekk meħtieġ, il-parti anċillari tan-netwerk passiv fuq il-proprjetà privata barra l-bini, bl-art mixtrija tkun eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx 10 % tal-kostijiet totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali marbuta man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' konsulenza dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, enerġija sostenibbli, effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-istudji dwar il-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (a) u (b) ma tkun iġġarrbet;

([27]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

(d) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, ta' cloud u ta' soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(e) l-ispejjeż għal investimenti mhux produttivi relatati mal-objettivi ambjentali u relatati mal-klima speċifiċi msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (e), (f) u (g);

(f) fil-każ ta' irrigazzjoni, il-kostijiet għall-investimenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) pjan ta' mmaniġġar tal-baċin tax-xmara, f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]), ikun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni għaż-żona kollha li fiha jkun se jsir l-investiment, kif ukoll għal kwalunkwe żona oħra fejn l-ambjent jista' jiġi affettwat mill-investiment; il-miżuri adottati taħt il-pjan ta' mmaniġġar tal-baċir tax-xmara f'konformità mal-Artikolu 11 tal-istess Direttiva u li huma ta' rilevanza għas-settur agrikolu għandhom ikunu ġew speċifikati fil-programm tal-miżuri rilevanti;

(ii) kejl tal-ilma li jippermetti li jitkejjel l-użu tal-ilma fil-livell tal-investiment appoġġat huwa fis-seħħ jew għandu jiġi implimentat bħala parti mill-investiment;

(iii) investiment f'titjib ta' installazzjoni ta' irrigazzjoni eżistenti jew element ta' infrastruttura ta' irrigazzjoni għandu jiġi vvalutat ex ante biex jiġi offrut iffrankar tal-ilma li jirrifletti l-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew l-infrastruttura eżistenti;

(iv) jekk l-investiment jaffettwa korpi ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ li l-istatus tagħhom ġie identifikat bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara rilevanti għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma, jew jekk il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà klimatika u tar-riskju l-aktar avvanzati jkunu ddeterminaw ([29]) li l-korpi tal-ilma affettwati fi stat tajjeb jistgħu jitilfu l-istatus tagħhom għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma kkawżata mill-impatti tat-tibdil fil-klima, għandu jinkiseb tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma li jikkontribwixxi għall-kisba u ż-żamma ta' status tajjeb ta' dawk il-korpi tal-ilma, kif previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza preċedenti ma għandhomx japplikaw għal investiment f'installazzjoni eżistenti li taffettwa biss l-effiċjenza enerġetika jew għal investiment fil-ħolqien ta' ġibjun jew għal investiment fl-użu ta' ilma rriċiklat li ma jaffettwax korp ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ;

(v) l-Istat Membru għandu jistabbilixxi perċentwali għall-iffrankar potenzjali tal-ilma u għat-tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma bħala kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, biex jiġi żgurat li jkun hemm tnaqqis effettiv tal-ammont ta' ilma li jgħaddi mit-tagħmir meta mqabbel mal-livelli tal-2014–2020 u għalhekk biex tiġi evitata rigressjoni fil-livell ta' ambizzjoni ambjentali:

— il-perċentwal tal-iffrankar potenzjali tal-ilma għandu jkun mill-inqas 5 %, meta il-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew tal-infrastruttura eżistenti diġà jiżguraw livell għoli ta' effiċjenza (qabel l-investiment), u mill-inqas 25 %, meta l-grad attwali ta' effiċjenza jkun baxx u/jew għal investimenti li jseħħu f'żoni meta l-iffrankar tal-ilma jkun l-aktar meħtieġ biex jiġi żgurat li jinkiseb status tajjeb tal-ilma;

— il-perċentwal ta' tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma għandu jkun, fil-livell tal-investiment kollu kemm hu, mill-inqas 50 % tal-iffrankar potenzjali tal-ilma li jsir possibbli permezz tal-investiment fl-installazzjoni tal-irrigazzjoni eżistenti jew fl-element tal-infrastruttura;

— tali ffrankar tal-ilma jrid jirrifletti l-ħtiġijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir idrografiku li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE.

(g) l-appoġġ jista' jingħata għal investimenti fl-użu tal-ilma reklamat bħala provvista alternattiva tal-ilma biss jekk il-provvista u l-użu ta' tali ilma jkunu konformi mar-Regolament Nru (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]);

(h) fil-każ ta' investimenti mmirati għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li tkun saritlu ħsara minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali, mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu l-kostijiet imġarrba għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola sal-livell li kien qabel l-okkorrenza ta' dawk l-avvenimenti;

([28]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).
([29]) Technical guidance on the climate proofing of infrastructure in the period 2021-2027 tal-Kummissjoni (ĠU C 373, 16.9.2021, p. 1).
([30]) Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32).

(i) fil-każ ta' investimenti mmirati lejn il-prevenzjoni ta' ħsara kkawżata minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali, mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu l-kostijiet ta' azzjonijiet preventivi speċifiċi.

7. Il-kostijiet, għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 6, relatati ma' kuntratti ta' kiri, bħal marġni tal-lokatur, il-kostijiet ta' finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, il-kostijiet ġenerali u t-tariffi tal-assigurazzjoni ma għandhomx jitqiesu li huma kostijiet eliġibbli.

Il-kapital operatorju ma għandux jiġi kkunsidrat li huwa kost eliġibbli.

8. Fil-każ tat-tisqija, l-għajnuna għandha titħallas biss mill-Istati Membri li jiżguraw, fir-rigward tad-distrett tal-baċir tax-xmara fejn isir l-investiment, kontribuzzjoni tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-kostijiet tas-servizzi tal-ilma mis-settur agrikolu, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE filwaqt li jitqiesu, meta jkun xieraq, l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-irkupru kif ukoll il-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi tar-reġjuni jew reġjuni milquta.

9. L-għajnuna ma għandhiex tingħata fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament;

(b) ix-xiri u t-tħawwil ta' pjanti annwali bl-eċċezzjoni ta' għajnuna li tkopri l-kostijiet imsemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 6;

(c) xogħlijiet ta' drenaġġ;

(d) ix-xiri ta' annimali, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna li tkopri l-kostijiet imsemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 6 u x-xiri ta' klieb tal-għassa;

(e) il-wajers u l-kejbils għan-networks tad-*data* barra mill-proprjetà privata.

10. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tingħata bi ksur ta' xi projbizzjoni jew restrizzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, anke fejn dawn il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jirreferu biss għall-appoġġ tal-Unjoni previst f'dak ir-regolament.

11. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-65 % tal-kostijiet eliġibbli.

12. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied għal massimu ta' 80 % għall-investimenti li ġejjin:

(a) investimenti marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (e), (f) u (g), jew mat-trattament xieraq tal-annimali;

(b) investimenti minn bdiewa żgħażagħ;

(c) investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

13. L-intensità tal-għajnuna msemmija fil-paragrafu 12 punt (c), tista' tiżdied sa massimu ta' 85 % għal investimenti ta' azjendi agrikoli żgħar skont it-tifsira tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

14. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied għal massimu ta' 100 % għall-investimenti li ġejjin:

(a) investimenti mhux produttivi marbuta mal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (e), (f) u (g);

(b) investimenti għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 3, u investimenti relatati mal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' danni kkawżati minn diżastri naturali, eventi straordinarji, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, jew annimali protetti.

15. L-intensità tal-għajnuna għall-irrigazzjoni skont il-paragrafu 6, il-punt (f) għandha tkun limitata għal rata waħda jew aktar li ma taqbiżx:

(a) 80 % tal-kostijiet eliġibbli għall-irrigazzjoni tal-investimenti fil-farms magħmula skont il-paragrafu 6, punt (f)(iii);

(b) 100 % tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti fl-infrastruttura mhux tal-farms fl-agrikoltura li jridu jintużaw għall-irrigazzjoni;

(c) 65 % tal-kostijiet eliġibbli għal irrigazzjoni oħra fil-farms.

*Artikolu 15*

**Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art**

Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art agrikola għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament u tingħata għall-kostijiet legali u amministrattivi u tkun limitata għalihom, inklużi kostijiet għal stħarriġ, sa mhux aktar minn 100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

*Artikolu 16*

**Għajnuna għal investimenti li jikkonċernaw ir-rilokazzjoni ta' bini tal-farms**

1. Għajnuna mogħtija lill-SMEs attivi fil-produzzjoni agrikola primarja għal investimenti li jirrigwardaw ir-rilokazzjoni ta' bini ta' farm għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu fejn tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rilokazzjoni tal-bini tal-farm għandu jkollha objettiv ta' interess pubbliku.

L-interess pubbliku invokat sabiex ikun ġustifikat l-għoti ta' għajnuna skont dan l-Artikolu għandu jkun speċifikat fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta r-rilokazzjoni ta' bini ta' farm tkun sempliċiment tikkonsisti fiż-żarmar, fit-tneħħija u fil-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti, l-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet li fil-fatt iġġarrbu għal attivitajiet bħal dawn.

4. Fejn, barra ż-żarmar, it-tneħħja u l-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti hekk kif imsemmija fil-Paragrafu 3, ir-rilokazzjoni tirriżulta f'modernizzazzjoni ta' dawn il-faċilitajiet jew f'żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, l-intensitajiet tal-għajnuna għal investimenti msemmija fl-Artikolu 14(12) u (15) għandhom japplikaw fir-rigward tal-kostijiet relatati mal-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet jew iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni.

Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, is-sempliċi sostituzzjoni ta' bini eżistenti jew ta' faċilitajiet, b'bini jew b'faċilitajiet ġodda u moderni mingħajr ma tinbidel b'mod fundamentali l-produzzjoni jew it-teknoloġija involuta, ma għandhiex titqies li hija relatata mal-modernizzazzjoni.

5. L-intensità massima tal-għajnuna tista' tilħaq sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli jekk ir-rilokazzjoni tikkonċerna attivitajiet qrib villaġġ rurali, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja jew tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tal-villaġġ rurali.

*Artikolu 17*

**Għajnuna għal investimenti relatati mal-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli**

1. Għajnuna għall-investimenti b'rabta mal-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-investiment għandu jikkonċerna assi tanġibbli jew intanġibbli b'rabta mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

3. Investimenti b'konnessjoni mal-produzzjoni ta' bijofjuwils magħmula mill-ikel ma għandhomx ikunu eliġibbli għal għajnuna skont dan l-Artikolu.

4. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret it-tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

5. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli, inklużi investimenti f'wajers passivi interni jew kejbils strutturati għal networks tad-*data* u, jekk meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà privata barra l-bini, bix-xiri ta' art eliġibbli biss sa punt li ma jaqbiżx l10 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali li huma marbutin mal-infiq imsemmi fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (a) u (b) ma tkun iġġarrbet;

(d) akkwiżizzjoni, żvilupp jew tariffi għall-użu ta' software tal-kompjuter, soluzzjonijiet cloud u soluzzjonijiet simili, u akkwiżizzjonijiet ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur, trademarks.

6. Il-kostijiet, għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 5, relatati ma' kuntratti ta' kiri, bħal marġni tal-lokatur, il-kostijiet ta' finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, il-kostijiet ġenerali u t-tariffi tal-assigurazzjoni ma għandhomx jitqiesu li huma kostijiet eliġibbli.

7. Il-kapital operatorju ma għandux jiġi kkunsidrat li huwa kost eliġibbli.

8. Il-wajers jew il-kejbils għan-networks tad-*data* barra l-proprjetà privata ma għandhomx jitqiesu bħala kost eliġibbli.

9. Ma għandhiex tingħata għajnuna fir-rigward ta' investimenti għal konformità mal-istandards tal-Unjoni fis-seħħ.

10. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tingħata bi ksur ta' xi projbizzjoni jew restrizzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, anke fejn dawn il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jirreferu biss għall-appoġġ tal-Unjoni previst f'dak ir-regolament.

11. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-65 %, ħlief fil-każijiet indikati fil-paragrafu 12.

12. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied għal massimu ta' 80 % għall-investimenti li ġejjin:

(a) investimenti marbuta ma' objettiv wieħed jew ma' aktar minn objettiv wieħed speċifiku relatat mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 14(3), jew ma' titjib fil-benessri tal-annimali;

(b) investimenti minn bdiewa żgħażagħ;

(c) investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

*Artikolu 18*

**Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażagħ u għajnuna għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet agrikoli**

1. Għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ u l-għajnuna għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet agrikoli għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkopri għall-bidu ta' negozji rurali f'attivitajiet agrikoli u għad-diversifikazzjoni tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi tal-farms f'attivitajiet agrikoli oħrajn.

3. L-għajnuna għandha tingħata biss lil bdiewa żgħażagħ fil-forma ta' intrapriżi mikro u żgħar.

4. Fejn l-għajnuna tingħata lil bidwi żagħżugħ li jkun qiegħed jistabbilixxi azjenda fil-forma ta' persuna ġuridika, il-bidwi żagħżugħ għandu jeżerċita kontroll effettiv u fuq żmien twil fuq il-persuna ġuridika fir-rigward ta' deċiżjonijiet relatati mat-tmexxija, mal-benefiċċji u mar-riskji finanzjarji. Fejn diversi persuni fiżiċi, inkluż persuni li ma humiex bdiewa żgħażagħ, għandhom sehem fil-kapital jew fit-tmexxija tal-persuna legali, il-bidwi żagħżugħ għandu jkun kapaċi li jeżerċita tali kontroll effettiv u fuq żmien twil jew waħdu jew b'mod konġunt ma' persuni oħra. Fejn persuna ġuridika hija kkontrollata b'mod uniku jew b'mod konġunt minn persuna ġuridika oħra, dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għal kull persuna fiżika li għandha l-kontroll fuq dik il-persuna ġuridika l-oħra ([31]).

5. L-għajnuna għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' pjan tan-negozju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

6. Għall-bdiewa żgħażagħ, meta l-benefiċjarju ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 4(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-benefiċjarju għandu xorta waħda jkun eliġibbli għal għajnuna għal bdiewa żgħażagħ, dment li l-benefiċjarju jimpenja ruħu li jakkwista dawk il-ħiliet u l-kompetenzi okkupazzjonali fi żmien 36-il xahar mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tagħti l-għajnuna. Dak l-impenn għandu jiġi inkluż fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.

([31]) Fir-rigward tal-kunċett ta' kontroll, il-punt 1 tal-Kapitolu II, tal-Avviż Ġurisdizzjonali Konsolidat tal-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU C 95, 16.4.2008, p. 1) għandu japplika b'analoġija.

7. L-appoġġ għandu jkun fil-forma ta' somom f'daqqa u għandu jkun limitat għal EUR 100 000 għal kull bidwi żagħżugħ jew għal kull bidu fil-biedja jew għal kull unità domestika tal-farm.

*Artikolu 19*

**Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur agrikolu**

1. Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Huma biss il-gruppi jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li ġew uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna.

3. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-għajnuna eżentata skont dan l-Artikolu biex iqisu kwalunkwe bidla fir-regolamenti li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli.

4. Ma għandhiex tingħata għajnuna lil:

(a) organizzazzjonijiet tal-produzzjoni, entitajiet jew korpi bħalma huma kumpaniji jew kooperattivi, li l-objettiv tagħhom huwa l-ġestjoni ta' azjenda agrikola waħda jew aktar u li huma għalhekk effettivament produtturi uniċi;

(b) assoċjazzjonijiet agrikoli, li jwettqu kompiti, bħalma huma appoġġ reċiproku u sostituzzjoni tal-farms u servizzi ta' ġestjoni tal-farms, fl-azjendi tal-membri mingħajr ma jkunu involuti fl-adattament konġunt għall-provvista lis-suq;

(c) gruppi, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' produtturi li l-objettivi tagħhom ma humiex kompatibbli mal-punt (c) tal-Artikolu 152(1), l-Artikolu 152(3), jew l-Artikolu 156 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

5. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostijiet tal-kiri ta' bini xieraq;

(b) l-akkwiżizzjoni ta' tagħmir tal-uffiċċju;

(c) il-kostijiet tal-persunal amministrattiv;

(d) spejjeż ġenerali u tariffi legali u amministrattivi;

(e) l-akkwiżizzjoni ta' hardware tal-kompjuter u t-tariffi għall-akkwiżizzjoni jew l-użu ta' software tal-kompjuter, cloud u soluzzjonijiet simili.

Fejn jinxtara bini, il-kostijiet eliġibbli għal bini għandhom ikunu limitati għal kostijiet ta' kera b'rati tas-suq.

6. L-għajnuna għandha titħallas bħala għajnuna b'rata fissa f'pagamenti akkont annwali għall-ewwel ħames snin mid-data li fiha l-grupp jew l-organizzazzjoni tal-produtturi jkun/tkun ġie(t) rikonoxxut(a) b'mod uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

L-Istati Membri għandhom iħallsu biss l-aħħar pagament parzjali wara li jkunu vverifikaw l-implimentazzjoni korretta tal-miżura.

7. L-għajnuna għandha tkun limitata għal 10 % tal-produzzjoni kummerċjalizzata annwali tal-grupp jew tal-organizzazzjoni tal-produtturi.

8. L-ammont tal-għajnuna għandha tkun limitata għal EUR 100 000 fis-sena. L-għajnuna għandha tkun digressiva.

*Artikolu 20*

**Għajnuna għall-parteċipazzjoni ta' produtturi ta' prodotti agrikoli fl-iskemi ta' kwalità**

1. Il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin lil produtturi ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu:

(a) għajnuna għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi ta' kwalità fejn din tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I;

(b) għajnuna għall-kostijiet għal miżuri obbligatorji ta' kontroll fir-rigward tal-iskemi ta' kwalità imwettqa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali minn jew f'isem l-awtorità kompetenti, meta din tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 4, 6, 7 u 8 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I;

(c) għajnuna għall-kostijiet ta' attivitajiet ta' riċerka dwar is-suq, il-ħolqien u d-disinn tal-prodott u għat-tħejjija ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' skemi ta' kwalità meta din tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 6, 7 u 8 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fir-rigward tal-iskemi ta' kwalità li ġejjin:

(a) l-iskemi ta' kwalità stabbiliti taħt:

(i) it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-inbid;

(ii) ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012;

(iii) ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]);

(iv) ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]);

(v) ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]);

(b) l-iskemi ta' kwalità, inklużi skemi ta' ċertifikazzjoni tal-farms, għal prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala skemi li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

(i) l-ispeċifiċità tal-prodott finali prodott skont tali skemi ta' kwalità għandha tinħoloq minn obbligi ċari li jiggarantixxu waħda minn dawn li ġejjin:

— il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti;

— il-metodi speċifiċi tal-biedja jew tal-produzzjoni;

— il-kwalità tal-prodott finali li teċċedi b'mod sinifikanti l-istandards tal-komoditajiet kummerċjali fir-rigward tas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew il-ħarsien tal-ambjent;

(ii) l-iskema ta' kwalità għandha tkun miftuħa għall-produtturi kollha;

(iii) l-iskema ta' kwalità għandha tinvolvi speċifikazzjonijiet vinkolanti tal-prodott finali u l-konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi vverifikata minn awtoritajiet pubbliċi jew minn korp ta' spezzjoni indipendenti;

(iv) l-iskema ta' kwalità għandha tkun trasparenti u għandha tiggarantixxi traċċabbiltà kompluta ta' prodotti agrikoli;

(c) l-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarja ta' prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([35]).

3. L-għajnuna msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tingħata lil produtturi ta' prodotti agrikoli fil-forma ta' ħlas ta' inċentiv annwali, li l-livell tiegħu għandu jiġi determinat skont il-livell tal-kostijiet fissi li jinħolqu minn parteċipazzjoni fl-iskemi ta' kwalità.

4. L-għajnuna msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tingħata għall-kost ta' kontrolli mwettqa mill-benefiċjarju nnifsu, jew meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li l-kost għall-kontrolli għandu jiġi ssodisfat mill-produtturi tal-prodotti agrikoli u l-gruppi tagħhom, mingħajr ma jiġi speċifikat il-livell reali tal-imposti.

5. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tingħata għal perjodu massimu ta' seba' snin.

6. L-għajnuna għandha tkun aċċessibbli għal dawk l-impriżi kollha eliġibbli fiż-żona kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv.

7. L-għajnuna msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji.

Din għandha titħallas lill-korp responsabbli għall-miżuri ta' kontroll, lill-fornitur tar-riċerka jew lill-fornitur ta' konsulenza.

([32]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

([33]) Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spiritu, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spiritu fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spiritu, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).

([34]) Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

([35]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU C 341, 16.12.2010, p. 5).

8. L-għajnuna msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

*Artikolu 21*

**Għajnuna għall-iskambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni**

1. Għajnuna għall-iskambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għajnuna għandha tkopri taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' kisba ta' ħiliet, inklużi korsijiet ta' taħriġ, workshops, konferenzi u kkowċjar, attivitajiet ta' dimostrazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni tal-innovazzjoni.

Għajnuna tista' tkopri wkoll skambju ta' mmaniġġar tal-farms fuq perjodu qasir u żjarat fil-farms.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġati skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti mad-deskrizzjoni tas-Sistemi tal-Għarfien u l-Innovazzjoni Agrikoli ("AKIS") mogħtija fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Għajnuna għal attivitajiet ta' dimostrazzjoni tista' tkopri kostijiet ta' investiment rilevanti.

3. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostijiet ta' organizzazzjoni ta' taħriġ vokazzjonali, azzjonijiet ta' akkwiżizzjonijiet ta' ħiliet, inklużi korsijiet ta' taħriġ, workshops, konferenzi u kkowċjar, attivitajiet ta' wiri u azzjonijiet ta' informazzjoni;

(b) il-kostijiet għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u per diem tal-parteċipanti;

(c) il-kost tal-provvista ta' servizzi ta' sostituzzjoni matul l-assenza tal-parteċipanti;

(d) fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni b'relazzjoni ma' investimenti:

(i) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-beni immobbli, bix-xir tal-art tkun eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata;

(ii) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(iii) il-kostijiet ġenerali marbuta man-nefqa imsemmija fil-punti (i) u (ii), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji dwar il-fattibbiltà; studji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (i) u (ii) ma tkun iġġarbet;

(iv) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, ta' soluzzjonijiet cloud u ta' soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks.

4. Il-kostijiet imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3 għandhom ikunu eliġibbli biss safejn jiġġarrbu għall-proġett ta' dimostrazzjoni u għad-durata tal-proġett ta' dimostrazzjoni.

Huma biss il-kostijiet tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett ta' dimostrazzjoni, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji kontabilistiċi aċċettati ġeneralment, li għandhom jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli.

5. Għajnuna msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 3 ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji.

Għajnuna għall-kostijiet tal-provvista ta' servizzi ta' sostituzzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3 tista', alternattivament, titħallas direttament lill-fornitur tas-servizzi ta' sostituzzjoni.

6. Korpi li jipprovdu skambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni għandu jkollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari sabiex iwettqu dawn il-kompiti.

Il-provvista ta' attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 tista' titwettaq minn gruppi ta' produtturi jew organizzazzjonijiet oħra, irrispettivament mid-daqs tagħhom.

7. L-għajnuna għandha tkun aċċessibbli għal dawk l-impriżi kollha eliġibbli fiż-żona kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv.

Fejn il-provvista tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 titwettaq minn gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi, is-sħubija fi gruppi jew organizzazzjonijiet bħal dawn ma għandiex tkun kundizzjoni għal aċċess għal dawk l-attivitajiet.

Kwalunkwe kontribuzzjoni ta' dawk li ma humiex membri lejn il-kostijiet amministrattivi tal-grupp jew organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernati għandha tkun limitata għall-kostijiet tal-provvista tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2.

8. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3, l-ammont massimu ta' għajnuna għandu jkun limitat għal EUR 100 000 fuq 3 snin fiskali.

*Artikolu 22*

**Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza**

1. Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkun imfassla sabiex tgħin lill-impriżi attivi fis-settur agrikolu u lill-bdiewa żgħażagħ jibbenefikaw mill-użu ta' servizzi ta' konsulenza.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġati skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti mad-deskrizzjoni tas-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli ("AKIS") mogħtija fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. Il-parir għandu jkun marbut ma' mill-inqas objettiv speċifiku wieħed speċifikat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u għandu jkopri mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-obbligi li jirriżultaw mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]), id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]), ir-Regolament (UE) 2016/2031, ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([38]), l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]) u d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]);

(c) il-prattiki tal-farms li jipprevjenu l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi kif stabbilit fil-Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika" ([41]);

(d) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju;

(e) il-modernizzazzjoni, it-tisħiħ tal-kompettività, l-integrazzjoni settorjali, l-orjentazzjoni tas-suq u l-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni, b'mod partikolari għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP;

(f) it-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

([36]) Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

([37]) Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

([38]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([39]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([40]) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

([41]) "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (RAM)" (COM(2017) 339 final).

(g) il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti, inkluż, mhux aktar tard mill-2024, l-użu ta' Għodda ta' Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti, kif imsemmi fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(h) kundizzjonijiet tal-impjieg u l-obbligi tal-impjegatur kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-appoġġ soċjali fil-komunitajiet agrikoli;

(i) il-produzzjoni sostenibbli tal-għalf, l-evalwazzjoni tal-għalf f'termini tal-kontenut tan-nutrijenti u l-valuri tal-għalf, id-dokumentazzjoni, l-ippjanar u l-kontroll tal-għalf tal-annimali tar-razzett abbażi tal-ħtiġijiet.

4. Il-parir jista' jkopri wkoll kwistjonijiet, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 3, marbuta mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-azjenda agrikola, inklużi aspetti ta' kompetittività. Dan jista' jinkludi pariri għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, il-biedja organika, l-iffrankar tal-enerġija sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli għall-agrikoltura, iż-żieda fil-prestazzjoni tal-bijodiversità jew tal-bijodiversità u l-aspetti tas-saħħa tat-trobbija tal-annimali.

5. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat.

6. Il-korpi magħżula sabiex jipprovdu s-servizz ta' konsulenza għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' persunal imħarreġ b'mod regolari u kkwalifikat u esperjenza fil-konsulenza u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li huma joffru l-konsulenza dwarhom.

Il-provvediment tas-servizzi konsultattivi jista' jitwettaq minn gruppi ta' produtturi jew organizzazzjonijiet oħrajn, ikun xi jkun id-daqs tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz ta' konsulenza jkun imparzjali u ma jkollu l-ebda kunflitt ta' interess.

7. L-għajnuna għandha tkun aċċessibbli għal dawk l-impriżi kollha eliġibbli fiż-żona kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv.

Fejn il-provvista tas-servizzi konsultattivi titwettaq minn gruppi jew minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, is-sħubija fi gruppi jew f'organizzazzjonijiet bħal dawn ma għandiex tkun kundizzjoni għal aċċess għas-servizz.

Kwalunkwe kontribuzzjoni minn dawk li ma humiex membri lejn il-kostijiet amministrattivi tal-grupp jew organizzazzjoni kkonċernata għandha tkun limitata għall-kostijiet tal-provvista tas-servizz ta' konsulenza.

8. L-ammont ta' għajnuna għandu jkun limitat għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli sa EUR 25 000 (ħlief dawk taħt il-paragrafu 4) għal kull perjodu ta' tliet snin, għal parir ipprovdut mill-forrnituri tad-servizzi lil benefiċjarju uniku attiv fil-produzzjoni agrikola primarja

9. L-ammont ta' għajnuna għandu jkun limitat għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli sa EUR 200 000 (ħlief dawk taħt il-paragrafu 4) kull tliet snin, għal parir ipprovdut mill-forrnituri tas-servizzi lil benefiċjarju uniku attiv fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

*Artikolu 23*

**Għajnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni tal-farms**

1. Għajnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni tal-farms għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet reali mġarrba għas-sostituzzjoni ta' bidwi, ta' persuna fiżika li hija membru ta' unità domestika tal-farm, jew ħaddiem tal-farm, matul l-assenza tagħhom mix-xogħol minħabba mard, inkluż mard ta' wliedhom, btajjel, liv tal-maternità u tal-ġenituri, lieva obbligatorja, f'każ ta' mewt jew fil-każ tal-punt(c) tal-Artikolu 21(3).

3. Id-durata totali tas-sostituzzjoni għandha tkun limitata għal tliet xhur kull sena għal kull benefiċjarju, ħlief fil-każ ta' sostituzzjoni għal-liv tal-maternità u tal-ġenituri u s-sostituzzjoni waqt il-lieva obbligatorja. Għal-liv tal-maternità u tal-ġenituri, id-durata tas-sostituzzjoni għandha tkun limitata għal sitt xhur f'kull każ. Għal-lieva obbligatorja, id-durata tas-sostituzzjoni għandha tkun limitata għad-durata tal-perjodu tas-servizz.

4. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat.

Il-provvediment tas-servizzi ta' sostituzzjoni tal-farms jista' jitwettaq minn gruppi jew minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, ikun xi jkun id-daqs tagħhom. F'każijiet bħal dawn, is-sħubija fi gruppi jew f'organizzazzjonijiet ta' dan it-tip ma għandiex tkun kundizzjoni għall-aċċess għas-servizz.

5. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

*Artikolu 24*

**Għajnuna għall-miżuri ta’ promozzjoni favur il-prodotti agrikoli**

1. Għajnuna għall-miżuri ta’ promozzjoni favur prodotti agrikoli għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta’ dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet għal:

(a) l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f’kompetizzjonijiet, f’fieri kummerċjali jew f’esibizzjonijiet;

(b) il-pubblikazzjonijiet immirati għas-sensibilizzazzjoni dwar prodotti agrikoli fost il-pubbliku ġenerali.

3. Il-pubblikazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ma għandhomx jirreferu għal xi impriża, isem tad-ditta jew oriġini partikolari.

Madankollu, l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal referenzi għall-oriġini ta’ prodotti agrikoli koperti minn:

(a) skemi ta’ kwalità kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 20(2) sakemm din ir-referenza tikkorrispondi eżattament għal dak protett mill-Unjoni;

(b) skemi ta’ kwalità kif imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 20(2) sakemm din ir-referenza tkun sekondarja fil-messaġġ.

4. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin għall-organizzazzjoni u għall-parteċipazzjoni f’kompetizzjonijiet, f’fieri kummerċjali jew f’wirjiet:

(a) it-tariffi tal-parteċipazzjoni;

(b) il-kostijiet tal-ivvjaġġar, u l-kostijiet għat-trasport tal-annimali u tal-prodotti li se jkunu koperti mill-azzjoni ta’ promozzjoni;

(c) il-kostijiet ta’ pubblikazzjonijiet u siti web li jħabbru l-avveniment;

(d) il-kera ta’ bini għall-wirjiet u l-istands għalihom u l-kostijiet għall-istallazzjoni u ż-żarmar tagħhom;

(e) il-premjijiet simboliċi sa valur ta’ EUR 3 000 għal kull premju u rebbieħ tal-kompetizzjoni.

5. L-għajnuna għandha tkopri l-kost eliġibbli li ġej għal pubblikazzjonijiet immirati għas-sensibilizzazzjoni dwar prodotti agrikoli fost il-pubbliku ġenerali:

(a) il-kostijiet ta’ pubblikazzjonijiet fuq mezzi stampati u elettroniċi, siti web, u xandiriet fuq il-media elettronika, fuq ir-radju jew it-televiżjoni, immirati sabiex jippreżentaw tagħrif fattwali dwar benefiċjarji minn reġjun partikolari jew sabiex jipproduċu prodott agrikolu partikolari, diment li l-informazzjoni tkun newtrali u l-benefiċjarji kollha kkonċernati jkollhom l-istess opportunità sabiex jiġu rrappreżentati fil-pubblikazzjoni;

(b) il-kostijiet għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku u informazzjoni fattwali dwar:

(i) skemi tal-kwalità kif imsemmi fl-Artikolu 20(2) miftuħa għal prodotti agrikoli minn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi;

(ii) il-prodotti agrikoli ġeneriċi u l-benefiċċji nutrizzjonali tagħhom u l-użu ssuġġerit għalihom.

6. L-għajnuna għandha tingħata f’waħda mill-forom li ġejjin:

(a) in natura;

(b) abbażi tar-rimborż tal-kostijiet reali mġarrba mill-benefiċjarju;

(c) fir-rigward ta’ għajnuna għal premjijiet simboliċi, anke fi flus kontanti.

Meta l-għajnuna tingħata *in natura*, l-għajnuna għandha tieħu l-forma ta’ servizz issussidjat.

Il-provvista ta’ miżuri promozzjonali tista’ titwettaq minn gruppi ta’ produtturi jew minn organizzazzjonijiet oħrajn, ikun xi jkun id-daqs tagħhom.

L-għajnuna għal premji simboliċi kif imsemmi għaliha fil-punt (e) tal-paragrafu 4, għandha titħallas biss lill-fornitur tal-miżuri promozzjonali jekk il-premju jkunu ġie attwalment mogħti u mal-preżentazzjoni ta’ prova tal-għotja.

7. L-għajnuna għall-miżuri ta' promozzjoni għandha tkun aċċessibbli għal dawk l-impriżi kollha eliġibbli fil-qasam ikkonċernat, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv.

Fejn il-provvista tas-servizzi konsultattivi titwettaq minn gruppi jew minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, is-sħubija fi gruppi jew f'organizzazzjonijiet bħal dawn ma għandiex tkun kundizzjoni għal parteċipazzjoni. Kwalunkwe kontribuzzjoni ta' dawk li ma humiex membri lejn it-tariffi amministrattivi tal-grupp jew organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernati għandha tkun limitata għall-kost tal-provvista tal-miżuri promozzjonali.

8. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 25*

**Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali**

1. Għajnuna li tikkumpensa l-ħsara kkawżata minn event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rrikonoxxiet formalment it-tip ta' avveniment bħala event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali;

(b) hemm rabta ta' kawżalità diretta bejn l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali u d-dannu mġarrab mill-impriża.

3. L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jistabbilixxu minn qabel kriterji li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

4. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-imrpiża kkonċernata jew lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża hija membru tagħha.

Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż l-ammont ta' għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

5. L-iskemi ta' għajnuna relatati ma' event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, għandhom jiġu stabbiliti fi żmien tliet snin u l-għajnuna għandha titħallas erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

6. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-event klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali, kif ivvalutati minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti jew minn impriża tal-assigurazzjoni.

7. Il-ħsara mġarrba minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali għandha tiġi kkalkolata fil-livell tal-benefiċjarju individwali. L-għajnuna tista' tkun relatata ma' dan li ġej:

(a) it-telf ta' dħul mill-qerda totali jew parzjali tal-produzzjoni agrikola u l-mezzi ta' produzzjoni hekk kif imsemmi fil-paragrafu 8;

(b) il-ħsara materjali kif imsemmi fil-paragrafu 9.

8. It-telf tal-introjtu għandu jiġi kkalkolat billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jew kull sena ta' wara affettwata mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena;

minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu ta' tliet snin qabel ma jkun seħħ l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu tal-ħames snin qabel ma jkun seħħ l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, eskluża l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

Meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, ir-referenza għall-perjodu ta' tliet snin fil-punt (b) tal-paragrafu 8 għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-kwantità prodotta u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mill-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

It-telf ta' introjtu jista' jiġi kkalkolat jew fil-livell tal-produzzjoni annwali tal-farm jew fil-livell tal-għelejjel tar-raba' jew tal-bhejjem.

It-telf tal-ammont tal-introjtu jista' jiżdied b'kostijiet oħrajn imġarrbin mill-benefiċjarju minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

Dak it-telf tal-ammont tal-introjtu għandu jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

Jistgħu jintużaw indiċijiet sabiex tiġi kkalkolata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju sakemm il-metodu ta' kalkolu użat jippermetti d-determinazzjoni ta' telf reali tal-benefiċjarju f'sena partikolari.

9. Il-ħsara materjali mġarrba minn assi bħalma huma bini tal-farms, tagħmir u makkinarju, stokkijiet u mezzi ta' produzzjoni, ikkawżata mill-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali għandha tiġi kkalkolata abbażi tal-kostijiet tat-tiswija jew tal-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

Ma għandhiex tkun aktar mill-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mid-diżastru, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat għal diżastru naturali.

Meta t-tnaqqis tal-introjtu tal-benefiċjarju msemmi fil-paragrafu 8 jiġi kkalkolat abbażi tal-livell tal-għelejjel jew tal-bhejjem, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biss il-ħsara materjali li hija relatata ma' dawk l-għelejjel jew ma' dawk il-bhejjem.

10. L-għajnuna għandha titnaqqas b'50 % sakemm ma tingħatax lill-benefiċjarji li jkollhom assigurazzjoni li tkopri mill-anqas 50 % tal-produzzjoni annwali medja tagħhom jew tal-introjtu relatat mal-produzzjoni tagħhom u l-aktar riskji klimatiċi statistikament spissi fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat li għalihom hemm ipprovduta kopertura tal-assigurazzjoni.

11. L-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor imħallas sabiex jikkumpensa għat-telf, inklużi pagamenti taħt miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew poloz tal-assigurazzjoni oħrajn, għandhom ikunu limitati għal 80 % tal-kostijiet eliġibbli.

L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied sa 90 % f'żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali.

*Artikolu 26*

**Għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-qerda tal-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti u għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn mard tal-annimali jew minn pesti tal-pjanti**

1. Għajnuna sabiex tkopri l-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-qerda tal-mard tal-annimali jew tal-pesti tal-pjanti u għajnuna li tikkumpensa għal telf ikkawżat minn dak il-mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha titħallas biss b'rabta ma' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti li għalihom jeżistu regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, kemm jekk stabbiliti minn liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva;

(b) għandha tkun parti minn wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

   (i) programm pubbliku fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali għall-prevenzjoni, il-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali jew tal-pesti tal-pjanti kkonċernati;

   (ii) miżuri ta' emerġenza imposti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(iii) miżuri biex jinqered jew jitrażżan pest tal-pjanti implimentati f'konformità mal-Artikolu 18, l-Artikolu 28 (1) u (2) u l-Artikolu 29(1) u (2), 30(1) u 33(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(iv) miżuri għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429.

Il-programm u l-miżuri msemmija fil-punt (b) għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-miżuri kkonċernati ta' prevenzjoni, ta' kontroll jew ta' qerda.

3. Fir-rigward tal-mard tal-annimali, l-għajnuna għandha tingħata fir-rigward tal-mard tal-annimali msemmi fil-lista ta' mard tal-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, fil-lista ta' żoonożi stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]) jew fil-lista ta' mard tal-annimali, infezzjonijiet u infestazzjonijiet tal-Kodiċi Terrestri stabbilit mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali.

4. Għajnuna tista' tingħata wkoll fir-rigward ta' mard emerġenti, li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/429.

5. L-għajnuna ma għandhiex tkun relatata ma' miżuri li l-kost tagħhom, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ li jitħallas mill-benefiċjarju, sakemm il-kost ta' tali miżuri ma jkunx kompletament paċut minn imposti obbligatorji fuq il-benefiċjarji.

6. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li tagħhom dik l-impriża tkun membru.

Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż l-ammont ta' għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

7. L-iskemi ta' għajnuna relatati ma' marda tal-annimali jew pest tal-pjanti għandhom jiġu introdotti fi żmien tliet snin u l-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-ispiża jew tal-ħsara kkawżata mill-marda tal-annimali jew mill-pest tal-pjanti.

8. Fil-każ ta' miżuri rigward mard tal-annimali, pesti tal-pjanti jew speċi aljena invażiva, jiġifieri speċi aljena invażiva li hija sors ta' tħassib għall-Unjoni kif definita fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([43]) u speċi aljena invażiva li hija sors ta' tħassib għall-Istati Membri kif definita fl-Artikolu 3 (4) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, li jkunu għadhom ma seħħewx ("miżuri ta' prevenzjoni"), l-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) verifiki tas-saħħa;

(b) analiżijiet, inklużi dijanjostiċi *in-vitro*;

(c) testijiet u miżuri oħra ta' skrinjar, inklużi testijiet tat-TSE u tal-BSE;

(d) ix-xiri, il-ħażna, id-distribuzzjoni u l-amministrazzjoni ta' tilqim, mediċini, sustanzi għall-kura tal-annimali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali;

(e) it-tbiċċir jew il-qtil ta' annimali jew il-qerda ta' prodotti tal-annimali u pjanti u t-tindif u d-diżinfezzjoni jew diżinfestazzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir;

(f) l-istabbiliment jew titjib ta' miżuri ta' bijosigurtà.

9. Fil-każ ta' miżuri ta' kontroll u ta' qerda, l-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) testijiet u miżuri oħra ta' skrinjar fil-każ ta' mard ta' annimali, inklużi testijiet tat-TSE u tal-BSE;

(b) ix-xiri, il-ħażna, l-amministrazzjoni u t-tqassim ta' tilqim, mediċini, sustanzi għall-kura tal-annimali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali;

(c) it-tbiċċir jew il-qtil u l-qerda ta' annimali u l-qerda ta' prodotti marbuta magħhom, jew il-qerda ta' pjanti, inklużi dawk li jmutu jew li jinqerdu bħala riżultat ta' tilqim jew miżuri oħra ordnati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti;

([42]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

([43]) Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

(d) it-tindif, id-diżinfezzjoni u d-diżinfestazzjoni tal-azjenda u t-tagħmir ibbażati fuq l-epidemjoloġija u l-karatteristiċi tal-patoġenu jew tal-vettur.

10. Fil-każ ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għat-telf ikkawżat minn mard tal-annimali jew minn pesti tal-pjanti, il-kumpens għandu jiġi kkalkolat biss abbażi ta':

(a) il-valur tas-suq tal-annimali maqtula jew imneħħija jew li jkunu mietu jew il-prodotti marbuta magħhom jew il-pjanti meqruda:

(i) bħala riżultat tal-mard tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti;

(ii) bħala parti minn programm pubbliku jew miżura kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(b) it-telf ta' introjtu minħabba obbligi ta' kwarantina, diffikultajiet fl-istokkjar mill-ġdid jew it-tħawwil mill-ġdid u rotazzjoni tal-għelejjel obbligatorja imposti bħala parti minn xi programm pubbliku jew xi miżura msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(c) il-kostijiet tas-sostituzzjoni tat-tagħmir li nqered skont l-ordni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-punt (a), il-valur tas-suq għandu jiġi stabbilit abbażi tal-valur tal-annimali, tal-prodotti u tal-pjanti immedjatament qabel ma jkun hemm suspett jew konferma ta' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti.

11. Il-kumpens ikkalkulat skont il-paragrafu 10 għandu jitnaqqas bi:

(a) kwalunkwe kostijiet mhux imġarrba direttament minħabba l-mard tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti u li kieku xorta kienu jiġġarbu mill-benefiċjarju;

(b) bi kwalunkwe dħul magħmul mill-bejgħ ta' prodotti relatati mal-annimali mbiċċra jew maqtula jew mal-pjanti meqruda għal finijiet preventivi jew ta' eradikazzjoni fuq ordni tal-awtoritajiet kompetenti.

12. L-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali jew mill-pesti tal-pjanti għandha tkun limitata għall-kostijiet u għall-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali u mill-pesti tal-pjanti li għaliha l-awtorità kompetenti tal-Istati Membri għamlet waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tkun irrikonoxxiet formalment tifqigħa, fil-każ ta' marda tal-annimali;

(b) tkun irrikonoxxiet formalment il-preżenza tagħhom, fil-każ ta' pesti tal-pjanti.

13. Għajnuna fir-rigward tal-kostijiet eliġibbli msemmija fil-paragrafi 8 u 9 għandha tingħata *in natura* u għandha titħallas lill-fornitur tal-miżuri ta' prevenzjoni, ta' kontroll u ta' qerda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, għajnuna relatata mal-kostijiet eliġibbli msemmija fid-dispożizzjonijiet li ġejjin tista' tingħata direttament lill-benefiċjarju abbażi tar-rimborż tal-kostijiet reali mġarrba mill-benefiċjarju:

(a) il-paragrafu 8, il-punti (d) u (e) u l-paragrafu 9, il-punt (b), fil-każ ta' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti;

(b) il-punt (e) tal-paragrafu 8, u l-punt (c) tal-paragrafu 9, fil-każ tal-pesti tal-pjanti u għat-tindif u d-diżinfettar tal-azjenda u tat-tagħmir.

14. L-ebda għajnuna individwali ma għandha tingħata fejn jiġi stabbilit li l-mard tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti kienu kkawżati intenzjonalment jew minħabba n-negliġenza tal-benefiċjarju.

15. L-għajnuna u kull pagament ieħor riċevut mill-benefiċjarju, inklużi pagamenti skont miżuri oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew mill-poloz tal-assigurazzjoni jew fondi mutwi għall-istess kostijiet eliġibbli kif imsemmi fil-paragrafi 8, 9 u 10 għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 27*

**Għajnuna lis-settur tal-bhejjem u għajnuna għal bhejjem mejta**

1. L-għajnuna li ġejja għal bdiewa li jrabbu l-bhejjem għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet għal:

(a) il-kostijiet amministrattivi sabiex jinħolqu u jinżammu l-kotba tal-merħla;

(b) it-testijiet imwettqa minn jew f'isem partijiet terzi, sabiex tiġi stabbilita l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni ta' kontrolli mwettqa mis-sid tal-bhejjem u ta' kontrolli ta' rutina tal-kwalità tal-ħalib;

(c) it-tneħħija ta' bhejjem mejta;

(d) il-qerda tal-bhejjem mejta;

(e) it-tneħħija u l-qerda ta' stokk mitluf meta l-għajnuna tkun iffinanzjata permezz ta' tariffi jew kontribuzzjonijiet obbligatorji destinati għall-finanzjament tat-tneħħija u l-qerda tat-tali stokk mitluf, dment li t-tali tariffi jew kontribuzzjonijiet ikunu limitati għas-settur tal-laħam u imposti direttament fuqu;

(f) il-kostijiet għat-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta fejn hemm obbligu ta' twettiq ta' testijiet għat-TSE fuq il-bhejjem mejta kkonċernati jew fil-każ ta' tfaqqigħa ta' marda tal-annimali msemmija fl-Artikolu 26(3).

3. L-għajnuna msemmija fil-punti (c), (d), (e) u (f) tal-paragrafu 2 għandha tkun kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' programm konsistenti ta' monitoraġġ li jiżgura r-rimi sikur tal-bhejjem mejta kollha fl-Istat Membru.

L-għajnuna għall-kostijiet tal-primjums imħallsa mill-bdiewa għal assigurazzjoni li tkopri l-kostijiet tat-tneħħija u tal-qerda ta' bhejjem mejta msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28(2).

4. L-għajnuna għandha tingħata *in natura* u ma għandiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tal-għajnuna msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (c), (d), (e) u (f) l-għajnuna tista' titħallas lil operaturi ekonomiċi jew korpi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu attivi downstream mill-impriżi attivi fis-settur tal-bhejjem;

(b) dawn jipprovdu servizzi marbuta mat-tneħħija u mal-qerda ta' bhejjem mejta.

5. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal:

(a) 70 % tal-kostijiet tat-testijiet kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(b) 75 % tal-kostijiet marbuta mal-qerda msemmija fil-paragrafu 2;

(c) 100 % tal-kostijiet relatati mal-kostijiet amministrattivi, mat-tneħħija, mal-qerda u mal-primjums tal-assigurazzjoni marbuta mat-tneħħija kif imsemmi fil-punti (a), (d), (e) u (f) tal-paragrafu 2.

*Artikolu 28*

**Għajnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni u għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi**

1. Għajnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni u għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni ma għandhiex:

(a) tikkostitwixxi ostaklu għat-tħaddim tas-suq intern għas-servizzi tal-assigurazzjoni;

(b) tkun limitata għall-assigurazzjoni pprovduta minn kumpanija tal-assigurazzjoni unika jew grupp ta' kumpaniji;

(c) tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-kuntratt tal-assigurazzjoni jsir ma' kumpanija stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.

3. L-assigurazzjoni għandha tkun maħsuba sabiex tkopri telf ikkawżat minn:

(a) diżastri naturali;

(b) event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali u eventi klimatiċi avversi oħrajn;

(c) mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti jew annimali protetti;

(d) jikkumpensaw għall-primjums tal-assigurazzjoni għall-assigurazzjoni li tkopri l-kostijiet tat-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta.

4. L-assigurazzjoni għandha:

(a) tikkumpensa biss il-kost biex tagħmel tajjeb għat-telf imsemmi fil-paragrafu 3;

(b) ma teħtieġx jew tispeċifikax it-tip jew il-kwantità ta' produzzjoni agrikola futura.

5. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjum tal-assigurazzjoni li huwa eliġibbli għall-għajnuna billi japplikaw limiti massimi xierqa.

6. Il-fond mutwu kkonċernat għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) ikun akkreditat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(b) ikollu politika trasparenti dwar il-pagamenti fil-fond u l-ġbid minnu;

(c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn imġarrab.

7. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti bħala kumpens, kif ukoll għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti tal-fondi jipprevedu penali f'każ ta' negliġenza min-naħa tal-benefiċjarju.

8. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 70 % tal-kostijiet tal-primjum tal-assigurazzjoni jew tal-kontribuzzjoni finanzjarja għal fond mutwu.

*Artikolu 29*

**Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti**

1. L-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi rabta kawżali diretta, skont il-paragrafu 5, bejn il-ħsara mġarrba u l-imġiba tal-annimal protett.

3. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li tagħhom dik l-impriża tkun membru. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż l-ammont ta' għajnuna li għalih tkun eliġibbli dik l-impriża.

4. L-iskema ta' għajnuna għandha tiġi stabbilita fi żmien tliet snin u l-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-avveniment dannuż.

5. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet imġarrba bħala konsegwenza diretta tal-avveniment li kkawża l-ħsara kif ivvalutat minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni.

Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu dan li ġej:

(a) annimali maqtula jew pjanti meqruda: il-kostijiet eliġibbli huma bbażati fuq il-valur tas-suq tal-annimal maqtul jew tal-pjanti meqruda mill-annimali protetti;

(b) il-kostijiet indiretti: il-kostijiet veterinarji li jirriżultaw mit-trattament ta' annimali midruba u l-kostijiet tax-xogħol relatati mat-tfittxija għal annimali neqsin, it-telf tal-introjtu minħabba rendiment tal-produzzjoni aktar baxx marbut ma' attakki minn annimali protetti;

(c) il-ħsara materjali għall-assi li ġejjin: it-tagħmir tal-farm, il-makkinarju, il-binjiet tal-farm u l-istokkijiet; il-kalkolu tal-ħsara materjali għandu jkun ibbażat fuq il-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel l-avveniment li kkawża l-ħsara; dan ma għandux jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-avveniment li kkawża d-danni, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà eżatt qabel u eżatt wara l-event.

6. Il-ħsara għandha tiġi kkalkolata fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

Dak l-ammont għandu jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-avveniment li jikkawża l-ħsara, li kieku xorta waħda kien jiġġarrab mill-benefiċjarju.

7. Għandu jintalab sforz minimu mill-benefiċjarji mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex itaffu r-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u biex jipprovdu inċentiv biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju. Dan l-isforz għandu jieħu l-forma ta' miżuri ta' prevenzjoni, bħal sisien tas-sikurezza fejn possibbli, jew klieb li jżommu għassa tal-bhejjem, li huma proporzjonati għar-riskju ta' ħsara kkawżata minn annimali protetti fiż-żona kkonċernata, sakemm tali miżuri ma jkunux raġonevolment possibbli. Dan il-paragrafu m'għandux japplika għall-ewwel attakk ta' annimal protett f'żona partikolari.

8. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

9. L-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, inklużi pagamenti taħt miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni oħrajn għall-ħsara li għaliha tingħata għajnuna, għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 30*

**Għajnuna għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura**

1. L-għajnuna għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, marbuta mal-impenji agroambjentali klimatiċi għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "konservazzjoni *in situ*" tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku fl-ekosistemi u l-ambjenti naturali u ż-żamma u l-irkupru ta' popolazzjoni vijabbli ta' speċi jew razez selvaġġi fl-ambjent naturali tagħhom tal-madwar u, fil-każ ta' razez ta' annimali domestiċi jew speċi ta' pjanti kkultivati, fl-ambjent tar-razzett fejn huma żviluppaw il-proprjetajiet distintivi tagħhom;

(b) "konservazzjoni *in situ*/fil-farm" tfisser konservazzjoni in situ u żvilupp fuq livell tal-farm;

(c) "konservazzjoni *ex situ*" tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku għall-agrikoltura barra l-ambjent naturali tagħhom;

(d) "ġabra *ex situ*" tfisser ġabra ta' materjal ġenetiku għall-agrikoltura miżmuma barra l-ambjent naturali tagħhom.

3. L-impenji biex jitrabbew razez lokali fil-periklu li jintilfu għall-biedja jew biex jiġu ppreservati r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti taħt theddida ta' erożjoni ġenetika għandhom jinkludu waħda minn dawn li ġejjin:

(a) li jitrabbew annimali tar-razzett ta' razez lokali fil-periklu;

(b) li jinżammu r-riżorsi ġenetiċi adattati naturalment għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda mill-erożjoni ġenetika.

4. Ir-razez lokali għandhom jitqiesu bħala razez f'periklu jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (24) tar-Regolament (UE) 2016/1012 u jekk dawk il-kundizzjonijiet huma stabbiliti u inklużi wkoll fl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament.

5. L-ispeċi ta' annimali tar-razzett li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ: baqar; nagħaġ; mogħoż; żwiemel; ħnieżer; għasafar; fniek u naħal.

6. Ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għandhom jitqiesu bħala mhedda ta' erożjoni ġenetika bil-kundizzjoni li tiġi deskritta u inkluża fl-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 9(1), il-punt (b), evidenza suffiċjenti ta' erożjoni ġenetika, ibbażata fuq riżultati xjentifiċi jew indikaturi għat-tnaqqis ta' razez lokali jew varjetajiet lokali primittivi, id-diversità tal-popolazzjoni tagħhom u, fejn rilevanti, għal modifiki fil-prattiki agrikoli prevalenti fil-livell lokali.

7. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet għall-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-azzjonijiet immirati: l-azzjonijiet li jippromwovu l-konservazzjoni *in situ u ex situ*, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija, inklużi inventarji bbażati fuq siti web ta' riżorsi ġenetiċi li bħalissa huma kkonservati *in situ*, u ta' ġabriet u bażijiet ta' *data ex situ*;

(b) l-azzjonijiet miftiehma: azzjonijiet li jippromwovu l-iskambju ta' tagħrif għall-konservazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura tal-Unjoni, fost organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri;

(c) l-azzjonijiet ta' akkumpanjament: l-azzjonijiet ta' informazzjoni, disseminazzjoni u konsulenza li jinvolvu organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, korsijiet ta' taħriġ u l-preparazzjoni ta' rapporti tekniċi.

8. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 31*

**Għajnuna għal impenji tat-trattament xieraq tal-annimali**

1. Għajnuna għall-impenji tal-benessri tal-annimali għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tingħata lil impriżi li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenn wieħed jew aktar dwar it-trattament xieraq tal-annimali msemmija fil-paragrafu 7.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għajnuna biss għal impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti mit-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115 u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.

4. Għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata biss għal impenji li huma differenti minn impenji li fir-rigward tagħhom jingħataw pagamenti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

5. L-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji kollha msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu identifikati u deskritti fil-bażi ġuridika nazzjonali.

6. Fejn il-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, jista' jingħata appoġġ għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.

7. L-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali eliġibbli biex jirċievu għajnuna għandhom jipprovdu standards imtejba tal-metodi ta' produzzjoni f'wieħed mill-oqsma li ġejjin:

(a) l-ilma, l-għalf u l-kura tal-annimali f'konformità mal-ħtiġijiet naturali tal-annimali;

(b) il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni li jtejbu l-kumdità tal-annimali u l-libertà ta' moviment tagħhom, bħal żieda fil-konċessjonijiet ta' spazju, superfiċi tal-art, dawl naturali, kontroll tal-mikroklima, kif ukoll kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni bħall-ħlas fil-miftuħ jew l-akkomodazzjoni fi gruppi, skont il-ħtiġijiet naturali tal-annimali;

(c) il-kundizzjonijiet li jippermettu espressjoni ta' mġiba naturali, bħall-arrikkiment tal-ambjent tal-għajxien jew il-ftim tard;

(d) aċċess u ragħa fil-beraħ;

(e) prattiki li jżidu r-robustezza u t-tul tal-ħajja tal-annimali, inklużi razez li jikbru aktar bil-mod;

(f) prattiki li jevitaw il-mutilazzjoni jew il-kastrazzjoni tal-annimali. F'każijiet speċifiċi meta l-mutilazzjoni jew il-kastrazzjoni tal-annimali titqies meħtieġa, iridu jintużaw anestetiċi, analġeżija u medikazzjoni antiinfjammatorja jew immunokastrazzjoni;

(g) miżuri sanitarji, li jipprevjenu l-mard mhux trażmissibbli, li ma jeħtiġux l-użu ta' sustanzi mediċi bħal vaċċini, insettiċidi jew mediċini kontra l-parassiti.

8. L-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn sena u seba' snin. Meta jkun hemm bżonn li jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji tat-trattament xieraq tal-annimali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji, anki billi jipprovdu għall-estensjoni annwali tagħhom wara tmiem il-perjodu inizjali.

9. It-tiġdid ta' kuntratti ta' impenji jista' jkun awtomatiku wkoll, jekk id-dettalji tiegħu jkunu deskritti fil-kuntratt. Il-mekkaniżmu ta' tiġdid tal-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali stipulat aktar 'il fuq għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri skont ir-regoli nazzjonali rilevanti. Tali mekkaniżmu għandu jiġi deskritt fil-bażi ġuridika nazzjonali. It-tiġdid għandu dejjem ikun soġġett għar-rispett tal-kondizzjonijiet skont dan l-Artikolu.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi li jwettqu operazzjonijiet skont dan l-Artikolu jkollhom aċċess għall-għarfien u għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jimplimentaw tali operazzjonijiet, u li jkun hemm disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert sabiex jgħin lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jibdlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom.

11. Għal impenji meħuda skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jipprovdi klawżola ta' reviżjoni sabiex jiżgura l-aġġustament tagħhom fil-każ ta' emendi tar-rekwiżiti u l-istandards mandatorji rilevanti msemmija fil-paragrafi 3 u 7.

12. Għajnuna għandha tingħata kull sena sabiex tikkumpensa għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-impenji dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

13. L-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 12 u ma għandhiex taqbeż EUR 500 għal kull unità ta' bhejjem.

*Artikolu 32*

**Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur agrikolu**

1. Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur agrikolu għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għajnuna għandha tingħata biss biex tippromwovi l-kooperazzjoni, li tikkontribwixxi għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

3. Il-forom ta' kooperazzjoni koperti minn dan l-Artikolu għandhom jinvolvu mill-inqas żewġ atturi irrispettivament minn jekk humiex attivi fis-settur agrikolu, iżda soġġetti għall-kooperazzjoni li tibbenefika prinċipalment lis-settur agrikolu.

4. Il-forom li ġejjin ta' koperazzjoni għandhom ikunu eliġibbli:

(a) kooperazzjoni fost impriżi differenti fis-settur agrikolu, fil-katina alimentari u atturi oħra attivi fis-settur agrikolu, inklużi gruppi ta' produtturi, kooperattivi u organizzazzjonijiet interprofessjonali, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi u l-prijoritajiet tal-politika ta' żvilupp rurali;

(b) il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks;

(c) is-suċċessjoni tal-farms, b'mod partikolari għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-livell tal-farms (l-għajnuna għandha tkun limitata għal bdiewa li jkollhom, jew li sa tmiem l-operazzjoni se jkunu laħqu l-età tal-irtirar, iddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu).

5. Għajnuna ma għandhiex tingħata għal kooperazzjoni li tinvolvi biss korpi ta' riċerka.

6. Għajnuna tista' tingħata għall-kooperazzjoni relatata mal-attivitajiet li ġejjin:

(a) proġetti pilota;

(b) l-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-setturi agrikolu u alimentari, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti agrikoli;

(c) kooperazzjoni bejn operaturi żgħar fis-settur agrikolu fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi;

(d) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista sabiex jinħolqu u jiġu żviluppati ktajjen qosra tal-provvista u swieq lokali;

(e) attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali marbuta mal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(f) azzjoni kollettiva mwettqa bil-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew adattament għalih;

(g) approċċi konġunti għal proġetti ambjentali u prattiki ambjentali attwali inkluż il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma, l-użu tal-enerġija rinnovabbli ([44]) u l-preżervazzjoni tal-pajsaġġi agrikoli;

(h) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista fil-forniment sostenibbli ta' bijomassa għall-użu fil-produzzjoni tal-ikel jekk ir-riżultat ikun prodott agrikolu u produzzjoni tal-enerġija għall-konsum proprju;

(i) l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati għajr dawk imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

7. L-għajnuna għandha tingħata biss għal forom ġodda ta' kooperazzjoni, inklużi dawk eżistenti jekk tinbeda attività ġdida.

8. Għajnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, kif imsemmi fil-paragrafu 6, il-punti (d) u (e), għandha tkopri biss ktajjen tal-provvista li jinvolvu mhux aktar minn intermedjarju wieħed bejn il-bidwi u l-konsumatur.

([44]) Dan japplika wkoll għall-kooperazzjoni relatata mal-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew il-produzzjoni ta' bijokarburanti f'azjendi, dment li jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14.

9. Għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tikkonforma mal-Artikoli 206 sa 210a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

10. Operazzjonijiet li jikkonsistu f'investimenti għandhom jikkonformaw mar-regoli u r-rekwiżiti, kif speċifikati fl-Artikolu applikabbli dwar l-għajnuna għall-investiment ta' dan ir-Regolament, kif ukoll mal-Artikolu 4 dwar il-limiti ta' notifika.

11. Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli, sa fejn jikkonċernaw attivitajiet agrikoli:

(a) il-kostijiet tal-appoġġ preparatorju, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-networking għall-għanijiet ta' tħejjija u implimentazzjoni ta' proġett ta' kooperazzjoni;

(b) il-kostijiet għal studji dwar iż-żona kkonċernata, u għal studji tal-fattibbiltà, u għat-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strateġija tal-iżvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(c) il-kostijiet operazzjonali tal-kooperazzjoni;

(d) il-kostijiet tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati, inklużi l-kostijiet marbuta mal-animazzjoni;

(e) il-kostijiet għall-attivitajiet ta' promozzjoni.

12. Għajnuna għandha tkun limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin.

13. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

14. Fil-każ ta' operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 11, punt (d) li jikkonsistu f'investimenti, l-għajnuna għandha tkun limitata għall-intensità massima tal-għajnuna għall-investiment, kif speċifikat fit-Taqsima rilevanti dwar l-għajnuna għall-investiment.

## Taqsima 2

## **Għajnuna għall-ħarsien ambjentali fl-agrikultura**

### *Artikolu 33*

### **Għajnuna għall-iżvantaġġi relatati maż-żoni ta' Natura 2000**

1. Għajnuna għall-iżvantaġġi relatati maż-żoni agrikoli ta' Natura 2000 għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta'dan ir-Regolament.

2. Għajnuna għandha tingħata kull sena u għal kull ettaru ta' art agrikola sabiex jiġu kkumpensati l-benefiċjarji għall-kostijiet addizzjonali u għall-introjtu mitluf, li jirriżultaw minn żvantaġġi fiż-żoni agrikoli affettwati direttament mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u tad-Direttiva 2009/147/KE.

3. Għajnuna għandha tingħata biss b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin rilevanti ("KAAT") stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

4. L-għajnuna għandha titħallas biss fir-rigward taż-żoni agrikoli li ġejjin:

(a) żoni agrikoli Natura 2000;

(b) żoni oħrajn delimitati ta' ħarsien tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE; dawn iż-żoni ma għandhomx jaqbżu l-5 % taż-żoni ddeżinjati ta' Natura 2000 koperti mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Pjan Strateġiku rilevanti tal-PAK.

5. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u ma għandhiex taqbeż EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu inizjali ta' massimu ta' ħames snin u EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm' il quddiem.

*Artikolu 34*

**L-għajnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi**

1. Għajnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna tista' tingħata lill-impriżi u l-gruppi kollha ta' tali impriżi li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'wieħed jew aktar mill-impenji msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li jippreservaw u jippromwovu l-bidliet meħtieġa fil-prattiki agrikoli li jagħtu kontribut pożittiv għall-ambjent u l-klima.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għajnuna biss għal impenji li jmorru lil hinn minn:

(a) ir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) ir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju rilevanti stabbilit mill-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni;

(c) il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

4. L-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji kollha msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu identifikati u deskritti fil-bażi ġuridika nazzjonali.

5. Għall-impenji msemmija fil-paragrafu 3, punt (b), fejn il-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, l-għajnuna tista' tingħata għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi li jirċievu l-għajnuna skont dan l-Artikolu jkollhom aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, u li jsir disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert sabiex jgħinu lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jbiddlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom.

7. L-impenji skont dan l-Artikolu għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn ħames u seba' snin. Madankollu, meta jkun hemm bżonn li jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mfittxija, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji, anki billi jipprovdu għall-estensjoni annwali tagħhom wara tmiem il-perjodu inizjali. Għal impenji għall-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp ta' riżorsi ġenetiċi, għal impenji ġodda li jsegwu direttament l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali jew f'każijiet oħrajn debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar ta' mill-anqas sena.

8. Għajnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi lil benefiċjarji għajr impriżi attivi fis-settur agrikolu tista' tingħata skont it-Taqsima 7.

9. Impenji għall-estensifikazzjoni tat-trobbija tal-bhejjem għandhom jikkonformaw mill-inqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-mergħa kollha tal-azjenda għandha titmexxa u tinżamm biex jiġi evitat ragħa mhux biżżejjed jew eċċessiv;

(b) id-densità tal-bhejjem għandha tiġi ddefinita filwaqt li jitqiesu l-bhejjem kollha li jirgħu miżmuma fil-farm jew, fil-każ ta' impenn għal limiti tal-lissija ta' nutrijenti, l-annimali kollha miżmuma fil-farm li huma rilevanti għall-impenn inkwistjoni.

10. Għajnuna tista' tkopri skemi kollettivi u skemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, bħal skemi ta' sekwestru tal-karbonju, sabiex il-benefiċjarji jitħeġġu jsaħħu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar jew b'mod li jista' jitkejjel. L-iskemi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bbażati fuq ir-riżultati għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mal-kriterji tal-kwalità rigward il-kwantifikazzjoni, l-addizzjonalità, il-ħżin fit-tul u s-sostenibbiltà, filwaqt li titqies ukoll il-Komunikazzjoni dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli ([45]) fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju.

11. Għal impenji meħuda skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jipprovdi klawżola ta' reviżjoni sabiex jiżgura l-aġġustament tagħhom fil-każ ta' emendi tar-rekwiżiti, l-istandards u l-kundizzjonijiet mandatorji rilevanti msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 9.

12. L-għajnuna għandha tingħata kull sena sabiex tikkumpensa għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom u d-dħul mitluf, li jirriżultaw mill-impenji agroambjentali klimatiċi.

([45]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli (COM (2021) 800 final).

13. L-ebda għajnuna taħt dan l-Artikolu ma għandha tingħata għal impenji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35.

14. L-għajnuna għandha titħallas għal kull ettaru.

15. L-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli u ma għandhiex taqbeż EUR 600 għal kull ettaru fis-sena għal għelejjel annwali, EUR 900 għal kull ettaru fis-sena għal għelejjel perenni speċjalizzati u EUR 450 għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art.

*Artikolu 35*

**Għajnuna għal agrikoltura organika**

1. Għajnuna għal agrikultura organika għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna tista' tingħata lill-impriżi jew lill-gruppi ta' impriżi kollha li jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju li jikkonvertu jew li jżommu prattiki u metodi tal-agrikoltura organika kif inhu definit fir-Regolament (UE) 2018/848.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għajnuna biss għal impenji li jmorru lil hinn minn:

(a) ir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) ir-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll kull rekwiżit obbligatorju ieħor stabbilit mil-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni;

(c) il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

4. Tali standards u rekwiżiti mandatorji għandhom jiġu identifikati u deskritt fil-bażi ġuridika nazzjonali.

5. Għall-impenji msemmija fil-paragrafu 3, punt (b), fejn il-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, l-għajnuna tista' tingħata għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.

6. L-impenji msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jitwettqu fuq perjodu inizjali ta' ħames sa seba' snin. Sabiex jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji ambjentali mfittxija, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu itwal, inkluż billi jipprovdu għall-estensjoni annwali tagħhom wara tmiem il-perjodu inizjali. Meta tingħata għajnuna għall-konverżjoni għall-biedja organika, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar ta' mill-anqas sena. Fir-rigward ta' impenji ġodda li jikkonċernaw iż-żamma direttament wara l-impenn imlesti fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar ta' mill-anqas sena.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi li jwettqu operazzjonijiet skont dan l-Artikolu jkollhom aċċess għall-għarfien u għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jimplimentaw tali operazzjonijiet, u li jkun hemm disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert sabiex jgħin lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jibdlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom.

8. Għal impenji meħuda skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jipprovdi klawżola ta' reviżjoni sabiex jiżgura l-aġġustament tagħhom fil-każ ta' emendi tar-rekwiżiti, l-istandards u l-kundizzjonijiet mandatorji rilevanti msemmija fil-paragrafu 3.

9. L-għajnuna għandha tingħata kull sena sabiex tikkumpensa għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-impenji. L-għajnuna skont dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata għal impenji koperti mill-Artikolu 34, jew għal kostijiet koperti mill-Artikolu 20.

10. Għajnuna għall-investiment fil-produzzjoni primarja u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti organiċi għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14 u 17.

11. L-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli u ma għandhiex taqbeż EUR 600 għal kull ettaru fis-sena għal għelejjel annwali, EUR 900 għal kull ettaru fis-sena għal għelejjel perenni speċjalizzati u EUR 450 għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art.

Taqsima 3

## Għajnuna għal investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali

*Artikolu 36*

### Għajnuna għal investimenti favur il-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali li jkun jinsab fl-azjendi agrikoli jew fil-foresti

1. Għajnuna għal investimenti mmirati lejn il-konservazzjoni ta' patrimonju kulturali u naturali lokalizzat fuq l-azjendi agrikoli jew fil-foresti għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), punt (c), tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta din tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna tista' tingħata għal investimenti bl-għan tal-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali lokalizzat fuq l-azjendi agrikoli jew fil-foresti.

3. L-għajnuna għandha tingħata għall-konservazzjoni ta' patrimonju kulturali u naturali fil-forma ta' pajsaġġi naturali u bini, li huwa formalment rikonoxxut bħala patrimonju kulturali jew naturali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

4. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin intenzjonati għall-konservazzjoni ta' patrimonju kulturali u naturali:

(a) il-kostijiet ta' investiment f'assi tanġibbli;

(b) ix-xogħlijiet kapitalizzati.

5. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

6. Għajnuna għax-xogħlijiet kapitalizzati għandha tkun limitata għal EUR 10 000 kull sena.

Taqsima 4

## Għajnuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali fis-settur tal-agrikoltura

*Artikolu 37*

### Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali fis-settur tal-agrikoltura

1. L-iskemi tal-għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(2), punt (b) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta dawn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha titħallas biss meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun irrikonoxxiet formalment in-natura tal-avveniment bħala diżastru naturali;

(b) meta jkun hemm rabta kawżali diretta bejn id-diżastru naturali u l-ħsara mġarrba mill-impriża.

3. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża hija membru tagħha.

Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż l-ammont ta' għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

4. Skemi ta' għajnuna relatati ma' diżastru naturali għandhom jiġu stabbiliti fi żmien tliet snin u l-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tad-diżastru naturali.

5. Il-kostijiet eliġibbli għandha tkun il-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali, kif stmat minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti jew minn impriża tal-assigurazzjoni.

6. Il-ħsara mġarrba minħabba d-diżastru naturali għandha tiġi kkalkolata fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

7. L-għajnuna tista' tkun relatata ma' dan li ġej:

(a) it-telf ta' introjtu li jirriżulta mill-qerda totali jew parzjali tal-produzzjoni agrikola u tal-mezzi ta' produzzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 8;

(b) il-ħsara materjali kif imsemmija fil-paragrafu 9.

8. It-telf tal-introjtu għandu jiġi kkalkolat billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tad-diżastru naturali, jew kull sena sussegwenti milquta mill-qerda totali jew parzjali tal-mezzi tal-produzzjoni, skont il-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena,

minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti għad-diżastru naturali jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu tal-ħames snin preċedenti għad-diżastru naturali, bl-esklużjoni tal-ogħla u tal-anqas entrata bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

Meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn tliet snin mid-data tal-okkorrenza tad-diżastru naturali, ir-referenza għall-perjodu ta' tliet snin fil-punt (b) tal-paragrafu 8 għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-kwantità prodotta u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mid-diżastru naturali.

It-telf ta' introjtu jista' jiġi kkalkolat jew fil-livell tal-produzzjoni annwali tal-farm jew fil-livell tal-għelejjel tar-raba' jew tal-bhejjem.

Dak l-ammont jista' jiżdied b'kostijiet oħra mġarrba mill-benefiċjarju direttament relatati mad-diżastru naturali.

Dak l-ammont għandu jitnaqqas bi kwalunkwe kost li ma jkunx iġġarrab minħabba d-diżastru naturali.

Jistgħu jintużaw indiċijiet sabiex tiġi kkalkolata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju diment li l-metodu ta' kalkolu użat jippermetti d-determinazzjoni ta' telf attwali tal-benefiċjarju f'sena partikolari.

9. Il-ħsara materjali lil assi bħall-bini tal-farms, it-tagħmir u l-makkinarju, l-istokkijiet u l-mezzi ta' produzzjoni kkawżati mid-diżastru naturali għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-kost tat-tiswija jew tal-valur ekonomiku tal-assi affettwat immedjatament qabel id-diżastru.

Dan l-ammont ma għandux jaqbeż il-kost għat-tiswijiet jew għat-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mid-diżastru, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà eżatt qabel id-diżastru u eżatt warajh.

10. L-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għat-telf, inklużi pagamenti taħt poloz tal-assigurazzjoni għandhom jiġu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Taqsima 5

## Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

*Artikolu 38*

### Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija

1. Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp fis-settur u fis-subsetturi tal-agrikoltura u tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta din tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-proġett megħjun għandu jkun ta' interess ġenerali għall-impriżi kollha attivi fis-settur jew is-sottosettur ikkonċernat kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Qabel id-data tal-bidu tal-proġett megħjun, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku fil-livell nazzjonali jew reġjonali:

(a) li l-proġett megħjun irid jitwettaq;

(b) l-għanijiet tal-proġett megħjun;

(c) data approssimattiva għall-pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun;

(d) il-post ta' pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun fuq l-Internet;

(e) li r-riżultati tal-proġett megħjun ikunu disponibbli bla ħlas għall-impriżi kollha attivi fis-setturi jew is-subsetturi kkonċernati.

4. Ir-riżultati tal-proġett megħjun għandhom ikunu disponibbli fuq sit web aċċessibbli pubblikament mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun jew id-data li fiha kull informazzjoni dwar dawn ir-riżultati tingħata lill-membri ta' xi organizzazzjoni partikolari, liema minnhom tiġi l-ewwel. Ir-riżultati għandhom jibqgħu disponibbli fuq l-Internet għal perjodu ta' mill-anqas ħames snin mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun.

5. Għandha tingħata għajnuna direttament lill-organizzazzjoni tar-riċerka u/jew tat-tixrid tal-għarfien.

6. L-għajnuna ma għandiex tinvolvi pagamenti lil impriżi attivi fis-settur agrikolu jew forestali abbażi tal-prezz ta’ prodotti agrikoli jew forestali.

7. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) kostijiet tal-persunal relatati mar-riċerkaturi, mat-teknixins u ma’ persunal ieħor ta’ appoġġ diment li dawn ikunu impjegati fuq il-proġett;

(b) il-kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir diment li jkunu użati fil-proġett u għall-perjodu li jintużaw fih; fejn tali strumenti u tagħmir ma jintużawx tul ħajjithom kollha fil-proġett, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta’ deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta’ prinċipji ta’ kontabbiltà aċċettati b’mod ġenerali;

(c) il-kostijiet tal-bini u tal-art, sal-punt u għall-perjodu tad-durata użati għall-proġett u taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) fir-rigward tal-bini, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss dawk il-kostijiet tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta’ prinċipji ta’ kontabbiltà aċċettati b’mod ġenerali;

(ii) fir-rigward tal-artijiet, huma eliġibbli l-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;

(d) il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b’kundizzjonijiet distakkati, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenzi u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett;

(e) spejjeż ġenerali addizzjonali u spejjeż operazzjonali oħrajn, li jinkludu kostijiet ta’ materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett.

8. Meta organizzazzjoni tar-riċerka u/jew tat-tixrid tal-għarfien twettaq ukoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, il-kostijiet u d-dħul ta’ dawk l-attivitajiet ekonomiċi għandhom ikunu kontabilizzati b’mod separat.

9. L-impriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq organizzazzjoni tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, fil-kapaċità tagħhom, pereżempju bħala azzjonisti jew membri, ma għandhom igawdu l-ebda aċċess preferenzjali għall-kapaċitajiet ta’ riċerka tagħha jew għar-riżultati ġġenerati minnha.

10. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 39*

**Għajnuna għall-kostijiet imġarrba minn impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP**

1. Għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP koperti mill-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta’ dan ir-Regolament.

2. Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP:

(a) il-kostijiet tal-appoġġ preparatorju, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-networking għall-għanijiet ta’ tħejjija u implimentazzjoni ta’ proġett tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP;

(b) l-implimentazzjoni ta’ operazzjonijiet approvati;

(c) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta’ kooperazzjoni tal-grupp;

(d) kostijiet operazzjonali marbuta mal-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-proġett tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP;

(e) animazzjoni tal-komunità tal-EIP sabiex tiffaċilita l-iskambju bejn il-partijiet ikkonċernati biex jipprovdu informazzjoni u jippromwovu l-proġetti, u biex jappoġġaw benefiċjarji potenzjali bil-għan li jiżviluppaw operazzjonijiet u jħejju applikazzjonijiet.

3. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż ir-rati massimi ta’ appoġġ previsti għal kull tip ta’ operazzjoni fir-Regolament (UE) 2021/2115.

*Artikolu 40*

**Ammonti limitati ta' għajnuna lill-intrapriżi li jibbenefikaw minn proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP**

1. Għajnuna lil impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP, jew li jibbenefikaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 39(1) ta' dan ir-Regolament, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-ammont totali ta' għajnuna mogħtija għal kull proġett tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP ma għandux jaqbeż il-EUR 500 000.

Taqsima 6

**Għajnuna favur il-forestrija**

*Artikolu 41*

**Għajnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar**

1. Għajnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar għandha tkopri l-kostijiet ta' stabbiliment u primjum annwali għal kull ettaru.

L-għajnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar tista' tkopri operazzjonijiet ta' investiment.

3. L-għajnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar relatata ma' operazzjonijiet ta' investiment għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta' beni immobbli, bix-xiri tal-art eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art jekk l-għajnuna tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali li huma marbutin man-nefqa imsemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji dwar il-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anki fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ma tkun iġġarrbet ebda nefqa skont il-punti (a) u (b);

(d) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, ta' soluzzjonijiet cloud u ta' soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur, trademarks;

(e) il-kostijiet sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti u strument ekwivalenti.

Għajnuna li tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK u li hija pprovduta fil-forma ta' strumenti finanzjarji tista' tkopri kostijiet eliġibbli minbarra dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, dment li l-kostijiet ikunu kompletament eliġibbli skont il-Pjan Strateġiku rilevanti tal-PAK u li l-għajnuna tidħol fis-seħħ wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku rilevanti mill-Kummissjoni.

Ħlief meta l-appoġġ jingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK fil-forma ta' strumenti finanzjarji, il-kapital operatorju ma għandux jitqies bħala spiża eliġibbli.

4. Għal operazzjonijiet ta' investimenti li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

5. Il-kostijiet ta' stabbiliment li ġejjin għandhom jkunu eliġibbli:

(a) il-kostijiet tal-materjal tal-pjantaġġun u ta' propagazzjoni;

(b) il-kostijiet tal-pjantaġġun u l-kostijiet direttament marbuta mal-pjantaġġun;

(c) il-kostijiet ta' operazzjonijiet relatati bħall-ħażna u t-trattamenti tan-nibbieta bil-materjali ta' prevenzjoni u protezzjoni neċessarji;

(d) il-kostijiet tas-sostituzzjoni tad-dieta matul l-ewwel sena u s-sostituzzjoni ta' ikel fuq skala żgħira matul l-ewwel snin wara t-tħawwil. Il-kostijiet tas-sostituzzjoni ta' mewt fuq skala kbira jistgħu jiġu appoġġati biss skont l-Artikolu 43.

6. Il-primjum annwali għal kull ettaru għandu jkopri l-kostijiet għad-dħul mitluf u l-kostijiet ta' manutenzjoni, inkluż tindif bikri u tard, għal perjodu massimu ta' 12-il sena mid-data tal-għoti tal-għajnuna.

7. L-għajnuna ma għandhiex tingħata għat-tħawwil tas-siġar li ġejjin:

(a) is-siġar għal imsaġar ta' rotazzjoni qasira;

(b) is-siġar tal-Milied;

(c) siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija;

(d) speċijiet mhux indiġeni għaż-żona, ħlief fejn jingħata appoġġ fil-qafas tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(e) investimenti fit-tisġir li ma jkunux konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppati fil-Linji Gwida Pan-Ewropej għall-Afforestazzjoni u r-Riforestazzjoni ([46]).

8. L-ispeċi mħawla għandhom ikunu adattati għall-kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi taż-żona u jridu jkunu konformi ma' rekwiżiti ambjentali minimi fil-punt (12).

9. Fiż-żoni fejn l-afforestazzjoni hija diffiċli minħabba kundizzjonijiet pedoklimatiċi severi, tista' tingħata għajnuna għat-tħawwil ta' speċijiet oħra tal-injam perenni bħal arbuxelli jew siġar żgħar adatti għall-kundizzjonijiet lokali.

10. L-għajnuna għal intrapriżi kbar għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' informazzjoni rilevanti minn pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti skont il-Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa ([47]).

Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-muniċipalitajiet, li huma awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u ta' anqas minn 5 000 abitant.

11. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

12. Ir-rekwiżiti ambjentali minimi li ġejjin għandhom japplikaw fil-kuntest tal-għajnuna għat-tisġir u l-ħolqien ta' msaġar:

(a) l-għażla tal-ispeċi li għandhom jitħawlu, taż-żoni u tal-metodi li għandhom jintużaw għandha tevita l-afforestazzjoni mhux xierqa ta' ħabitats sensittivi bħall-artijiet mimlija pit u l-artijiet mistagħdra u l-effetti negattivi fuq żoni ta' valur ekoloġiku għoli fosthom żoni fejn issir biedja b'valur naturali għoli. Skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE dwar siti indikati bħala ta' Natura 2000 għandha tiġi permessa biss afforestazzjoni konsistenti mal-objettivi ta' ġestjoni tas-siti kkonċernati u miftiehma mal-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-implimentazzjoni ta' Natura 2000;

(b) l-għażla tal-ispeċi, il-varjetajiet, l-ekotipi u l-provenjenzi tas-siġar għandha tqis il-ħtieġa għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u għal diżastri naturali u l-kundizzjoni pedoloġika u idroloġika taż-żona kkonċernata, kif ukoll il-karattru invaživ potenzjali tal-ispeċi fil-kundizzjonijiet lokali kif definiti mill-Istati membri. Il-benefiċjarju għandu jkun meħtieġ jipproteġi u jieħu ħsieb il-foresta tal-anqas matul il-perjodu li għalih jitħallas il-primjum għall-introjtu agrikolu mitluf u l-manutenzjoni. Dan għandu jinkludi l-indukrar, iż-żbir jew ir-ragħa, kif xieraq, fl-interess tal-iżvilupp tal-foresta fil-futur u r-regolazzjoni tal-kompetizzjoni b'veġetazzjoni erbaċea u l-evitar tal-akkumulazzjoni ta' materjal li jikber minn taħt suxxettibbli għan-nar. Fir-rigward ta' speċi li jikbru malajr, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu ż-żmien minimu u massimu ta' qabel il-qtugħ. Iż-żmien minimu ma għandux ikun ta' anqas minn 8 snin u ż-żmien massimu ma għandux jaqbeż l-20 sena;

([46]) https://foresteurope.org/wp-content/uploads/2016/08/Pan-EuropeanAfforestationReforestationGuidelines.pdf

([47]) Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa adottati fit-Tieni Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa li saret f'Ħelsinki fis-16 sas-17 ta' Ġunju 1993 (https://www.foresteurope.org/docs/MC/MC_helsinki_resolutionH1.pdf).

(c) f'każijiet fejn, minħabba kundizzjonijiet tal-ħamrija, ambjentali jew klimatiċi diffiċli, inklużi d-degradazzjoni ambjentali, it-tħawwil ta' speċijiet imsaġġra perenni ma jistax ikun mistenni li jwassal għall-istabbiliment ta' kopertura ta' foresta kif definit f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti lill-benefiċjarju jistabbilixxi kopertura ta' veġetazzjoni ta' siġar oħrajn bħalma huma l-arbuxelli jew buxxijiet xierqa għall-kundizzjonijiet lokali. Il-benefiċjarju għandu jiżgura l-istess livell ta' attenzjoni u protezzjoni kif applikabbli għall-foresti;

(d) fil-każ ta' operazzjonijiet ta' afforestazzjoni li jwasslu sabiex il-foresti jikbru aktar minn ċertu limitu li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, l-operazzjoni trid tikkonsisti minn dan li ġej:

(i) it-tħawwil ta' speċijiet adatti għall-ekoloġija jew speċi reżiljenti għat-tibdil fil-klima fiż-żona bijoġeografika kkonċernata, u li valutazzjoni tal-impatti tkun sabet li ma jheddux il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, jew li jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem;

(ii) taħlita ta' speċijiet ta' siġar li tinkludi jew tal-anqas 10 % tas-siġar b'weraq wesgħin fiż-żona, jew minimu ta' tliet speċijiet ta' siġar jew varjetajiet, bl-anqas waħda komuni minnhom li tieħu tal-anqas 10 % taż-żona.

*Artikolu 42*

**Għajnuna għal sistemi tal-agroforestrija**

1. Għajnuna għal sistemi tal-agroforestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għajnuna għal sistemi tal-agroforestrija għandha tkopri l-kostijiet ta' stabbiliment, riġenerazzjoni jew rinnovazzjoni u primjum annwali għal kull ettaru.

3. Għajnuna għal sistemi tal-agroforestrija tista' tkopri operazzjonijiet ta' investiment.

4. Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-għajnuna għas-sistemi tal-agroforestrija relatati ma' operazzjonijiet ta' investiment, għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta' beni immobbli, bix-xiri tal-art eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art jekk l-għajnuna tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali li huma marbutin man-nefqa imsemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji dwar il-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anki meta ma tkun saret l-ebda nefqa kif imsemmi fil-punti (a) u (b);

(d) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, ta' cloud u ta' soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur, trademarks;

(e) il-kostijiet sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti u strument ekwivalenti.

Ħlief meta l-appoġġ jingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK fil-forma ta' strumenti finanzjarji, il-kapital operatorju ma għandux jitqies bħala spiża eliġibbli.

5. Għal operazzjonijiet ta' investimenti li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE, l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret valutazzjoni ta' dan it-tip u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-għajnuna li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.

6. Il-kostijiet li ġejjin għall-istabbiliment, għar-riġenerazzjoni jew għar-rinnovazzjoni tas-sistema tal-agroforestrija għandhom ikunu eliġibbli:

(a) il-kostijiet tat-tħawwil tas-siġar, inklużi l-kostijiet tal-materjal tat-tħawwil, tal-pjantaġġun, tal-ħażna u tat-trattamenti tan-nebbieta bil-materjali neċessarji ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni;

(b) il-kostijiet tal-konverżjoni ta' foresti eżistenti jew ta' msaġar oħrajn, inklużi l-kostijiet tat-tqaċċit tas-siġar, tal-irmondar u taż-żbir u tal-protezzjoni kontra annimali li jirgħu;

(c) kostijiet oħrajn marbutin direttament mal-istabbiliment, mar-riġenerazzjoni jew mar-rinnovazzjoni ta' sistema tal-agroforestrija bħalma huma kostijiet għal studji dwar il-fattibbiltà, għal pjan ta' stabbiliment, għal eżami tal-ħamrija, għall-preparazzjoni u għall-protezzjoni tal-ħamrija;

(d) il-kostijiet tas-silvopastoral, jiġifieri l-faċilitajiet ta' tisqija u ta' protezzjoni għas-sistema tar-ragħa;

(e) il-kostijiet tat-trattament neċessarju konness mal-istabbiliment, mar-riġenerazzjoni jew mar-rinnovazzjoni ta' sistema ta' agroforestrija, inkluż it-tisqija u l-qtugħ;

(f) il-kostijiet tat-tħawwil mill-ġdid matul l-ewwel sena wara l-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' sistema ta' agroforestrija.

7. Il-primjum annwali għal kull ettaru għandu jkopri wkoll il-kostijiet għall-manutenzjoni tas-sistema tal-agroforestrija, u għandu jitħallas għal perjodu massimu ta' 12-il sena mid-data tal-għoti tal-għajnuna.

Il-kostijiet eliġibbli ta' manutenzjoni jistgħu jirrelataw mal-faxex stabbiliti tas-siġar, l-azzjonijiet tat-tneħħija tal-ħaxix ħażin, taż-żbir, tal-irmondar u ta' protezzjoni u investimenti bħalma huma ċnut jew tubi individwali ta' protezzjoni.

8. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-istruttura u l-kompożizzjoni tas-sistema tal-agroforestrija, filwaqt li jqisu dan li ġej:

(a) il-kundizzjonijiet lokali pedoklimatiċi u ambjentali;

(b) l-ispeċijiet tal-forestrija;

(c) il-ħtieġa li jkun żgurat użu sostenibbli agrikolu tal-art.

9. L-intensità massima tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 43*

**Għajnuna għall-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti**

1. L-għajnuna għall-prevenzjoni u għar-restawr ta' ħsara lill-foresti minn nirien fil-foresti, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, eventi klimatiċi avversi oħrajn, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi, avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 107(2), jew rispettivament il-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat, u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu, meta tissodisfa il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' infrastruttura protettiva, inkluż il-kostijiet tal-manutenzjoni fil-każ ta' tifqigħat ta' nar;

(b) attivitajiet lokali ta' prevenzjoni fuq skala żgħira kontra n-nar, jew perikli naturali oħrajn, inkluż il-kostijiet tal-użu ta' annimali li jirgħu, bħal għatjiet, tisqija, sisien, u trasport tal-annimali;

(c) l-istabbiliment u titjib ta' faċilitajiet għall-monitoraġġ tan-nirien fil-foresti, tal-pesti u ta' mard u tat-tagħmir ta' komunikazzjoni;

(d) ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija li jkun ġarrab ħsara minħabba nirien, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima.

3. L-għajnuna ma għandhiex tingħata għal attivitajiet relatati mal-agrikoltura f'żoni koperti mill-impenji msemmija fl-Artikolu 34.

4. Huma biss iż-żoni tal-foresti li jappartjenu għall-pjan ta' protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat li għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna għall-prevenzjoni tan-nirien.

5. Fil-każ tar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d), l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonoxximent formali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li jkun seħħ in-nar, id-diżastru naturali, l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, event klimatiku avvers ieħor, pesti tal-pjanti, avveniment katastrofiku jew avveniment relatat mat-tibdil fil-klima u mas-sottomissjoni mill-benefiċjarji ta' prova ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju biex tiġi indirizzata l-okkorrenza potenzjali tal-avveniment dannuż fil-futur fejn xieraq;

(b) ir-rikonoxximent formali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li l-miżuri f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex jiġi miġġieled, eradikat jew ikkontrollat pest tal-pjanti jkunu ġew implimentati;

(c) fil-każ ta’ għajnuna skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat, il-preżentazzjoni mill-benefiċjarji ta’ prova li tali restawr se jinkludi miżuri ta’ adattament għat-tibdil fil-klima, sakemm tali miżuri ta’ adattament ma jiffurmawx parti integrali mill-iskema u japplikaw għall-benefiċjarji kollha.

6. Fil-każ ta’ għajnuna għall-prevenzjoni ta’ ħsara lil foresta minn pesti tal-pjanti, ir-riskju tal-okkorrenza tal-pesti tal-pjanti għandu jkun appoġġat minn evidenza xjentifika u rikonoxxut minn organizzazzjoni xjentifika pubblika.

Il-lista ta’ speċijiet ta’ pesti tal-pjanti li jikkawżaw jew jistgħu jikkawżaw ħsara għandha tiġi inkluża fl-iskema ta’ għajnuna jew fl-għajnuna *ad hoc* sottomessa mill-Istat Membru rilevanti.

7. L-attivitajiet jew proġetti megħjuna għandhom ikunu konsistenti mal-pjan ta’ protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istati Membri.

Fil-każ tar-restawr tal-potenzjal tal-forestrija msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 2, l-għajnuna għal intrapriżi kbar għandha tkun kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta’ informazzjoni rilevanti minn pjan ta’ ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti skont il-Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-muniċipalitajiet, li huma awtoritajiet lokali awtonomi b’baġit annwali ta’ anqas minn EUR 10 miljun u ta’ anqas minn 5 000 abitant.

8. Ma għandiex tingħata għajnuna għat-telf ta’ introjtu kkawżat min-nirien, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma’ diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima.

9. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

L-għajnuna mogħtija għall-kostijiet eliġibbli kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 2, u kwalunkwe pagament ieħor imħallas lill-benefiċjarju, inklużi pagamenti skont miżuri oħrajn nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni għall-istess kostijiet eliġibbli għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 44*

**Għajnuna għall-investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti**

1. Għajnuna għall-investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta’ dan ir-Regolament.

2. L-investimenti għandhom ikunu mmirati lejn l-ilħuq tal-impenji għal għanijiet ambjentali, għall-provvista ta’ servizzi ekosistemiċi jew għal titjib tal-valur tal-amenitajiet pubbliċi ta’ art forestali u msaġġra fiż-żona kkonċernata jew it-titjib tal-potenzjal ta’ mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-potenzjal tal-adattament ta’ ekosistemi, mingħajr ma jiġu esklużi benefiċċji ekonomiċi fuq żmien twil. L-ispeċijiet mhux indiġeni għaż-żona għandhom jiġu esklużi, ħlief meta l-appoġġ jingħata fil-qafas tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret it-tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta’ investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali. Madankollu, l-għajnuna mogħtija fil-forma ta’ strumenti finanzjarji għandha tkun eżentata minn dik il-kundizzjoni.

4. Ħlief meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta’ beni immobbli, bix-xiri tal-art eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art jekk l-għajnuna tingħata fil-qafas ta’ Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b’opzjoni ta’ xiri ta’ makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali relatati man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-arkitett, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma’ konsulenza dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inkluż studji tal-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (a) u (b) ma tkun iġġarrbet;

(d) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, ta' soluzzjonijiet cloud u ta' soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(e) il-kostijiet sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti u strument ekwivalenti.

(f) il-kostijiet tal-materjal tal-pjantaġġun u ta' propagazzjoni;

(g) il-kostijiet tal-pjantaġġun u l-kostijiet direttament marbuta mal-pjantaġġun;

(h) il-kostijiet ta' operazzjonijiet relatati bħall-ħażna u t-trattamenti tan-nibbieta bil-materjali ta' prevenzjoni u protezzjoni neċessarji;

(i) il-kostijiet tas-sostituzzjoni tad-dieta matul l-ewwel sena u s-sostituzzjoni ta' ikel fuq skala żgħira matul l-ewwel snin wara t-tħawwil. Il-kostijiet tas-sostituzzjoni ta' mewt fuq skala kbira jistgħu jiġu appoġġati biss skont l-Artikolu 43.

5. Ħlief meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, il-kostijiet, ħlief dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4(a) u (b), relatati ma' kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, kostijiet ta' finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, spejjeż ġenerali u tariffi tal-assigurazzjoni ma għandhomx jitqiesu li huma kostijiet eliġibbli.

Ħlief meta l-appoġġ jingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK fil-forma ta' strumenti finanzjarji, il-kapital operatorju ma għandux jitqies bħala spiża eliġibbli.

6. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 45*

**Għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji**

1. Għajnuna relatata mal-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona imposti minn rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE jew tad-Direttiva 2009/147/KE mogħtija lid-detenturi tal-foresti, lill-maniġers tal-foresti u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tingħata kull sena u għal kull ettaru ta' żona forestali sabiex tikkumpensa lill-benefiċjarji għal kostijiet addizzjonali u introjtu mitluf, li jirriżultaw minn żvantaġġi fiż-żoni forestali msemmija fil-paragrafu 3, relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE.

3. L-għajnuna għandha titħallas biss fir-rigward taż-żoni tal-forestrija li ġejjin:

(a) żoni forestali Natura 2000;

(b) fatturi tal-pajsaġġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE; li ma għandhomx jaqbżu 5 % taż-żoni inklużi fin-network ta' Natura 2000 koperti mill-ambitu territorjali tal-Pjan Strateġiku kkonċernat.

4. L-għajnuna tista' tingħata lil detenturi tal-foresti, maniġers tal-foresti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

5. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u ma għandhiex taqbeż EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu inizjali li ma jaqbiżx il-ħames snin u EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm 'il quddiem.

*Artikolu 46*

**Għajnuna għal servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u konservazzjoni tal-foresti**

1. Għajnuna għal servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u għall-konservazzjoni tal-foresti għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għajnuna għandha tkopri biss impenji ta' ġestjoni volontarji mmirati lejn il-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-klima u l-ambjent stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-forestrija jew leġiżlazzjoni rilevanti oħra nazzjonali jew tal-Unjoni.

3. Ir-rekwiżiti mandatorji kollha msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu identifikati u deskritti fil-bażi ġuridika nazzjonali.

4. Dawn l-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn ħames u seba' snin. Madankollu, fejn meħtieġ u ġġustifikat kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji.

5. Għal impenji meħuda skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jipprovdi klawżola ta' reviżjoni sabiex jiżgura l-aġġustament tagħhom fil-każ ta' emendi tar-rekwiżiti mandatorji rilevanti imsemmija fil-paragrafu 2.

6. Il-ħlasijiet għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji b'mod totali jew parzjali għall-kostijiet addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji msemmija fil-paragrafu 2 aċċettati minnhom.

7. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli u ma għandhiex taqbeż EUR 200 għal kull ettaru fis-sena.

8. Meta l-għajnuna tiġi prevista fl-ambitu ta' Pjan Strateġiku, l-ammont massimu previst fil-paragrafu 7 jista' jiġi miżjud f'każijiet eċċezzjonali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi kif previst f'dak il-Pjan Strateġiku.

*Artikolu 47*

**Għajnuna għal skambju ta' għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija**

1. Għajnuna għal skambju ta' għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni favur impriżi attivi fis-settur tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġati skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti mad-deskrizzjoni tal-AKIS ipprovduta fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

2. Għajnuna għandha tkopri taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' kisba ta' ħiliet, inklużi korsijiet ta' taħriġ, workshops u kkowċjar, attivitajiet ta' dimostrazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni, u promozzjoni tal-innovazzjoni.

L-għajnuna tista' tkopri wkoll skambji ta' ġestjoni tal-foresti u żjarat fil-foresti għal żmien qasir li għandhom jiffokaw, b'mod partikolari, fuq metodi jew fuq teknoloġiji sostenibbli tal-forestrija, l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju u teknoloġiji ġodda, u fuq it-titjib tar-reżiljenza tal-foresti.

Għajnuna għal attivitajiet ta' dimostrazzjoni tista' tkopri kostijiet ta' investiment rilevanti.

3. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostijiet għall-organizzazzjoni u l-forniment tat-trasferiment tal-għarfien jew l-azzjoni ta' informazzjoni;

(b) fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni relatati ma' investimenti:

(i) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta' beni immobbli, bix-xiri tal-art ikun eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx 10 % tan-nefqa eliġibbli totali l-oħra tal-operazzjoni kkonċernata bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art jekk l-għajnuna tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK;

(ii) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(iii) il-kostijiet ġenerali marbuta man-nefqa imsemmija fil-punti (i) u (ii), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji dwar il-fattibbiltà; studji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (i) u (ii) ma tkun iġġarbet;

(iv) akkwiżizzjoni, żvilupp jew tariffi għall-użu ta' software tal-kompjuter, soluzzjonijiet cloud u soluzzjonijiet simili, u akkwiżizzjonijiet ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(c) il-kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u *per diem* tal-parteċipanti.

Il-kapital operatorju ma għandux jiġi kkunsidrat li huwa kost eliġibbli.

4. Il-kostijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3 għandhom ikunu eliġibbli biss safejn jiġġarrbu għall-proġett ta' dimostrazzjoni u għad-durata tal-proġett ta' dimostrazzjoni.

5. Huma biss il-kostijiet tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett ta' dimostrazzjoni, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji kontabilistiċi aċċettati ġeneralment, li għandhom ikunu eliġibbli.

6. L-għajnuna msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3, ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji. Din l-għajnuna għandha titħallas lill-fornitur tal-iskambju tal-għarfien u tal-azzjonijiet ta' informazzjoni.

7. Korpi li jipprovdu servizzi ta' skambju tal-għarfien u ta' azzjonijiet ta' informazzjoni għandu jkollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari sabiex iwettqu dawn il-kompiti.

8. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 48*

**Għajnuna għas-servizzi konsultattivi fis-settur tal-forestrija**

1. Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza fis-settur tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Is-servizzi kkonċernati ma għandhomx ikunu attività kontinwa jew perjodika u lanqas ma għandhom ikunu relatati mal-kostijiet operatorji tal-impriża. Is-servizzi konsultattivi għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġati skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti mad-deskrizzjoni tal-AKIS ipprovduta fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' servizzi ta' konsulenza tkopri bħala minimu kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/50/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, ir-Regolament (UE) 2016/2031, l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u d-Direttiva 2009/128/KE.

4. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz sussidjat.

Il-korpi magħżula sabiex jipprovdu s-servizz ta' konsulenza għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' persunal imħarreġ b'mod regolari u kkwalifikat u esperjenza fil-konsulenza u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li huma joffru l-konsulenza dwarhom.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz ta' konsulenza jkun imparzjali u ma jkollu l-ebda kunflitt ta' interess.

6. Fejn ikun iġġustifikat u xieraq, il-parir jista' jingħata b'mod parzjali fi grupp, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-benefiċjarji individwali tas-servizzi konsultattivi.

7. L-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli, u ma għandhiex taqbeż EUR 200 000 għal kull impriża fi kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

*Artikolu 49*

**Għajnuna għal investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattazzjoni tas-settur tal-forestrija**

1. Għajnuna għal investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament tas-settur tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet imniżżla f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret it-tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-għajnuna li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.

3. Għajnuna għal intrapriżi kbar għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' informazzjoni rilevanti minn pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti skont il-Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-muniċipalitajiet, li huma awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u ta' anqas minn 5 000 abitant.

4. L-għajnuna tista' tkopri investimenti li jikkonċernaw infrastruttura relatata mal-iżvilupp, mal-modernizzazzjoni jew mal-adattament tal-foresti. Jekk l-għajnuna tingħata barra mill-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK, din għandha tinkludi biss dan li ġej:

(a) l-aċċess għall-art tal-foresti;

(b) il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art;

(c) il-provvista ta' enerġija sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, il-provvista u l-iffrankar tal-ilma;

(d) l-użu tal-bhejjem minflok tal-makkinarju;

(e) l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja.

5. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli, bix-xiri tal-art li jkun eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tan-nefqa totali eliġibbli l-oħra tal-operazzjoni kkonċernata, bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jekk l-għajnuna tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir inkluż l-użu tal-bhejjem minflok makkinarju sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali li huma marbutin man-nefqa imsemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji dwar il-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (a) u (b) ma tkun iġġarrbet;

(d) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, ta' soluzzjonijiet cloud jew ta' soluzzjonijiet simili u akkwiżizzjonijiet ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(e) il-kostijiet sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti u l-istrumenti ekwivalenti għalihom.

6. Ħlief meta l-appoġġ jiġi pprovdut fil-qafas tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-forma ta' strumenti finanzjarji, il-kostijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu eliġibbli:

(a) il-kostijiet għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 5, relatati ma' kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, il-kostijiet tal-rifinanzjament tal-imgħax, il-kostijiet ġenerali u t-tariffi tal-assigurazzjoni u

(b) il-kapital operatorju.

7. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 65 % tal-kostijiet eliġibbli.

L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied għal massimu ta' 80 % għall-investimenti li ġejjin:

(a) investimenti marbuta ma' objettiv wieħed jew ma' aktar ma' aktar minn objettiv wieħed speċifiku relatat mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 14(3);

(b) investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

8. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied għal 100 % għal investimenti mhux produttivi, konsolidazzjoni tal-art għat-titjib tal-art u investimenti għal toroq forestali li huma miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas u li jaqdu l-aspetti multifunzjonali tal-foresta.

*Artikolu 50*

**Għajnuna għal investimenti f'teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, fl-immobilizzar u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-forestrija**

1. L-għajnuna għal investimenti f'teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, fl-immobilizzar u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret it-tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

3. Għajnuna għal intrapriżi kbar għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta’ informazzjoni rilevanti minn pjan ta’ ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti skont il-Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa.

4. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta’ beni immobbli, bl-art tkun eliġibbli biss sa punt li ma jaqbiżx l-10 % tan-nefqa eliġibbli totali l-oħra tal-operazzjoni kkonċernata, bl-eċċezzjoni tax-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali jekk l-għajnuna tingħata fil-qafas ta’ Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b’opzjoni ta’ xiri ta’ makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) il-kostijiet ġenerali li huma marbutin man-nefqa imsemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma’ pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji dwar il-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà għandhom jibqgħu nefqa eliġibbli anke fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (a) u (b) ma tkun iġġarrbet;

(d) it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta’ software tal-kompjuter, ta’ soluzzjonijiet cloud jew ta’ soluzzjonijiet simili, u akkwiżizzjonijiet ta’ privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(e) il-kostijiet tal-istabbiliment ta’ pjanijiet għall-ġestjoni tal-foresti u l-ekwivalenti tagħhom.

5. Ħlief meta l-appoġġ jiġi pprovdut fil-qafas tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, il-kostijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu eliġibbli:

(a) il-kostijiet marbuta ma’ kuntratti ta’ lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, il-kostijiet ta’ rifinanzjament tal-imgħax, spejjeż ġenerali u t-tariffi tal-assigurazzjoni u

(b) il-kapital operatorju.

6. Investimenti relatati mat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti għandhom ikunu ġġustifikati fir-rigward ta’ titjib mistenni għal foresti fuq azjenda waħda jew aktar u jistgħu jinkludu investimenti relatati ma’ makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u lir-riżorsi.

7. L-investimenti marbuta mal-użu tal-injam bħala materja prima jew sors ta’ enerġija għandhom ikunu limitati għall-operazzjonijiet ta’ ħidma kollha qabel l-ipproċessar industrijali.

8. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 65 % tal-kostijiet eliġibbli.

9. L-intensità tal-għajnuna tista’ tiżdied għal massimu ta’ 80 % għall-investimenti li ġejjin:

(a) investimenti marbuta ma’ objettiv wieħed jew ma’ aktar ma’ aktar minn objettiv wieħed speċifiku relatat mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 14(3);

(b) investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

*Artikolu 51*

**Konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fil-forestrija**

1. L-għajnuna għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fil-forestrija, marbuta mal-impenji agroambjentali u klimatiċi tal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta’ dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “konservazzjoni *in situ*” tfisser il-konservazzjoni ta’ materjal ġenetiku f’ekosistemi u f’ħabitats naturali u l-manutenzjoni u l-irkupru ta’ popolazzjoni vijabbli ta’ speċijiet fl-ambjent naturali tagħhom;

(b) “konservazzjoni f’azjenda fil-foresta” tfisser il-konservazzjoni in situ u l-iżvilupp fil-livell ta’ azjenda fil-foresta;

(c) “konservazzjoni *ex situ*” tfisser il-konservazzjoni ta’ materjal ġenetiku għal forestrija ’il barra mill-ħabitat naturali tiegħu;

(d) “ġbir *ex situ*” tfisser il-ġbir ta’ materjal ġenetiku għall-agrikoltura jew il-forestrija miżmum barra mill-ħabitat naturali tiegħu.

3. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet għall-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-azzjonijiet immirati: l-azzjonijiet li jippromwovu l-konservazzjoni *in situ u ex situ*, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija, inklużi inventarji bbażati fuq siti web ta' riżorsi ġenetiċi li bħalissa huma kkonservati *in situ*, inkluża l-konservazzjoni f'azjenda fil-foresta, u l-ġabriet u l-bażijiet ta' *data ex-situ*;

(b) l-azzjonijiet miftiehma: l-azzjonijiet li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni għall-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija tal-Unjoni, bejn l-organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri;

(c) l-azzjonijiet ta' akkumpanjament: l-azzjonijiet ta' informazzjoni, disseminazzjoni u konsulenza li jinvolvu organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, korsijiet ta' taħriġ u l-preparazzjoni ta' rapporti tekniċi.

4. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 52*

**Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-forestrija**

1. Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament. Il-membri tal-grupp jew organizzazzjoni tal-produtturi ma għandhomx ikunu intrapriżi kbar, bl-eċċezzjoni ta' muniċipalitajiet.

2. Bħala alternattiva għall-għoti ta' għajnuna lil gruppi jew lil organizzazzjonijiet ta' produtturi, għajnuna sal-ammont globali ta' għajnuna li l-grupp jew l-organizzazzjoni tal-produtturi kien ikun intitolat għaliha skont dan l-Artikolu, tista' tingħata direttament lill-produtturi biex ipaċu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-kostijiet tat-tmexxija tal-gruppi jew tal-organizzazzjonijiet matul l-ewwel ħames snin wara l-istabbiliment tal-grupp jew tal-organizzazzjoni.

3. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostijiet tal-kiri ta' bini xieraq, bir-rati tas-suq;

(b) il-kostijiet għall-akkwist ta' tagħmir tal-uffiċċju;

(c) il-kostijiet ta' persunal amministrattiv u l-kostijiet ta' maniġer tal-foresti kwalifikat;

(d) spejjeż ġenerali u tariffi legali u amministrattivi;

(e) il-kostijiet għall-akkwist ta' hardware tal-kompjuter u t-tariffi għall-akkwist jew l-użu ta' software tal-kompjuter, soluzzjonijiet fuq cloud u soluzzjonijiet simili;

(f) fil-każ ta' xiri ta' bini, ammont li jikkorrispondi għall-kostijiet tal-kiri bir-rati tas-suq.

4. L-għajnuna ma għandhiex titħallas fir-rigward tal-kostijiet imġarrba wara l-ħames sena wara r-rikonoxximent uffiċjali tal-grupp jew tal-organizzazzjoni tal-produtturi mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru abbażi tal-pjan tan-negozju tagħha, ħlief għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi kollettivi biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

5. Meta l-għajnuna titħallas f'pagamenti annwali, l-Istati Membri għandhom iħallsu l-aħħar pagament parzjali biss wara li jkunu vverifikaw l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.

6. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 53*

**Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija**

1. Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tingħata u tkun limitata għall-kostijiet legali u amministrattivi, inklużi l-kostijiet tal-istħarriġ.

3. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

*Artikolu 54*

**Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija**

1. Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Għajnuna għandha tingħata biss sabiex tippromwovi l-kooperazzjoni, li tikkontribwixxi għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

3. Forom ta' kooperazzjoni koperti minn dan l-Artikolu għandhom jinvolvu mill-inqas żewġ atturi irrispettivament minn jekk humiex attivi fis-settur tal-forestrija jew fis-setturi tal-forestrija u tal-agrikoltura. Il-kooperazzjoni għandha tkun ta' benefiċċju prinċipalment għas-settur tal-forestrija jew għas-setturi tal-forestrija u tal-agrikoltura.

4. Il-forom li ġejjin ta' koperazzjoni għandhom ikunu eliġibbli:

(a) kooperazzjoni fost impriżi differenti fis-settur tal-forestrija u atturi oħrajn attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija li jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115, inklużi gruppi ta' produtturi, u kooperattivi;

(b) il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks.

5. Għajnuna ma għandhiex tingħata għal kooperazzjoni li tinvolvi biss korpi ta' riċerka.

6. L-għajnuna se tingħata għall-kooperazzjoni relatata, b'mod partikolari, mal-attivitajiet li ġejjin:

(a) proġetti pilota;

(b) l-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur tal-forestrija;

(c) kooperazzjoni fost operaturi żgħar fis-settur tal-forestrija fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi;

(d) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista sabiex jinħolqu u jiġu żviluppati ktajjen qosra tal-provvista u swieq lokali;

(e) attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali marbuta mal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(f) azzjoni kollettiva mwettqa bil-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew adattament għalih;

(g) l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati għajr dawk imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

7. L-għajnuna għandha tingħata biss għal forom ġodda ta' kooperazzjoni, inklużi dawk eżistenti jekk tinbeda attività ġdida.

8. L-għajnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, kif imsemmi fil-paragrafu 6, punti (d) u (e), għandha tkopri biss ktajjen tal-provvista li jinvolvu mhux aktar minn intermedjarju wieħed bejn id-detentur/maniġer tal-foresti u l-konsumatur.

9. Operazzjonijiet, li jikkonsistu f'investimenti u kostijiet diretti ta' proġetti speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew ekwivalenti, għandhom jikkonformaw mar-regoli u r-rekwiżiti kif speċifikati fl-Artikolu dwar l-għajnuna għall-investiment ta' dan ir-Regolament, kif ukoll fl-Artikolu 4 dwar il-limiti ta' notifika.

10. Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli, sa fejn jikkonċernaw attivitajiet tal-forestrija:

(a) il-kostijiet għal studji dwar iż-żona kkonċernata, u għal studji tal-fattibbiltà, u għat-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strateġija tal-iżvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(b) il-kostijiet operazzjonali tal-kooperazzjoni, bħalma huma l-paga tal-"koordinatur";

(c) il-kostijiet tal-operazzjonijiet li jridu jiġu implimentati;

(d) il-kostijiet għall-attivitajiet ta' promozzjoni;

(e) il-kostijiet għat-tfassil ta' pjanijiet għall-ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti.

11. Għajnuna għandha tkun limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin.

12. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Taqsima 7

## Għajnuna favur l-SMEs fiż-Żoni Rurali

*Artikolu 55*

### Għajnuna għal servizzi bażiċi u infrastruttura f'żoni rurali

1. Għajnuna għal servizzi bażiċi u infrastruttura f'żoni rurali mogħtija fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta din tidħol fis-seħħ wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku rilevanti tal-PAK mill-Kummissjoni u meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 f'waħda minn dawn il-forom li ġejjin:

(i) bħala għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR;

(ii) bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR;

(b) hija identika għall-miżura rilevanti prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (a).

3. L-għajnuna għandha tkopri:

(a) investimenti fil-ħolqien, fit-titjib jew fl-espansjoni tat-tipi kollha ta' infrastrutturi b'kostijiet eliġibbli limitati għal EUR 2 miljun ("infrastruttura fuq skala żgħira"), bl-eċċezzjoni ta' investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika u fl-infrastruttura tal-broadband li ma għandhomx ikunu eliġibbli;

(b) investimenti fl-istabbiliment, fit-titjib jew fl-espansjoni ta' servizzi bażiċi lokali għall-popolazzjoni rurali, inklużi servizzi soċjali, dawk relatati mad-divertiment u l-kultura, u l-infrastruttura relatata;

(c) investimenti għall-użu pubbliku fl-infrastruttura rikreazzjonali, fl-informazzjoni għat-turisti u fl-infrastruttura tat-turiżmu fuq skala żgħira;

(d) investimenti assoċjati mal-manutenzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali u naturali tal-irħula, pajsaġġi rurali u siti ta' valur naturali għoli, inklużi aspetti soċjoekonomiċi relatati, kif ukoll azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ambjentali;

(e) investimenti li jolqtu r-rilokazzjoni ta' attivitajiet u l-konverżjoni ta' bini jew faċilitajiet oħrajn li jinsabu f'villaġġi residenzjali rurali jew viċin tagħhom, bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja jew li jżidu l-prestazzjoni ambjentali tal-villaġġ rurali.

4. L-operazzjonijiet koperti mill-investimenti msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu implimentati skont il-pjanijiet għall-iżvilupp ta' muniċipalitajiet u rħula f'żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, fejn jeżistu tali pjanijiet, u għandhom ikunu konsistenti ma' kwalunkwe strateġija ta' żvilupp lokali rilevanti. Dawn il-pjanijiet ma humiex meħtieġa fir-rigward tal-investimenti appoġġati minn strumenti finanzjarji.

5. L-għajnuna għandha tkopri l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) il-kostijiet għat-tfassil u l-aġġornament ta' pjanijiet ta' żvilupp u ta' ġestjoni relatati maż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, u għal siti ta' valur naturali għoli;

(b) il-kostijiet sabiex jitħejjew studji assoċjati mal-wirt kulturali u naturali, il-pajsaġġ rurali u s-siti ta' valur naturali kbir;

(c) il-kostijiet ta' investiment għal assi tanġibbli u intanġibbli;

(d) il-kostijiet marbuta mal-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ambjentali.

Il-kostijiet ta' xogħlijiet kapitalizzati jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għall-għajnuna msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3.

Il-kapital operatorju ma għandux jiġi kkunsidrat li huwa kost eliġibbli. L-għajnuna ma għandhiex tingħata bħala għajnuna operatorja.

6. Fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-paragrafu 3, l-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Sabiex ma taqbiżx l-intensità massima tal-għajnuna, għall-attivitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 3, id-dħul nett għandu jitnaqqas mill-kostijiet eliġibbli *ex ante* abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru. Inkella, għal għajnuna li ma taqbiżx EUR 1 miljun, l-intensità massima tal-għajnuna tista' tiġi stabbilita għal 80 % tal-kostijiet eliġibbli.

7. Fir-rigward tal-investimenti msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 3, l-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-100 % tal-kostijiet reali mġarrba għal tali attivitajiet meta r-rilokazzjoni tal-attivitajiet jew il-konverżjoni ta' bini jew faċilitajiet oħrajn tikkonsisti fiż-żarmar, fit-tneħħija u fil-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti.

Meta r-rilokazzjoni tal-attivitajiet jew il-konverżjoni ta' bini jew ta' faċilitajiet oħrajn tirriżulta f'modernizzazzjoni ta' dawk il-faċilitajiet jew f'żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, minbarra ż-żarmar, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-intensitajiet tal-għajnuna ma għandhomx jaqbżu l-intensità massima tal-għajnuna stabbilita fil-mappa tal-għajnuna reġjonali li tkun fis-seħħ fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna fiż-żona kkonċernata fir-rigward tal-kostijiet relatati mal-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet jew maż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni. Is-sempliċi sostituzzjoni ta' bini jew faċilitajiet eżistenti b'bini jew b'faċilitajiet aġġornati ġodda mingħajr ma fundamentalment tinbidel il-produzzjoni tat-teknoloġija involuta, ma hijiex se titqies bħala relatata mal-immodernizzar.

*Artikolu 56*

**Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali**

1. Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108 (3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 f'waħda minn dawn il-forom li ġejjin:

(i) għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR;

(ii) finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-għajnuna msemmija fil-punt (i);

(b) hija identika għall-miżura rilevanti prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (a).

3. L-għajnuna għandha tingħata lill-kategoriji li ġejjin ta' benefiċjarji:

(a) bdiewa jew membri ta' unità domestika li tgħix fil-farm f'żoni rurali li jiddiversifikaw f'attivitajiet mhux agrikoli;

(b) intrapriżi mikro u żgħar f'żoni rurali;

(c) persuni fiżiċi f'żoni rurali.

4. Fejn il-membru ta' unità domestika li tgħix fil-farm imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3, huwa persuna ġuridika jew grupp ta' persuni ġuridiċi, din il-persuna jew dan il-grupp ta' persuni għandu jkun jeżerċita attività agrikola fil-farm fiż-żmien li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna.

5. L-għajnuna għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' pjan tan-negozju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-pjan tan-negozju għandu jiddeskrivi dawn li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni ekonomika inizjali tal-benefiċjarju;

(b) il-miri u l-għanijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet il-ġodda tal-benefiċjarju;

(c) id-dettalji tal-azzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-benefiċjarju, bħal dettalji ta' investimenti, taħriġ, pariri.

Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jkollu durata massima ta' ħames snin.

6. Il-pagament tal-aħħar ħlas parzjali għandu jkun kondizzjonali fuq l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmi fil-paragrafu 5. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' għajnuna filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni soċjoekonomika taż-żona koperta mill-Pjan Strateġiku tal-PAK.

7. L-għajnuna għandha tkun limitata għal EUR 100 000 għal kull benefiċjarju.

*Artikolu 57*

**Għajnuna għal parteċipazzjoni ġdida tal-bdiewa fi skemi ta' kwalità għal qoton jew għal oġġetti tal-ikel**

1. Għajnuna għal parteċipazzjoni ġdida, jew għal parteċipazzjoni fil-ħames snin preċedenti, ta' bdiewa fi skemi ta' kwalità għall-qoton jew għall-oġġetti tal-ikel, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 f'waħda mill-forom li ġejjin:

(i) għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR;

(ii) finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-għajnuna msemmija fil-punt (i);

(b) hija identika għall-miżura rilevanti previst fil-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (a).

3. Għajnuna għandha tingħata għal parteċipazzjoni ġdida f'wieħed minn dawn it-tipi ta' skemi ta' kwalità:

(a) l-iskemi ta' kwalità għall-qoton u għall-oġġetti tal-ikel stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012;

(b) l-iskemi ta' kwalità għall-qoton u għall-oġġetti tal-ikel, inklużi skemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala skemi li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

(i) l-ispeċifiċità tal-prodott finali prodott taħt skemi ta' kwalità bħal dawn hija derivata minn obbligi ċari li jiggarantixxu wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

— il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti;

— il-metodi speċifiċi tal-biedja jew tal-produzzjoni;

— il-kwalità tal-prodott finali li tmur sew lil hinn mill-istandards tal-komoditajiet kummerċjali rigward is-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew il-protezzjoni ambjentali;

(ii) l-iskema tkun miftuħa għall-produtturi kollha;

(iii) l-iskema tinvolvi speċifikazzjonijiet vinkolanti tal-prodott finali u l-konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet hija vverifikata mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn korp indipendenti ta' spezzjoni;

(iv) l-iskema hija trasparenti u tiggarantixxi traċċabbiltà sħiħa tal-prodotti agrikoli;

(c) l-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarja ta' oġġetti tal-ikel rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għall-prodotti agrikoli u għall-oġġetti tal-ikel ([48]).

4. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' ħlas ta' inċentiv annwali, li l-livell tiegħu huwa ddeterminat skont il-livell tal-kostijiet fissi li jinħolqu minn parteċipazzjoni fi skemi ta' kwalità.

5. L-għajnuna għandha tingħata għal perjodu massimu ta' seba' snin.

6. Jekk il-parteċipazzjoni tal-bidu fl-iskema ta' kwalità tkun bdiet qabel l-applikazzjoni għall-appoġġ, il-perjodu massimu ta' ħames snin għandu jitnaqqas bin-numru ta' snin li jkunu għaddew bejn il-parteċipazzjoni tal-bidu u ż-żmien tal-applikazzjoni għall-appoġġ.

([48]) ĠU C 341, 16.12.2010, p. 5.

7. L-għajnuna għandha tkun limitata għal EUR 3 000 għal kull benefiċjarju kull sena.

*Artikolu 58*

**Għajnuna għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-qoton u mal-oġġetti tal-ikel koperti minn skema ta' kwalità**

1. Għajnuna għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-qoton u mal-oġġetti tal-ikel koperti minn skema ta' kwalità għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 f'waħda mill-forom li ġejjin:

(i) għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR

(ii) finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-għajnuna msemmija fil-punt (i);

(b) hija identika għall-miżura rilevanti prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (a).

3. L-għajnuna għandha tingħata lil gruppi ta' produtturi li jkunu qegħdin jimplimentaw l-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni.

4. L-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni biss li huma implimentati fis-suq intern għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna.

5. L-għajnuna għandha tingħata għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li jikkonċernaw il-qoton u l-oġġetti tal-ikel li huma koperti minn skema ta' kwalità u li għalihom tingħata għajnuna f'konformità mal-Artikolu 57.

6. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu il-kostijiet għal azzjonijiet li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) dawn huma mfassla sabiex iħajru lill-konsumaturi jixtru l-oġġetti tal-ikel jew il-qoton koperti bi skema ta' kwalità kif imsemmi fl-Artikolu 57(3);

(b) dawn jiġbdu l-attenzjoni għal karatteristiċi jew għal vantaġġi speċifiċi tal-oġġetti tal-ikel jew il-qoton, b'mod partikolari għall-kwalità, il-metodu ta' produzzjoni speċifiku, l-istandards għoljin ta' trattament xieraq tal-annimali u r-rispett għall-ambjent b'rabta mal-iskema ta' kwalità kkonċernata.

7. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 ma għandhomx jinċitaw lill-konsumaturi sabiex jixtru ikel jew qoton minħabba l-oriġini partikolari tagħhom, ħlief għal dawk koperti mill-iskemi ta' kwalità introdotti mit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

8. L-oriġini tal-prodott tal-ikel jew tal-qoton tista' tkun indikata, sakemm ir-riferiment għall-oriġini jkun subordinat għall-messaġġ prinċipali.

9. L-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni relatati ma' impriżi partikolari jew ta' marki kummerċjali ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajnuna.

10. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 70 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 59*

**Għajnuna għal kooperazzjoni f'żoni rurali**

1. Għajnuna għall-kooperazzjoni f'żoni rurali għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din tingħata fil-qafas ta' Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 f'waħda mill-forom li ġejjin:

(i) għajnuna kofinanzjata mill-FAEŻR

(ii) finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-għajnuna msemmija fil-punt (i);

(b) hija identika għall-miżura rilevanti prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fil-punt (a).

3. Forom ta' kooperazzjoni koperti minn dan l-Artikolu għandhom jinvolvu mill-inqas żewġ atturi u jistgħu jinkludu impriżi attivi fis-settur agrikolu, impriżi attivi fil-katina alimentari u atturi oħra, inklużi gruppi ta' produtturi, kooperattivi u organizzazzjonijiet interprofessjonali, fejn il-kooperazzjoni tkun ta' benefiċċju għaż-żoni rurali.

4. Il-forom li ġejjin ta' koperazzjoni għandhom ikunu eliġibbli:

(a) kooperazzjoni bejn impriżi u atturi oħrajn kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks.

5. Għajnuna ma għandhiex tingħata għal kooperazzjoni li tinvolvi biss korpi ta' riċerka.

6. Għajnuna tista' tingħata għall-kooperazzjoni relatata mal-attivitajiet li ġejjin:

(a) proġetti pilota;

(b) l-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-setturi tal-ikel;

(c) koperazzjoni bejn operaturi żgħar fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi u għall-iżvilupp u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-turiżmu relatati mat-turiżmu rurali;

(d) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn atturi tal-katina tal-provvista għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(e) attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali relatati mal-iżvilupp ta' katina tal-provvista qasira u swieq lokali;

(f) azzjonijiet konġunti mwettqa bil-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew adattament għalih;

(g) approċċi konġunti għal proġetti ambjentali u prattiki ambjentali attwali inkluż il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma, l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-konservazzjoni tal-pajsaġġi agrikoli;

(h) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista għall-forniment sostenibbli tal-bijomassa għall-użu fl-ikel, fil-produzzjoni tal-enerġija u fil-proċessi industrijali;

(i) l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati minbarra dawk definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk definiti fl-Artikolu 2, il-punt (19) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jindirizzaw waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

(j) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-biedja f'attivitajiet li jikkonċernaw il-kura tas-saħħa, l-integrazzjoni soċjali, l-agrikoltura appoġġjata mill-komunità u l-edukazzjoni dwar l-ambjent u l-ikel;

(k) implimentazzjoni ta' strateġiji ta' villaġġi intelliġenti.

7. L-għajnuna għandha tingħata biss għal forom ġodda ta' kooperazzjoni, inklużi dawk eżistenti jekk tinbeda attività ġdida.

8. Għajnuna għall-proġetti pilota msemmija fil-paragrafu 6, punt (a), u għall-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur tal-ikel imsemmija fil-paragrafu 6, punt (b), tista' tingħata wkoll lil atturi individwali meta din il-possibbiltà tkun prevista fil-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali. Ir-riżultati tal-proġetti pilota imsemmija fil-paragrafu 6, punt (a), u attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 6, punt (b), imwettqa minn atturi individwali għandhom jiġu mxerrda.

9. Għajnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, kif imsemmi fil-paragrafu 6, punti (d) u (e), għandha tkopri biss ktajjen tal-provvista li jinvolvu mhux aktar minn intermedjarju wieħed bejn il-bidwi u l-konsumatur.

10. Għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tikkonforma mal-Artikoli 206 sa 210a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

11. Għajnuna għandha tkun limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin.

12. Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli:

(a) il-kostijiet tal-appoġġ preparatorju, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-networking għall-għanijiet ta' tħejjija u implimentazzjoni ta' proġett ta' kooperazzjoni;

(b) kostijiet għal studji dwar iż-żona kkonċernata, għal studji tal-fattibbiltà, u għal tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strateġija tal-iżvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(c) kostijiet għall-animazzjoni taż-żona kkonċernata sabiex isir fattibbli proġetti kollettiv territorjali; fil-każ ta' raggruppamenti, l-animazzjoni tista' tikkonċerna wkoll it-tfassil ta' netwerk bejn membri u l-ħatra ta' membri ġodda;

(d) il-kostijiet operazzjonali tal-kooperazzjoni, bħall-paga tal-"koordinatur";

(e) il-kostijiet diretti ta' proġetti speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju, pjan ambjentali, strateġija ta' żvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew azzjonijiet oħra mmirati għall-innovazzjoni, inkluż l-ittestjar;

(f) il-kostijiet għall-attivitajiet ta' promozzjoni.

13. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

14. Kostijiet diretti skont il-paragrafu 12, punt (e) li għandhom x'jaqsmu mal-investimenti, għandhom ikunu limitati għall-kostijiet eliġibbli tal-għajnuna għall-investiment, u għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikoli korrispondenti tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 u fl-Artikoli rilevanti ta' dan ir-Regolament, inklużi l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-livelli limitu tan-notifika.

*Artikolu 60*

**Għajnuna għall-proġetti tas-CLLD**

1. Għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u maħtura bħala żvilupp lokali LEADER taħt il-FAEŻR, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

Għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u maħtura bħala żvilupp lokali LEADER taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali favur proġetti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-proġetti tas-CLLD:

(a) il-kostijiet tal-appoġġ preparatorju, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-networking bil-ħsieb tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġija tas-CLLD;

(b) l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet approvati;

(c) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni;

(d) l-ispejjes tat-tmexxija marbutin mal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità;

(e) l-animazzjoni tal-istrateġija tas-CLLD sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju bejn il-partijiet ikkonċernati biex tiġi pprovduta informazzjoni u biex jiġu promossi l-istrateġija u l-proġetti, u biex jiġu appoġġati l-benefiċjarji potenzjali bil-ħsieb li jiġu żviluppati operazzjonijiet u jitħejjew l-applikazzjonijiet.

3. Il-kostijiet imġarrba mill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fil-proġetti tas-CLLD, imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna skont dan l-Artikolu dment li jkunu maħsubin għal waħda mill-oqsma li ġejjin:

(a) ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(b) l-ambjent;

(c) l-impjiegi u t-taħriġ;

(d) il-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju;

(e) il-foresterija;

(f) il-promozzjoni ta' prodotti tal-ikel li mhumiex elenkati fl-ANNESS I tat-Trattat;

(g) l-isport.

4. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż ir-rati massimi ta' appoġġ previsti għal kull tip ta' operazzjoni fir-Regolament (UE) 2021/2115.

*Artikolu 61*

**Ammonti limitati ta' għajnuna għal proġetti tas-CLLD**

1. Għajnuna lill-intrapriżi li jipparteċipaw fil-proġetti tas-CLLD, jew li jibbenefikaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 60(1), għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

Għajnuna lill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fil-proġetti tas-CLLD, jew li jibbenefikaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 60(1), għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kostijiet imġarrba mill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fil-proġetti tas-CLLD, imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna skont dan l-Artikolu dment li jkunu maħsubin għal waħda mill-oqsma li ġejjin:

(a) ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(b) l-ambjent;

(c) l-impjiegi u t-taħriġ;

(d) il-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju;

(e) il-foresterija;

(f) il-promozzjoni ta' prodotti tal-ikel li mhumiex elenkati fl-ANNESS I tat-Trattat;

(g) l-isport.

3. L-ammont totali ta' għajnuna skont dan l-Artikolu mogħtija għal kull proġett tas-CLLD ma għandux jaqbeż il-EUR 200 000.

*KAPITOLU IV*

***Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali***

*Artikolu 62*

**Sostituzzjoni u applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 702/2014**

1. L-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 702/2014 jiddikjara li r-regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2022. Dan ir-Regolament se jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 702/2014 mal-iskadenza tiegħu.

2. Madankollu, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 702/2014 għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-għajnuna mogħtija skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([49]).

*Artikolu 63*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna individwali mogħtija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jekk l-għajnuna individwali tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9.

([49]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

2. Kwalunkwe għajnuna mhux eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Linji Gwida tal-2023 u ma' kwalunkwe oqfsa, linji gwida, komunikazzjonijiet u avviżi rilevanti oħrajn.

3. Kwalunkwe għajnuna individwali li tingħata qabel l-1 ta' Jannar 2023 bis-saħħa ta' kwalunkwe regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588 li jkun fis-seħħ fi żmien tal-għoti tal-għajnuna, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

4. Fi tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe skema ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament għandha tibqa' eżentata matul perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fi tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, skemi ta' għajnuna li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 u jew li huma kofinanzjati mill-FAEŻR jew inkella mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal miżuri kofinanzjati bħal dawn għandhom jibqgħu eżentati għat-tul tal-perjodu ta' programmazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115.

*Artikolu 64*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2029.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**Id-definizzjoni ta' SME**

*Artikolu 1*

**Intrapriża**

Kull entità li twettaq attività ekonomika titqies li hi intrapriża, irrispettivament mill-forma legali tagħha. L-intrapriżi jinkludu, b'mod partikolari, il-persuni li jaħdmu għal rashom u n-negozji tal-familja involuti fi snajja' jew attivitajiet oħrajn, u s-sħubiji jew l-assoċjazzjonijiet li jwettqu regolarment xi attività ekonomika.

*Artikolu 2*

**L-għadd ta' persunal u l-limiti finanzjarji li jiddeterminaw il-kategoriji tal-intrapriżi**

1. Il-kategorija ta ' intrapriżi mikro, żgħar u medji ("SMEs") hija magħmula minn intrapriżi li jħaddmu anqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 miljun, u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbiżx it-EUR 43 miljun.

2. Fil-kategorija tal-SMEs, intrapriża żgħira hija definita bħala intrapriża li timpjega anqas minn 50 ruħ u li l-valur tal-introjtu annwali tagħha u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun.

3. Fil-kategorija tal-IŻM, mikrointrapriża hija definita bħala intrapriża li tħaddem anqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 2 miljun.

*Artikolu 3*

**Tipi ta' intrapriżi meqjusin fil-kalkolu tal-għadd ta' impjegati u tal-ammonti finanzjarji**

1. "Intrapriża awtonoma" hija kull intrapriża li mhix ikklassifikata bħala intrapriża msieħba skont it-tifsira tal-paragrafu 2 jew bħala intrapriża assoċjata skont it-tifsira tal-paragrafu 3.

2. "Intrapriżi msieħba" huma l-intrapriżi kollha li mhumiex ikklassifikati bħala intrapriżi assoċjati skont it-tifsira tal-paragrafu 3 u li bejniethom hemm ir-relazzjoni li ġejja: intrapriża (intrapriża upstream) ikollha, waħedha jew flimkien ma' intrapriża assoċjata waħda oħra jew aktar, skont it-tifsira tal-paragrafu 3, 25 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot ta' intrapriża oħra (intrapriża downstream).

Madankollu, intrapriża tista' tiġi kklassifikata bħala awtonoma, u għalhekk bħala intrapriża li m'għandha l-ebda intrapriża msieħba, anke jekk dan il-limitu ta' 25 % jintlaħaq jew jinqabeż mill-investituri li ġejjin, dment li dawk l-investituri ma jkunux assoċjati mal-intrapriża inkwistjoni jew individwalment jew b'mod konġunt, skont it-tifsira tal-paragrafu 3:

(a) il-korporazzjonijiet ta' investiment pubbliku, il-kumpaniji b'kapital ta' riskju, l-individwi jew il-gruppi ta' individwi b'attività regolari ta' investiment f'kapital ta' riskju li jinvestu l-kapital ta' ekwità f'negozji mhux ikkwotati (investituri informali), diment li l-investiment totali ta' dawk l-investituri informali fl-istess intrapriża jkun ta' inqas minn EUR 1 250 000;

(b) l-universitajiet jew iċ-ċentri ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ;

(c) l-investituri istituzzjonali, li jinkludu l-fondi għall-iżvilupp reġjonali;

(d) awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' inqas minn EUR 10 miljun u ta' inqas minn 5 000 abitant.

3. "Intrapriżi assoċjati" huma intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

(a) intrapriża waħda jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

(b) intrapriża waħda jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, ta' ġestjoni jew ta' sorveljanza ta' intrapriża oħra;

(c) intrapriża waħda għandha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;

(d) intrapriża li tkun azzjonista f'intrapriża oħra jew membru tagħha waħedha tkun tikkontrolla, skont ftehim mal-azzjonisti l-oħra f'dik l-intrapriża jew mal-membri l-oħra tagħha, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Hemm preżunzjoni li ma teżisti l-ebda influwenza dominanti jekk l-investituri elenkati fit-tieni subparagrafu tal-punt 2 ma jinvolvux ruħhom direttament jew indirettament fil-ġestjoni tal-intrapriża inkwistjoni, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom bħala azzjonisti.

L-intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet deskritti fl-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda oħra jew aktar, jew li għandhom xi wieħed mill-investituri msemmija fil-paragrafu 2, huma meqjusa wkoll bħala intrapriżi assoċjati.

L-intrapriżi li għandhom xi waħda minn dawn ir-relazzjonijiet jew aktar permezz ta' persuna fiżika jew ta' grupp ta' persuni fiżiċi li jaġixxu flimkien ukoll huma meqjusin bħala intrapriżi assoċjati jekk iwettqu l-attività tagħhom jew parti mill-attività tagħhom fl-istess suq rilevanti jew fi swieq qrib.

Jitqies li hu "suq qrib" is-suq għall-prodotti jew is-servizzi li jinsab direttament upstream jew downstream mis-suq rilevanti.

4. Barra mill-każijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, intrapriża ma tistax titqies bħala SME jekk 25 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot tagħha jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati, b'mod konġunt jew b'mod individwali, minn korp wieħed pubbliku jew aktar.

5. L-intrapriżi jistgħu jiddikjaraw l-istatus tagħhom bħala intrapriża awtonoma, intrapriża msieħba jew intrapriża assoċjata, inkluża d-*data* dwar il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2. Din id-dikjarazzjoni tista' ssir anki jekk il-kapital ikun mifrux b'tali mod li ma jkunx jista' jiġi stabbilit eżattament f'idejn min jinsab, f'liema każ l-intrapriża tista' tiddikjara in bona fede li tista' tissoponi b'mod leġittimu li 25 % tal-kapital tagħha jew aktar mhuwiex il-proprjetà ta' intrapriża waħda, jew mhuwiex proprjetà konġunta ta' intrapriżi assoċjati ma' xulxin. Dawn id-dikjarazzjonijiet isiru mingħajr ħsara għall-kontrolli u l-investigazzjonijiet previsti fir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

**Id-data użata għall-għadd ta' persunal u l-ammonti finanzjarji u referenza perjodu**

1. Id-*data* li għandha tiġi applikata għall-kalkolu tal-għadd ta' persunal u tal-ammonti finanzjarji hija dik li tirrigwarda l-aħħar perjodu kontabilistiku approvat u din tiġi kkalkulata fuq bażi annwali. Dawn jiġu kkunsidrati mid-data tal-għeluq tal-kontijiet. L-ammont magħżul għall-fatturat huwa kkalkulat mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) u taxxi indiretti oħrajn.

2. Meta, fid-data tal-għeluq tal-kontijiet, intrapriża ssib li, fuq bażi annwali, hija tkun qabżet il-limiti tal-għadd ta' persunal jew tal-limiti finanzjarji ddikjarati fil-punt 2, jew tkun niżlet taħthom, dan ma jirriżultax fit-telf jew fl-akkwiżizzjoni tal-istatus ta' mikrointrapriża jew ta' intrapriża ta' daqs medju jew żgħir, sakemm dawk il-limiti ma jinqabżux fuq żewġ perjodi kontabilistiċi konsekuttivi.

3. Fil-każ ta' intrapriża li tkun għadha kemm ġiet stabbilita u li l-kontijiet tagħha jkunu għadhom ma ġewx approvati, id-*data* li għandha tiġi applikata trid tittieħed minn stima magħmula in bona fede li tkun saret matul is-sena finanzjarja.

*Artikolu 5*

**L-għadd ta' persunal**

L-għadd ta' persunal jikkorrispondi mal-għadd ta' unitajiet annwali tax-xogħol (AWU), jiġifieri l-għadd ta' persuni li ħadmu full-time fl-intrapriża inkwistjoni jew f'isimha matul is-sena kollha ta' referenza li tkun qed titqies. Ix-xogħol tal-persuni li ma jkunux ħadmu s-sena kollha, ix-xogħol ta' dawk li jkunu ħadmu part-time, irrispettivament minn kemm ħadmu, u x-xogħol tal-ħaddiema staġjonali jingħaddu bħala frazzjonijiet tal-AWU. Il-persunal jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

(a) l-impjegati;

(b) persuni li jaħdmu għall-intrapriża li taqa' taħtha u li jitqiesu bħala impjegati tagħha skont il-liġi nazzjonali;

(c) is-sidien maniġers;

(d) msieħba li jkunu involuti f'attività regolari fl-intrapriża u li jibbenefikaw minn vantaġġi finanzjarji mill-intrapriża.

L-apprendisti jew l-istudenti li jkunu qed jagħmlu taħriġ vokazzjonali skont kuntratt ta' apprendistat jew ta' taħriġ vokazzjonali mhumiex inklużi bħala parti mill-persunal. It-tul ta' żmien tal-liv tal-maternità jew tal-ġenituri ma jingħaddx.

*Artikolu 6*

**L-istabbiliment tad-data ta' intrapriża**

1. Fil-każ ta' intrapriża awtonoma, id-*data*, inkluż l-għadd ta' persunal, tiġi ddeterminata esklussivament abbażi tal-kontijiet ta' dik l-intrapriża.

2. Id-*data*, inkluż l-għadd ta' persunal, ta' intrapriża li għandha intrapriżi msieħba jew intrapriżi assoċjati magħha, tiġi ddeterminata abbażi tal-kontijiet jew ta' *data* oħra tal-intrapriża, jew, fejn ikunu jeżistu, abbażi tal-kontijiet konsolidati tal-intrapriża, jew tal-kontijiet konsolidati li fihom l-intrapriża tkun inkluża permezz ta' konsolidament.

Mad-*data* msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżdied id-data ta' kull intrapriża msieħba mal-intrapriża inkwistjoni li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha. L-aggregazzjoni ssir b'mod proporzjonat mal-perċentwali tal-parteċipazzjoni fil-kapital jew fid-drittijiet tal-vot (skont liema minnhom ikun l-ikbar). Fil-każ ta' parteċipazzjonijiet inkroċjati, għandu japplika l-akbar perċentwali minn fost dawn it-tnejn.

Mad-*data* msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu għandu jiżdied il-100 % tad-*data* ta' kwalunkwe intrapriża li tkun assoċjata direttament jew indirettament mal-intrapriża inkwistjoni, meta dik id-data ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet permezz tal-konsolidament.

3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2, id-*data* tal-intrapriżi msieħba mal-intrapriża inkwistjoni għandha tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-data l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' dawn għandu jiżdied il-100 % tad-*data* tal-intrapriżi li jkunu assoċjati ma' dawn l-intrapriżi msieħba, dejjem jekk id-data tal-kontijiet tagħhom ma tkunx diġà ġiet inkluża permezz tal-konsolidament.

Biex jiġi applikat l-istess paragrafu 2, id-*data* tal-intrapriżi li huma assoċjati mal-intrapriża inkwistjoni għandha tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-data l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' din id-*data* tiżdied, pro rata, id-*data* ta' kwalunkwe intrapriża msieħba possibbli ta' dik l-intrapriża assoċjata, li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha, sakemm ma tkunx ġiet inkluża diġà fil-kontijiet konsolidati b'persentaġġ li jkun mill-inqas proporzjonat mal-persentaġġ identifikat taħt il-punt 2 tat-tieni subparagrafu.

4. Meta fil-kontijiet konsolidati ma tkun tidher l-ebda *data* dwar l-impjegati ta' intrapriża partikolari, iċ-ċifri tal-impjegati għandhom jiġu kkalkulati billi tiġi aggregata b'mod proporzjonat id-data mill-intrapriżi msieħba tagħha u billi tiżdied id-data mill-intrapriżi li magħhom l-intrapriża inkwistjoni tkun assoċjata.

*ANNESS II*

**Informazzjoni rigward l-għajnuna mill-Istat eżentata skont il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi pprovduta permezz tal-applikazzjoni tal-IT tal-Kummissjoni stabbilita kif stipulata fl-Artikolu 11**

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Ir-referenza tal-għajnuna | *(Għandha timtela mill-Kummissjoni)* | |
| L-Istat Membru | | |
| Numru ta' referenza tal-Istat Membru | | |
| Reġjun | Isem ir-Reġjun(i) (*NUTS* [1])<br>…………………………… | *Status tal-għajnuna reġjonali* [2]<br>☐ Ir-reġjuni ultraperiferiċi<br>☐ Il-gżejjer minuri tal-Eġew<br>☐ Oħrajn |
| L-awtorità awtorizzanti | Isem | |
| | Indirizz postali | |
| | Indirizz tal-Internet | |
| Titlu tal-miżura ta' għajnuna | ………………………………………………… | |
| Il-bażi ġuridika nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali rilevanti) | …………………………………………………<br>………………………………………………… | |
| Ħolqa tal-Internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | ………………………………………………… | |
| Tip ta' miżura | ☐ Skema | |
| | ☐ Għajnuna ad hoc | Isem il-benefiċjarju u l-grupp [3] li jappartjeni għalih |
| Emenda ta' skema tal-għajnuna eżistenti jew tal-għajnuna ad hoc | | In-numru ta' referenza attribwit mill-Kummissjoni għall-għajnuna |
| | ☐ Estensjoni | |
| | ☐ Modifika | |
| Tul ta' żmien [4] | ☐ Skema | minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss |

| | | |
|---|---|---|
| Id-data tal-għotja tal-għajnuna | ☐ Għajnuna ad hoc | jj/xx/ssss |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | ☐ Jekk jogħġbok speċifika fil-livell tal-grupp NACE (5) | |
| Tip ta' benefiċjarju | ☐ SME | |
| | ☐ Impriżi kbar | |
| Il-baġit | *Skema:* Ammont ġenerali (6) Munita nazzjonali … (ammonti sħaħ) …………………… | |
| | Għajnuna ad hoc: Ammont ġenerali (7) Munita nazzjonali … (ammonti sħaħ) …………………… | |
| | ☐ Għall-garanziji (8) | Munita nazzjonali… (ammonti sħaħ) …………………… ………… |
| Strument tal-għajnuna | ☐ Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax | |
| | ☐ Servizzi sussidjati | |
| | ☐ Self/Ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli | |
| | ☐ Garanzija (fejn ikun xieraq b'referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (9)) | |
| | ☐ Vantaġġ tat-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa | |
| | ☐ Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) ……………………<br>Indika f'liema kategorija wiesgħa minn hawn taħt, toqgħod l-aktar f'termini tal-effett/funzjoni tagħha:<br>☐ Sussidju<br>☐ Self<br>☐ Garanzija<br>☐ Benefiċċju fuq it-taxxa | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ☐ Jekk kofinanzjat minn fond(i) tal-UE | Isem il-fond(i) tal-UE:<br>……………………………………<br>…………………………………… | Ammont ta' fondi<br>(skont il-fond tal-UE)<br>………………………………………… | Munita nazzjonali… (ammonti sħaħ)<br>………………………………………… |

(1) NUTS – Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun jiġi speċifikat fil-livell 2.
(2) Jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna tingħatax favur impriża attiva f'waħda miż-żoni definiti minn qabel. Inkella, jekk jogħġbok agħżel il-kaxxa "oħrajn".
(3) Għall-finijiet tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stipulati fit-Trattat u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, impriża hija kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tkun iffinanzjata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jenħtieġ li l-entitajiet li huma kkontrollati (fuq bażi legali jew fuq bażi de facto) mill-istess entità jitqiesu bħala intrapriża waħda.
(4) Il-perjodu li matulu l-awtorità tal-għoti tista' timpenja ruħha li tagħti l-għajnuna.
(5) NACE Rev. 2 - Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea. Tipikament, is-settur għandu jiġi speċifikat fil-livell tal-grupp.
(6) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna: indika l-ammont globali tal-baġit ippjanat skont l-iskema jew l-istima tat-telf mit-taxxa għad-durata kollha tagħha u għall-istrumenti kollha ta' għajnuna inklużi fl-iskema.
(7) Fil-każ ta' għotja ta' għajnuna ad hoc: Indika l-ammont globali ta' għajnuna jew telf mit-taxxa.
(8) Għall-garanziji, indika l-ammont (massimu) ta' self garantit.
(9) Fejn xieraq, referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ekwivalenti tal-għotja gross, f'konformità mal-Artikolu 5(3)(c)(ii) ta' dan ir-Regolament.

PARTI II

**trid tiġi pprovduta permezz tas-sistema ta' notifika elettronika stabbilita tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11**

Jekk jogħġbok indika skont liema dispożizzjoni tal-ABER hija implimentata l-miżura tal-għajnuna

| Objettivi primarji (*Huma possibbli l-objettivi multipli; f'dan il-każ indika l-objettivi kollha)* | L-intensità massima tal-għajnuna f'% | Ammont massimu tal-għajnuna bil-munita nazzjonali f'ammonti sħaħ |
|---|---|---|
| ☐ Għajnuna għal investimenti f'azjenda agrikola marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja (Artikolu 14) | | |
| ☐ Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art agrikola (Artikolu 15) | | |
| ☐ Għajnuna għal investimenti li jikkonċernaw ir-rilokazzjoni ta' bini tal-farms (Artikolu 16) | | |
| ☐ Għajnuna għal investimenti relatati mal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli (Artikolu 17) | | |
| ☐ Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażagħ u għajnuna għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet agrikoli (Artikolu 18) | | |
| ☐ Għajnuna inizjali għal gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-forestrija (Artikolu 19) | | |
| ☐ Għajnuna għall-parteċipazzjoni ta' produtturi ta' prodotti agrikoli fi skemi tal-kwalità (Artikolu 20) | | |
| ☐ Għajnuna għall-iskambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni (Artikolu 21) | | |

| | | |
|---|---|---|
| ☐ Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza (Artikolu 22) | | |
| ☐ Għajnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni ta' farms (Artikolu 23) | | |
| ☐ Għajnuna għal miżuri ta' promozzjoni favur prodotti agrikoli (Artikolu 24) | | |
| ☐ Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn event klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali (Artikolu 25) | | |
| | Tip ta' event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali: | ☐ ġlata<br>☐ maltemp<br>☐ xita ta' silġ<br>☐ silġ mal-art<br>☐ xita kontinwa jew qawwija<br>☐ uragan<br>☐ nixfa severa<br>☐ oħrajn<br>Jekk jogħġbok speċifika: |
| | Id-data ta' meta seħħ l-avveniment: | minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss |
| ☐ Għajnuna għall-kostijiet ta' prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda ta' mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti biex tikkumpensa għad-dannu kkawżat bil-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti (Artikolu 26) | | |
| ☐ Għajnuna lis-settur tal-bhejjem u għajnuna għal bhejjem mejta (Artikolu 27) | | |
| ☐ Għajnuna għall-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni u għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi (Artikolu 28) | | |
| ☐ Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti (Artikolu 29) | | |
| ☐ Għajnuna għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija (Artikolu 30) | | |
| ☐ Għajnuna għal impenji tat-trattament xieraq tal-annimali (Artikolu 31) | | |
| ☐ Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-agrikultura (Artikolu 32) | | |
| ☐ Għajnuna għal żvantaġġi relatati ma' Natura 2000 (Artikolu 33) | | |

| | | |
|---|---|---|
| ☐ Għajnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi (Artikolu 34) | | |
| ☐ Għajnuna għall-biedja organika (Artikolu 35) | | |
| ☐ Għajnuna għal investiment favur il-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali li jkun jinsab fl-azjendi agrikoli jew fil-foresti (Artikolu 36) | | |
| ☐ Għajnuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastru naturali fis-settur tal-agrikoltura (Artikolu 37) | | |
| | Tip ta' diżastru naturali: | ☐ terremot<br>☐ valanga<br>☐ uqigħ tal-art<br>☐ għargħar<br>☐ tromba tal-arja<br>☐ uragan<br>☐ żbruffar vulkaniku<br>☐ nirien tal-foresti<br>☐ oħrajn<br>Jekk jogħġbok speċifika: |
| | Id-data ta' meta seħħ id-diżastru naturali: | minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss |
| ☐ Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija (Artikolu 38) | | |
| ☐ Għajnuna għall-kostijiet imġarrba minn impriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP (Artikolu 39) | | |
| ☐ Ammonti limitati ta' għajnuna lill-impriżi li jibbenefikaw minn proġetti tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP (Artikolu 40) | | |
| ☐ Għajnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar (Artikolu 41) | | |
| ☐ Għajnuna għal sistemi agroforestali (Artikolu 42) | | |
| ☐ Għajnuna għall-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti (Artikolu 43) | | |
| ☐ Għajnuna għall-investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali (Artikolu 44) | | |
| ☐ Għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji (Artikolu 45) | | |

| | | |
|---|---|---|
| ☐ Għajnuna għal servizzi forestali-ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti (Artikolu 46) | | |
| ☐ Għajnuna għat-trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta’ informazzjoni fis-settur tal-forestrija (Artikolu 47) | | |
| ☐ Għajnuna għal servizzi ta’ konsulenza fis-settur tal-forestrija (Artikolu 48) | | |
| ☐ Għajnuna għal investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattazzjoni tas-settur tal-forestrija (Artikolu 49) | | |
| ☐ Għajnuna għal investimenti f’teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tal-forestrija (Artikolu 50) | | |
| ☐ Għajnuna għall-konservazzjoni ta’ riżorsi ġenetiċi fil-forestrija (Artikolu 51) | | |
| ☐ Għajnuna għall-bidu ta’ negozju għal gruppi u organizzazzjonijiet ta’ produtturi fis-settur tal-forestrija (Artikolu 52) | | |
| ☐ Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija (Artikolu 53) | | |
| ☐ Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija (Artikolu 54) | | |
| ☐ Għajnuna għal servizzi bażiċi u infrastruttura f’żoni rurali (Artikolu 55) | | |
| ☐ Għajnuna għall-bidu ta’ negozju għal attivitajiet mhux agrikoli f’żoni rurali (Artikolu 56) | | |
| ☐ Għajnuna għal parteċipazzjoni ġdida ta’ bdiewa fi skemi ta’ kwalità għall-qoton jew għall-oġġetti tal-ikel (Artikolu 57) | | |
| ☐ Għajnuna għal attivitajiet ta’ informazzjoni u promozzjoni dwar il-qoton u oġġetti tal-ikel koperti minn skema tal-kwalità (Artikolu 58) | | |
| ☐ Għajnuna għal kooperazzjoni f’żoni rurali (Artikolu 59) | | |
| ☐ Għajnuna għal proġetti CLLD (Artikolu 60) | | |
| ☐ Ammonti limitati ta’ għajnuna għal proġetti CLLD (Artikolu 61) | | |

*ANNESS III*

**Dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 9(1)**

L-Istati Membri għandhom jorganizzaw is-siti web komprensivi tagħhom dwar l-għajnuna mill-Istat, li fuqhom għandha tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 (1), b'tali mod li jippermettu aċċess faċli għal dik l-informazzjoni. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata bħala *data* fi spreadsheet, pereżempju fil-format CSV jew XML. Dan jippermetti li jkun hemm tiftix, estrazzjoni u pubblikazzjoni faċli tad-*data* fuq l-Internet. Aċċess għall-websajt dwar l-għajnuna mill-Istat għandu jingħata lil kull parti interessata mingħajr restrizzjonijiet. Ma għandha tkun meħtieġa ebda reġistrazzjoni tal-utent minn qabel biex jingħata aċċess għall-websajt dwar l-għajnuna mill-Istat.

L-informazzjoni li ġejja dwar għotjiet individwali kif stabbilit fl-Artikolu 9 (1) (c) għandha tiġi ppubblikata:

(a) Referenza tan-numru ta' identifikazzjoni tal-għajnuna ([1]);

(b) Identifikatur tal-benefiċjarju ([2]);

(c) Tip ta' intrapriża (SME/kbira) fid-data tal-għoti tal-għajnuna;

(d) Ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju, fil-livell II tan-NUTS ([3]) u, jekk applikabbli, fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

(e) Is-settur ta' attività fil-livell tal-grupp NACE ([4]);

(f) Strument ta' għajnuna, espress bħala ammont sħiħ fil-munita nazzjonali ([5]);

(g) Strument ta' għajnuna ([6]) (għotja/sussidju tar-rata tal-imgħax, self/avvanzi ripagabbli/għotja rimborżabbli, garanzija, vantaġġ tat-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa, finanzjament ta' riskju, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika));

(h) Id-data tal-għoti tal-għajnuna;

(i) Objettiv tal-għajnuna ([7]);

(j) Awtorità tal-għoti.

---

([1]) Kif previst mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament.

([2]) Meta jitqies l-interess leġittimu fit-trasparenza li tiġi pprovduta informazzjoni lill-pubbliku, fil-ponderazzjoni tal-ħtiġijiet tat-trasparenza mad-drittijiet skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pubblikazzjoni tal-isem tal-benefiċjarju tal-għajnuna meta l-benefiċjarju tal-għajnuna jkun persuna fiżika jew persuna ġuridika li jkollha l-ismijiet ta' persuni fiżiċi, hija ġġustifikata (ara C-92/09, *Volker und Markus Schecke and Eifert*, il-paragrafu 53), filwaqt li jitqies l-Artikolu 49(1)(g) tar-Regolament 2016/679. Ir-regoli ta' trasparenza għandhom l-għan li jkun hemm konformità aħjar, responsabbiltà akbar, evalwazzjoni bejn il-pari u fl-aħħar mill-aħħar infiq pubbliku aktar effettiv. Dan l-għan għandu jipprevali fuq id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data ta' persuni fiżiċi li jirċievu appoġġ pubbliku.

([3]) NUTS – Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun għandu jiġi speċifikat fil-livell 2.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

([5]) Għotja grossa ekwivalenti.

([6]) Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' diversi strumenti ta' għajnuna, l-ammont ta' għajnuna għandu jiġi pprovdut minn strument ta' għajnuna.

([7]) Jekk l-għajnuna għandha objettivi multipli, l-ammont tal-għajnuna għandu jiġi stabbilit skont l-għan.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2473**

**tal-14 ta' Diċembru 2022**

**li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali ([1]) ("ir-Regolament (UE) 2015/1588"), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1), punti (a) (i),(ii), (vi), (vii) u (x) tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ([2]),

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Il-finanzjament mill-Istat li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u jirrikjedi notifika lill-Kummissjoni bis-saħħa tal-Artikolu 108(3) tiegħu. Madankollu, skont l-Artikolu 109 tat-TFUE, il-Kunsill jista' jiddetermina l-kategoriji tal-għajnuna li huma eżentati minn dan ir-rekwiżit ta' notifika. F'konformità mal-Artikolu 108(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti li jirrigwardjaw dawk il-kategoriji ta' għajnuna.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tiddikjara, skont l-Artikolu 109 tat-TFUE, li ċerti kategoriji tal-għajnuna jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika b'ċerti kundizzjonijiet. Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura f'bosta deċiżjonijiet. Hija ddikjarat ukoll il-politika tagħha f'linji gwida speċifiċi għal dak is-settur. Fid-dawl tal-esperjenza tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet, huwa xieraq li l-Kummissjoni tkompli tagħmel użu mis-setgħat mogħtija mir-Regolament (UE) 2015/1588. Għalhekk, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għajnuna lill-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll l-għajnuna mogħtija lill-impriżi attivi f'dawk l-oqsma indipendentement mid-daqs tal-impriża benefiċjarja biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali, l-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, l-għajnuna għall-innovazzjoni u l-għajnuna għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ilma ħelu jenħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mhux soġġetta għar-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. L-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' notifika jenħtieġ li tapplika wkoll għal għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata mill-imġiba tal-annimali protetti indipendentement mid-daqs tal-benefiċjarju tal-għajnuna bħala miżura ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ilma ħelu. Ir-Regolament (UE) 2015/1588 ma jagħtix is-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara, skont l-Artikolu 109 tat-TFUE, li l-għajnuna mill-Istat lil korpi tal-liġi pubblika, awtoritajiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet pubbliċi jew semi-pubbliċi tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika.

(3) Huwa xieraq li jkompli jsir użu mis-setgħat mogħtija mir-Regolament (UE) 2015/1588 sabiex tiġi eżentata l-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali li tingħata lill-impriżi indipendentement mid-daqs tal-benefiċjarju.

(4) Ir-Regolament (UE) 2015/1588 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li teżenta l-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti kundizzjonijiet ħżiena tat-temp fis-sajd mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108 (3) tat-TFUE. Abbażi ta' tali għoti tas-setgħa, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà għal din il-kategorija ta' għajnuna u jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi l-għajnuna li tingħata lill-impriżi indipendentement mid-daqs tal-benefiċjarju.

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.
([2]) ĠU C 185, 6.5.2022, p. 1.

(5) Il-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura hija vvalutata mill-Kummissjoni abbażi tal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS"), kif stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Fl-interess tal-koerenza mal-miżuri ta' appoġġ iffinanzjati mill-Unjoni, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika permessa skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ugwali għal dik stabbilita għall-istess tip ta' għajnuna fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(6) Huwa essenzjali li ma tingħata l-ebda għajnuna f'ċirkostanzi fejn id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, ir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ma jiġux irrispettati. Għalhekk, għajnuna tista' tingħata biss minn Stat Membru fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, jekk il-miżuri ffinanzjati u l-effetti tagħhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

(7) Dan ir-Regolament għandu jippermetti prijoritizzazzjoni aħjar tal-attivitajiet ta' infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u aktar simplifikazzjoni, u għandu jżid it-trasparenza, l-evalwazzjoni effettiva u l-kontroll tal-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, filwaqt li jżomm il-kompetenzi istituzzjonali tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(8) Il-kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu definiti abbażi ta' sett ta' prinċipji komuni li jiżguraw li l-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika, ikollha effett ta' inċentiv ċar, tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata, tingħata bi trasparenza sħiħa u tkun soġġetta għal mekkaniżmu ta' kontroll u evalwazzjoni regolari, u ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li tmur kontra l-interess komuni.

(9) L-għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi għall-kategoriji rilevanti tal-għajnuna, jenħtieġ li titqies bħala kompatibbli mas-suq intern u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika stipulat fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(10) L-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE mhux koperta minn dan ir-Regolament jew minn Regolamenti oħrajn adottati skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588 tibqa' soġġetta għar-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jinnotifikaw l-għajnuna potenzjalment koperta minn dan ir-Regolament. L-għajnuna ta' dan it-tip jenħtieġ li tiġi vvalutata fid-dawl tal-linji gwida għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([5]).

(11) Dan ir-Regolament ma jenħtieġx li japplika għall-għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk importati jew għall-għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni. B'mod partikolari, huwa ma għandux japplika għall-għajnuna li tiffinanzja t-twaqqif u t-tħaddim ta' network ta' distribuzzjoni fi Stati Membri jew pajjiżi terzi oħra. L-għajnuna għall-kost tal-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali jew għall-kost għal studji jew servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz normalment ma għandiex tikkostitwixxi għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni.

(12) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-għajnuna awtorizzata ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet kummerċjali tant li tmur kontra l-interess komuni. Għalhekk, għajnuna favur impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara Deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna bħala illegali u inkompatibbli mas-suq intern jenħtieġ li tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali jew minn avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali. Barra minn hekk, peress li jkun jikkawża piż amministrattiv żejjed li jiġu identifikati benefiċjarji individwali li jipparteċipaw fi proġetti ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità ("CLLD"), jenħtieġ li din l-eċċezzjoni tapplika wkoll għal għajnuna ta' ammont limitat għal SMEs li jipparteċipaw fi proġetti CLLD.

(13) L-għajnuna mogħtija lil impriżi f'diffikultà jenħtieġ li fil-prinċipju tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi tali għajnuna jenħtieġ li tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([6]). Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti fejn xieraq ċerti eċċezzjonijiet minn din ir-regola. Bħala eċċezzjoni, tali għajnuna tista' tingħata skont dan ir-Regolament sabiex tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali, tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn ċerti avvenimenti klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal impriżi f'diffikultà f'każijiet ta' għajnuna lill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti CLLD jew li jibbenefikaw minnhom, fejn ikun diffiċli li jiġu identifikati impriżi benefiċjarji individwali ta' skemi bħal dawn. Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali, ikun xieraq li jiġu stabbiliti kriterji ċari biex jiġi ddeterminat jekk impriża hijiex meqjusa li tinsab f'diffikultà għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

---

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

([5]) ĠU C 217, 2.7.2015, p. 1.

([6]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

(14) L-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jiddependi ħafna mill-kooperazzjoni tal-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża l-konformità ta' għajnuna individwali mogħtija skont dan ir-Regolament.

(15) Fid-dawl tal-ħtieġa li jintlaħaq il-bilanċ xieraq bejn il-minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur megħjun u l-objettivi ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament ma jenħtieġx li jeżenta għajnuna individwali li taqbeż ammont massimu fiss, kemm jekk magħmula taħt skema ta' għajnuna eżentata minn dan ir-Regolament kif ukoll jekk le.

(16) Għall-fini ta' trasparenza, trattament ugwali u monitoraġġ effettiv, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għal għajnuna li fir-rigward tagħha jkun possibbli li tiġi kkalkolata bi preċiżjoni l-għotja grossa ekwivalenti *ex ante* mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju ("għajnuna trasparenti").

(17) Dan ir-Regolament m'għandux jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom ċerti strumenti speċifiċi tal-għajnuna, bħas-self, il-garanziji, il-miżuri fiskali, u b'mod partikolari, il-ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu lura, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala trasparenti. L-għajnuna inkluża f'garanziji jenħtieġ li titqies bħala trasparenti, jekk l-ekwivalenti tal-għotja grossa tkun ġiet ikkalkolata abbażi ta' primjums fil-limitu ta' eżenzjoni stabbiliti għat-tip rispettiv ta' impriża. Fil-każ tal-SMEs, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ([7]) jindika livelli ta' primjum annwali li 'l fuq minnhom garanzija tal-Istat titqies li ma tikkostitwixxix għajnuna. Għal finijiet ta' dan ir-Regolament, injezzjonijiet tal-kapital u miżuri tal-kapital tar-riskju m'għandhomx jitqiesu bħala għajnuna trasparenti.

(18) Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tkun neċessarja u taġixxi bħala inċentiv biex jiġu żviluppati aktar l-attivitajiet jew il-proġetti, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-għajnuna għal attivitajiet li fi kwalunkwe każ l-impriża benefiċjarja tieħu sehem fihom anki fin-nuqqas tal-għajnuna. L-għajnuna jenħtieġ li tkun eżentata biss mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE f'konformità ma' dan ir-Regolament, fejn l-attività jew il-ħidma fuq il-proġett megħjun tibda wara li l-impriża benefiċjarja tkun issottomettiet applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna.

(19) Fir-rigward ta' kull għajnuna *ad hoc* koperta minn dan ir-Regolament mogħtija lil benefiċjarju li huwa intrapriża kbira, jenħtieġ li l-Istat Membru, minbarra l-kundizzjonijiet dwar l-effett ta' inċentiv applikabbli għall-SMEs, jiżgura wkoll li l-benefiċjarju jkun analizza, f'dokument intern, il-vijabbiltà tal-proġett jew attività megħjuna kemm bl-għajnuna kif ukoll mingħajrha. Jenħtieġ li l-Istat Membru jivverifika li dan id-dokument intern jikkonferma żieda materjali fl-ambitu tal-proġett jew attività, żieda materjali fl-ammont totali minfuq mill-benefiċjarju fuq il-proġett megħjun jew attività jew żieda materjali fil-ħeffa tat-tlestija tal-proġett jew attività kkonċernat/a. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi stabbilit l-effett ta' inċentiv abbażi tal-fatt li, fin-nuqqas tal-għajnuna, il-proġett ta' investiment jew l-attività ma kinux isiru bħala tali fiż-żona rurali kkonċernata.

(20) L-iskemi ta' għajnuna awtomatiċi fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa għandhom jibqgħu soġġetti għal kundizzjoni speċifika fir-rigward tal-effett ta' inċentiv, minħabba li din it-tip ta' għajnuna tingħata skont proċeduri differenti minn dik li taqa' f'kategoriji oħrajn. Skemi bħal dawn għandhom jiġu adottati qabel ma jkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna. Madankollu, din il-kundizzjoni m'għandhiex tapplika fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi sakemm l-attività ma kinitx diġà koperta mill-iskemi fiskali preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa. Għall-valutazzjoni tal-effett ta' inċentiv ta' skemi bħal dawn, il-waqt kruċjali huwa l-mument meta l-miżura fiskali tkun ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-iskema oriġinali, li mbagħad tkun inbidlet bl-iskema suċċessiva.

(21) Għall-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna, il-kostijiet eliġibbli biss għandhom jiġu inklużi. Dan ir-Regolament m'għandux jeżenta għajnuna li taqbeż l-intensità rilevanti tal-għajnuna minħabba li fiha jkunu ġew inklużi kostijiet ineliġibbli. Mal-identifikazzjoni tal-kostijiet eliġibbli għandu jkun hemm provi dokumentarji ċari, speċifiċi u aġġornati. Iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra. L-għajnuna li titħallas f'diversi ħlasijiet parzjali għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Il-kostijiet eliġibbli wkoll għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skontar u għall-kalkolu tal-ammont ta' għajnuna fil-każ ta' għajnuna li ma tiħux il-forma ta' għotja jenħtieġ li tkun, rispettivament, ir-rata ta' skont u r-rata ta' referenza applikabbli fiż-żmien tal-għotja, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jintuża sabiex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u ta' skont ([8]). Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, il-ħlasijiet parzjali tal-għajnuna għandhom ikunu skontati abbażi tar-rati tal-iskont applikabbli fid-diversi dati li fihom jidħlu fis-seħħ il-benefiċċji fuq it-taxxa. L-użu ta' għajnuna f'forma ta' ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu lura għandu jiġi promoss, peress li dawn l-istrumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju jwasslu għat-tisħiħ tal-effett ta' inċentiv tal-għajnuna. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' ħlas bil-quddiem li jitħallas lura, l-intensità tal-għajnuna applikabbli msemmija f'dan ir-Regolament tista' tiżdied.

([7]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.
([8]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

(22) Fil-każ tal-benefiċċji fuq it-taxxa fuq it-taxxi futuri, jista' jkun li r-rata ta' skont applikabbli u l-ammont eżatt tal-ħlasijiet parzjali tal-għajnuna ma jkunux magħrufa minn qabel. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu minn qabel limitu massimu fuq il-valur skontat tal-għajnuna li jirrispetta l-intensità applikabbli tal-għajnuna. Imbagħad, meta jsir magħruf l-ammont tal-ħlas parzjali tal-għajnuna f'data partikolari, l-iskontar jista' jsir abbażi tar-rata ta' skont applikabbli f'dak iż-żmien. Il-valur skontat ta' kull porzjon ta' għajnuna jenħtieġ li jitnaqqas mill-ammont globali tal-ammont limitat.

(23) Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limiti ta' notifika u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna msemmija f'dan ir-Regolament humiex irrispettati, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat għall-attività jew għall-proġett megħjuna. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jiġu akkumulati kategoriji differenti tal-għajnuna. L-għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament u kwalunkwe għajnuna kompatibbli oħra eżentata skont regolamenti oħrajn jew approvata mill-Kummissjoni jistgħu jiġu akkumulati, sakemm dawk il-miżuri jkunu jikkonċernaw kostijiet eliġibbli identifikabbli differenti. Meta sorsi differenti tal-għajnuna jkunu relatati mal-istess kostijiet eliġibbli identifikabbli li – jikkoinċidu parzjalment jew għal kollox, – għandha tkun permessa akkumulazzjoni sal-ogħla intensità tal-għajnuna jew sal-ogħla ammont tal-għajnuna applikabbli għal dik l-għajnuna skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli speċjali għall-akkumulazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mal-għajnuna *de minimis*. L-għajnuna *de minimis* ħafna drabi ma tingħatax jew ma tiġix attribwita għal kostijiet eliġibbli identifikabbli speċifiċi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi akkumulata liberament l-għajnuna *de minimis* mal-għajnuna mill-Istat eżentata skont dan ir-Regolament. Madankollu, meta l-għajnuna *de minimis* tingħata għall-istess kostijiet eliġibbli identifikabbli bħala għajnuna mill-Istat eżentata skont dan ir-Regolament, l-akkumulazzjoni jenħtieġ li tkun permessa biss sal-intensità massima tal-għajnuna msemmija fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

(24) Minħabba li, fil-prinċipju, l-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE hija pprojbita, huwa importanti li jkun jista' jiġi vverifikat jekk għajnuna partikolari tingħatax f'konformità mar-regoli applikabbli. Għalhekk, it-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat hija essenzjali għall-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u twassal għal konformità aħjar, akkontabbiltà akbar, rieżami bejn il-pari u, fl-aħħar mill-aħħar, infiq pubbliku aktar effettiv. Biex jiżguraw it-trasparenza, l-Istati Membri għandhom jintalbu jistabbilixxu websites komprensivi dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell reġjonali jew nazzjonali, li jagħtu informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura tal-għajnuna li hija eżentata skont dan ir-Regolament. Dan l-obbligu għandu jkun kundizzjoni għall-kompatibbiltà tal-għajnuna individwali mas-suq intern. Skont il-prattika standard rigward il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), jenħtieġ li jintuża format standard li jippermetti li l-informazzjoni tiġi mfittxija, titniżżel u tiġi ppubblikata faċilment fuq l-Internet. Il-ħoloq għall-websites tal-għajnuna mill-Istat tal-Istati Membri kollha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-website tal-Kummissjoni. F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/1588, jenħtieġ li tiġi ppubblikata informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura eżentata skont dan ir-Regolament fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

(25) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-miżuri ta' għajnuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/1588, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward tar-rapportar mill-Istati Membri tal-miżuri ta' għajnuna li jkunu ġew eżentati skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar ir-rekords li l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu fir-rigward tal-għajnuna eżentata minn dan ir-Regolament, fid-dawl tal-perjodu ta' limitazzjoni stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([10]). Fl-aħħar nett, kull għajnuna individwali għandu jkun fiha referenza espliċita għal dan ir-Regolament.

(26) Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tirtira l-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija għall-miżuri ta' għajnuna futuri fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun kapaċi tirrestrinġi l-irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija għal ċerti tipi ta' għajnuna, ċerti impriżi benefiċjarji jew miżuri ta' għajnuna adottati minn ċerti awtoritajiet, fejn in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jaffettwa biss grupp limitat ta' miżuri jew ċerti awtoritajiet. Irtirar immirat bħal dan għandu jipprovdi rimedju proporzjonat marbut direttament man-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament identifikat.

(27) Sabiex jiġu eliminati d-differenzi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni bejn inizjattivi nazzjonali u tal-Unjoni differenti li jikkonċernaw l-SMEs, kif ukoll għal raġunijiet ta' ċertezza amministrattiva u legali, id-definizzjoni ta' SMEs użata għall-fini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-definizzjoni fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([11]).

([9]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

(28) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri t-tipi ta' għajnuna mogħtija fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura li ġew approvati sistematikament mill-Kummissjoni fil-passat. Din l-għajnuna ma jenħtieġx li tkun tirrikjedi valutazzjoni każ b'każ tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern mill-Kummissjoni, sakemm tkun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013 u (UE) 2021/1139 fejn applikabbli.

(29) F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 107(2) tat-TFUE, l-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali hija kompatibbli mas-suq intern. Biex ikun hemm iċ-ċertezza legali huwa neċessarju li jiġu ddefiniti t-tipi ta' avvenimenti li jistgħu jikkostitwixxu diżastru naturali eżentat b'dan ir-Regolament.

(30) Is-sajd u l-akkwakultura huma setturi li huma speċifikament esposti għal avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali u ma' mard tal-annimali. L-esperjenza turi li dawn is-setturi huma affettwati b'mod straordinarju minn tali avvenimenti u li s-sajjieda jġarrbu dannu konsiderevoli minnhom. Il-miżuri maħsuba biex jassiguraw u jikkumpensaw b'mod adegwat għal tali dannu huma meqjusa bħala għodda adatta biex jgħinu lill-impriżi jirkupraw minn tali dannu u, b'hekk, biex jibqgħu fin-negozju u, b'dak il-mod, jiżguraw l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi f'dawk is-setturi.

(31) Il-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali bħal maltempati, ġlata, silġ, xita jew nixfa severa, li jseħħu fuq bażi aktar regolari, ma jenħtieġx li titqies bħala diżastru naturali skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 107(2) tat-TFUE. Madankollu, sal-punt li l-impatt tagħhom fuq l-attività ekonomika jkun tali li dawn ikunu jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, l-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi negattivi jenħtieġ li titqies bħala kompatibbli mas-suq intern skont il-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE.

(32) Sabiex jiġi żgurat li l-eżenzjoni tkopri l-għajnuna mogħtija biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali u avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi, skont prattika stabbilita, il-kundizzjonijiet li taħthom tali għajnuna tista' tibbenefika minn dik l-eżenzjoni ta' kategorija. Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jkunu jirrigwardjaw, b'mod partikolari, ir-rikonoxximent formali mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti tal-karattru tal-avveniment bħala diżastru naturali jew avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali u ma' rabta kawżali diretta bejn id-diżastru naturali jew l-avveniment klimatiku negattiv u d-danni mġarrba mill-impriża benefiċjarja, li jistgħu jinkludu impriżi f'diffikultà, u jenħtieġ li jkun żgurat li jiġi evitat kumpens żejjed. Jenħtieġ li l-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex l-impriża benefiċjarja tkun tista' terġa' lura għas-sitwazzjoni prevalenti qabel ma seħħ l-avveniment.

(33) Is-sajd u l-akkwakultura huma setturi fejn ma hemmx inċentiv suffiċjenti biex isseħħ azzjoni individwali, minkejja l-fatt li r-riżultat ta' azzjoni individwali kkombinata jikkorrispondi għall-ġid komuni tal-utenti kollha. Għal din ir-raġuni, l-għajnuna għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar u l-iskemi ta' kumpens fil-qafas tal-attivitajiet ta' sajd sostenibbli, inkluż il-ġbir tal-iskart mill-baħar, jenħtieġ li titqies bħala kompatibbli mas-suq intern skont il-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE.

(34) Dan ir-Regolament iqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 tat-TFUE, li jipprevedi miżuri speċifiċi.

(35) L-għajnuna mogħtija lill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti CLLD, ftit li xejn għandha impatt fuq il-kompetizzjoni, b'mod partikolari, fid-dawl tar-rwol pożittiv li l-għajnuna għandha għall-kondiviżjoni tal-għarfien, speċjalment għall-komunitajiet lokali, kif ukoll in-natura spiss kollettiva tal-għajnuna, u l-iskala relattivament żgħira tagħha. In-natura ta' dawk il-proġetti hija integrata, b'diversi atturi u b'diversi setturi, u dan jista' jwassal għal ċerti diffikultajiet għall-klassifikazzjoni tagħhom skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-muniċipalitajiet, min-natura tagħhom stess, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME ([12]). Madankollu, spiss ikollhom rwol vitali fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-proġetti tas-CLLD. Għalhekk, meta proġett tas-CLLD jitwettaq favur wieħed mill-objettivi previsti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588, jenħtieġ li jkun possibbli li l-għajnuna lill-muniċipalitajiet fil-kuntest ta' tali proġett tiġi eżentata bħala kategorija. Minħabba n-natura lokali tal-proġetti CLLD, magħżula abbażi ta' strateġija pluriennali għall-iżvilupp lokali determinata u implimentata minn sħubija pubblika-privata u l-orjentazzjoni tagħhom lejn l-interess komunitarju, soċjali, ambjentali u klimatiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza ċerti diffikultajiet iffaċċati mill-proġetti CLLD sabiex jiffaċilita l-konformità tagħhom mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għall-muniċipalitajiet li jibbenefikaw direttament jew indirettament minn proġetti tas-CLLD, li jsegwu wieħed mill-objettivi previsti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588.

([12]) Skont id-definizzjoni ta' SME, riprodotta fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, intrapriża ma tistax titqies bħala SME jekk 25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot huma kkontrollati direttament jew indirettament, b'mod konġunt jew individwalment, minn korp pubbliku wieħed jew aktar (ara l-Artikolu 3(4) ta' dak l-Anness).

(36) Skont l-Artikolu 15(1)(f) u l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE(1) ([13]), l-Istati Membri jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa applikabbli għas-sajd f'ilmijiet interni u xogħlijiet tal-pixxikultura. Għalhekk huwa xieraq li dawk il-miżuri jkomplu jiġu eżentati mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat fejn il-kundizzjonijiet previsti skont din id-Direttiva huma ssodisfati. Eżenzjonijiet tat-taxxa applikabbli għas-sajd fi ħdan ilmijiet tal-UE li l-Istati Membri għandhom jintroduċu skont l-Artikolu 14(1)(c) ta' dik id-Direttiva mhumiex imputabbli għall-Istat u għalhekk m'għandhomx jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(37) Fid-dawl tal-esperjenza tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jenħtieġ li jiġu riveduti perjodikament. Għalhekk, il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi limitat u għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżitorji. Wara li kkunsidrat il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna skont dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib mal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1139 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027, huwa xieraq li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tal-FEMSA. Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u ċ-ċertezza legali matul fażi tranżizzjonali, huwa xieraq li dan ir-Regolament japplika sal-31 ta' Diċembru 2029.

(38) Jekk dan ir-Regolament jiskadi mingħajr ma jiġi estiż, l-iskemi ta' għajnuna diġà eżentati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkomplu jiġu eżentati għal sitt xhur sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u ċ-ċertezza legali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet komuni***

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għajnuna mogħtija lil

(a) intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(b) il-muniċipalitajiet skont l-Artikolu 54 u 55; kif ukoll

(c) portijiet tas-sajd, postijiet ta' żbark, swali tal-irkant u postijiet ta' kenn skont l-Artikolu 29

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal għajnuna mogħtija lil kwalunkwe impriża attiva fil-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għall-kwalunkwe mill-għanijiet li ġejjin u indipendentement mid-daqs tal-impriża li qed tibbenefika mill-għajnuna:

(a) għat-tiswija tal-ħsara kkawżata minn diżastri naturali;

(b) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avveniment klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali;

(c) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti; kif ukoll

(d) għall-innovazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) għajnuna li l-ammont tagħha jiġi ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq;

([13]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

(b) għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u t-tħaddim ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' kostijiet oħra kurrenti marbutin mal-attività tal-esportazzjoni;

(c) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti domestiċi minflok dawk importati;

(d) għajnuna *ad hoc* favur impriża msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu;

(e) għajnuna mogħtija għal operazzjonijiet jew nefqa

(i) li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment tas-sajd;

(ii) għall-akkwist ta' tagħmir li jżid il-kapaċità ta' bastiment tas-sajd li jsib il-ħut;

(iii) għall-bini, l-akkwist jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 20;

(iv) għat-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lil pajjiżi terzi, lanqas permezz tal-ħolqien ta' negozji bi sħab ma' persuni minn pajjiżi terzi;

(v) għall-waqfien temporanju jew permanenti tal-attivitajiet tas-sajd;

(vi) għas-sajd esploratorju;

(vii) it-trasferiment tas-sjieda ta' negozju sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 20;

(viii) għar-rifornimment dirett, ħlief jekk sperimentali;

(ix) għall-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda jew swali tal-irkant ġodda;

(x) għall-mekkaniżmi ta' intervent fis-suq li l-għan tagħhom ikun li jirtiraw il-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura mis-suq b'mod temporanju jew permanenti biex tonqos il-provvista ħalli ma jinżilx il-prezz jew biex jogħla l-prezz;

(xi) għall-investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti skont id-dritt tal-Unjoni li jkunu fis-seħħ meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal għajnuna, inkluż ir-rekwiżiti skont l-obbligi tal-Unjoni fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs);

(xii) għall-investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu ilhom iwettqu attivitajiet tas-sajd għal inqas minn 60 jum fl-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għajnuna;

(xiii) għas-sostituzzjoni jew l-immodernizzar ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd.

(f) għajnuna mogħtija lil impriża li

(i) tkun wettqet ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([14]) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([15]);

(ii) kienet involuta fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti illegali, mhux irrapportati u mhux regolati kif stabbilit fl-Artikolu 40, punt (3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak Regolament. jew

(iii) wettqet kwalunkwe reat ambjentali stipulat fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), fejn l-applikazzjoni għal appoġġ tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 32 sa 39 ta' dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal għajnuna lil intrapriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna mogħtija:

(a) lil impriżi li jipparteċipaw fi proġetti CLLD jew li jibbenefikaw minnhom;

(b) biex tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali;

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999. (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([15]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006. (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([16]) Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

(c) lil skemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali; jew

(d) fil-każijiet li ġejjin, sakemm l-intrapriża saret intrapriża f'diffikultà minħabba telf jew ħsarat ikkawżati mill-avveniment inkwistjoni:

(i) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali; jew

(ii) biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti.

5. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal skemi ta' għajnuna li ma jeskludux espliċitament il-pagament ta' għajnuna individwali favur intrapriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara Deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, bl-eċċezzjoni ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) skemi ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastru naturali jew avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali; jew

(b) skemi ta' għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti CLLD u għajnuna lill-impriżi li jipparteċipaw fis-CLLD jew li jibbenefikaw minnu skont l-Artikoli 54 u 55.

6. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li minnhom infushom, mill-kundizzjonijiet marbutin magħhom jew mill-metodu ta' finanzjament tagħhom jinvolvu ksur inseparabbli tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari:

(a) għajnuna fejn l-għoti tal-għajnuna jkun soġġett għall-obbligu li l-impriża benefiċjarja jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha fl-Istat Membru rilevanti jew li tkun stabbilita b'mod predominanti f'dak l-Istat Membru. Madankollu, ir-rekwiżit li wieħed ikollu sede jew fergħa fl-Istat Membru li jagħti l-għajnuna fil-mument tal-ħlas tal-għajnuna huwa permess;

(b) għajnuna fejn l-għoti tal-għajnuna jkun soġġett għall-obbligu li l-impriża benefiċjarja tuża prodotti manifatturati fuq livell nazzjonali jew servizzi nazzjonali; jew

(c) għajnuna li tillimita l-possibbiltà li l-impriża benefiċjarja tisfrutta r-riżultati tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn;

(d) id-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva dwar l-Għasafar, id-Direttiva dwar it-Tniġġis mis-Sors tal-Bastimenti u d-dispożizzjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-iskart.

7. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) għajnuna prevista fi skemi ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 20, 21, 24, 26 sa 30, 33, 43, 46, 48, 50 u 52, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12, mill-1 ta' Lulju 2023;

(b) kull tibdil fl-iskemi msemmija fil-punt (a), minbarra modifikazzjonijiet li ma jistgħux jaffettwaw il-kompatibilità tal-iskema ta' għajnuna skont dan ir-Regolament jew ma jistgħux jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kontenut approvat tal-pjan ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dan ir-Regolament għandu jkompli japplika għal perjodu itwal għal kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' għajnuna msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu wara li tkun ivvalutat il-pjan ta' evalwazzjoni rilevanti nnotifikat mill-Istat Membru lill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "*għajnuna ad hoc*" tfisser għajnuna mhux mogħtija abbażi ta' skema ta' għajnuna;

(2) “avveniment klimatiku avvers li jista’ jkun assimilat ma’ diżastru naturali” tfisser kundizzjonijiet ħżiena tat-temp bħal ġlata, tempesti u silġ, borra, xita bil-qliel jew persistenti jew nixfiet severi li jnaqqsu b’aktar minn 30 % il-medja tal-produzzjoni kkalkolata abbażi ta’ waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-perjodu preċedenti ta’ tliet snin;

(b) medja ta’ tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta’ ħames snin ta’ qabel, minbarra l-ogħla u l-inqas entrata;

(3) “għajnuna” tfisser kull miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat- TFUE;

(4) “intensità tal-għajnuna” tfisser l-ammont tal-għajnuna gross espress bħala perċentwal tal-kostijiet eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta’ taxxa jew imposti oħra;

(5) “skema ta’ għajnuna” tfisser kull att li, abbażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri oħra ta’ implimentazzjoni, għotjiet ta’ għajnuna individwali jistgħu jingħataw lil impriżi ddefiniti fl-att b’mod ġenerali u astratt u kwalunkwe att li abbażi tiegħu tista’ tingħata għajnuna li mhijiex marbuta ma’ proġett speċifiku lil impriża waħda jew aktar għal perjodu ta’ żmien indefinit u għal ammont indefinit;

(6) “bijosigurtà” tfisser miżuri ta’ ġestjoni u miżuri fiżiċi mfassla sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-introduzzjoni, tal-iżvilupp u tat-tixrid ta’ mard lejn, minn u fi ħdan: (a) popolazzjoni ta’ annimali, jew (b) stabbiliment, żona, kompartiment, mezz tat-trasport jew kwalunkwe faċilità, bini jew post ieħor;

(7) “miżuri ta’ kontroll u ta’ eradikazzjoni” tfisser miżuri rigward mard tal-annimali li għalih tkun ġiet rikonoxxuta formalment tifqigħa minn awtorità kompetenti, jew rigward pesti tal-pjanti jew speċijiet aljeni invażivi li tkun ġiet rikonoxxuta formalment il-preżenza tagħhom minn awtorità kompetenti;

(8) “data tal-għoti tal-għajnuna” tfisser id-data li fiha l-impriża benefiċjarja ngħatat id-dritt ġuridiku li tirċievi l-għajnuna skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli;

(9) “depredazzjoni” tfisser il-predazzjoni fuq ħut maqbud fix-xbieki jew miżmum f’għadajjar minn annimali protetti bħal foki, lontri tal-baħar u għasafar tal-baħar;

(10) “pjan ta’ evalwazzjoni” tfisser dokument li jkopri skema ta’ għajnuna waħda jew aktar u li jkun fih mill-anqas l-aspetti minimi li ġejjin: l-objettivi li għandhom jiġu vvalutati, il-mistoqsijiet tal-valutazzjoni, l-indikaturi tar-riżultat, il-metodoloġija prevista biex titwettaq il-valutazzjoni, ir-rekwiżiti għall-ġbir tad-*data*, iż-żmien propost tal-valutazzjoni inkluża d-data tas-sottomissjoni tar-rapport ta’ valutazzjoni interim u dak finali, id-deskrizzjoni tal-korp indipendenti li jwettaq il-valutazzjoni jew il-kriterji li se jintużaw għall-għażla tiegħu u l-modalitajiet biex jagħmlu l-valutazzjoni disponibbli pubblikament;

(11) “skemi tas-suċċessur fiskali” tfisser skema fil-forma ta’ benefiċċji fuq it-taxxa li tikkostitwixxi verżjoni emendata ta’ skema li kienet teżisti qabel fil-forma ta’ benefiċċji fuq it-taxxa u li toħdilha postha;

(12) “sajjied” tfisser kwalunkwe persuna fiżika involuta f’attivitajiet ta’ sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;

(13) “prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura” tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]);

(14) “settur tas-sajd u tal-akkwakultura” tfisser is-settur tal-ekonomija li jinkludi l-attivitajiet kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura;

(15) “kapaċità tas-sajd” tfisser it-tunnellaġġ ta’ bastiment f’TG (Tunnellaġġ Gross) u l-qawwa tiegħu f’kW (Kilowatt) kif definit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2017/1130 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]);

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2017/1130 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2017 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 1).

(16) "port tas-sajd" tfisser żona marittima jew interna ta' art u ilma li hija rikonoxxuta uffiċjalment minn Stat Membru u magħmula minn tali infrastruttura u tagħmir sabiex tippermetti, prinċipalment, l-akkoljenza ta' bastimenti tas-sajd, it-tagħbija u l-ħatt tal-qabdiet tagħhom, il-ħżin, l-irċevuta u l-konsenja ta' dawk il-qabdiet u l-imbark u l-iżbark tas-sajjieda;

(17) "l-ekwivalenti ta' għotja gross" tfisser l-ammont tal-għajnuna li kieku ġie pprovdut fil-forma ta' għotja lill-impriża benefiċjarja, qabel ma titnaqqas kwalunkwe taxxa jew imposta oħra;

(18) "għajnuna individwali" tfisser għajnuna *ad hoc* u għotjiet ta' għajnuna lil benefiċjarji individwali abbażi ta' skema ta' għajnuna;

(19) "sajd fl-ibħra interni" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa għal finijiet kummerċjali fl-ibħra interni minn bastimenti jew apparati oħra, inklużi dawk użati għas-sajd fis-silġ;

(20) "speċijiet aljeni invażivi" tfisser speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni u speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Istati Membri kif definit fl-Artikolu 3(3) u 3 (4) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) ("ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014");

(21) "diżastri naturali" tfisser terremoti, valangi, uqigħ tal-art, għargħar, trombi tal-arja, uragani, eruzzjonijiet vulkaniċi u nirien fil-foresti ta' oriġini naturali;

(22) "reġjuni ultraperiferiċi" tfisser ir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE;

(23) "annimal protett" tfisser kwalunkwe annimal għajr ħut protett mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(24) "avvanz ripagabbli" tfisser self għal proġett li jitħallas bi ħlas parzjali wieħed jew iktar u l-kundizzjonijiet li għar-rimborż li jiddependi mill-eżitu tal-proġett;

(25) "SME" jew "impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju" tfisser impriżi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

(26) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn: (a) bastimenti tas-sajd fil-baħar u fl-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ([20]); jew (b) sajjieda tal-miexi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;

(27) "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti għall-ordni tat-tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli, skont liema minnhom jiġi l-ewwel. Ix-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji, bħall-kisba tal-permessi u t-twettiq ta' studji tal-fattibbiltà, mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħlijiet. Għall-akkwiżizzjonijiet, il-"bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument li fih jiġu akkwistati assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

(28) "servizzi sussidjati" tfisser forma ta' għajnuna fejn l-għajnuna tingħata lill-impriża benefiċjarja finali b'mod indirett, in natura, u titħallas lill-fornitur tas-servizz jew tal-attività inkwistjoni.

(29) "impriża f'diffikultà" tfisser impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([21]);

2. Minbarra d-definizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1139 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 1379/2013.

*Artikolu 3*

**Limitu ta' notifika**

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal għajnuna individwali għal kwalunkwe proġett b'kostijiet eliġibbli ta' aktar minn EUR 2.5 miljun, jew fejn l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajnuna taqbeż EUR 1.25 miljun għal kull impriża fis-sena.

2. Il-limiti stabbiliti fil-Paragrafu 1 ma għandhomx jiġu evitati bil-qsim artifiċjali tal-iskemi tal-għajnuna jew tal-proġetti tal-għajnuna.

([19]) Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

([21]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat ( ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

*Artikolu 4*

**Kundizzjonijiet għal eżenzjoni**

1. L-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuna ad hoc għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2) jew (3) tat-TFUE u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, sakemm tali għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-kategorija rilevanti ta' għajnuna stipulati fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

2. Il-miżuri tal-għajnuna għandhom ikunu eżentati skont dan ir-Regolament biss jekk jipprevedu espliċitament li, matul il-perjodu tal-għotja, il-benefiċjarji tal-għajnuna għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u li, jekk matul dak il-perjodu jinstab li l-benefiċjarju ma jikkonformax mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-għajnuna għandha titħallas lura skont il-gravità tal-ksur.

*Artikolu 5*

**Trasparenza tal-għajnuna**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna li fir-rigward tagħha huwa possibbli li tiġi kkalkolata b'mod preċiż l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajnuna ex ante mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju ("għajnuna trasparenti").

2. Il-kategoriji tal-għajnuna li ġejjin jitqiesu bħala għajnuna trasparenti:

(a) għajnuna li tikkonsisti f'għotjiet, sussidji fuq ir-rati tal-imgħax u servizzi ssussidjati;

(b) l-għajnuna mogħtija bħala self fejn l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa jkun ġie kkalkulat abbażi tar-rata ta' referenza prevalenti fiż-żmien tal-għotja;

(c) l-għajnuna mogħtija bħala garanziji:

(i) meta l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa jkun ġie kkalkulat abbażi ta' primjums fil-limitu ta' eżenzjoni stabbiliti f'avviż tal-Kummissjoni; jew

(ii) meta qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tal-garanzija tkun ġiet aċċettata abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, jew abbażi ta' kull avviż suċċessiv ieħor, wara li din il-metodoloġija tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni skont kull regolament adottat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat applikabbli dak iż-żmien, u l-metodoloġija approvata tkun tindirizza espliċitament it-tip ta' garanzija u t-tip ta' tranżazzjoni sottostanti kkonċernata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(d) l-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, meta l-miżura tipprovdi għal limitu biex jiġi żgurat li l-limitu applikabbli ma jinqabiżx;

(e) għajnuna fil-forma ta' ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli, jekk l-ammont nominali totali tal-ħlas bil-quddiem ripagabbli ma jaqbiżx il-limiti applikabbli skont dan ir-Regolament jew jekk, qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija biex tiġi kkalkolata l-għotja grossa ekwivalenti tal-ħlas bil-quddiem ripagabbli tkun ġiet aċċettata wara n-notifika tagħha lill-Kummissjoni.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala għajnuna trasparenti:

(a) l-għajnuna mogħtija bħala injezzjonijiet tal-kapital;

(b) l-għajnuna mogħtija bħala miżuri ta' finanzjament ta' riskju.

*Artikolu 6*

**Effett ta' inċentiv**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna li sservi ta' inċentiv.

2. L-għajnuna għandha titqies li għandha effett ta' inċentiv jekk l-impriża benefiċjarja tkun issottomettiet applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat qabel ma tibda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività. L-applikazzjoni għall-għajnuna għandu jkun fiha tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u d-daqs tal-intrapriża;

(b) deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inklużi d-dati tal-bidu u t-tmiem tagħhom;

(c) il-post tal-proġett jew tal-attività;

(d) lista tal-kostijiet eliġibbli; kif ukoll

(e) it-tip ta' għajnuna (għotja, self, garanzija, self bil-quddiem li jithallas lura jew għajnuna oħra) u l-ammont ta' finanzjament pubbliku meħtieġ għall-proġett jew għall-attività.

3. Għajnuna *ad hoc* mogħtija lil intrapriżi kbar titqies li għandha effett ta' inċentiv jekk, flimkien mal-iżgurar li l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 hija ssodisfata, l-Istat Membru jkun ivverifika, qabel jagħti l-għajnuna ad hoc ikkonċernata, li d-dokumentazzjoni ppreparata mill-impriża benefiċjarja tistabbilixxi li l-għajnuna se tirriżulta f'wieħed jew f'aktar min dawn li ġejjin:

(a) żieda materjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett jew l-attività minħabba l-għajnuna;

(b) żieda materjali fl-ammont totali minfuq mill-impriża benefiċjarja fuq il-proġett jew attività minħabba l-għajnuna;

(c) żieda materjali fil-ħeffa tat-tlestija tal-proġett jew attività kkonċernati;

(d) fil-każ ta' għajnuna ad hoc għall-investiment, li l-proġett jew l-attività ma kinux jitwettqu bħala tali fiż-żona kkonċernata jew ma kinux ikunu profittabbli b'mod suffiċjenti għall-impriża benefiċjarja fiż-żona kkonċernata fin-nuqqas tal-għajnuna.

4. Il-miżuri fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa għandhom jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-miżura tistabbilixxi d-dritt għall-għajnuna skont kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni min-naħa tal-Istat Membru; kif ukoll

(b) il-miżura tkun ġiet adottata u tkun fis-seħħ qabel ma jkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika fil-każ tal-iskemi fiskali suċċessivi, diment li l-attività tkun diġà ġiet koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin mhumiex meħtieġa li jkollhom effett ta' inċentiv jew jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv

(a) għajnuna biex tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 42, 49, 51 u 53 jiġu ssodisfati;

(b) għajnuna li tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 42, 49, 51 u 53;

(c) għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali;

(d) għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 42, 49, 51 u 53 jkunu ssodisfati;

(e) għajnuna fil-forma ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa adottati mill-Istati Membri skont il-punt (f) tal-Artikolu 15 (1) u l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2003/96/KE, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament;

(f) għajnuna lill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD jew li jibbenefikaw minnhom, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 54 u 55;

(g) għajnuna għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1)(b) (vii) jekk il-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 45 jiġu ssodisfati;

(h) għajnuna għal sħubija bejn ix-xjentisti u s-sajjieda jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 17;

(i) għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman, il-ħolqien tal-impjiegi u d-djalogu soċjali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 18.

*Artikolu 7*

**Intensità tal-għajnuna u l-kostijiet eliġibbli**

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u tal-kostijiet eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew imposta oħra. Il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu appoġġati minn provi dokumentarji li għandhom ikunu ċari, speċifiċi u kontemporanji. It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ma għandhiex tkun eleġibbli għall-għajnuna, ħlief fejn ma tkunx rekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Fejn għajnuna tingħata f'forma oħra differenti minn għotja, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajnuna.

3. L-għajnuna pagabbli f'diversi ħlasijiet parzjali għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Il-kostijiet eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet tal-iskontar għandha tkun ir-rata tal-iskont applikabbli fid-data tal-għoti tal-għajnuna.

4. Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, l-iskontar tal-ħlasijiet parzjali tal-għajnuna għandu jsir abbażi tar-rati tal-iskont applikabbli fid-diversi dati meta jidħol fis-seħħ il-benefiċċju tat-taxxa.

5. Meta l-għajnuna tingħata biex tagħmel tajjeb għall-ħsara jew għall-introjtu mitluf, din għandha titnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab direttament minħabba l-avveniment.

6. Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli li, fin-nuqqas ta' metodoloġija aċċettata biex tiġi kkalkolata l-għotja grossa ekwivalenti tagħhom, jiġu espressi bħala persentaġġ tal-kostijiet eliġibbli u l-miżura tistabbilixxi li, fil-każ ta' eżitu ta' suċċess tal-proġett, kif definit abbażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti, il-ħlasijiet bil-quddiem jitħallsu lura b'rata tal-imgħax mill-inqas ugwali għar-rata ta' skont applikabbli fid-data tal-għoti tal-għajnuna, l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stipulati fil-Kapitolu III jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali mingħajr ma tinqabeż rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

7. Il-kostijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli minn 53 sa 57 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]).

*Artikolu 8*

**Akkumulazzjoni**

1. Fid-determinazzjoni ta' jekk il-limiti ta' notifika stipulati fl-Artikolu 3 u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stipulati fil-Kapitolu III humiex irrispettati, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni l-ammont totali ta' għajnuna għall-attività jew għall-proġett jew għall-impriża, irrispettivament minn jekk dik l-għajnuna tkunx iffinanzjata minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni.

2. L-għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament tista' tiġi akkumulata ma' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe għajnuna oħra, sakemm dawk il-miżuri jkunu jikkonċernaw kostijiet eliġibbli differenti li jistgħu jiġu identifikati;

(b) kwalunkwe għajnuna oħra, b'rabta mal-istess kostijiet eliġibbli, parzjalment jew kompletament imrikkba, biss jekk tali kumulazzjoni ma twassalx biex jinqabżu l-ogħla intensità ta' għajnuna jew l-ammont ta' għajnuna applikabbli għal din l-għajnuna skont dan ir-Regolament.

3. L-għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament ma għandha tiġi akkumulata mal-ebda għajnuna *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, jekk tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna li taqbeż dawk imsemmija fil-Kapitolu III.

*Artikolu 9*

**Pubblikazzjoni u informazzjoni**

1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura l-pubblikazzjoni fuq il-modulu tal-għoti tat-trasparenza tal-Kummissjoni jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali:

(a) tal-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11 fil-format standardizzat stipulat fl-Anness II jew ħolqa li tipprovdi aċċess għaliha;

(b) tat-test sħiħ ta' kull miżura ta' għajnuna, kif imsemmi fl-Artikolu 11 jew ħolqa li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ;

([22]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

(c) l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż EUR 10 000.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għandha tiġi ppubblikata f'konformità mal-Anness III.

2. Għall-iskemi fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li ġew issodisfati jekk l-Istati Membri jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti ta' għajnuna individwali fil-meded li ġejjin (f'miljuni ta' EUR):

(a) 0,01 sa 0,2;

(b) 0,2 sa 0,4;

(c) 0,4 sa 0,6;

(d) 0,6 sa 0,8;

(e) 0,8 sa 1.

3. L-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata u tkun aċċessibbli b'mod standardizzat, kif stabbilit fl-Anness III, u għandha tippermetti funzjonijiet effettivi ta' tfittxija u tniżżil. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna jew, għall-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, fi żmien sena mid-data meta trid tintbagħat id-dikjarazzjoni tat-taxxa, u għandha tkun disponibbli għal mill-inqas 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

4. Kull skema ta' għajnuna u għajnuna individwali għandu jkun fiha referenza espliċita għal dan ir-Regolament, billi tikkwota t-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kapitolu III li jirrelataw ma' dik l-għajnuna, jew fejn applikabbli, għal-liġi nazzjonali li tiżgura li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati. Huma għandu jkollhom magħhom ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom u l-emendi tagħhom.

5. L-obbligi ta' pubblikazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal għajnuna mogħtija lil proġetti tas-CLLD skont l-Artikoli 54 u 55.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq il-website tagħha:

(a) il-ħoloq għall-websites dwar l-għajnuna mill-Istat imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11(2).

## *KAPITOLU II*

## ***Rekwiżiti proċedurali***

### *Artikolu 10*

### **L-irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija**

Meta Stat Membru jagħti għajnuna li hija allegatament eżentata mir-rekwiżit ta' notifika skont dan ir-Regolament mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli I, II u III tiegħu, il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jesprimi l-fehmiet tiegħu, tadotta deċiżjoni li tiddikjara li l-miżuri ta' għajnuna futuri kollha, jew xi wħud minnhom, adottati mill-Istat Membru kkonċernat, li altrimenti jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Il-miżuri li għandhom jiġu nnotifikati jistgħu jkunu limitati għal miżuri li jagħtu ċerti tipi ta' għajnuna jew favur ċerti benefiċjarji jew adottati minn ċerti awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

### *Artikolu 11*

### **Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni f'forma elettronika rapport annwali, imsemmi fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([23]), dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' kull sena sħiħa jew ta' kull parti tas-sena li matulha japplika dan ir-Regolament.

([23]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu wkoll lill-Kummissjoni, permezz tas-sistema ta' notifika elettronika tal-Kummissjoni, l-informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament fil-format standardizzat stipulat fl-Anness II, flimkien ma' ħolqa li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna, inklużi l-emendi tagħha, fi żmien 20 jum tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal għajnuna mogħtija lil proġetti tas-CLLD kif imsemmi fl-Artikoli 54 u 55.

*Artikolu 12*

**Evalwazzjoni**

1. L-iskemi ta' għajnuna huma soġġetti għal evalwazzjoni ex post jekk ikollhom baġit ta' għajnuna mill-Istat jew nefqa kkontabilizzata ta' aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun fuq it-tul totali tagħhom, jiġifieri t-tul ta' żmien magħqud tal-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe skema ta' għajnuna ta' qabel li tkopri żona ġeografika u oġġettiva simili, li tibda mill-1 ta' Jannar 2023. Evalwazzjonijiet *ex post* huma meħtieġa biss għal skemi ta' għajnuna li t-tul totali tagħhom jaqbeż it-tliet snin, li jibda mill-1 ta' Jannar 2023.

2. Ir-rekwiżit tal-evalwazzjoni *ex post* jista' jiġi eżentat fil-każ ta' skemi ta' għajnuna li huma suċċessur immedjat ta' skema li tkopri objettiv u żona ġeografika simili li kienet soġġetta għal evalwazzjoni, li r-rapport ta' evalwazzjoni finali tagħha kien f'konformità mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni u ma ġġenerat l-ebda sejba negattiva. Fejn ir-rapport ta' evalwazzjoni finali ta' skema ta' għajnuna ma jkunx konformi mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat, dik l-iskema għandha tiġi sospiża b'effett immedjat. Kwalunkwe suċċessur ta' tali skema ta' għajnuna sospiża ma għandux ikun eżentat bħala kategorija.

3. L-għan tal-evalwazzjoni għandu jkun li jiġi verifikat jekk is-suppożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet sottostanti għall-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna ntlaħqux, b'mod partikolari l-ħtieġa u l-effettività tal-miżura ta' għajnuna fid-dawl tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tagħha. Din għandha tivvaluta wkoll l-impatt tal-iskema fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

4. Għal skemi ta' għajnuna soġġetti għar-rekwiżit ta' evalwazzjoni skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni kif ġej:

(a) fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' għajnuna, jekk il-baġit tal-iskema ta' għajnuna jaqbeż il-EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun fuq it-tul totali tagħha;

(b) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara bidla sinifikanti li permezz tagħha l-baġit tal-iskema ta' għajnuna jiżdied għal aktar minn EUR 150 miljun f'xi sena partikolari jew EUR 750 miljun tul id-durata kollha tal-iskema ta' għajnuna;

(c) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni tan-nefqa fil-kontijiet uffiċjali taħt l-iskema ta' għajnuna li taqbeż il-EUR 150 miljun f'xi sena partikolari.

5. L-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni għandu jkun f'konformità mal-prinċipji metodoloġiċi komuni pprovduti mill-Kummissjoni ([24]). L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni.

6. L-evalwazzjoni *ex post* għandha ssir minn espert li jkun indipendenti mill-awtorità awtorizzanti tal-għajnuna fuq il-bażi tal-pjan ta' evalwazzjoni. Kull evalwazzjoni għandha tinkludi mill-inqas rapport ta' evalwazzjoni interim wieħed u wieħed finali. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw iż-żewġ rapporti.

7. Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn disa' xhur qabel l-iskadenza tal-iskema ta' għajnuna eżentata. Dak il-perjodu jista' jitnaqqas għal skemi ta' għajnuna li jiskattaw ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna. L-ambitu u l-arranġamenti preċiżi għal kull evalwazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-pjan ta' evalwazzjoni. In-notifika ta' kull miżura ta' għajnuna sussegwenti b'objettiv simili għandha tindika b'liema mod ġew meqjusin ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

([24]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat (28.5.2014, SWD(2014) 179 final).

*Artikolu 13*

**Monitoraġġ**

L-Istati Membri għandhom iżommu rekords dettaljati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament huma ssodisfati. Tali rekords għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna *ad hoc* jew li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna taħt l-iskema. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fi żmien 20 jum tax-xogħol jew fi żmien perjodu itwal, skont hekk kif ikun stabbilit fit-talba, l-informazzjoni kollha u d-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li l-Kummissjoni tqis li hija neċessarja biex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*KAPITOLU III*

***Dispożizzjonijiet speċifiċi għal kategoriji differenti tal-għajnuna***

Taqsima 1

**It-trawwim ta' sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi**

*Artikolu 14*

**Kundizzjonijiet ġenerali**

L-għajnuna taħt din it-Taqsima għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali kollha li ġejjin:

(a) meta tingħata għajnuna fir-rigward ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, dak il-bastiment ma għandux jiġi ttrasferit jew ikollu l-bandiera mibdula barra l-Unjoni matul mill-inqas il-ħames snin mill-pagament finali għall-operazzjoni appoġġata. Jekk bastiment jiġi ttrasferit jew ikollu l-bandiera mibdula f'dak il-perjodu ta' żmien, is-somom indebitament imħallsin fir-rigward tal-operazzjoni għandhom jiġu rkuprati mill-Istat Membru, f'ammont proporzjonat għall-perjodu li matulu l-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt ma tkunx ġiet issodisfata;

(b) il-kostijiet operatorji ma għandhomx ikunu eliġibbli, sakemm ma jkunx espliċitament previst mod ieħor f'din it-Taqsima.

*Artikolu 15*

**Għajnuna għall-innovazzjoni fis-sajd**

1. L-għajnuna għall-innovazzjoni fis-sajd li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu diment li l-għajnuna jkollha l-għan li tiżviluppa jew li tintroduċi prodotti u tagħmir ġodda jew sostanzjalment imtejba, proċessi u tekniki ġodda jew imtejba, u sistemi ta' ġestjoni u ta' organizzazzjoni ġodda jew imtejba, inkluż fil-livell tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni.

2. Is-servizzi sussidjati ffinanzjati mill-għajnuna għandhom jitwettqu minn, jew f'kollaborazzjoni ma', korp xjentifiku jew tekniku, rikonoxxut mill-Istat Membru jew mill-Unjoni. Dak il-korp xjentifiku jew tekniku għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet. Għandha titħallas għajnuna direttament lill-organizzazzjoni tar-riċerka u/jew tat-tixrid tal-għarfien.

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet li jirċievu appoġġ għandhom jingħataw pubbliċità adegwata mill-Istat Membru.

4. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu dawn li ġejjin:

(a) kostijiet tal-persunal diretti relatati mar-riċerkaturi, mat-teknixins u ma' persunal ieħor ta' appoġġ diment li dawn ikunu impjegati fuq il-proġett;

(b) kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir sa fejn jintużaw għall-proġett u għall-perjodu użati għall-operazzjonijiet; Jekk tali strumenti u tagħmir ma jintużawx għat-tul ta' ħajjithom kollha għall-operazzjonijiet, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-operazzjonijiet, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà aċċettati b'mod ġenerali;

(c) il-kostijiet tal-bini u tal-art, sal-punt u għall-perjodu tad-durata użati għall-operazzjonijiet u taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) fir-rigward tal-bini, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss dawk il-kostijiet tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-operazzjoni, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji ta' kontabbiltà aċċettati b'mod ġenerali;

(ii) fir-rigward tal-artijiet, huma eliġibbli l-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;

(a) il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet normali tas-suq, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenzi u s-servizzi ekwivalenti użati esklużivament għall-operazzjonijiet. jew

(b) il-kostijiet ġenerali addizzjonali u kostijiet operatorji oħrajn, li jinkludu kostijiet ta' materjali, ta' provvisti u ta' prodotti simili, imġarrbin direttament bħala riżultat tal-operazzjonijiet;

5. L-ammont tal-għajnuna skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 16*

**Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza**

1. L-għajnuna għal servizzi ta' konsulenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna ttejjeb il-prestazzjoni ġenerali u l-kompetittività tal-impriżi u tippromwovi sajd sostenibbli;

(b) l-għajnuna għandha tkun aċċessibbli għal dawk l-intrapriżi kollha eliġibbli fiż-żona kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv; kif ukoll

(c) is-servizz ta' konsulenza jieħu waħda mill-forom li ġejjin:

(i) studji ta' fattibbiltà u servizzi ta' konsulenza li jivvalutaw il-vijabbiltà ta' miżuri potenzjalment eliġibbli għall-appoġġ skont it-Titolu II, Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2021/1139;

(ii) l-għoti ta' pariri professjonali dwar is-sostenibbiltà ambjentali, b'enfasi fuq il-limitazzjoni u, meta possibbli, l-eliminazzjoni tal-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar, kostali, terrestri u tal-ilma ħelu;

(iii) l-għoti ta' pariri professjonali dwar strateġiji ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni.

2. L-istudji ta' fattibbiltà, is-servizzi ta' konsulenza u l-pariri msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu pprovduti minn korpi xjentifiċi, akkademiċi, professjonali jew tekniċi, jew minn entitajiet li jipprovdu pariri ekonomiċi li għandhom il-kompetenza meħtieġa skont il-liġi nazzjonali.

3. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 17*

**Għajnuna għas-sħubija bejn ix-xjenzati u s-sajjieda**

1. L-għajnuna għas-sħubija bejn ix-xjenzati u s-sajjieda li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna jkollha l-għan li trawwem it-trasferiment tal-għarfien bejn ix-xjenzati u s-sajjieda;

(b) l-għajnuna tappoġġa dawn li ġejjin:

(i) il-ħolqien ta' networks, ftehimiet ta' sħubija jew assoċjazzjonijiet bejn korp xjentifiku indipendenti wieħed jew aktar u s-sajjieda, jew organizzazzjoni tas-sajjieda waħda jew aktar, li fihom jistgħu jipparteċipaw korpi tekniċi;

(ii) l-attivitajiet imwettqa fil-qafas tan-networks, tal-ftehimiet ta' sħubija, jew tal-assoċjazzjonijiet imsemmija fil-punt (i). Dawn l-attivitajiet jistgħu jkopru attivitajiet ta' ġbir u ġestjoni tad-*data*, studji, proġetti pilota, tixrid tal-għarfien u tar-riżultati tar-riċerka, seminars u l-aħjar prattiki.

2. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

3. L-għajnuna tista' tkopri biss wieħed mill-kostijiet eliġibbli li ġejjin imġarrab direttament bħala riżultat tal-proġett appoġġat:

(a) kostijiet diretti tas-salarji

(b) ħlasijiet tal-parteċipazzjoni;

(c) kostijiet għall-ivvjaġġar;

(d) kostijiet għall-pubblikazzjonijiet;

(e) servizzi ta' ġbir ta' *data* mixtrija, studji, proġetti pilota;

(f) il-kera ta' bini għall-wirjiet u l-istands għalihom u l-kostijiet għall-istallazzjoni u ż-żarmar tagħhom;

(g) kostijiet għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku u informazzjoni fattwali.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 18*

**Għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u d-djalogu soċjali**

1. L-għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u d-djalogu soċjali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna kkonċernata tappoġġa dawn li ġejjin:

(a) taħriġ professjonali, tagħlim tul il-ħajja, proġetti konġunti, id-disseminazzjoni ta' għarfien ta' natura ekonomika, teknika, regolatorja jew xjentifika u ta' prattiki innovattivi, u l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda, marbuta b'mod partikolari mal-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar, l-iġjene, is-saħħa, is-sikurezza, l-attivitajiet fis-settur marittimu, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija;

(b) networking u skambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki bejn il-partijiet interessati, inkluż fost organizzazzjonijiet li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa, li jippromwovu r-rwol tan-nisa fil-komunitajiet tas-sajd u li jippromwovu lil gruppi sottorappreżentati involuti f'sajd kostali fuq skala żgħira jew f'sajd tal-miexi; jew

(c) id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali li jinvolvi lis-sajjieda, lis-sħab soċjali u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn.

2. L-għajnuna għall-appoġġ tal-attivitajiet elenkati fil-paragrafu 1 tista' tingħata wkoll lil konjuġi ta' sajjieda li jaħdmu għal rashom jew, fejn u sa fejn huma rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, l-imsieħba għall-ħajja ta' sajjieda li jaħdmu għal rashom, li mhumiex impjegati jew imsieħba fin-negozju, fejn abitwalment, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali, jipparteċipaw fl-attivitajiet tas-sajjied li jaħdem għal rasu u jwettqu l-istess kompiti jew kompiti anċillari.

3. L-ammont ta' għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, fl-ekwivalenti ta' għotja gross, rata ta' intensità massima tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli, ħlief fil-każ ta' navigazzjoni professjonali u taħriġ dwar is-sikurezza fejn tapplika r-rata massima tal-intensità tal-għajnuna ta' 100 %. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 19*

**Għajnuna maħsuba biex tiffaċilita d-diversifikazzjoni u forom ġodda ta' introjtu**

1. L-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita d-diversifikazzjoni u forom ġodda ta' introjtu li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna jkollha l-għan li tappoġġa l-investimenti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-introjtu tas-sajjieda permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari, inklużi l-investimenti abbord, it-turiżmu tas-sajd, ir-ristoranti, is-servizzi ambjentali relatati mas-sajd u ma' attivitajiet edukattivi li jikkonċernaw is-sajd;

(b) l-għajnuna tappoġġa lis-sajjieda li:

(i) jissottomettu pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet ġodda tagħhom; kif ukoll

(ii) ikollhom ħiliet professjonali adegwati jew jiksbuhom permezz ta' operazzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-Artikolu 18(1), punt (a).

2. L-għajnuna msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tingħata biss jekk l-attivitajiet komplementari jkunu relatati man-negozju tas-sajd ewlieni tas-sajjieda.

3. L-ammont ta' għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż 50 % tal-baġit previst fil-pjan tan-negozju għal kull operazzjoni u ma għandux jaqbeż ammont massimu ta' EUR 75 000 għal kull impriża benefiċjarja.

*Artikolu 20*

**Għajnuna għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd**

1. L-għajnuna għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd jew l-ewwel akkwist ta' sjieda parzjali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' attivitajiet tas-sajd ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli u l-impriża benefiċjarja tkun ipprovdiet informazzjoni verifikabbli u pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jikkonferma dan; kif ukoll

(b) l-għajnuna tappoġġja l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd minn persuna fiżika li ma jkollhiex aktar minn 40 sena fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna u li tkun ħadmet mill-inqas ħames snin bħala sajjied jew tkun kisbet kwalifiki adegwati.

2. L-għajnuna skont il-paragrafu 1 tista' tingħata wkoll lil entitajiet ġuridiċi li jkunu kompletament fis-sjieda ta' persuna fiżika waħda jew aktar, li kull waħda minnhom tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.

3. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' tingħata għall-ewwel akkwist konġunt ta' bastiment tas-sajd minn diversi persuni fiżiċi, li kull waħda tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.

4. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' tingħata wkoll għall-ewwel akkwist ta' sjieda parzjali ta' bastiment tas-sajd minn persuna fiżika li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u li għandha titqies li jkollha drittijiet ta' kontroll fuq dak il-bastiment tas-sajd permezz tas-sjieda ta' mill-inqas 33 % tal-bastiment tas-sajd jew tal-ishma fil-bastiment jew minn entità legali li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 u li għandha titqies li jkollha drittijiet ta' kontroll fuq dak il-bastiment tas-sajd permezz tas-sjieda ta' mill-inqas 33 % tal-bastiment tas-sajd jew tal-ishma fil-bastiment.

5. L-għajnuna għandha tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jappartjeni għal taqsima tal-flotta li fir-rigward tagħha l-aħħar rapport dwar il-kapaċità tas-sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013, ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dik it-taqsima;

(b) ikun mgħammar għall-attivitajiet tas-sajd;

(c) ma jaqbiżx l-24 metru f'tul totali;

(d) ikun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal mill-inqas tliet snin kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għajnuna fil-każ ta' bastiment tas-sajd kostali fuq skala żgħira, u għal mill-inqas ħames snin kalendarji fil-każ ta' tip ta' bastiment ieħor; kif ukoll

(e) ikun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal massimu ta' 30 sena kalendarja ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għajnuna.

6. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 40 % tal-kostijiet eliġibbli u fi kwalunkwe każ ma għandux ikun ogħla minn EUR 75 000 għal kull sajjied u bastiment tas-sajd.

*Artikolu 21*

**Għajnuna maħsuba biex ittejjeb is-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-sajjieda**

1. L-għajnuna maħsuba biex ittejjeb is-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-sajjieda li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tingħata biss fir-rigward ta' investimenti abbord jew f'tagħmir individwali u dawk imorru lil hinn mir-rekwiżiti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali; kif ukoll

(b) l-għajnuna ma tappoġġax operazzjonijiet li jżidu t-tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd.

2. Għal operazzjonijiet li huma maħsuba biex itejbu s-sikurezza għas-sajjieda, ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-appoġġ:

(a) ċattri tas-salvataġġ;

(b) unitajiet ta' rilaxx idrostatiku għaċ-ċattri tas-salvataġġ;

(c) sinjali għal-lokalizzazzjoni personali bħal apparati li jittrażmettu sinjali bir-radju li jindikaw pożizzjoni ta' emerġenza ('Emergency Position Indicating Radio Beacon' - EPIRB), li jistgħu jiġu integrati fil-ġkieket tas-salvataġġ u fil-ħwejjeġ tax-xogħol tas-sajjieda;

(d) apparati personali li jżommu f'wiċċ l-ilma ('Personal Flotation Devices' - PFD), b'mod partikolari lbiesi ta' immersjoni jew ta' sopravivenza, bagi u ġkieket tas-salvataġġ;

(e) murtaletti ta' emerġenza;

(f) tagħmir għat-tfigħ tal-ħbula;

(g) sistemi għall-irkupru ta' persuni li jaqgħu l-baħar ('man-overboard' - MOB);

(h) apparat għat-tifi tan-nar, bħal fire extinguishers, kutri tan-nar, detetturi tan-nar u tad-duħħan, apparat għat-teħid tan-nifs;

(i) bibien għall-protezzjoni min-nirien;

(j) valvi iżolanti tat-tankijiet tal-fjuwil;

(k) detetturi tal-gass u sistemi ta' allarm tal-gass;

(l) pompi u sistemi ta' allarm tas-sentina;

(m) tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju u bis-satellita;

(n) bokkaporti u bibien li ma jgħaddix ilma minnhom;

(o) ilqugħ fuq il-makkinarju, bħal winċijiet jew winċijiet tax-xibka;

(p) skali ta' bastiment u slielem tal-aċċess;

(q) dawl tat-tfittxija, tal-gverta jew ta' emerġenza;

(r) mekkaniżmu ta' rilaxx tas-sikurezza għal każijiet fejn l-irkaptu tas-sajd jinqabad ma' xi ostakolu taħt l-ilma;

(s) kameras u skrins tas-sikurezza;

(t) tagħmir u elementi meħtieġa biex tittejjeb is-sikurezza tal-gverta.

3. Għall-operazzjonijiet jew għall-forniment ta' tagħmir li huma maħsuba biex itejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa għas-sajjieda, l-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-appoġġ:

(a) ix-xiri u l-installazzjoni ta' kaxxi għall-ewwel għajnuna;

(b) ix-xiri ta’ mediċini u apparati għal trattament urġenti;

(c) il-forniment ta’ telemediċina, inklużi teknoloġiji elettroniċi, tagħmir u immaġnijiet mediċi applikati għall-konsultazzjoni mill-bogħod mill-bastimenti;

(d) il-forniment ta’ gwidi u manwali biex tittejjeb is-saħħa;

(e) kampanji ta’ informazzjoni biex tittejjeb is-saħħa.

4. Għall-operazzjonijiet jew għall-forniment ta’ tagħmir li huma maħsuba biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene għas-sajjieda, ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-appoġġ:

(a) faċilitajiet sanitarji, bħal tojlits u faċilitajiet tal-ħasil;

(b) faċilitajiet tal-kċina u tagħmir għall-ħżin tal-provvisti tal-ikel;

(c) apparat ta’ purifikazzjoni tal-ilma għall-ilma tax-xorb;

(d) tagħmir jew sistemi ta’ ventilazzjoni, tindif jew diżinfezzjoni biex jinżammu kundizzjonijiet sanitarji adegwati abbord;

(e) gwidi u manwali dwar it-titjib tal-iġjene abbord, inklużi għodod tas-software.

5. Għall-operazzjonijiet jew għall-forniment ta’ tagħmir li huma maħsuba biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord bastimenti tas-sajd, ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-appoġġ:

(a) ilqugħ fuq il-gverta;

(b) strutturi tal-gverta tal-kenn u l-modernizzazzjoni tal-kabini bil-ħsieb li jipprovdu protezzjoni minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma’ diżastru naturali;

(c) oġġetti relatati mat-titjib tas-sikurezza tal-kabina u mal-forniment ta’ żoni komuni għall-ekwipaġġ;

(d) tagħmir biex jitnaqqas l-irfigħ manwali tqil, minbarra magni li huma direttament relatati mal-operazzjonijiet tas-sajd, bħal winċijiet;

(e) żebgħa u twapet tal-gomma kontra ż-żliq;

(f) tagħmir ta’ iżolament kontra l-istorbju, is-sħana jew il-kesħa, u tagħmir biex tittejjeb il-ventilazzjoni;

(g) ilbies tax-xogħol u tagħmir tas-sikurezza bħal bwiez tas-sikurezza li ma jgħaddix ilma minnhom, protezzjoni għall-għajnejn u għat-teħid tan-nifs, ingwanti u elmi protettivi, jew tagħmir protettiv kontra l-waqgħat;

(h) sinjali ta’ twissija ta’ emerġenza u sikurezza;

(i) analiżi u valutazzjonijiet tar-riskju biex jiġu identifikati r-riskji għas-sajjieda kemm fil-port kif ukoll fin-navigazzjoni sabiex jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tar-riskji;

(j) gwidi u manwali dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord;

(k) vetturi kollettivi għat-trasport miż-żoni tal-frott tal-baħar sal-postijiet tal-ewwel bejgħ;

(l) faċilitajiet fuq l-art għas-sajjieda bil-mixi li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħal kmamar tat-tibdil, kmamar tal-banju, u faċilitajiet sanitarji oħra, b’mod partikolari dawk li jinkoraġġixxu u jippromwovu d-dħul tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

6. L-għajnuna għandha tingħata lis-sajjieda, inkluż meta applikabbli sajjied bil-mixi, jew sidien ta’ bastimenti tas-sajd.

7. Meta l-operazzjoni tkun tikkonsisti f’investiment abbord, l-għajnuna ma għandhiex tingħata aktar minn darba matul il-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 2023 u l-31 ta’ Diċembru 2029 għall-istess tip ta’ investiment u għall-istess bastiment tas-sajd. Meta l-operazzjoni tkun tikkonsisti f’investiment f’tagħmir individwali, l-għajnuna ma għandhiex tingħata aktar minn darba matul il-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 2023 u l-31 ta’ Diċembru 2029 għall-istess tip ta’ tagħmir u għall-istess impriża benefiċjarja.

8. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 22*

**Għajnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni u għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi**

1. L-għajnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni u għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna għandha l-għan li tikkontribwixxi għal primjums għall-assigurazzjoni jew fondi mutwi li jħallsu kumpens finanzjarju lis-sajjieda għal telf ekonomiku kkawżat minn imġiba tal-annimali protetti, kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali jew inċidenti ambjentali jew għall-kostijiet tas-salvataġġ għas-sajjieda jew għall-bastimenti tas-sajd fil-każ ta' inċidenti fuq il-baħar waqt l-attivitajiet tas-sajd tagħhom;

(b) il-kombinament ta' kumpens finanzjarju mħallas minn fondi mutwi skont dan l-Artikolu ma' strumenti nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew ma' skemi tal-assigurazzjoni ma jwassalx għal kumpens żejjed li jaqbeż it-telf ekonomiku mġarrab;

(c) l-assigurazzjoni ma teħtieġx jew ma tispeċifikax it-tip jew il-kwantità ta' produzzjoni futura u l-għajnuna mhijiex limitata għall-assigurazzjoni pprovduta minn kumpanija tal-assigurazzjoni speċifika jew grupp ta' kumpaniji; kif ukoll

(d) il-fond mutwu huwa akkreditat mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) il-kriżijiet tas-saħħa pubblika, l-avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, l-inċidenti ambjentali jew l-aċċidenti fuq il-baħar imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk li huma rikonoxxuti formalment mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru bħala li seħħew.

(b) it-terminu "fond mutwu" jfisser skema akkreditata mill-Istat Membru, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, li tippermetti lis-sajjieda affiljati jassiguraw lilhom infushom, fejn isiru pagamenti ta' kumpens lis-sajjieda affiljati għat-telf ekonomiku kkawżat mill-eventi elenkati fil-punt (a) tal-paragrafu 1. Il-fond mutwu għandu jkollu politika trasparenti lejn il-pagamenti fil-fond u l-irtirar minnu u għandu jkollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn imġarrab.

3. L-intensità tal-għajnuna għandha tkun limitata għal:

(a) 50 % tal-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lis-sajjieda;

(b) 100 % tal-kostijiet amministrattivi għat-twaqqif tal-fond mutwu;

(c) 70 % tal-kostijiet tal-primjum tal-assigurazzjoni;

(d) 50 % tal-kapitalizzazzjoni inizjali tal-fond.

4. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jingħataw biss biex ikopru t-telf ikkawżat minn kriżijiet tas-saħħa pubblika, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, inċidenti ambjentali jew aċċidenti fuq il-baħar.

*Artikolu 23*

**Għajnuna maħsuba biex tappoġġa s-sistemi ta' allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. L-għajnuna maħsuba biex tappoġġa s-sistemi ta' allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna jkollha l-għan li tappoġġa t-tfassil, l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, sabiex l-attivitajiet tas-sajd jiġu adattati għall-opportunitajiet tas-sajd; kif ukoll

(b) l-għajnuna għandha tingħata lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi jew lil organizzazzjonijiet tas-sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru, inklużi organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti involuti fil-ġestjoni kollettiva tas-sistemi li jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd.

2. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

3. L-għajnuna tista' tkopri biss il-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) kostijiet diretti tas-salarji

(b) xiri jew kiri ta' assi tanġibbli jew intanġibbli sal-valur tas-suq tal-assi

(c) kostijiet għall-pubblikazzjonijiet; jew

(d) xiri ta' servizzi jew studji ta' disinn u żvilupp.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 24*

**Għajnuna maħsuba biex tillimita l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent u biex is-sajd jiġi adattat għall-protezzjoni tal-ispeċijiet**

1. L-għajnuna maħsuba biex tillimita l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent u biex is-sajd jiġi adattat għall-protezzjoni tal-ispeċijiet li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm: l-għajnuna jkollha l-għan li tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, li trawwem l-eliminazzjoni gradwali tal-qabdiet skartati tal-ħut u li tiffaċilita t-tranżizzjoni għal sfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2. L-għajnuna għandha tappoġġa dawn li ġejjin:

(a) investimenti f'tagħmir li jtejjeb is-selettività tad-daqs jew is-selettività tal-ispeċijiet tal-irkaptu tas-sajd;

(b) investimenti abbord jew f'tagħmir li jelimina l-qabdiet skartati billi jevita u jnaqqas il-qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali, jew li jittratta l-qabdiet mhux mixtieqa li għandhom jinħattu l-art f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(c) investimenti f'tagħmir li jillimita u, fejn possibbli, jelimina l-impatti fiżiċi u bijoloġiċi tas-sajd fuq l-ekosistema jew qiegħ il-baħar; jew

(d) investimenti f'tagħmir li jipproteġi l-irkaptu tas-sajd u l-qabdiet minn mammiferi u għasafar protetti mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([25]) jew mid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]), sakemm dan ma jimminax is-selettività tal-irkaptu tas-sajd u jiġu introdotti l-miżuri xierqa kollha biex tiġi evitata ħsara fiżika lill-predaturi.

3. L-għajnuna ma għandhiex tingħata aktar minn darba matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2029 għall-istess tip ta' tagħmir fuq l-istess bastiment tas-sajd tal-Unjoni.

4. L-għajnuna għandha tingħata biss meta l-irkaptu tas-sajd jew tagħmir ieħor imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jkollu għażla tad-daqs evidentement aħjar jew impatt evidentement aktar baxx fuq l-ekosistema u fuq speċijiet mhux fil-mira mill-irkaptu standard jew minn tagħmir ieħor permess skont id-dritt tal-Unjoni, jew skont il-liġi nazzjonali rilevanti adottata fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

5. L-għajnuna għandha tingħata lil

(a) sidien ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni li huwa reġistrati bħala bastimenti attivi u li wettqu attivitajiet tas-sajd fil-baħar għal mill-inqas 60 jum matul is-sentejn kalendarji ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għajnuna;

(b) sajjieda li huma s-sidien tat-tagħmir li għandu jiġi sostitwit u li ħadmu abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni għal mill-inqas 60 jum matul is-sentejn kalendarji ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għajnuna;

([25]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).
([26]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

(c) organizzazzjonijiet tas-sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru.

6. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 25*

**Għajnuna għall-innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar**

1. L-għajnuna għall-innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu, sakemm:

(a) l-għajnuna jkollha l-għan li tikkontribwixxi għall-eliminazzjoni gradwali tal-qabdiet skartati u tal-qabdiet aċċessorji u li tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u li tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u l-annimali protetti;

(b) l-għajnuna tappoġġa operazzjonijiet immirati lejn l-iżvilupp jew l-introduzzjoni ta' għarfien tekniku jew organizzazzjonali ġdid li jnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent, inklużi tekniki tas-sajd imtejba u s-selettività tal-irkaptu, jew li huma mmirati lejn il-kisba ta' użu aktar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-koeżistenza ma' annimali protetti;

(c) l-operazzjonijiet appoġġati għandhom jitwettqu minn, jew f'kollaborazzjoni ma', korp xjentifiku jew tekniku, rikonoxxut mill-Istat Membru li għandu jivvalida r-riżultati ta' tali operazzjonijiet; kif ukoll

(d) ir-riżultati tal-operazzjonijiet appoġġati jingħataw pubbliċità adegwata mill-Istat Membru.

2. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizzi ssussidjati.

3. Il-bastimenti tas-sajd involuti fi proġetti ffinanzjati skont dan l-Artikolu ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-flotta nazzjonali jew 5 % tat-tunnellaġġ tal-flotta nazzjonali f'tunnellaġġ gross, ikkalkolat fiż-żmien tal-adozzjoni tal-istrument ta' appoġġ.

4. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu biss dawn li ġejjin:

(a) kostijiet tal-persunal diretti relatati mar-riċerkaturi, mat-teknixins u ma' persunal ieħor ta' appoġġ diment li dawn ikunu impjegati fuq il-proġett;

(b) il-kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir diment li jkunu użati fil-proġett u għall-perjodu li jintużaw fih; fejn tali strumenti u tagħmir ma jintużawx tul ħajjithom kollha fil-proġett, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji ta' kontabbiltà aċċettati b'mod ġenerali;

(c) il-kostijiet tal-bini u tal-art, sal-punt u għall-perjodu tad-durata użati għall-proġett u taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

 (i) fir-rigward tal-bini, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss dawk il-kostijiet tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji ta' kontabbiltà aċċettati b'mod ġenerali;

 (ii) fir-rigward tal-artijiet, huma eliġibbli biss il-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;

(a) il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet distakkati, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenzi u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett; jew

(b) kostijiet ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn, inklużi kostijiet ta' materjali, provvisti u prodotti simili, imġarrbin direttament minħabba l-proġett.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 26*

**Għajnuna għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar u skemi fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli**

1. L-għajnuna għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar u l-iskemi fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu.

2. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tappoġġa l-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ġbir tal-iskart mill-baħar mis-sajjieda, bħall-ġbir passiv ta' rkaptu tas-sajd mitluf u skart mill-baħar; l-azzjonijiet li ġejjin biss huma eliġibbli għall-appoġġ:

(i) it-tneħħija ta' rkaptu tas-sajd mitluf mill-baħar, b'mod partikolari sabiex jiġi miġġieled is-sajd fantażma;

(ii) ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni ta' tagħmir abbord għall-ġbir u l-ħżin tal-iskart;

(iii) il-ħolqien ta' skemi ta' ġbir tal-iskart għas-sajjieda parteċipanti, inklużi inċentivi finanzjarji;

(iv) ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni ta' tagħmir ibbażat f'faċilitajiet tal-portijiet tas-sajd għall-ħżin u r-riċiklaġġ tal-iskart;

(v) il-komunikazzjoni, l-informazzjoni, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni maħsuba biex iħeġġu lis-sajjieda u lil partijiet ikkonċernati oħrajn jipparteċipaw fi proġetti biex jitneħħa l-irkaptu tas-sajd mitluf; jew

(vi) it-taħriġ għas-sajjieda u għall-aġenti tal-portijiet.

(b) il-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jipproteġu u jtejbu l-fawna u l-flora tal-baħar, inklużi t-tħejjija u l-evalwazzjoni xjentifiċi tagħhom; l-azzjonijiet li ġejjin biss huma eliġibbli għall-appoġġ:

(i) ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni ta' faċilitajiet għall-protezzjoni taż-żoni tal-baħar mit-tkarkir;

(ii) ix-xiri u, jekk applikabbli, l-installazzjoni ta' faċilitajiet għar-restawr tal-ekosistemi tal-baħar degradati; jew

(iii) il-kostijiet relatati ma' xogħol preliminari bħal prospettar, studji xjentifiċi jew evalwazzjonijiet.

L-akkwiżizzjoni ta' bastiment li għandu jiġi mgħaddas u użat bħala sikka artifiċjali m'għandhiex tkun eliġibbli.

(c) il-kontribuzzjonijiet għal ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar permezz tal-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin jew it-teħid tal-azzjonijiet u l-proġetti li ġejjin:

(i) snanar ittondjati;

(ii) apparati akustiċi deterrenti;

(iii) apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar ("TEDs");

(iv) linji tat-tnaffir;

(v) għodod jew apparati oħrajn li jkunu wrew li huma effiċjenti fil-prevenzjoni ta' qabdiet aċċidentali ta' annimali protetti;

(vi) taħriġ għas-sajjieda dwar ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(vii) proġetti li jiffokaw fuq ħabitats kostali ta' importanza għall-ħut, għall-għasafar u għal organiżmi oħrajn;

(viii) proġetti li jiffokaw fuq oqsma ta' importanza għar-riproduzzjoni tal-ħut, bħal artijiet mistagħdra kostali; jew

(ix) is-sostituzzjoni tal-irkaptu tas-sajd eżistenti b'irkaptu tas-sajd b'impatt baxx, il-kostijiet relatati man-nases tal-ħut, mat-tirjix u mas-sajd bix-xlief fuq l-idejn;

(d) il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet oħrajn immirati lejn iż-żamma u t-titjib tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema, bħar-restawr ta' ħabitats tal-baħar u kostali speċifiċi b'appoġġ għal stokkijiet ta' ħut sostenibbli, inklużi t-tħejjija u l-evalwazzjoni xjentifiċi tagħhom; il-kostijiet relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-appoġġ:

(i) skemi biex jiġu ttestjati tekniki ta' monitoraġġ ġodda, u b'mod partikolari:

— sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod, bħal televiżjoni b'ċirkwit magħluq ("CCTV") jew sistemi ta' kontroll bil-vidjo, għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni ta' qabdiet aċċessorji ta' annimali protetti;

— ir-reġistrazzjoni ta' *data* oċeanografika bħat-temperatura, is-salinità, il-plankton, il-proliferazzjonijiet tal-alġi jew it-turbidità;

— l-immappjar ta' speċijiet aljeni invażivi ("IAS");

— azzjonijiet, inklużi studji, għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-espansjoni tal-IAS;

(ii) inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni abbord ta' apparat ta' reġistrazzjoni awtomatiku għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni ta' *data* oċeanografika bħat-temperatura, is-salinità, il-plankton, il-proliferazzjonijiet tal-alġi jew it-turbidità;

(iii) miżuri li jnaqqsu t-tniġġis fiżiku u kimiku;

(iv) miżuri li jnaqqsu pressjonijiet fiżiċi oħrajn, inkluż l-istorbju antropoġeniku taħt l-ilma li jaffettwa b'mod negattiv il-bijodiversità;

(v) miżuri ta' konservazzjoni pożittivi għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-flora u tal-fawna, inkluża l-introduzzjoni mill-ġdid ta' jew l-istokkjar bi speċijiet indiġeni, u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Infrastruttura Ħadra msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Infrastruttura Ħadra ([27]); jew

(vi) miżuri għall-prevenzjoni, il-kontroll jew l-eliminazzjoni tal-IAS.

3. L-appoġġ skont il-punt (d) tal-paragrafu 2 għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali ta' tali skemi u miżuri mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ma jseħħ l-ebda kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinament ta' skemi tal-Unjoni, nazzjonali u privati.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 27*

**Għajnuna biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima**

1. L-għajnuna biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna biex jiġu sostitwiti jew immodernizzati l-magni, li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu.

2. L-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu tista' tkopri biss il-miżuri li ġejjin:

(a) l-investimenti f'tagħmir jew abbord immirati biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa jew ta' gassijiet serra u biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd. Investimenti fl-irkaptu tas-sajd huma eliġibbli wkoll dment li dawn ma jipperikolawx il-kapaċità tal-għażla marbuta ma' dak l-irkaptu;

(b) il-verifiki u l-iskemi tal-effiċjenza enerġetika; jew

(c) l-istudji biex tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni alternattivi u disinji tal-buq għall-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd.

3. L-għajnuna taħt il-paragrafu 2 għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd u ma għandux jingħata aktar minn darba għall-istess tip ta' investiment matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2029 għall-istess bastiment tas-sajd.

([27]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, L-Infrastruttura Ħadra ('Green Infrastructure' - GI) — It-Tisħiħ tal-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM(2013) 249 final, 6.5.2013.

4. Il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet addizzjonali diretti mġarrba b'riżultat tal-operazzjonijiet ikkonċernati. Għall-finijiet tal-punt (a) fil-paragrafu 2, il-kostijiet eliġibbli relatati ma':

(i) il-miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-idrodinamika tal-buq tal-bastiment jistgħu jkopru biss:

— l-investimenti f'mekkaniżmi ta' stabbiltà bħal, pereżempju, massari u pruwi bulbali li jikkontribwixxu għal navigazzjoni aħjar u stabbiltà mtejba;

— il-kostijiet relatati mal-użu ta' żebgħa antifouling mhux tossika bħal, pereżempju, kisi bir-ram, sabiex titnaqqas il-frizzjoni;

— il-kostijiet relattivi għall-apparat tal-istering, bħas-sistemi ta' kontroll tal-apparat tal-istering u diversi tmien sabiex titnaqqas l-attività tat-tmun skont il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-istat tal-baħar; jew

— l-ittestjar tat-tankijiet sabiex tiġi pprovduta bażi għat-titjib tal-idrodinamika;

(ii) il-miżuri mmirati biex itejbu s-sistema ta' propulsjoni tal-bastiment jistgħu biss ikopru l-kostijiet relatati max-xiri u, jekk ikun meħtieġ, mal-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin:

— l-iskrejjen effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inklużi x-xaftijiet ta' trażmissjoni;

— il-katalizzaturi;

— il-ġeneraturi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħal dawk li jaħdmu bl-idroġenu jew bil-gass naturali;

— l-elementi ta' propulsjoni li jaħdmu bl-enerġija rinnovabbli, bħall-qlugħ, l-ogħla qlugħ tal-bastiment li jittellgħu biss meta r-riħ ikun ħafif, l-imtieħen tar-riħ, it-turbini jew il-pannelli solari;

— it-tagħmir li jimbotta l-pruwa;

— l-ekonometri, is-sistemi ta' ġestjoni tal-fjuwil u s-sistemi ta' monitoraġġ; jew

— l-investimenti fi żnienen li jtejbu s-sistema ta' propulsjoni;

(iii) l-investimenti fl-irkaptu tas-sajd u fit-tagħmir tas-sajd jistgħu jkopru biss il-kostijiet relatati mal-miżuri li ġejjin:

— is-sostituzzjoni tal-irkaptu rmunkat bi rkaptu alternattiv;

— il-modifiki tal-irkaptu rmunkat; jew

— l-investimenti f'tagħmir għall-monitoraġġ tal-irkaptu rmunkat;

(iv) l-investimenti li huma mmirati lejn it-tnaqqis tal-elettriku jew tal-enerġija termali jistgħu jkopru biss:

— l-investimenti għat-titjib tas-sistemi ta' tkessiħ, iffriżar, jew iżolament għall-bastimenti; jew

— l-investimenti biex jiġi mħeġġeġ ir-riċiklaġġ tas-sħana li tkun fil-bastiment, li jinvolvi l-irkuprar u l-użu mill-ġdid tas-sħana għal operazzjonijiet awżiljarji oħrajn abbord il-bastiment.

Il-kostijiet relatati mal-manutenzjoni bażika tal-buq ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajnuna skont il-punt (a) fil-paragrafu 2.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 28*

**Għajnuna għall-valur miżjud, għall-kwalità tal-prodotti u għall-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa**

1. L-għajnuna għall-valur miżjud, għall-kwalità tal-prodotti u għall-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna jkollha l-għan li ttejjeb il-valur miżjud jew il-kwalità tal-ħut maqbud;

(b) l-għajnuna tkopri biss il-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(i) l-investimenti li jżidu l-valur għall-prodotti tas-sajd, b'mod partikolari billi jippermettu lis-sajjieda jwettqu l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ dirett tal-qabdiet tagħhom stess; jew

(ii) investimenti innovattivi abbord li jtejbu l-kwalità tal-prodotti tas-sajd.

2. L-għajnuna msemmija fil-punt (b)(ii) tal-paragrafu 1 għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu ta' rkaptu selettiv biex jiġu mminimizzati l-qabdiet mhux mixtieqa u għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu wettqu attività tas-sajf fuq il-baħar għal mill-inqas 60 ġurnata matul sentejn kalendarji qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

3. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 29*

**Għajnuna għall-portijiet tas-sajd, għall-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art, għas-swali tal-irkant u għall-postijiet ta' kenn**

1. L-għajnuna għall-portijiet tas-sajd, għall-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art, għas-swali tal-irkant u għall-postijiet ta' kenn li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna għandha l-għan li żżid il-kwalità, il-kontroll u t-traċċabbiltà tal-prodotti li jinħattu l-art, iżżid l-effiċjenza enerġetika, tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent u ttejjeb is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) l-għajnuna tkopri l-kostijiet ta' investiment eliġibbli li ġejjin li:

(i) itejbu l-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd, tas-swali tal-irkant, tal-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art u tal-postijiet ta' kenn, inklużi l-investimenti f'faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati għal irkapti tas-sajd mitlufa u skart tal-baħar miġbur mill-baħar;

(ii) jiffaċilitaw il-konformità mal-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u mal-punt (b) tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 jew li jżidu l-valur għall-komponenti tal-qabda li ma jintużawx biżżejjed; jew

(iii) itejbu s-sikurezza tas-sajjieda permezz tal-kostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-postijiet ta' kenn.

2. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 30*

**Għajnuna għas-sajd fl-ilmijiet interni u għall-fawna u l-flora akkwatiċi interni**

1. L-għajnuna għas-sajd fl-ilmijiet interni u l-fawna u l-flora akkwatika interna tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (ċ) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna timmira

(a) li jitnaqqas l-impatt tas-sajd fl-ilmijiet interni fuq l-ambjent;

(b) li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika;

(c) li jiżdied il-valur jew il-kwalità tal-ħut żbarkat; jew

(d) li ttejjeb is-saħħa, is-sigurtà, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kapital uman u t-taħriġ.

2. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' biss tappoġġa l-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) investimenti fil-promozzjoni tal-kapital uman, il-ħolqien tal-impjiegi u d-djalogu soċjali msemmija fl-Artikolu 18 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(b) investimenti abbord jew f'tagħmir individwali kif imsemmi fl-Artikolu 21 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(c) investimenti abbord jew f'tagħmir imsemmi fl-Artikolu 24 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(d) investimenti fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima msemmija fl-Artikolu 27 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(e) investimenti fit-titjib tal-valur miżjud jew tal-kwalità tal-ħut maqbud imsemmija fl-Artikolu 28 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(f) investimenti fil-portijiet tas-sajd, fil-postijiet ta' kenn u fil-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art imsemmija fl-Artikolu 29 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu; jew

(g) investimenti fix-xbieki jew tagħmir ieħor tas-sajd soġġetti għal żieda fit-tkagħbir bl-użu minħabba ħsara kkawżata minn annimali għajr ħut inkluż speċijiet invażivi u f'tagħmir relatat.

3. L-għajnuna tista' tipprovdi appoġġ għall-innovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 15, għas-servizzi ta' konsulenza f'konformità mal-Artikolu 16 u għas-sħubijiet bejn ix-xjenzati u s-sajjieda f'konformità mal-Artikolu 17.

4. Sabiex tiġi promossa d-diversifikazzjoni mis-sajjieda fl-ilmijiet interni, l-għajnuna tista' tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet interni għal attivitajiet komplementari skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) ir-referenzi magħmula fl-Artikoli 21, 24, 27 u 28 għall-bastimenti tas-sajd għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-bastimenti li joperaw esklussivament fl-ilmijiet interni;

(b) ir-referenzi magħmula fl-Artikolu 24 għall-ambjent tal-baħar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-ambjent li fih jopera l-bastiment tas-sajd fl-ilmijiet interni;

(c) il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 21, 24 u 27 li huma speċifiċi għall-bastimenti tas-sajd tal-baħar ma għandhomx jiġu estiżi għas-sajd fl-ilmijiet interni

6. Sabiex jiġu protetti u żviluppati l-fawna u l-flora akkwatiċi, l-għajnuna tista' tappoġġa biss:

(a) il-ġestjoni, ir-restawr u l-monitoraġġ ta' siti NATURA 2000 li huma affettwati mill-attivitajiet tas-sajd, u r-riabilitazzjoni tal-ilmijiet interni f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]), inklużi ż-żoni ta' riproduzzjoni u r-rotot ta' migrazzjoni għall-ispeċijiet migratorji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26(2), punt (d) ta' dan ir-Regolament u, fejn rilevanti, bil-parteċipazzjoni tas-sajjieda fl-ilmijiet interni;

(b) il-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni jew l-installazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jipproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora akkwatiċi, inklużi t-tħejjija xjentifika, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu jibqgħu joperaw b'mod esklużiv fl-ilmijiet interni.

8. L-ammont tal-għajnuna mogħtija taħt dan l-Artikolu m'għandux jaqbeż, f'ekwivalenti ta' għotja grossa, rata massima ta' intensità ta' għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli, bl-eċċezzjoni tal-miżura fil-paragrafu 2, punt (g), li għalih għandha tapplika intensità ta' għajnuna ta' 40 %. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

Taqsima 2

**It-trawwim ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli**

*Artikolu 31*

**Kundizzjonijiet ġenerali**

1. L-għajnuna mogħtija taħt din it-Taqsima għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

(a) hija għandha tkun limitata għall-impriżi tal-akkwakultura, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor f'dan ir-Regolament;

(b) fejn l-operazzjonijiet ikunu jikkonsistu f'investimenti f'tagħmir jew infrastruttura li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti futuri li jirrigwardjaw l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, l-iġjene jew il-benesseri tal-annimali skont id-dritt tal-Unjoni, jista' jingħata appoġġ sad-data li fiha tali rekwiżiti jsiru obbligatorji għall-impriżi;

(c) ma għandhiex tingħata għat-trobbija ta' organiżmi ġenetikament modifikati;

(d) ma għandhiex tingħata għall-operazzjonijiet tal-akkwakultura f'żoni protetti tal-baħar, jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali, li l-operazzjoni tiġġenera impatt ambjentali negattiv sinifikanti li ma jistax jittaffa b'mod adegwat.

([28]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

2. L-għajnuna taħt din it-Taqsima għal investimenti li għandhom l-għan li jisfruttaw swieq ġodda għandha tingħata biss meta l-impriża benefiċjarja tipprovdi dokumentazzjoni li jeżistu prospetti tas-suq tajbin u sostenibbli għall-proġett.

3. Għal investimenti li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]) l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

*Artikolu 32*

**Għajnuna għall-innovazzjoni fl-akkwakultura**

1. L-għajnuna għall-innovazzjoni fl-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tistimula l-innovazzjoni fl-akkwakultura;

(b) l-għajnuna jkollha l-għan li tikseb dan li ġej:

(i) l-iżvilupp ta' għarfien tekniku, xjentifiku jew organizzazzjonali fl-azjendi agrikoli tal-akkwakultura, li, b'mod partikolari, inaqqas l-impatt fuq l-ambjent, inaqqas id-dipendenza fuq l-għalf u ż-żejt tal-ħut, irawwem użu sostenibbli tar-riżorsi fl-akkwakultura, itejjeb il-benesseri tal-annimali jew jiffaċilita metodi ġodda ta' produzzjoni sostenibbli;

(ii) l-iżvilupp jew l-introduzzjoni fis-suq ta' speċijiet ġodda tal-akkwakultura b'potenzjal tas-suq, prodotti ġodda jew imtejba sostanzjalment, proċessi ġodda jew imtejba, jew sistemi ġodda jew imtejba ta' ġestjoni u organizzazzjoni;

(iii) l-esplorazzjoni tal-fattibbiltà teknika jew ekonomika ta' prodotti jew proċessi innovattivi.

2. Is-servizzi sussidjati skont dan l-Artikolu għandhom jitwettqu minn, jew f'kollaborazzjoni ma', korpi xjentifiċi jew tekniċi pubbliċi jew privati, rikonoxxuti mill-Istat Membru, li għandhom jivvalidaw ir-riżultati ta' tali servizzi sussidjati.

3. Ir-riżultati tal-proġetti li jirċievu appoġġ għandhom jingħataw pubbliċità adegwata mill-Istat Membru.

4. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu dawn li ġejjin:

(a) kostijiet tal-persunal diretti relatati mar-riċerkaturi, mat-teknixins u ma' persunal ieħor ta' appoġġ diment li dawn ikunu impjegati fuq il-proġett;

(b) il-kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir diment li jkunu użati fil-proġett u għall-perjodu li jintużaw fih;

(c) il-kostijiet tal-bini, sal-punt u għall-perjodu tad-durata użati għall-proġett u taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) fir-rigward tal-bini, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss dawk il-kostijiet tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji ta' kontabbiltà aċċettati b'mod ġenerali;

(ii) fir-rigward tal-artijiet, huma eliġibbli l-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;

(a) il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet distakkati, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenzi u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett; jew

(b) kostijiet ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn, inklużi kostijiet ta' materjali, provvisti u prodotti simili, imġarrbin direttament minħabba l-proġett.

Għall-finijiet tal-punt (b), fejn dawk l-istrumenti u tagħmir ma jintużawx għat-tul ta' ħajjithom kollha għall-proġett, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà aċċettati b'mod ġenerali.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

([29]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

*Artikolu 33*

**Għajnuna għal investimenti li jżidu l-produttività jew li jkollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent fl-akkwakultura**

1. L-għajnuna għal investimenti li jżidu l-produttività jew li jkollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent fl-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna tappoġġa:

(a) l-investimenti produttivi fl-akkwakultura;

(b) id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni fl-akkwakultura u l-ispeċijiet ikkultivati;

(c) il-modernizzazzjoni tal-unitajiet tal-akkwakultura, inkluż it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sikurezza tal-ħaddiema fis-settur tal-akkwakultura;

(d) it-titjib u l-modernizzazzjoni relatati mas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, inkluż ix-xiri ta' tagħmir li għandu l-għan li jipproteġi lill-farms tal-ħut mill-predaturi selvaġġi;

(e) l-investimenti li jnaqqsu l-impatt negattiv jew isaħħu l-effetti pożittivi fuq l-ambjent u li jżidu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi;

(f) l-investimenti fit-titjib tal-kwalità tal-prodotti tal-akkwakultura jew fiż-żieda fil-valur tagħhom;

(g) ir-restawr tal-għadajjar jew tal-laguni tal-akkwakultura eżistenti permezz tat-tneħħija tal-ħama, jew investimenti mmirati lejn il-prevenzjoni tad-depożiti tal-ħama;

(h) id-diversifikazzjoni tal-introjtu tal-impriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari;

(i) l-investimenti li jirriżultaw fi tnaqqis sostanzjali fl-impatt tal-impriżi tal-akkwakultura fuq l-użu u l-kwalità tal-ilma, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-ammont ta' ilma jew sustanzi kimiċi, antibijotiċi u mediċini oħrajn użati, jew permezz tat-titjib tal-kwalità tal-ilma prodott, inkluż permezz tal-użu ta' sistemi tal-akkwakultura multitrofiċi;

(j) il-promozzjoni ta' akkwakultura b'sistemi magħluqa fejn il-prodotti tal-akkwakultura jitrabbew f'sistemi magħluqa ta' riċirkolazzjoni, sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-użu tal-ilma; jew

(k) l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika u li jippromwovu l-konverżjoni tal-impriżi tal-akkwakultura għal sorsi rinnovabbli tal-enerġija.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1, punt (h) għandha tingħata biss lill-impriżi tal-akkwakultura jekk l-attivitajiet komplementari jkunu relatati man-negozju prinċipali tal-impriżi fis-settur tal-akkwakultura, inklużi t-turiżmu tas-sajd bil-qasba, is-servizzi ambjentali relatati mal-akkwakultura jew l-attivitajiet edukattivi dwar l-akkwakultura.

3. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tingħata għal investimenti li jżidu l-produzzjoni u/jew il-modernizzazzjoni tal-impriżi eżistenti fis-settur tal-akkwakultura, jew għall-kostruzzjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni ġdida, sakemm l-iżvilupp ikun konsistenti mal-pjan għall-iżvilupp tal-akkwakultura msemmi fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

4. L-investimenti msemmija fil-paragrafu (1), punt (e) jinkludu dawk relatati mal-użu ta' għalf aktar sostenibbli, it-tnaqqis u l-ġestjoni tar-rilaxx u l-effluwenti tan-nutrijenti, it-tnaqqis tal-ħarba, l-użu ta' sustanzi kimiċi u mediċini b'impatt aktar baxx fuq l-ambjent, l-adozzjoni ta' approċċ ċirkolari fil-ġestjoni tal-iskart, ir-rimi ta' rkaptu tal-akkwakultura jew l-użu ta' rkaptu bijodegradabbli tal-akkwakultura biex jiġi evitat l-iskart fil-baħar, il-ġestjoni tal-predaturi, u dawk li jagħtu kontribut li jista' jitkejjel għar-restawr tal-bijodiversità jew il-kontinwità ekoloġika.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna. Għall-operazzjonijiet li jkollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent, ir-rata massima tal-intensità tal-għajnuna għandha tkun ta' 80 % sakemm ma tkunx applikabbli rata ogħla ta' intensità tal-għajnuna fir-rigward tal-Anness IV.

*Artikolu 34*

**Għajnuna għas-servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsulenza għall-farms fis-settur tal-akkwakultura**

1. L-għajnuna għas-servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsulenza għall-farms fis-settur tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna ttejjeb il-prestazzjoni u l-kompetittività globali tal-farms tal-akkwakultura;

(b) l-għajnuna tnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tal-farms tal-akkwakultura; kif ukoll

(c) l-għajnuna tappoġġa x-xiri ta' servizzi ta' konsulenza għall-farms ta' natura teknika, xjentifika, legali, ambjentali jew ekonomika;

Għall-finijiet tal-punt (c), għandha tingħata għajnuna biss lill-SMEs fis-settur tal-akkwakultura jew lill-organizzazzjonijiet fis-settur tal-akkwakultura inkluż organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-akkwakultura u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-akkwakultura.

2. Is-servizzi ta' konsulenza msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom ikopru:

(a) il-ħtiġijiet ta' ġestjoni sabiex il-farms tal-akkwakultura jkunu jistgħu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali u tal-Unjoni, kif ukoll mar-rekwiżiti tal-ippjanar tal-ispazju marittimu;

(b) il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali kif imsemmi fid-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 92/43/KEE;

(c) il-ħtiġijiet ta' ġestjoni sabiex il-farms tal-akkwakultura jkunu jistgħu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali akkwatiċi jew is-saħħa pubblika;

(d) standards ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni;

(e) strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' negozju; jew

(f) studji ta' fattibbiltà u servizzi ta' konsulenza li jivvalutaw il-vijabbiltà ta' miżuri potenzjalment eliġibbli għall-appoġġ skont it-Titolu II, Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2021/1139.

3. Is-servizzi ta' konsulenza msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw minn korpi xjentifiċi jew tekniċi kif ukoll minn entitajiet li jipprovdu konsulenza legali jew ekonomika bil-kompetenza meħtieġa kif rikonoxxuti mill-Istat Membru. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

4. L-impriżi benefiċjarji ma għandhomx jirċievu għajnuna aktar minn darba fis-sena għal kull kategorija ta' servizz ta' konsulenza elenkata fil-paragrafu 2.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 35*

**Għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u tan-networking fis-settur tal-akkwakultura**

1. L-għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u tan-networking fis-settur tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna tappoġġa dawn li ġejjin:

(a) it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku u tekniku u prattiki innovattivi, l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda fis-settur tal-akkwakultura u fir-rigward tat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet fis-settur tal-akkwakultura;

(b) it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-promozzjoni tas-sikurezza okkupazzjonali; kif ukoll

(c) in-networking u l-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki fost l-impriżi fis-settur tal-akkwakultura jew l-organizzazzjonijiet professjonali u partijiet ikkonċernati oħrajn, inklużi korpi xjentifiċi u tekniċi jew dawk li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa.

2. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

3. L-għajnuna tista' tkopri kwalunkwe waħda mill-kostijiet eliġibbli li ġejjin imġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett appoġġat:

(a) kostijiet diretti tas-salarji

(b) ħlasijiet tal-parteċipazzjoni;

(c) kostijiet għall-ivvjaġġar;

(d) kostijiet għall-pubblikazzjonijiet;

(e) servizzi ta' ġbir ta' *data* mixtrija, studji, proġetti pilota;

(f) il-kera ta' bini għall-wirjiet u l-istands għalihom u l-kostijiet għall-istallazzjoni u ż-żarmar tagħhom; jew

(g) kostijiet għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku u informazzjoni fattwali.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 36*

**Għajnuna biex jiżdied il-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura**

1. L-għajnuna għaż-żieda tal-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura fis-settur tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-iżvilupp tas-siti u l-infrastrutturi tal-akkwakultura u tnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tal-operazzjonijiet;

(b) l-għajnuna tappoġġa dawn li ġejjin:

(i) l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-aktar żoni adatti għall-iżvilupp tal-akkwakultura, filwaqt li jiġu kkunsidrati, fejn applikabbli, il-proċessi tal-ġestjoni tat-territorju, u l-identifikazzjoni u l-immappjar ta' żoni fejn l-akkwakultura jenħtieġ li tiġi eskluża sabiex jinżamm ir-rwol ta' tali żoni fil-funzjonament tal-ekosistema;

(ii) it-titjib u l-iżvilupp ta' faċilitajiet u infrastrutturi ta' appoġġ meħtieġa biex jiżdied il-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura u biex jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tal-akkwakultura, inklużi investimenti fil-konsolidazzjoni tal-art, il-provvista tal-enerġija jew il-ġestjoni tal-ilma;

(iii) l-azzjoni meħuda u implimentata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE jew l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE bil-għan li tipprevjeni dannu serju fis-settur tal-akkwakultura; jew

(iv) l-azzjoni meħuda u implimentata mill-awtoritajiet kompetenti wara d-detezzjoni taż-żieda fil-mortalità jew il-mard kif previst fir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([31]).

Għall-finijiet tal-punt (b)(iv), l-għajnuna għandha tingħata biss biex tkopri l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar il-frott tal-baħar bil-qoxra immirati lejn il-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni, inkluż l-għoti ta' appoġġ lill-produtturi ta' frott tal-baħar bil-qoxra għall-manutenzjoni ta' sikek naturali għall-frott tal-baħar bil-qoxra u żoni ta' qbid.

2. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu dawn li ġejjin imġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett:

(a) il-kostijiet tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli;

(b) kostijiet diretti tas-salarji; jew

(c) il-kostijiet ta' konsulenza, riċerka kuntrattwali, u servizzi ta' appoġġ ipprovduti minn konsulenti esterni.

([30]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([31]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istatus ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

3. L-impriżi benefiċjarji skont dan l-Artikolu għandhom ikunu biss dawk l-impriżi li jkunu ġew fdati mill-Istat Membru bil-kompiti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 37*

**Għajnuna għall-inkoraġġiment ta' intraprendituri ġodda fis-settur tal-akkwakultura li jħarsu l-prinċipji tal-akkwakultura sostenibbli**

1. L-għajnuna għall-inkoraġġiment ta' intraprendituri ġodda li jipprattikaw akkwakultura sostenibbli li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna trawwem l-intraprenditorija fl-akkwakultura; kif ukoll

(b) l-għajnuna tappoġġa t-twaqqif ta' impriżi tal-akkwakultura sostenibbli minn intraprendituri ġodda.

2. Għandha tingħata għajnuna lill-intraprendituri tal-akkwakultura li jidħlu fis-settur sakemm dawn:

(a) ikollhom ħiliet u kompetenza professjonali adegwati;

(b) jistabbilixxu għall-ewwel darba SME tal-akkwakultura, bħala maniġers ta' dik l-impriża; kif ukoll

(c) jissottomettu pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura tagħhom.

3. Sabiex jiksbu ħiliet professjonali adegwati, l-intraprendituri tal-akkwakultura li jidħlu fis-settur jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna msemmija fl-Artikolu 35(1).

4. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu dawn li ġejjin imġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett:

(a) il-kostijiet tas-salarji;

(b) kostijiet ġenerali addizzjonali u kostijiet oħra, inklużi kostijiet ta' materjali, provvisti;

(c) kostijiet tat-tagħmir; jew

(d) il-kostijiet ta' investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli.

5. L-ammont tal-għajnuna skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 38*

**Għajnuna għall-konverżjoni għal skemi ta' ġestjoni u verifika ambjentali u akkwakultura organika**

1. L-għajnuna għall-konverżjoni għal skemi ta' ġestjoni u verifika ambjentali u akkwakultura organika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tippromwovi l-iżvilupp ta' akkwakultura organika jew effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

(b) l-għajnuna tappoġġa waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-konverżjoni ta' metodi konvenzjonali ta' produzzjoni tal-akkwakultura fl-akkwakultura organika skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/848 ([32]) u f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1165 ([33]);

(ii) il-parteċipazzjoni fl-iskemi ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]).

([32]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (GU L 150, 14.6.2018, p. 1).

([33]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1165 tal-15 ta' Lulju 2021 li jawtorizza ċerti prodotti u sustanzi għall-użu fil-produzzjoni organika u li jistabbilixxi l-listi tagħhom (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 13).

([34]) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

2. L-għajnuna għandha tingħata biss fir-rigward tal-konverżjoni ta' impriżi benefiċjarji li jimpenjaw ruħhom li jipparteċipaw fl-EMAS għal minimu ta' tliet snin jew li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-produzzjoni organika għal minimu ta' ħames snin. Għandha tiġi pprovduta klawsola ta' reviżjoni fl-impenji meħuda skont dan il-paragrafu sabiex jiġi żgurat l-aġġustament tagħhom fil-każ ta' emendi tar-rekwiżiti, l-istandards u l-kundizzjonijiet obbligatorji rilevanti msemmija f'dan l-Artikolu.

3. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' kumpens għal massimu ta' tliet snin matul il-perjodu tal-konverżjoni tal-impriża għall-produzzjoni organika, jew matul it-tħejjija għall-parteċipazzjoni fl-EMAS. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw dak il-kumpens abbażi ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) it-telf ta' dħul jew kostijiet addizzjonali mġarrba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni minn produzzjoni konvenzjonali għal produzzjoni organika għal operazzjonijiet eliġibbli taħt il-punt (b)(i) tal-paragrafu 1;

(b) il-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-applikazzjoni u t-tħejjija tal-parteċipazzjoni fl-EMAS għal operazzjonijiet eliġibbli taħt il-punt (b)(ii) tal-paragrafu 1.

4. Jekk l-impriża benefiċjarja ma tkunx tista' tikkonforma mal-impenji skont il-paragrafu 2 minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u esterni, l-ammont ta' għajnuna kkalkulat skont il-paragrafu 3 għandu jitnaqqas u jiġi rkuprat proporzjonalment abbażi tat-tul ta' żmien tal-impenn inizjali u ż-żmien li l-impenji ma ġewx imħarsa.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 39*

**Għajnuna għal servizzi ambjentali**

1. L-għajnuna għall-impriżi attivi fis-settur tal-akkwakultura li jipprovdu servizzi ambjentali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna trawwem l-iżvilupp tas-settur tal-akkwakultura li jipprovdi servizzi ambjentali; kif ukoll

(b) l-għajnuna tappoġġa waħda mill-miżuri li ġejjin:

(i) il-metodi tal-akkwakultura kompatibbli ma' ħtiġijiet ambjentali speċifiċi u soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi ta' ġestjoni li jirriżultaw mid-deżinjazzjoni ta' żoni NATURA 2000 f'konformità mad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE;

(ii) il-parteċipazzjoni, f'termini tal-kostijiet relatati direttament magħha, fil-konservazzjoni ex situ u r-riproduzzjoni tal-annimali akkwatiċi, fi ħdan il-qafas tal-programmi ta' konservazzjoni u restawr tal-bijodiversità żviluppati mill-awtoritajiet pubbliċi, jew taħt is-superviżjoni tagħhom;

(iii) l-operazzjonijiet tal-akkwakultura li jinkludu l-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent u tal-bijodiversità, u l-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali taż-żoni tal-akkwakultura.

2. L-għajnuna msemmija fil-punt (b)(i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tieħu l-forma ta' kumpens annwali. Il-kostijiet eliġibbli huma kostijiet addizzjonali mġarrba u/jew id-dħul mitluf bħala konsegwenza tar-rekwiżiti tal-ġestjoni fiż-żoni kkonċernati, b'rabta mal-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 92/43/KEE jew 2009/147/KE.

3. Għall-finijiet tal-punt (b)(ii) fil-paragrafu 1, il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet addizzjonali diretti mġarrba b'riżultat tal-operazzjonijiet ikkonċernati.

4. L-għajnuna msemmija fil-punt (b)(iii) tal-paragrafu 1 għandha tingħata biss lil impriżi benefiċjarji li jimpenjaw ruħhom għal perjodu minimu ta' ħames snin li jissodisfaw ir-rekwiżiti akkwaambjentali li jmorru lil hinn mis-sempliċi applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u tal-liġi nazzjonali. Il-benefiċċji ambjentali tal-operazzjoni għandhom jintwerew permezz ta' valutazzjoni minn qabel imwettqa minn korpi kompetenti nnominati mill-Istat Membru, sakemm il-benefiċċji ambjentali ta' dik l-operazzjoni ma jkunux diġà rikonoxxuti.

5. L-għajnuna msemmija fil-punt (b)(iii) tal-paragrafu 1 għandha tieħu l-forma ta' kumpens annwali. Il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet addizzjonali diretti mġarrba u/jew l-introjtu mitluf.

6. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet li jirċievu l-għajnuna skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw pubbliċità adegwata mill-Istat Membru.

7. Għall-impenji meħuda skont dan l-Artikolu, għandha tiġi pprovduta klawżola ta' reviżjoni sabiex jiġi żgurat l-aġġustament tagħhom fil-każ ta' emendi tar-rekwiżiti, l-istandards u l-kundizzjonijiet obbligatorji rilevanti msemmija f'dan l-Artikolu.

8. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 40*

**Għajnuna għall-miżuri tas-saħħa pubblika**

1. L-għajnuna għal miżuri tas-saħħa pubblika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu, sakemm l-għajnuna tappoġġa skema ta' kumpens li tikkumpensa lil dawk li jrabbu l-molluski għas-sospensjoni temporanja tal-ħsad tal-molluski mrobbija, fejn tali sospensjoni sseħħ esklussivament għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata biss fejn l-għeluq tal-produzzjoni klassifikata jew taż-żona ta' riinstallazzjoni, skont l-Artikolu 62 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 ([35]) ikun dovut għall-proliferazzjoni tal-plankton li jipproduċi t-tossini jew għall-preżenza tal-plankton li fih bijotossini li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Anness III, it-Taqsima VII, il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]), u diment li:

(a) il-kontaminazzjoni ddum għal aktar minn erba' xhur konsekuttivi; jew

(b) it-telf, li jirriżulta mis-sospensjoni tal-ħsad, jammonta għal aktar minn 25 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat abbażi tal-fatturat medju ta' dak in-negozju matul it-tliet snin kalendarji ta' qabel is-sena li fiha l-ħsad ikun ġie sospiż;

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli speċjali ta' kalkolu fir-rigward ta' kumpaniji b'inqas minn tliet snin ta' attività.

3. It-tul ta' żmien li għalih jista' jingħata l-kumpens għandu jkun massimu ta' 12-il xahar bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2029. F'każijiet debitament ġustifikati, dan jista' jiġi estiż darba għal massimu ta' 12-il xahar addizzjonali sa massimu kkombinat ta' 24 xahar.

4. Il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet addizzjonali diretti mġarrba u/jew l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-miżuri kkonċernati. Il-kumpens ikkalkolat għandu jitnaqqas b'kull kost imġarrab mhux direttament minħabba l-avveniment li kieku minħabba fih kienu jiġġarrbu mill-benefiċjarju.

5. L-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut biex jikkumpensaw għall-ħsara, inklużi l-pagamenti taħt il-poloz tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 41*

**Għajnuna għal miżuri tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali**

1. L-għajnuna għas-saħħa u l-benesseri tal-annimali f'impriżi tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107 (3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm

(a) l-għajnuna jkollha l-għan li trawwem is-saħħa u l-benesseri tal-annimali fl-impriżi tal-akkwakultura, fost l-oħrajn, f'termini ta' prevenzjoni u bijosigurtà; kif ukoll

(b) l-għajnuna tista' tkopri biss waħda mill-miżuri li ġejjin:

(i) l-iżvilupp tal-aħjar prattiki ġenerali u speċifiċi għall-ispeċijiet jew kodiċijiet ta' mġiba dwar il-bijosigurtà jew dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali fis-settur tal-akkwakultura;

(ii) l-inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza tal-akkwakultura fuq il-mediċina veterinarja;

([35]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

([36]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

(iii) studji veterinarji jew farmaċewtiċi u d-disseminazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki rigward mard veterinarju fl-akkwakultura, bil-għan tal-promozzjoni ta' użu xieraq tal-mediċina veterinarja;

(iv) l-istabbiliment u l-operat ta' gruppi għall-protezzjoni tas-saħħa fis-settur tal-akkwakultura kif rikonoxxuti mill-Istati Membri; jew

(v) kumpens lill-persuni li jaħdmu fil-farms tal-molluski għas-sospensjoni temporanja tal-attivitajiet tagħhom minħabba mortalità eċċezzjonali tal-massa, jekk ir-rata tal-mortalità taqbeż l-20 % jew jekk it-telf li jirriżulta mis-sospensjoni tal-attività jammonta għal aktar minn 30 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat abbażi tal-fatturat medju ta' dak in-negozju matul it-tliet snin kalendarji ta' qabel is-sena li fiha ġew sospiżi l-attivitajiet.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli speċjali ta' kalkolu fir-rigward ta' kumpaniji b'inqas minn tliet snin ta' attività.

L-għajnuna msemmija fil-punt (b)(iii) ma għandhiex tkopri x-xiri ta' mediċini veterinarji.

Ir-riżultati tal-istudji ffinanzjati skont il-punt (b)(iii) għandhom jiġu rrapportati u rreklamati b'mod adegwat mill-Istat Membru.

2. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

3. Għall-finijiet tal-punt (b)(i) sa (iv) fil-paragrafu 1, il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet addizzjonali diretti mġarrba b'riżultat tal-miżuri kkonċernati. Għall-finijiet tal-punt (b)(v) fil-paragrafu 1, il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet addizzjonali diretti mġarrba u/jew l-introjtu mitluf b'riżultat tal-miżuri kkonċernati.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 42*

**Għajnuna għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard**

1. L-għajnuna għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard fl-intrapriżi tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna tappoġġa l-kostijiet tal-prevenzjoni, kontroll u qerda ta':

(a) il-mard fl-akkwakultura elenkat fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, jew inkluż fil-lista ta' mard tal-annimali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, inklużi l-kostijiet operazzjonali meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi fi pjan ta' eradikazzjoni;

(b) mard emerġenti li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(c) iż-żoonożi tal-annimali akkwatiċi elenkati fil-punt 2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]); jew

(d) mard għajr marda elenkata msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 226 ta' dak ir-Regolament.

2. L-għajnuna għandha titħallas biss b'rabta ma' mard ta' annimali akkwatiċi li għalihom jeżistu regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, kemm jekk stabbiliti minn liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva.

3. L-għajnuna tista' tkopri biss il-kostijiet eliġibbli li ġejjin għall-finijiet ta' prevenzjoni, kontroll u qerda:

(a) il-kontrolli tas-saħħa, l-analiżijiet, it-testijiet, u miżuri oħra ta' skrinjar;

(b) it-titjib ta' miżuri ta' bijosigurtà;

([37]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm għas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

(c) ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' vaċċini, mediċini, u sustanzi għat-trattamenti tal-annimali;

(d) l-iskarnar, il-qtil, u l-qerda tal-annimali;

(e) il-qerda ta' prodotti tal-annimali u ta' prodotti marbuta magħhom;

(f) it-tindif, id-diżinfezzjoni jew id-diżinfezzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir; jew

(g) il-ħsara mġarrba minħabba l-iskarnar, il-qtil jew il-qerda ta' annimali, ta' prodotti tal-annimali, u ta' prodotti marbuta magħhom.

4. L-għajnuna ma għandhiex tkun relatata ma' miżuri li l-kost tagħhom, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ li jitħallas mill-benefiċjarju, sakemm il-kost ta' tali miżuri ma jkunx kompletament paċut minn imposti obbligatorji fuq il-benefiċjarji.

5. L-iskemi ta' għajnuna relatati ma' marda tal-annimali għandhom jiġu introdotti fi żmien tliet snin u l-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-ispiża jew tal-ħsara kkawżata mill-marda tal-annimali.

6. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 43*

**Għajnuna għall-investiment maħsub biex itaffi l-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali**

1. L-għajnuna għall-investiment maħsub biex itaffi l-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-investiment isegwi primarjament l-għan li jipprevjeni jew jimmitiga l-ħsara kkawżata minn mard tal-annimali taħt l-Artikolu 42(1), punt (a), ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna tista' biss tkopri l-kostijiet eliġibbli li huma diretti u speċifiċi għal miżuri preventivi. Il-kostijiet jistgħu jinkludu biss il-kostijiet:

(a) għall-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli; jew

(b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi.

3. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 65 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 44*

**Għajnuna għall-assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura**

1. L-għajnuna għall-assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tippromwovi s-salvagwardja tal-introjtu tal-produtturi tal-akkwakultura; kif ukoll

(b) l-għajnuna tikkontribwixxi għal assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura li tkopri t-telf ekonomiku minħabba mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin:

(i) diżastri naturali;

(ii) avvenimenti klimatiċi negattivi;

(iii) bidliet f'daqqa fil-kwalità u l-kwantità tal-ilma li l-operatur ma jkunx responsabbli għalihom;

(iv) mard fis-settur tal-akkwakultura, ħsarat fil-faċilitajiet tal-produzzjoni jew il-qerda tagħhom, li l-operatur ma jkunx responsabbli għalihom;

(v) kriżijiet tas-saħħa pubblika;

(vi) telf ta' produzzjoni minħabba attakk minn annimali predatorji jew protetti;

(vii) l-assigurazzjoni m'għandhiex teħtieġ jew tispeċifika t-tip jew il-kwantità ta' produzzjoni futura u l-għajnuna mhijiex limitata għall-assigurazzjoni pprovduta minn kumpanija tal-assigurazzjoni speċifika jew grupp ta' kumpaniji.

2. L-okkorrenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (b) (i), (ii) u (v) tal-paragrafu 1 fl-akkwakultura għandha tiġi rikonoxxuta formalment bħala tali mill-Istat Membru kkonċernat.

3. L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jistabbilixxu kriterji minn qabel li abbażi tagħhom għandu jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-paragrafu 2.

4. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, punt (b), għandhom jirrelataw mal-kopertura tal-kostijiet sa 70 % ta' primjum għal kuntratt li jkopri sa 100 % tat-telf ekonomiku potenzjali.

## Taqsima 3

## **Miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar**

### *Artikolu 45*

### **Għajnuna għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni**

1. L-għajnuna għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tippromwovi miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura; kif ukoll

(b) l-għajnuna timmira lejn:

(i) il-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali li għandhom jiġu rikonoxxuti f'konformità mat-Taqsima II tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

(ii) is-sejba ta' swieq ġodda u t-titjib tal-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, inklużi:

— speċijiet b'potenzjal ta' kummerċjalizzazzjoni;

— qabdiet mhux mixtieqa li jinħattu l-art minn stokkijiet kummerċjali f'konformità mal-miżuri tekniċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-punt (b) tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

— prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura miksuba bl-użu ta' metodi b'impatt baxx fuq l-ambjent, jew prodotti tal-akkwakultura organiċi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/848;

(iii) il-promozzjoni tal-kwalità u tal-valur miżjud permezz tal-faċilitazzjoni ta':

— l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' prodott partikolari u l-adattament tal-operaturi kkonċernati għar-rekwiżiti rilevanti ta' konformità u ċertifikazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([38]);

— iċ-ċertifikazzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti sostenibbli tas-sajd u tal-akkwakultura, inklużi prodotti minn sajd kostali fuq skala żgħira, u ta' metodi tal-ipproċessar li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

— il-kummerċjalizzazzjoni diretta ta' prodotti tas-sajd minn sajjieda kostali fuq skala żgħira, sajjieda migratorji, sajjieda fl-ilmijiet interni, sajjieda li jistadu bil-wieqfa jew produtturi tal-akkwakultura;

— il-preżentazzjoni u l-imballaġġ tal-prodotti;

(iv) il-kontribut għat-trasparenza tal-produzzjoni u s-swieq u t-twettiq ta' stħarriġ u studji tas-suq dwar id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet;

(v) il-kontribut għat-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura u, fejn rilevanti, l-iżvilupp ta' ekotikketta għall-Unjoni kollha għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

([38]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

(vi) it-tfassil ta' kuntratti standard għall-SMEs li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni;

(vii) it-twettiq ta' kampanji reġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali ta' komunikazzjoni u promozzjoni, biex ikabbru l-għarfien dwar il-prodotti sostenibbli tas-sajd u tal-akkwakultura.

2. L-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' servizz issussidjat jew għotja diretta.

3. L-għajnuna tista' tkopri biss il-kostijiet eliġibbli li ġejjin:

(a) kostijiet diretti tas-salarji

(b) ħlasijiet tal-parteċipazzjoni;

(c) kostijiet għall-ivvjaġġar;

(d) kostijiet għall-pubblikazzjonijiet;

(e) studji mixtrija;

(f) il-kera ta' bini għall-wirjiet u l-istands għalihom u l-kostijiet għall-istallazzjoni u ż-żarmar tagħhom; jew

(g) il-kostijiet għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku u l-informazzjoni fattwali dwar il-prodotti ġeneriċi tas-sajd u l-benefiċċji nutrittivi tagħhom u l-użi ssuġġeriti għalihom.

4. L-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jistgħu jinkludu l-attivitajiet ta' produzzjoni, ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni tul il-katina tal-provvista. L-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (b)(vii) tal-paragrafu 1 ma għandhomx jirreferu għal xi intrapriża, isem tad-ditta jew oriġini partikolari.

5. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 46*

**Għajnuna għall-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura**

1. L-għajnuna għall-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107 (3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna tappoġġa l-investimenti fl-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-għajnuna għandha l-għan li tappoġġa miżuri li:

(a) jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-enerġija jew għat-tnaqqis tal-impatt fuq l-ambjent, inkluż it-trattament tal-iskart;

(b) itejbu s-sikurezza, l-iġjene, is-saħħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(c) jappoġġaw l-ipproċessar tal-qabdiet ta' ħut kummerċjali li ma jistax ikun destinat għall-konsum mill-bniedem;

(d) jirrigwardjaw l-ipproċessar ta' prodotti sekondarji li jirriżultaw minn attivitajiet ewlenin ta' pproċessar;

(e) jirrigwardjaw l-ipproċessar ta' prodotti organiċi tal-akkwakultura skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 2018/848;

(f) iwasslu għal prodotti ġodda jew imtejba, proċessi ġodda jew imtejba, jew sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba;

(g) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a)(1); jew

(h) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tal-investimenti taħt il-kundizzjoni tal-Artikolu 43.

2. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tal-kostijiet eliġibbli. L-ammont tal-għajnuna mogħtija għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard taħt il-paragrafu 1, il-punt (g) ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli. L-għajnuna għall-investiment għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara taħt il-paragrafu 1, il-punt (h), ta' dan l-Artikolu ma għandhiex taqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 65 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

## Taqsima 4

## Kategoriji oħrajn ta' għajnuna

*Artikolu 47*

### Għajnuna għall-ġbir, il-ġestjoni, l-użu u l-ipproċessar tad-data fis-settur tas-sajd

1. L-għajnuna għall-ġbir, il-ġestjoni, l-użu u l-ipproċessar ta' *data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-settur tas-sajd li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-għajnuna tappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-*data*, kif previst fl-Artikolu 25(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u kif speċifikat aktar fir-Regolament (KE) Nru 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]).

2. L-għajnuna għandha tkopri biss il-miżuri li ġejjin:

(a) il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-*data* għall-fini tal-analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS;

(b) programmi nazzjonali, tranżnazzjonali u subnazzjonali ta' kampjunar pluriennali, sakemm dawn ikunu relatati mal-istokkijiet koperti mill-PKS;

(c) il-monitoraġġ fuq il-baħar tas-sajd kummerċjali u rikreattiv, inkluż il-monitoraġġ tal-qabdiet aċċessorji ta' organiżmi tal-baħar bħal mammiferi u għasafar tal-baħar;

(d) l-istħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar; jew

(e) it-titjib tas-sistemi ta' ġbir tad-*data* u ta' ġestjoni tad-*data* u l-implimentazzjoni ta' studji pilota biex jittejbu s-sistemi eżistenti ta' ġbir tad-*data* u ta' ġestjoni tad-*data*.

3. L-għajnuna tista' tkopri kwalunkwe waħda mill-kostijiet eliġibbli li ġejjin imġarrba direttament bħala riżultat tal-miżuri appoġġati.

(a) kostijiet diretti tas-salarji

(b) ħlasijiet tal-parteċipazzjoni;

(c) kostijiet għall-ivvjaġġar;

(d) kostijiet għall-pubblikazzjonijiet;

(e) investimenti fis-sistemi tal-ġbir tad-*data* u tal-ġestjoni tad-*data*;

(f) servizzi ta' ġbir ta' *data* mixtrija.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 48*

### Għajnuna maħsuba biex tipprevjeni u ttaffi l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali

1. L-għajnuna maħsuba biex tipprevjeni u ttaffi l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm l-investiment isegwi primarjament l-għan li jipprevjeni jew jimmitiga l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali.

([39]) Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1).

2. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

3. L-għajnuna tista' biss tkopri l-kostijiet eliġibbli li huma diretti u speċifiċi għal miżuri preventivi. Il-kostijiet jistgħu jinkludu biss il-kostijiet li ġejjin:

(a) għall-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 65 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 49*

**Għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali**

1. L-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 107(2) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun irrikonoxxiet formalment il-karattru tal-avveniment bħala diżastru naturali; kif ukoll

(b) ikun hemm rabta kawżali diretta bejn id-diżastru naturali u l-ħsara mġarrba mill-impriża.

2. L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jistabbilixxu minn qabel kriterji li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu.

3. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li tagħhom dik l-impriża tkun membru. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż l-ammont ta' għajnuna li għalih tkun eliġibbli dik l-impriża.

4. L-iskemi ta' għajnuna relatati ma' diżastru naturali speċifiku għandhom jiġu stabbiliti fi żmien tliet snin mid-data li fiha seħħ id-diżastru naturali. L-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

5. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu l-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali, kif ivvalutata minn awtorità pubblika kompetenti, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti jew minn impriża tal-assigurazzjoni. Dik il-ħsara tista' tinkludi dawn li ġejjin:

(a) ħsara materjali lil assi bħal bini, tagħmir, makkinarju, ħażniet u mezzi ta' produzzjoni; jew

(b) telf ta' introjtu minħabba l-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni tas-sajd jew tal-akkwakultura jew il-mezzi ta' tali produzzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur mill-okkorrenza tad-diżastru.

6. Il-kalkolu tal-ħsara materjali għandha tkun ibbażata fuq il-kost tat-tiswijiet jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwati qabel id-diżastru. Dan ma għandux jaqbeż il-kost tat-tiswijiet jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mid-diżastru naturali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara d-diżastru.

7. It-telf tal-introjtu għandu jiġi kkalkolat billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti fis-sena tad-diżastru naturali, jew f'kull sena sussegwenti affettwata mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz tal-bejgħ medju miksub matul dik is-sena; minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti fil-perjodu ta' tliet snin qabel id-diżastru naturali, jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin qabel id-diżastru naturali, minbarra l-ogħla u l-inqas entrata, bil-prezz tal-bejgħ medju miksub.

8. Il-ħsara għandha tiġi kkalkolata fil-livell tal-impriża individwali. Meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-avveniment, ir-referenza għall-perjodi ta' tliet snin fil-paragrafu 7, punt (b), għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-fatturat iġġenerat jew il-kwantità ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża ta' daqs medju, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mill-avveniment klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

9. L-għajnuna mogħtija u kwalunkwe pagament ieħor riċevut biex jikkumpensaw għall-ħsara, inklużi l-pagamenti taħt il-poloz tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 50*

**Għajnuna biex tipprevjeni u ttaffi l-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali**

1. L-għajnuna għal investimenti għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastri naturali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

3. L-għajnuna tista' biss tkopri l-kostijiet eliġibbli li huma diretti u speċifiċi għal miżuri preventivi. Il-kostijiet jistgħu jinkludu l-kostijiet għal waħda minn dawn li ġejjin:

(a) għall-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 65 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 51*

**Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali**

1. L-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Għajnuna li twettaq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rrikonoxxiet formalment it-tip ta' avveniment klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali; kif ukoll

(b) hemm rabta ta' kawżalità diretta bejn l-avveniment klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali u d-dannu mġarrab mill-impriża.

3. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu bil-quddiem kriterji li abbażi tagħhom jitqies li jkun ingħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-punt (2)(a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata.

5. L-iskemi tal-għajnuna għandhom jiġu stabbiliti fi żmien tliet snin wara d-data tal-okkorrenza tal-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali. L-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

6. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu d-danni mġarrba bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali, kif stmati mill-awtorità pubblika indipendentement mill-awtorità awtorizzanti, espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni. Dik il-ħsara tista' tinkludi dawn li ġejjin:

(a) ħsara materjali lil assi bħal bini, tagħmir, makkinarju, ħażniet u mezzi ta' produzzjoni; jew

(b) telf ta' introjtu minħabba l-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni tas-sajd jew tal-akkwakultura jew il-mezzi ta' tali produzzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur mill-okkorrenza tal-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

7. Il-kalkolu tal-ħsara materjali għandu jkun ibbażat fuq il-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel l-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali. Dan ma għandux jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mill-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara l-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

8. It-telf tal-introjtu għandu jiġi kkalkolat billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura manifatturati fis-sena tal-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jew f'kull sena sussegwenti affettwata mill-qerda totali jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, mal-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena; minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura manifatturati fil-perjodu ta' tliet snin qabel l-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin qabel l-avveniment klimatiku negattiv li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, minbarra l-ogħla u l-inqas entrata, mal-prezz medju tal-bejgħ miksub.

9. Il-ħsara għandha tiġi kkalkolata fil-livell tal-impriża individwali. Meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-avveniment, ir-referenza għall-perjodi ta' tliet snin fil-paragrafu 7, punt (b), għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-fatturat iġġenerat jew il-kwantità ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża ta' daqs medju, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mill-avveniment klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

10. L-għajnuna mogħtija u kwalunkwe pagament ieħor riċevut biex jikkumpensaw għall-ħsara, inklużi l-pagamenti taħt il-poloz tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 52*

**Għajnuna maħsuba biex tevita u ttaffi l-ħsara kkawżata minn annimali protetti**

1. L-għajnuna għall-investimenti maħsuba biex tikkumpensa għall-ħsara kkawżata mill-imġiba tal-annimali protetti fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-investiment primarjament għandu l-għan li jipprevjeni jew itaffi l-ħsara kkawżata mill-imġiba tal-annimali protetti;

(b) fir-rigward tas-sajd, l-objettiv tal-investiment huwa li jipprevjeni u jtaffi d-depredazzjoni jew li jipprevjeni u jimmitiga l-ħsara lill-irkaptu tas-sajd jew lil materjal operatorju ieħor ikkawżata mill-imġiba ta' annimal protett.

2. Għal investiment li jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE l-għajnuna għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

3. L-għajnuna tista' biss tkopri l-kostijiet eliġibbli li huma diretti u speċifiċi għal miżuri preventivi. Il-kostijiet jistgħu jinkludu wieħed mill-kostijiet li ġejjin:

(a) għall-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi.

4. L-ammont tal-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż, f'għotja grossa ekwivalenti, rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli. Ir-rati massimi speċifiċi tal-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV. Meta operazzjoni waħda taqa' taħt bosta mir-ringieli minn 1 sa 11 tal-Anness IV, għandha tapplika l-ogħla rata massima ta' intensità tal-għajnuna.

*Artikolu 53*

**Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti**

1. L-għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) ikun hemm rabta kawżali diretta bejn il-ħsara mġarrba u l-imġiba tal-annimali protetti;

(b) il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu l-kostijiet tal-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-avveniment li kkawża l-ħsara, kif ivvalutati minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti jew minn impriża tal-assigurazzjoni; kif ukoll

(c) għas-sajd, l-għajnuna fir-rigward tal-ħsara għall-annimali hija limitata għall-ħsara lill-qabdiet

2. Il-ħsara li għandu jsir tajjeb għaliha tista' tinkludi dawn li ġejjin:

(a) ħsara għall-annimali fl-akkwakultura: il-kostijiet eliġibbli huma bbażati fuq il-valur tas-suq tal-annimal danneġġjat jew maqtul mill-annimali protetti;

(b) ħsara lill-qabdiet fis-settur tas-sajd ikkawżata minn annimali protetti; jew

(c) il-ħsara materjali għall-assi li ġejjin: tagħmir, makkinarju, proprjetà.

3. Il-valur tas-suq imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-annimali immedjatament qabel ma seħħet il-ħsara kkawżata mill-imġiba tal-annimali protetti, u bħallikieku ma ġewx affettwati mill-imġiba tal-annimali protetti.

4. Il-kalkolu tal-ħsara materjali għandha tkun ibbażata fuq il-kost tat-tiswijiet jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwati qabel ma seħħet il-ħsara. Dan ma jistax jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-annimali protetti, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara li seħħet il-ħsara.

5. Il-ħsara li trid tiġi kkumpensata tista' tiżdied b'kostijiet oħra mġarrba mill-impriża benefiċjarja minħabba l-imġiba tal-annimali protetti, u għandha titnaqqas bi kwalunkwe kost li ma jkunx iġġarrab direttament minħabba l-imġiba tal-annimali protetti li kieku kienu jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja, u bi kwalunkwe dħul magħmul mill-bejgħ ta' prodotti marbuta mal-annimali li ġarrbu ħsara jew li nqatlu.

6. Ħlief għall-ewwel attakki minn annimali protetti, huwa meħtieġ sforz raġonevoli mill-impriżi benefiċjarji biex jittaffa r-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u biex jiġi pprovdut inċentiv sabiex ir-riskju jitnaqqas kemm jista' jkun. Dan l-isforz għandu jieħu l-forma ta' miżuri preventivi, bħal ċnut tas-sikurezza, li huma proporzjonati għar-riskju ta' ħsara kkawżata mill-imġiba tal-annimali protetti fiż-żona kkonċernata, sakemm tali miżuri ma jkunux raġonevolment possibbli.

7. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li tagħhom dik l-impriża tkun membru. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż l-ammont ta' għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-intrapriża.

8. L-iskema ta' għajnuna għandha tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event dannuż. L-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

9. L-għajnuna mogħtija u kwalunkwe pagament ieħor riċevut biex jikkumpensaw għall-ħsara, inklużi l-pagamenti taħt il-poloz tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 54*

**Għajnuna għal proġetti tas-CLLD**

1. L-għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-SMEs li jipparteċipaw fi proġetti tal-CLLD taħt ir-Regolament (UE) 2021/1139, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, dment li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna għall-kostijiet imġarrba mill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u ddeżinjati bħala żvilupp lokali ta' LEADER skont il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura favur il-proġetti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.

3. Il-kostijiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-proġetti tas-CLLD:

(a) il-kostijiet tal-appoġġ preparatorju, il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-networking bil-ħsieb tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġija tas-CLLD imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]);

(b) l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet approvati;

(c) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-grupp;

(d) l-ispejjeż tat-tmexxija marbutin mal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità; jew

(e) animazzjoni tal-istrateġija tal-CLLD sabiex tiffaċilita l-iskambju bejn il-partijiet ikkonċernati biex jipprovdu informazzjoni u jippromwovu l-istrateġija u l-proġetti, u biex jappoġġaw benefiċjarji potenzjali bil-għan li jiżviluppaw operazzjonijiet u jħejju applikazzjonijiet.

4. Il-kostijiet imġarrba mill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, imsemmija fil-paragrafu 1, jistgħu jkunu eliġibbli biss għall-għajnuna skont dan l-Artikolu dment li jiġu segwiti f'waħda mill-oqsma li ġejjin:

(a) ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(b) l-ambjent;

(c) l-impjiegi u t-taħriġ;

(d) il-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju;

(e) il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi u tal-ilma ħelu;

(f) il-promozzjoni ta' prodotti tal-ikel li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-TFUE;

(g) l-isport.

5. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż ir-rati massimi ta' appoġġ previsti għal kull tip ta' operazzjoni fir-Regolament (UE) 2021/1139.

([40]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Artikolu 55*

**Ammonti limitati ta' għajnuna għal proġetti tas-CLLD**

1. Għajnuna lil intrapriżi li jipparteċipaw fi proġetti tal-Grupp tas-CLLD jew li jibbenefikaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna lill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fil-proġetti tas-CLLD, jew li jibbenefikaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

3. Il-kostijiet imġarrba mill-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fi proġetti tas-CLLD, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jkunu eliġibbli biss għall-għajnuna skont dan l-Artikolu dment li jiġu segwiti f'waħda mill-oqsma li ġejjin:

(a) ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(b) l-ambjent;

(c) l-impjiegi u t-taħriġ;

(d) il-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju;

(e) il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi u tal-ilma ħelu;

(f) il-promozzjoni ta' prodotti tal-ikel li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-TFUE;

(g) l-isport.

4. L-ammont totali ta' għajnuna skont dan l-Artikolu mogħtija għal kull proġett ma għandux jaqbeż il-EUR 200 000.

*Artikolu 56*

**Eżenzjonijiet u tnaqqis mit-taxxa skont id-Direttiva 2003/96/KE**

1. Għajnuna fil-forma ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis mit-taxxa adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 15(1), punt (f) u l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2003/96/KE għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3), punt (c) u eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2003/96/KE u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament huma ssodisfati.

2. L-impriża benefiċjarja tal-eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa għandhom jiġu magħżula abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi. Fejn applikabbli, huma għandhom iħallsu mill-inqas il-livell minimu rispettiv ta' tassazzjoni stabbilit mid-Direttiva 2003/96/KE.

*KAPITOLU IV*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali***

*Artikolu 57*

**Applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 1388/2014**

L-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 ([41]) jiddikjara li dak ir-Regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2022. Ir-Regolament preżenti se jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 1388/2014 mal-iskadenza tiegħu.

*Artikolu 58*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, jekk l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9.

([41]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 369, 24.12.2014, p. 37).

2. Kwalunkwe għajnuna mhux eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE taħt dan ir-Regolament jew ta' regolamenti oħrajn adottati skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588 li kienu fis-seħħ qabel għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni f'konformità mal-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

3. Kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2023 skont kwalunkwe regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588 li kien fis-seħħ qabel fil-ħin tal-għoti tal-għajnuna għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

4. Fi tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe skema ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament għandha tibqa' eżentata matul perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur.

*Artikolu 59*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2029.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)**

1. *Intrapriża*

Intrapriża hija kkunsidrata bħala kull entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha. Din tinkludi, b'mod partikolari, persuni li jaħdmu għal rashom u negozji tal-familja involuti fi snajja' jew attivitajiet oħra, u sħubiji jew assoċjazzjonijiet involuti regolarment f'attività ekonomika.

2. *L-għadd ta' persunal u l-limiti stabbiliti finanzjarji li jiddeterminaw il-kategoriji tal-intrapriżi*

2.1. Il-kategorija ta ' intrapriżi mikro, żgħar u medji ("SMEs") hija magħmula minn intrapriżi li jħaddmu anqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 miljun, u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbiżx it-EUR 43 miljun.

2.2. Fil-kategorija tal-SMEs, intrapriża żgħira hija definita bħala intrapriża li timpjega anqas minn 50 ruħ u li l-valur tal-introjtu annwali tagħha u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun.

2.3. Fil-kategorija tal-IŻM, mikrointrapriża hija definita bħala intrapriża li tħaddem anqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 2 miljun.

3. *It-tipi ta' intrapriża meqjusa fil-kalkolu tan-numru ta' impjegati u tal-ammonti finanzjarji*

3.1. "Intrapriża awtonoma" hija kwalunkwe intrapriża li mhijiex ikklassifikata bħala intrapriża msieħba skont it-tifsira tal-punt 3.2 jew bħala intrapriża assoċjata skont it-tifsira tal-punt 3.3.

3.2. "Intrapriżi sħab" huma l-intrapriżi kollha li mhumiex ikklassifikati bħala intrapriżi assoċjati skont it-tifsira tal-punt 3.3 u li bejniethom hemm ir-relazzjoni li ġejja: intrapriża (intrapriża upstream) ikollha, waħedha jew flimkien ma' intrapriża assoċjata waħda oħra jew aktar, skont it-tifsira tal-paragrafu 3.3, 25 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot ta' intrapriża oħra (intrapriża downstream).

Madankollu, intrapriża tista' tiġi kklassifikata bħala awtonoma, jiġifieri ma għandha ebda intrapriżi msieħba, anke jekk dan il-limitu ta' 25 % jintlaħaq jew jinqabeż mill-investituri segwenti, diment li dawk l-investituri ma jkunux assoċjati, skont it-tifsira tal-paragrafu 3, individwalment jew b'mod konġunt mal-intrapriża inkwistjoni:

(a) il-korporazzjonijiet ta' investiment pubbliku, il-kumpaniji b'kapital ta' riskju, l-individwi jew il-gruppi ta' individwi b'attività regolari ta' investiment f'kapital ta' riskju li jinvestu l-kapital ta' ekwità f'negozji mhux ikkwotati (investituri informali), diment li l-investiment totali ta' dawk l-investituri informali fl-istess intrapriża jkun ta' inqas minn EUR 1 250 000;

(b) universitajiet u ċentri ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ;

(c) investituri istituzzjonali, li jinkludu l-fondi għall-iżvilupp reġjonali;

(d) awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' inqas minn EUR 10 miljun u inqas minn 5 000 abitant.

3.3. "Intrapriżi assoċjati" huma intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

(a) intrapriża li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

(b) intrapriża li jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi maġġoranza mill-membri tal-korp amministrattiv, tal-ġestjoni jew dak ta' sorveljanza ta' intrapriża oħra;

(c) intrapriża li għandha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni tal-memorandum jew tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

(d) intrapriża, li tkun azzjonista f'intrapriża oħra jew membru tagħha, li waħedha tikkontrolla, skont ftehim ma' azzjonisti oħra f'dik l-intrapriża jew membri tagħha, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Hemm preżunzjoni li ma teżisti l-ebda influwenza dominanti jekk l-investituri elenkati fit-tieni subparagrafu tal-punt 3.2 ma jinvolvux ruħhom direttament jew indirettament fil-ġestjoni tal-intrapriża inkwistjoni, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom bħala azzjonisti.

L-intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet deskritti fl-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda oħra jew aktar, jew kwalunkwe wieħed mill-investituri msemmija fil-punt 3.2, jitqiesu wkoll bħala assoċjati.

Intrapriżi li għandhom waħda jew aktar minn dawn ir-relazzjonijiet permezz ta' persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jaġixxu flimkien huma wkoll meqjusa bħala intrapriżi assoċjati jekk ikunu involuti fl-attività tagħhom jew f'parti mill-attività tagħhom fl-istess suq rilevanti jew fi swieq qrib.

"Suq qrib" huwa meqjus bħala suq għal prodotti jew servizzi li qegħdin direttament upstream jew downstream mas-suq rilevanti.

3.4. Ħlief fil-każijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-punt 3.2, intrapriża ma tistax titqies bħala SME jekk 25 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot tagħha jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati, flimkien jew individwalment, minn korp pubbliku wieħed jew aktar.

3.5. L-intrapriżi jistgħu jiddikjaraw l-istatus tagħhom bħala intrapriża awtonoma, intrapriża msieħba jew intrapriża assoċjata, inkluża d-*data* rigward il-limiti stabbiliti fil-punt 2. Id-dikjarazzjoni tista' ssir anki jekk il-kapital ikun mifrux b'tali mod li mhux possibbli li jiġi stabbilit eżattament f'idejn min jinsab, f'liema każ l-intrapriża tista' tiddikjara b'bona fide li tista' leġittimament tippreżumi li mhijiex il-proprjetà b'25 % jew aktar ta' intrapriża waħda, jew b'mod konġunt minn intrapriżi assoċjati ma' xulxin. Dawn id-dikjarazzjonijiet isiru mingħajr ħsara għall-kontrolli u l-investigazzjonijiet li hemm stipulati fir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni.

4. *Data użata għall-għadd ta' persunal u l-ammonti finanzjarji u perjodu ta' referenza*

4.1. Id-*data* li għandha tiġi applikata fil-kalkolu tal-għadd tal-persunal u l-ammonti finanzjarji hija dik li tirrigwarda l-aħħar perjodu kontabilistiku approvat u kkalkolat fuq bażi annwali. Dawn jiġu kkunsidrati mid-data tal-għeluq tal-kontijiet. L-ammont magħżul għall-fatturat huwa kkalkolat bl-esklużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u taxxi indiretti oħrajn.

4.2. Meta, fid-data tal-għeluq tal-kontijiet, intrapriża ssib li, fuq bażi annwali, hija tkun qabżet il-limiti tal-għadd ta' persunal jew il-limiti finanzjarji ddikjarati fil-punt 2, jew tkun niżlet taħthom, dan ma jirriżultax fit-telf jew fl-akkwist tal-istatus ta' mikrointrapriża jew ta' intrapriża ta' daqs medju jew żgħir, sakemm dawk il-limiti ma jinqabżux fuq żewġ perjodi kontabilistiċi konsekuttivi.

4.3. Fil-każ ta' intrapriżi li jkunu għadhom kif twaqqfu li l-kontijiet tagħhom ikunu għadhom ma ġewx approvati, id-*data* li għandha tiġi applikata hija dik meħuda minn stima magħmula in *bona fide* li tkun saret matul is-sena finanzjarja.

5. *L-għadd tal-persunal*

L-għadd jikkorrispondi mal-għadd ta' unitajiet ta' xogħol annwali (AWU), jiġifieri l-għadd ta' persuni li ħadmu full-time fl-intrapriża inkwistjoni jew f'isimha matul is-sena ta' referenza sħiħa li tkun qed titqies. Ix-xogħol ta' persuni li ma ħadmux is-sena kollha, ix-xogħol ta' dawk li ħadmu part-time, mingħajr ma jitqies kemm damu jaħdmu, u x-xogħol ta' persunal staġjonali jingħaddu bħala frazzjonijiet tal-AWU. Il-persunal jikkonsisti f':

(a) impjegati;

(b) persuni li jaħdmu għall-intrapriża li taqa' taħtha u li jitqiesu bħala impjegati tagħha skont il-liġi nazzjonali;

(c) sidien-ġestjonarji;

(d) imsieħba li jkunu involuti f'attività regolari fl-intrapriża u li jibbenefikaw minn vantaġġi finanzjarji mill-intrapriża.

Apprendisti jew studenti involuti f'taħriġ vokazzjonali b'kuntratt ta' apprendistat jew ta' taħriġ vokazzjonali mhumiex inklużi bħala parti mill-persunal. Il-perjodu ta' liv tal-maternità jew tal-ġenituri ma jingħaddx.

6. *Kif tiġi stabbilita d-data ta' intrapriża*

6.1. Fil-każ ta' intrapriża awtonoma, id-*data*, inkluż l-għadd tal-persunal, tiġi determinata esklussivament fuq il-bażi tal-kontabbiltà ta' dik l-intrapriża.

6.2. Id-*data*, inkluż l-għadd ta' impjegati, ta' intrapriża li għandha intrapriżi msieħba jew assoċjati, tiġi determinata abbażi tal-kontabbiltà u *data* oħra tal-intrapriża jew, fejn jeżistu, il-kontabbiltà konsolidata tal-intrapriża, jew il-kontijiet konsolidati li fihom l-intrapriża tkun inkluża permezz ta' konsolidazzjoni.

Mad-*data* li saret referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu tiżdied id-*data* ta' kull intrapriża msieħba mal-intrapriża inkwistjoni li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha. L-aggregazzjoni tkun proporzjonali għall-imgħax perċentwali fil-kapital jew fid-drittijiet ta' vot (liema minnhom ikun l-ikbar). Fil-każ ta' parteċipazzjonijiet inkroċjati, japplika l-ogħla perċentwali.

Mad-*data* li saret referenza għaliha fl-ewwel u t-tieni subparagrafu tiżdied 100 % tad-*data* ta' kull intrapriża li tkun marbuta direttament jew indirettament mal-intrapriża inkwistjoni, meta d-*data* ma tkunx diġà ġiet inkluża permezz ta' konsolidazzjoni fil-kontijiet.

6.3. Għall-applikazzjoni tal-punt 6.2:

(a) id-*data* tal-intrapriżi msieħba mal-intrapriża inkwistjoni tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-*data* l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' din id-*data* tiżdied 100 % tad-*data* tal-intrapriżi li jkunu assoċjati ma' dawn l-intrapriżi msieħba, sakemm id-*data* tal-kontijiet tagħhom ma tkunx ġiet inkluża diġà permezz ta' konsolidazzjoni;

(b) id-*data* tal-intrapriżi li jkunu assoċjati mal-intrapriża inkwistjoni għandha tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-*data* l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' din id-*data* tiżdied, pro rata, id-*data* ta' kwalunkwe intrapriża msieħba possibbli ta' dik l-intrapriża assoċjata, li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha, sakemm ma tkunx ġiet inkluża diġà fil-kontijiet konsolidati b'persentaġġ li jkun mill-inqas proporzjonat mal-persentaġġ identifikat taħt il-punt 6.2 tat-tieni subparagrafu.

6.4. Meta fil-kontijiet konsolidati ma tidher l-ebda data dwar il-persunal għal xi impriża, il-figuri tal-persunal jiġu kkalkulati permezz ta' aggregazzjoni proporzjonali tad-data mill-intrapriżi msieħba tagħha u billi tiġi miżjuda d-data mill-intrapriżi li għaliha l-intrapriża inkwistjoni tiġi assoċjata.

*ANNESS II*

**Informazzjoni dwar Għajnuna mill-Istat eżentata skont il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament**

PARTI I

**trid tiġi pprovduta permezz tas-sistema ta' notifika elettronika stabbilita tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Referenza tal-għajnuna | *(għandha timtela mill-Kummissjoni )* | | |
| L-Istat Membru | | | |
| Numru ta' referenza tal-Istat Membru | | | |
| Reġjun | Isem ir-Reġjun(i) (*NUTS* (1))<br><br>……………………… | ☐ Ir-reġjuni ultraperiferiċi<br>☐ Gżejjer Griegi remoti<br>☐ Il-gżejjer Kroati ta' Dugi Otok, Vis, Mljet u Lastovo<br>☐ Oħrajn | |
| L-awtorità tal-għotja | Isem | | |
| | Indirizz postali | | |
| | Indirizz tal-internet | | |
| Titolu tal-miżura ta' għajnuna: | | | |
| Il-bażi ġuridika nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | | | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | | | |
| Tip ta' miżura | ☐ Skema | | |
| | ☐ Għajnuna *ad hoc* | Isem il-benefiċjarju u l-grupp (2) li jappartjeni għalih | |
| | | | |
| Emenda ta' skema tal-għajnuna eżistenti jew tal-għajnuna *ad hoc* | | Referenza tal-għajnuna tal-Kummissjon | |
| | ☐ Estensjoni | | |
| | ☐ Modifika | | |

| | | |
|---|---|---|
| Durata ([3]) | ☐ Skema | minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss |
| Data tal-għoti | ☐ Għajnuna *ad hoc* | jj/xx/ssss |
| Settur(i) ekonomiku(ċi) kkonċernat(i) | ☐ Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| | ☐ Limitata għal ċerti setturi: Jekk jogħġbok speċifika fil-livell tal-grupp NACE ([4]) | |
| Tip ta' benefiċjarju | ☐ SME | |
| | ☐ Impriżi kbar | |
| Il-baġit | Ammont annwali totali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema ([5]) | Munita nazzjonali …………………. (ammonti sħaħ) |
| | Ammont globali tal-għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-impriża ([6]) | Munita nazzjonali …………………. (ammonti sħaħ) |
| | ☐ Għall-garanziji ([7]) | Munita nazzjonali …………………. (ammonti sħaħ) |
| L-istrument tal-għajnuna | ☐ Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax | |
| | ☐ Servizzi sussidjati | |
| | ☐ Self/Ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli | |
| | ☐ Garanzija (fejn ikun xieraq b'referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni ([8])) | |
| | ☐ Vantaġġ fiskali jew eżenzjoni mit-taxxa | |
| | | |
| | ☐ Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)<br><br>Indika f'liema kategorija wiesgħa hawn taħt toqgħod l-iktar f'termini tal-effett/funzjoni tagħha:<br>☐ Sussidju<br>☐ Servizzi sussidjati ☐ Self<br>☐ Garanzija<br>☐ Benefiċċju fuq it-taxxa | |

| Jekk kofinanzjat minn fond(i) tal-UE | Isem il-fond(i) tal-UE: | Ammont ta' fondi (skont il-fond tal-UE) | Munita nazzjonali . (ammonti sħaħ) |
|---|---|---|---|
| | | | |

(1) NUTS – Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun huwa speċifikat fil-Livell 2.

(2) Għall-finijiet tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stipulati fit-Trattat u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, impriża hija kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tkun iffinanzjata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-entitajiet li huma kkontrollati (fuq bażi ġuridika jew fuq bażi de facto) mill-istess entità jenħtieġ li jitqiesu bħala impriża waħda

(3) -perjodu li matulu l-awtorità tal-għoti tista' timpenja ruħha li tagħti l-għajnuna.

(4) NACE Rev. 2 – Klassifikazzjoni statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea. Tipikament, is-settur jiġi speċifikat fil-livell tal-grupp.

(5) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna: Indika l-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema jew l-istima ta' telf mit-taxxa kull sena għall-istrumenti kollha ta' għajnuna li hemm fl-iskema.

(6) Fil-każ ta' għotja ta' għajnuna *ad hoc*: Indika t-telf totali ta' l-ammont/taxxa ta' l-għajnuna.

(7) Għall-garanziji, indika l-ammont massimu ta' self garantit.

(8) Fejn xieraq, referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija għall-kalkolu tal-għotja grossa ekwivalenti, f'konformità mal-Artikolu 5(2)(c).

PARTI II

**trid tiġi pprovduta permezz tas-sistema ta' notifika elettronika stabbilita tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11**

Jekk jogħġbok indika skont liema dispożizzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija (FIBER) hija implimentata l-miżura tal-għajnuna.

| |
|---|
| ☐ Għajnuna għall-innovazzjoni fis-sajd (Artikolu 15) |
| ☐ Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza (Artikolu 16) |
| ☐ Għajnuna għas-sħubija bejn ix-xjenzati u s-sajjieda (Artikolu 17) |
| ☐ Għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u d-djalogu soċjali (Artikolu 18) |
| ☐ Għajnuna maħsuba biex tiffaċilita d-diversifikazzjoni u forom ġodda ta' introjtu (Artikolu 19) |
| ☐ Għajnuna għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd (Artikolu 20) |
| ☐ Għajnuna maħsuba biex ittejjeb is-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-sajjieda (Artikolu 21) |
| ☐ Għajnuna għall-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni u għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi (Artikolu 22) |
| ☐ Għajnuna maħsuba biex tappoġġa s-sistemi ta' allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd (Artikolu 23) |
| ☐ Għajnuna maħsuba biex tillimita l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent u biex is-sajd jiġi adattat għall-protezzjoni tal-ispeċijiet (Artikolu 24) |
| ☐ Għajnuna għall-innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar (Artikolu 25) |
| ☐ Għajnuna għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar u skemi fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli (Artikolu 26) |
| ☐ Għajnuna biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima (Artikolu 27) |
| ☐ Għajnuna għall-valur miżjud, għall-kwalità tal-prodotti u għall-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa (Artikolu 28) |

| | | |
|---|---|---|
| ☐ Għajnuna għall-portijiet tas-sajd, għall-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art, għas-swali tal-irkant u għall-postijiet ta' kenn (Artikolu 29) | | |
| ☐ Għajnuna għas-sajd fl-ilmijiet interni u għall-fawna u l-flora akkwatiċi interni (Artikolu 30) | | |
| ☐ Għajnuna għall-innovazzjoni fl-akkwakultura (Artikolu 32) | | |
| ☐ Għajnuna għal investimenti li jżidu l-produttività jew li jkollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent fl-akkwakultura (Artikolu 33) | | |
| ☐ Għajnuna għas-servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsulenza għall-farms fis-settur tal-akkwakultura (Artikolu 34) | | |
| ☐ Għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u tan-networking fis-settur tal-akkwakultura (Artikolu 35) | | |
| ☐ Għajnuna biex jiżdied il-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura (Artikolu 36) | | |
| ☐ Għajnuna għall-inkoraġġiment ta' intraprendituri ġodda fis-settur tal-akkwakultura li jħarsu l-prinċipji tal-akkwakultura sostenibbli (Artikolu 37) | | |
| ☐ Għajnuna għall-konverżjoni għal skemi ta' ġestjoni u verifika ambjentali u akkwakultura organika (Artikolu 38) | | |
| ☐ Għajnuna għal servizzi ambjentali (Artikolu 39) | | |
| ☐ Għajnuna għall-miżuri tas-saħħa pubblika (Artikolu 40) | | |
| ☐ Għajnuna għal miżuri tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali (Artikolu 41) | | |
| ☐ Għajnuna għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard (Artikolu 42) | | |
| ☐ Għajnuna għall-investiment maħsub biex itaffi l-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali (Artikolu 43) | | |
| ☐ Għajnuna għall-assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura (Artikolu 44) | | |
| ☐ Għajnuna għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni (Artikolu 45) | | |
| ☐ Għajnuna għall-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (Artikolu 46) | | |
| ☐ Għajnuna għall-ġbir, il-ġestjoni, l-użu u l-ipproċessar tad-*data* fis-settur tas-sajd (Artikolu 47) | | |
| ☐ Għajnuna maħsuba biex tipprevjeni u ttaffi l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali (Artikolu 48) | | |
| ☐ Għajnuna maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali (Artikolu 49) | Tip ta' diżastru naturali: | ☐ terremot<br>☐ valanga<br>☐ uqigħ tal-art<br>☐ għargħar<br>☐ tromba tal-arja<br>☐ uragan<br>☐ żbruffar vulkaniku<br>☐ nirien tal-foresti<br>☐ oħrajn<br>Jekk jogħġbok speċifika: .... |
| | Id-data ta' meta seħħ id-diżastru naturali | minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss |

<table>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna biex tipprevjeni u ttaffi l-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali (Artikolu 50)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">☐ Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali (Artikolu 51)</td><td>Data tal-attività:</td><td>☐ ġlata<br>☐ maltempati<br>☐ silġ<br>☐ xita qawwija jew persistenti<br>☐ nixfiet severi<br>☐ oħrajn<br>Jekk jogħġbok speċifika: .......</td></tr>
<tr><td>Data tal-attività:</td><td>minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna maħsuba biex tevita u ttaffi l-ħsara kkawżata minn annimali protetti (Artikolu 52)</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti (Artikolu 53)</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Għajnuna għal sproġetti CLLD (Artikolu 54)</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Ammonti limitati ta' għajnuna għall-proġetti tas-CLLD (Artikolu 55)</td></tr>
<tr><td colspan="3">☐ Eżenzjonijiet u tnaqqis mit-taxxa skont id-Direttiva 2003/96/KE (Artikolu 56)</td></tr>
<tr><td>Raġuni</td><td colspan="2">Indika għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat jew ingħatat għajnuna ad hoc, minflok assistenza taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA):<br>☐ miżura mhux koperta mill-programm operazzjonali nazzjonali;<br>☐ prijoritizzazzjoni fl-allokazzjoni ta' fondi taħt il-programm operazzjonali nazzjonali;<br>☐ il-finanzjament ma għadux disponibbli taħt il-FEMSA;<br>☐ oħrajn<br>Jekk jogħġbok speċifika: .............</td></tr>
</table>

*ANNESS III*

**Dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1)**

L-Istati Membri għandhom jorganizzaw il-websites komprensivi tagħhom dwar l-għajnuna mill-Istat li fuqhom ikunu se jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) b'tali mod li jkun hemm aċċess faċli għal din l-informazzjoni.

L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata bħala data fi spreadsheet, pereżempju fil-format CSV jew XML. Dan jippermetti li jkun hemm tiftix, estrazzjoni u pubblikazzjoni faċli tad-*data* fuq l-Internet. L-aċċess għall-website jingħata lil kull parti interessata mingħajr restrizzjonijiet. Ma hi meħtieġa ebda reġistrazzjoni tal-utent minn qabel biex jingħata aċċess għall-website.

Għandha tiġi ppubblikata l-informazzjoni li ġejja dwar l-għotjiet ta' għajnuna individwali msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 9(1) ([1]):

— Isem il-benefiċjarju;

— L-identifikatur tal-benefiċjarju;

— It-tip ta' intrapriża (SME/kbira) fid-data tal-għotja;

— Ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju, fil-livell II ta' NUTS ([2]);

— Is-settur ta' attività fil-livell tal-grupp NACE ([3]);

— Element tal-għajnuna, espress bħala ammont sħiħ fil-munita nazzjonali ([4]);

— Strument għall-għajnuna ([5]) (għotja/sussidju tar-rata tal-imgħax, self/ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli/għotja rimborżabbli, garanzija, vantaġġ tat-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa, oħrajn (jekk jogħġbok speċifika));

— Data tal-għotja;

— Objettiv tal-għajnuna;

— L-awtorità tal-għotja;

— Referenza għall-miżura ta' għajnuna ([6]).

---

([1]) Meta jitqies l-interess leġittimu fit-trasparenza li tingħata informazzjoni lill-pubbliku, fil-ponderazzjoni tal-ħtiġijiet tat-trasparenza mad-drittijiet skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pubblikazzjoni tal-isem tal-benefiċjarju tal-għajnuna meta l-benefiċjarju tal-għajnuna jkun persuna fiżika jew persuna ġuridika li jkollha l-ismijiet ta' persuni fiżiċi, hija ġġustifikata (ara C-92/09, Volker und Markus Schecke u Eifert, il-paragrafu 53), filwaqt li jitqies l-Artikolu 49(1)(g) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE. Ir-regoli ta' trasparenza għandhom l-għan li jkun hemm konformità aħjar, responsabbiltà akbar, evalwazzjoni bejn il-pari u fl-aħħar mill-aħħar infiq pubbliku aktar effettiv. Dan l-għan għandu jipprevali fuq id-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-persuni fiżiċi li jirċievu appoġġ pubbliku.

([2]) NUTS – Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun huwa speċifikat fil-Livell 2.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1).

([4]) Għotja grossa ekwivalenti. Għall-iskemi fiskali, dan l-ammont jista' jingħata skont il-firxiet stabbiliti fl-Artikolu 9(2).

([5]) Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' diversi strumenti ta' għajnuna, għandu jiġi pprovdut l-ammont ta' għajnuna għal kull strument.

([6]) Kif provdut mill-Kummissjoni bil-proċedura elettronika msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

*ANNESS IV*

**Rati massimi speċifiċi ta’ intensità tal-għajnuna**

| Ringiela | Kategorija speċifika ta’ operazzjoni | Rata massima tal-intensità tal-għajnuna |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | L-operazzjonijiet li ġejjin li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013<br>— operazzjonijiet li jtejbu s-selettività tad-daqs jew tal-ispeċi tal-irkaptu tas-sajd;<br>— operazzjonijiet li jtejbu l-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd, tas-swali tal-irkant, tal-postijiet ta’ ħatt l-art u ta’ postijiet ta’ kenn biex jiġu ffaċilitati ħatt l-art u l-ħżin ta’ qabdiet mhux mixtieqa;<br>— operazzjonijiet li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni ta’ qabdiet mhux mixtieqa li jiġu żbarkati minn stokkijiet kummerċjali, f’konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013. | 100 %<br>75 %<br>75 % |
| 2 | Operazzjonijiet immirati biex itejbu s-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord bastimenti tas-sajd | 75 % |
| 3 | Operazzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi | 85 % |
| 4 | Operazzjonijiet li jinsabu fil-gżejjer Griegi li skont il-liġi nazzjonali ġew ikkwalifikati bħala remoti u fil-gżejjer Kroati ta’ Dugi Otok, Vis, Mljet u Lastovo | 85 % |
| 5 | Operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira | 100 % |
| 6 | Operazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:<br>(i) ikunu ta’ interess kollettiv;<br>(ii) ikollhom benefiċjarju kollettiv;<br>(iii) ikollhom karatteristiċi innovattivi jew jiżguraw l-aċċess pubbliku għar-riżultati tagħhom | 100 % |
| 7 | Operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta’ produtturi, assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali. | 75 % |
| 8 | Operazzjonijiet li jappoġġaw l-akkwakultura sostenibbli | 60 % |
| 9 | Operazzjonijiet li jappoġġaw prodotti, proċessi jew tgħamir innovattivi fis-sajd, fl-akwakultura u fl-ipproċessar abbażi tal-*Artikolu 15, l-Artikolu 25, l-Artikolu 28, l-Artikolu 30, l-Artikolu 32, l-Artikolu 33 u l-Artikolu 36*. | 75 % |
| 10 | Operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta’ sajjieda jew benefiċjarji kollettivi oħra | 60 % |
| 11 | Strumenti finanzjarji | 100 % |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT